**UNJONI EWROPEA**

**IL-PARLAMENT EWROPEW** **IL-KUNSILL**

**Brussell, 20 ta' Novembru 2019**
**(OR. en)**

**2017/0230 (COD)** **PE-CONS 75/19**

**EF 138**
**ECOFIN 368**
**SURE 26**
**CRIMORG 45**
**CODEC 917**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea); ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol); ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq); ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji; ir-Regolament (UE) 2016/1011 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment; u r-Regolament (UE) 2015/847 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi |

**REGOLAMENT (UE) .../...**
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta' …**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea); ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol); ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq); ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji; ir-Regolament (UE) 2016/1011 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment; u r-Regolament (UE) 2015/847 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[3],

[1] ĠU C 255, 20.7.2018, p. 2 u ĠU C 37, 30.1.2019, p. 1.
[2] ĠU C 227, 28.6.2018, p. 63 u ĠU C 110, 22.3.2019, p. 58.
[3] Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' April 2019 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' …

Billi:

(1) Wara l-kriżi finanzjarja u r-rakkomandazzjonijiet ta' grupp ta' esperti ta' livell għoli mmexxija minn Jacques de Larosière, l-Unjoni għamlet progress importanti fil-ħolqien ta' regoli mhux biss aktar b'saħħithom, iżda wkoll aktar armonizzati għas-swieq finanzjarji fil-forma tal-Ġabra Unika tar-Regoli. L-Unjoni waqqfet ukoll is-sistema Ewropea ta' superviżjoni finanzjarja (SESF), mibnija fuq sistema ta' żewġ pilastri li tikkombina s-superviżjoni mikroprudenzjali, ikkoordinata mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE), u s-superviżjoni makroprudenzjali permezz tal-istabbiliment tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS). It-tliet ASE, jiġifieri l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) (EBA) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) (EIOPA, European Insurance and Occupational Pensions Authority) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (ESMA, European Securities and Markets Authority) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] (b'mod kollettiv 'ir-regolamenti tat-twaqqif), bdew joperaw f'Jannar 2011. L-objettiv ġenerali tal-ASE huwa li jsaħħu b'mod sostenibbli l-istabbiltà u l-effettività tas-sistema finanzjarja madwar l-Unjoni kollha u li jtejbu l-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-investituri.

---

[1] Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

[2] Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

[3] Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

(2) L-ASE għamlu kontribut kruċjali għall-armonizzazzjoni tar-regoli tas-swieq finanzjarji fl-Unjoni billi pprovdew lill-Kummissjoni b'kontribut għall-inizjattivi tagħha għar-regolamenti u d-direttivi adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. L-ASE pprovdew ukoll lill-Kummissjoni b'abbozzi ta' regoli tekniċi dettaljati li kienu adottati bħala atti delegati u ta' implimentazzjoni.

(3) L-ASE kkontribwew ukoll għall-konverġenza fis-superviżjoni finanzjarja u fil-prattiki superviżorji fl-Unjoni permezz ta' linji gwida indirizzati lejn l-awtoritajiet kompetenti, l-istituzzjonijiet finanzjarji jew il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji u billi kkoordinaw reviżjonijiet tal-prattiki superviżorji.

(4) Setgħat imsaħħa mogħtija lill-ASE, sabiex ikunu jistgħu jilħqu l-objettiv tagħhom, ikunu jirrikjedu wkoll governanza xierqa, użu effiċjenti tar-riżorsi kif ukoll finanzjament suffiċjenti. Is-setgħat imsaħħa weħidhom ma jkunux biżżejjed sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-ASE jekk huma ma jkollhomx finanzjament suffiċjenti jew jekk ma jkunux regolati b'mod effettiv u effiċjenti.

(5) Fit-twettiq tal-kompiti tagħhom u fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom, jenħtieġ li l-ASE jaġixxu f'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), kif ukoll mal-politika ta' regolamentazzjoni aħjar. Il-kontenut u l-forma tal-azzjonijiet u tal-miżuri tal-ASE inklużi strumenti bħal linji gwida, rakkomandazzjonijiet, opinjonijiet jew mistoqsijiet u tweġibiet jenħtieġ li dejjem ikunu bbażati fuq, u fil-parametri ta', l-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-regolamenti tat-twaqqif jew fl-ambitu tas-setgħat tagħhom. Jenħtieġ li l-ASE ma jmorrux lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-objettivi ta' dan ir-Regolament u jenħtieġ li jaġixxu b'mod proporzjonat għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti fl-attività finanzjarja jew fin-negozju tal-istituzzjoni jew impriża finanzjarja affettwata.

(6) Fil-Komunikazzjoni tagħha tat-8 ta' Ġunju 2017 dwar ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, il-Kummissjoni enfasizzat li superviżjoni aktar effettiva u konsistenti tas-swieq u s-servizzi finanzjarji hija essenzjali sabiex jiġi eliminat l-arbitraġġ regolatorju bejn l-Istati Membri fl-eżerċizzju tal-kompiti superviżorji tagħhom, sabiex tiġi aċċellerata l-integrazzjoni tas-suq u sabiex jinħolqu opportunitajiet fis-suq intern għall-entitajiet finanzjarji u l-investituri.

(7) Għalhekk, il-progress ulterjuri fil-konverġenza superviżorja huwa partikolarment urġenti sabiex tiġi kkompletata l-unjoni tas-swieq kapitali. Għaxar snin wara l-bidu tal-kriżi finanzjarja u l-istabbiliment tas-sistema superviżorja ġdida, is-servizzi finanzjarji u l-unjoni tas-swieq kapitali se jkunu dejjem aktar xprunati minn żewġ żviluppi ewlenin: il-finanzi sostenibbli u l-innovazzjoni teknoloġika. It-tnejn għandhom il-potenzjal li jittrasformaw is-servizzi finanzjarji u s-sistema ta' superviżjoni finanzjarja tagħna jenħtieġ li tkun mgħammra għalihom. Għalhekk, huwa kruċjali li s-sistema finanzjarja tagħmel il-parti sħiħa tagħha sabiex tilħaq l-isfidi kritiċi tas-sostenibbiltà. Din se tirrikjedi kontribuzzjoni attiva mill-ASE sabiex joħolqu l-qafas regolatorju u superviżorju xieraq.

(8) L-ASE jenħtieġ li jkollhom rwol importanti fl-identifikazzjoni u r-rapportar tar-riskji li l-fatturi b'relazzjoni ambjentali, soċjali u ta' governanza jirrappreżentaw għall-istabbiltà finanzjarja, u biex l-attività tas-swieq finanzjarji ssir aktar konsistenti ma' objettivi tas-sostenibbiltà. Jenħtieġ li l-ASE jipprovdu gwida dwar kif jistgħu jiġu inkorporati b'mod effettiv kunsiderazzjonijiet ta' sostenibbiltà fil-leġiżlazzjoni finanzjarja rilevanti tal-Unjoni u jippromwovu l-implimentazzjoni koerenti ta' dawk id-dispożizzjonijiet mal-adozzjoni tagħhom. Meta l-ASE jibdew u jikkoordinaw il-valutazzjonijiet madwar l-Unjoni kollha dwar ir-reżiljenza ta' istituzzjonijiet finanzjarji għall-iżviluppi avversi tas-suq, jenħtieġ li jikkunsidraw kif dovut ir-riskji li l-fatturi b'relazzjoni ambjentali, soċjali u ta' governanza jistgħu jippreżentaw għall-istabbiltà finanzjarja ta' dawk l-istituzzjonijiet.

(9) L-innovazzjoni teknoloġika kellha impatt dejjem akbar fuq is-settur finanzjarju u, għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti ħadu diversi inizjattivi sabiex jittrattaw dawk l-iżviluppi teknoloġiċi. Sabiex tkompli ssir promozzjoni tal-konverġenza superviżorja u sabiex jiġu skambjati l-aħjar prattiki bejn l-awtoritajiet rilevanti, fuq naħa waħda, u bejn l-awtoritajiet rilevanti u l-istituzzjonijiet finanzjarji jew il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji, fuq in-naħa l-oħra, jenħtieġ li jissaħħaħ ir-rwol tal-ASE fir-rigward tal-funzjoni ta' sorveljanza tagħhom u fir-rigward tal-koordinazzjoni superviżorja tagħhom.

(10) L-avvanzi teknoloġiċi fis-swieq finanzjarji jistgħu jtejbu l-inklużjoni finanzjarja**,** jipprovdu aċċess għall-finanzi, isaħħu l-integrità tas-suq u l-effiċjenza operattiva, kif ukoll inaqqsu l-ostakoli għad-dħul f'dawk is-swieq. Sa fejn ikun rilevanti għar-regoli sostantivi applikabbli, it-taħriġ tal-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiġi estiż ukoll għall-innovazzjoni teknoloġika**.** Dan jenħtieġ jgħin jimpedixxi li l-Istati Membri jiżviluppaw approċċi diverġenti f'dawk il-kwistjonijiet.

(11) Jenħtieġ li l-EBA, fil-qasam ta' għarfien espert tagħha, twettaq monitoraġġ tal-ostakoli għal, jew tal-impatt fuq, il-konsolidament prudenzjali u jenħtieġ li jkun possibbli għall-EBA li tipprovdi opinjonijiet jew rakkomandazzjonijiet bl-għan li tidentifika modi xierqa biex jiġu indirizzati tali ostakoli jew impatt.

(12) Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet huma għodda ta' konverġenza importanti li tippromwovi approċċi u prattiki superviżorji komuni billi tipprovdi gwida dwar l-applikazzjoni tal-atti legali tal-Unjoni fl-ambitu tal-ASE.

(13) Kulma jmur qed isir dejjem iktar importanti li jiġu promossi l-monitoraġġ konsistenti, sistematiku u effettiv u l-valutazzjoni tar-riskji relattivament għall-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu fis-sistema finanzjarja tal-Unjoni. Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu hija responsabbiltà kondiviża tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, fil-mandati rispettivi tagħhom. Jenħtieġ li dawn jistabbilixxu mekkaniżmi għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni, tal-koordinazzjoni u tal-assistenza reċiproka, bl-użu sħiħ tal-għodod u l-miżuri disponibbli taħt il-qafas regolatorju u istituzzjonali eżistenti.

(14) Fid-dawl tal-konsegwenzi għall-istabbiltà finanzjarja li jistgħu jirriżultaw mill-abbużi tas-settur finanzjarju għall-finijiet ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu, meta jitqies li huwa fis-settur bankarju li huwa l-aktar probabbli li r-riskji tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu jkollhom impatt sistemiku, b'sisien fuq l-esperjenza miksuba diġà mill-EBA, li hija awtorità fejn huma rrappreżentati l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri kollha, fir-rigward tal-protezzjoni tas-settur bankarju minn tali abbużi, jenħtieġ li l-EBA tassumi rwol mexxej, ta' koordinazzjoni u ta' monitoraġġ fil-livell tal-Unjoni biex tipprevjeni l-użu tas-sistema finanzjarja għal tali finijiet. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-EBA tingħata s-setgħa, addizzjonalment għall-kompetenzi attwali tagħha, li taġixxi fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010 sa fejn tali setgħa tirrelata mal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu fir-rigward tal-operaturi fis-settur finanzjarju u l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tagħhom, li huma koperti b'dawk ir-Regolamenti. Barra minn hekk, il-konċentrazzjoni ta' dak il-mandat għas-settur finanzjarju kollu fl-EBA jottimizza l-użu tal-għarfien espert u tar-riżorsi tagħha, u jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi materjali stabbiliti fid-Direttiva (EU) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1].

[1] Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

(15) Sabiex l-EBA teżerċita l-mandat tagħha b'mod effettiv, jenħtieġ li tagħmel użu sħiħ mis-setgħat u mill-għodod tagħha taħt ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 filwaqt li tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità**.** Għal dak l-iskop, jenħtieġ li hija tiżviluppa standards regolatorji u superviżorji, b'mod partikolari billi tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji, abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni, linji gwida u rakkomandazzjonijiet, u tipprovdi opinjonijiet għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu fis-settur finanzjarju u tippromwovi l-implimentazzjoni konsistenti tagħhom f'konformità mal-mandat previst fl-atti leġiżlattivi rilevanti msemmija fl-Artikolu 1(2) u fl-Artikolu 16 tar-regolamenti tat-twaqqif. Jenħtieġ li l-miżuri li tadotta l-EBA biex tippromwovi l-integrità, it-trasparenza u s-sigurtà fis-sistema finanzjarja u biex tippromwovi u tiġġieled il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex jinkisbu l-objettivi ta' dan ir-Regolament jew tal-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-regolamenti tat-twaqqif u jenħtieġ li jqisu kif dovut in-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji, il-prattiki ta' negozju, il-mudelli ta' negozju u d-daqs tal-operaturi u s-swieq tas-settur finanzjarju.

(16) F'konformità mar-rwol il-ġdid tagħha, huwa importanti li l-EBA tiġbor l-informazzjoni rilevanti kollha dwar id-dgħufijiet marbuta mal-attivitajiet ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu identifikati mill-awtoritajiet rilevanti nazzjonali u tal-Unjoni, mingħajr preġudizzju għall-kompiti assenjati lill-awtoritajiet taħt id-Direttiva (UE) 2015/849 u mingħajr ebda duplikazzjoni bla bżonn. F'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], jenħtieġ li l-EBA taħżen tali informazzjoni f'bażi tad-data ċentralizzata u trawwem il-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet billi tiżgura t-tixrid xieraq tal-informazzjoni rilevanti. Jenħtieġ għalhekk li l-EBA tingħata mandat biex tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji rigward il-ġbir ta' informazzjoni. L-EBA tista' wkoll, fejn xieraq, tittrażmetti evidenza fil-pussess tagħha li tista' twassal għal proċeduri kriminali lill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat u, sa fejn dan ikun jikkonċerna lill-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew taħt ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939[2], lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, għal dawk il-kompiti mogħtija espliċitament.

---

1 Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

2 Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

(17) Jenħtieġ li l-EBA ma tiġborx informazzjoni dwar tranżazzjonijiet suspettużi konkreti li l-operaturi tas-settur finanzjarju għandhom l-obbligu li jirrapportaw lill-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja tal-UE fl-Istati Membri tagħhom skont id-Direttiva (UE) 2015/849. Jenħtieġ li d-dgħufijiet jitqiesu materjali meta dawn jikkostitwixxu ksur jew ksur potenzjali minn operatur tas-settur finanzjarju, jew jikkostitwixxu applikazzjoni mhux xierqa jew mhux effettiva minn operatur tas-settur finanzjarju, jew applikazzjoni mhux xierqa jew mhux effettiva minn operatur tas-settur finanzjarju tal-politiki u l-proċeduri interni tiegħu għall-konformità mad-dispożizzjonijiet legali relatati mal-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-fini ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu. Ksur huwa kkunsidrat li seħħ fejn operatur tas-suq finanzjarju jonqos milli jikkonforma mar-rekwiżiti ta' kwalunkwe att tal-Unjoni u tal-liġi nazzjonali li tittrasponi tali rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-regolamenti tat-twaqqif sa fejn dawk l-atti jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-fini ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu. Ksur potenzjali jseħħ meta l-awtorità kompetenti jkollha bażi raġonevoli li tissuspetta li jkun seħħ ksur, iżda f'dak l-istadju ma tkunx f'pożizzjoni li finalment tikkonkludi li jkun seħħ. Madankollu, minħabba l-informazzjoni miksuba f'dak l-istadju, bħall-informazzjoni mill-verifiki fuq il-post jew proċedimenti mhux fuq il-post, ikun ferm probabbli li jkun seħħ ksur. Applikazzjoni mhux xierqa jew mhux effettiva tad-dispożizzjonijiet legali hija kkostitwita min-nuqqas ta' operatur tas-settur finanzjarju li jimplimenta r-rekwiżiti tal-atti msemmija hawn fuq b'mod sodisfaċenti. Jenħtieġ li applikazzjoni mhux xierqa jew mhux effettiva tal-proċeduri u l-politiki interni ta' operatur tas-suq finanzjarju li jkollhom l-għan li jaċċertaw il-konformità ma' dawk l-atti titqies bħala li tikkostitwixxi dgħufija li, b'mod sostanzjali, iżżid ir-riskju li jkun seħħ ksur jew li jista' jseħħ.

(18) Jenħtieġ li l-EBA, meta tivvaluta l-vulnerabbiltajiet u r-riskji tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu fis-settur finanzjarju, tqis ukoll l-implikazzjonijiet għall-ħasil tal-flus u għall-finanzjament tat-terroriżmu mir-reati predikati kollha, inklużi dawk li huma reati relatati mat-tassazzjoni, fejn applikabbli.

(19) Fuq talba, l-EBA jenħtieġ li tipprovdi assistenza lill-awtoritajiet kompetenti fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet superviżorji prudenzjali tagħhom. Jenħtieġ ukoll li l-EBA tikkoordina mill-qrib, u fejn xieraq tiskambja informazzjoni, mal-awtoritajiet kompetenti inkluż il-Bank Ċentrali Ewropew, fil-kapaċità superviżorja tiegħu, u ma' awtoritajiet fdati li jissorveljaw lill-entitajiet marbutin b'obbligu elenkati fl-Artikolu 2(1)(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2015/849, biex tiżgura l-effiċjenza u tevita kwalunkwe forma ta' azzjonijiet duplikati jew inkonsistenti fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

(20) Jenħtieġ li l-EBA twettaq reviżjonijiet bejn il-pari tal-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll valutazzjonijiet tar-riskji dwar l-adegwatezza tal-istrateġiji u tar-riżorsi tal-awtoritajiet kompetenti fid-dawl tal-aktar riskji emerġenti importanti marbuta mal-ħasil tal-flus u mal-finanzjament tat-terroriżmu kif identifikati fil-Valutazzjoni tar-Riskji Supranazzjonali. Jenħtieġ li l-EBA, meta twettaq tali reviżjonijiet bejn il-pari f'konformità mal-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, tqis l-evalwazzjonijiet, il-valutazzjonijiet jew ir-rapporti rilevanti mfassla minn organizzazzjonijiet internazzjonali u minn korpi intergovernattivi b'kompetenza fil-qasam tal-prevenzjoni u tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu kif ukoll ir-Rapport biennali tal-Kummissjoni taħt l-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2015/849 u l-Valutazzjoni tar-Riskju Nazzjonali tal-Istat Membru rilevanti mħejjija taħt l-Artikolu 7 ta' dik id-Direttiva.

(21) Barra minn hekk, jenħtieġ li l-EBA jkollha rwol ewlieni bħala kontributur għall-faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Unjoni u l-awtoritajiet rilevanti fil-pajjiżi terzi f'dawk il-kwistjonijiet bil-għan li tikkoordina aħjar l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni f’każijiet materjali ta’ ħasil tal-flus u ta’ finanzjament tat-terroriżmu b’dimensjoni transfruntiera u ta’ pajjiż terz. Tali rwol jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-interazzjonijiet regolari mill-awtoritajiet kompetenti mal-awtoritajiet ta’ pajjiżi terzi.

(22) Sabiex tissaħħaħ l-effettività tal-kontroll superviżorju tal-konformità fil-qasam tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu, u biex tiġi żgurata aktar koordinazzjoni fl-infurzar mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali fil-każ tal-ksur tal-liġi tal-Unjoni applikabbli direttament jew tal-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali tagħha, jenħtieġ li l-EBA jkollha s-setgħa li twettaq analiżi tal-informazzjoni miġbura u, jekk ikun meħtieġ, twettaq investigazzjonijiet dwar l-allegazzjonijiet miġjuba għall-attenzjoni tagħha dwar ksur materjali jew in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni, u, fejn ikun hemm indikazzjonijiet ta' ksur materjali, li titlob lill-awtoritajiet kompetenti biex jinvestigaw kwalunkwe ksur possibbli tar-regoli rilevanti, li tikkunsidra li tieħu deċiżjonijiet u li timponi sanzjonijiet indirizzati lill-operaturi tas-settur finanzjarju li jirrikjeduhom li jikkonformaw mal-obbligi legali tagħhom. Jenħtieġ li dik is-setgħa tintuża biss fejn l-EBA jkollha indikazzjonijiet ta’ ksur materjali.

(23) Għall-finijiet tal-proċedura għall-ksur tal-liġi tal-Unjoni prevista fl-Artikolu 17 tar-regolamenti tat-twaqqif u fl-interess tal-applikazzjoni xierqa tal-liġi tal-Unjoni, huwa xieraq li jiġi ffaċilitat u mħaffef l-aċċess tal-ASE għall-informazzjoni. Jenħtieġ għalhekk li dawn ikollhom l-abilitazzjoni li jitolbu l-informazzjoni direttament, permezz ta' talba debitament ġustifikata u motivata, minn awtoritajiet kompetenti oħrajn kull meta jiġi ppruvat jew jitqies li tali talba għal informazzjoni mingħand l-awtorità kompetenti kkonċernata mhijiex suffiċjenti biex tinkiseb l-informazzjoni meqjusa neċessarja għall-fini tal-investigazzjoni ta' ksur allegat jew nuqqas ta' applikazzjoni allegat tal-liġi tal-Unjoni.

(24) Is-superviżjoni armonizzata tas-settur finanzjarju tirrikjedi approċċ konsistenti fost l-awtoritajiet kompetenti. Għal dak l-għan, l-attivitajiet tal-awtoritajiet kompetenti huma soġġetti għal reviżjonijiet bejn il-pari. Jenħtieġ ukoll li l-ASE jiżguraw li l-metodoloġija tiġi applikata bl-istess mod. Tali reviżjonijiet bejn il-pari jenħtieġ li jiffokaw mhux biss fuq il-konverġenza tal-prattiki superviżorji, iżda wkoll fuq il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti li jiksbu riżultati superviżorji ta' kwalità għolja, kif ukoll fuq l-indipendenza ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti. Il-konstatazzjonijiet ewlenin ta' dawk ir-reviżjonijiet bejn il-pari jenħtieġ li jiġu ppubblikati bil-għan li jinkoraġġixxu l-konformità u jżidu t-trasparenza, sakemm tali pubblikazzjoni ma tkunx tinvolvi riskji għall-istabbiltà finanzjarja.

(25) Fid-dawl tal-importanza li jiġi żgurat li l-qafas superviżorju tal-Unjoni għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu jiġi applikat b'mod effettiv, ir-reviżjonijiet bejn il-pari huma ta' importanza ewlenija biex jingħataw perspettivi oġġettivi u trasparenti dwar il-prattiki superviżorji. Jenħtieġ li l-EBA tivvaluta wkoll l-istrateġiji, il-kapaċitajiet u r-riżorsi tal-awtoritajiet kompetenti biex jindirizzaw riskji emerġenti relatati mal-ħasil tal-flus u mal-finanzjament tat-terroriżmu.

(26) Sabiex twettaq il-kompiti tagħha u teżerċita s-setgħat tagħha għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, jenħtieġ li jkun possibbli għall-EBA, wara li tkun ħadet deċiżjoni indirizzata lill-awtorità kompetenti, li tieħu deċiżjonijiet individwali indirizzati lejn operaturi fis-settur finanzjarju fil-kuntest tal-proċedura għall-ksur tal-liġi tal-Unjoni u tal-proċedura ta' medjazzjoni vinkolanti anki meta r-regoli sostantivi ma jkunux applikabbli direttament għall-operaturi fis-settur finanzjarju. Fejn ir-regoli materjali jkunu stabbiliti fid-Direttivi, jenħtieġ li l-EBA tapplika l-liġi nazzjonali sa fejn din tkun qed tittrasponi dawk id-Direttivi. Fejn il-liġi rilevanti tal-Unjoni tkun magħmula minn regolamenti u fejn, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, dawk ir-regolamenti espressament jagħtu opzjonijiet lill-Istati Membri, jenħtieġ li l-EBA tapplika l-liġi nazzjonali sa fejn tali opzjonijiet ġew eżerċitati.

(27) Fil-każijiet li fihom dan ir-Regolament jawtorizza lill-EBA biex tapplika l-liġi nazzjonali li tittrasponi d-Direttivi, tali liġi nazzjonali tista’ tiġi applikata mill-EBA sa fejn biss ikun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti mogħtija lilha mil-liġi tal-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-EBA tapplika r-regoli tal-Unjoni rilevanti kollha, u fejn tali regoli huma stabbiliti f'Direttivi, jenħtieġ li hija tapplika l-liġi nazzjonali li tittrasponi dawk id-Direttivi sal-punt meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni, bil-għan li tinkiseb applikazzjoni uniformi tal-liġi fl-Unjoni kollha filwaqt li tiġi rrispettata l-liġi nazzjonali rilevanti.

(28) Fejn deċiżjoni tal-EBA tkun ibbażata fuq, jew konnessa ma', setgħat tagħha għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u tikkonċerna lill-operaturi tas-settur finanzjarju jew awtoritajiet kompetenti fi ħdan il-kompetenzi tal-EIOPA jew l-ESMA, jenħtieġ li l-EBA tkun tista' tieħu d-deċiżjoni biss bi ftehim mal-EIOPA jew mal-ESMA, rispettivament. Jenħtieġ li l-EIOPA u l-ESMA, f'kull każ b'kont meħud tal-urġenza tad-deċiżjoni rilevanti, meta jesprimu l-fehmiet tagħhom, jikkunsidraw li jagħmlu użu mill-proċeduri ta' deċiżjoni mħaffa f'konformità mar-regoli dwar il-governanza interna rispettiva tagħhom.

(29) Jenħtieġ li l-ASE jkollhom stabbiliti mezzi ta' rappurtar iddedikati biex jirċievu u jittrattaw informazzjoni pprovduta minn persuna fiżika jew ġuridika li tirrapporta dwar ksur effettiv jew potenzjali, abbuż tal-liġi, jew nuqqas ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-ASE jiżguraw li tkun possibbli l-preżentazzjoni ta' dik l-informazzjoni b'mod anonimu, jew b’mod kunfidenzjali u sikur. Il-persuna li tirrapporta jenħtieġ li tkun protetta mir-ritaljazzjoni. Jenħtieġ li l-ASE jipprovdu feedback lill-persuna li tirrapporta.

(30) Superviżjoni armonizzata tas-settur finanzjarju tirrikjedi wkoll li n-nuqqasijiet ta' qbil bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri differenti f'sitwazzjonijiet transfruntieri jissolvew b'mod effiċjenti. Ir-regoli eżistenti sabiex jissolvew tali nuqqasijiet ta' qbil mhumiex sodisfaċenti għalkollox. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu adattati sabiex ikunu aktar faċilment applikabbli.

(31) Il-promozzjoni ta' kultura superviżorja tal-Unjoni hija integrali għall-ħidma tal-ASE fuq il-konverġenza tal-prattiki superviżorji. Għalhekk, l-Awtorità tista' regolarment tidentifika sa żewġ prijoritajiet ta' rilevanza għall-Unjoni kollha. Dawk il-prijoritajiet jenħtieġ li jitqiesu mill-awtoritajiet kompetenti meta jfasslu l-programmi ta' ħidma tagħhom. Jenħtieġ li l-Bord tas-Superviżuri ta' kull ASE jiddiskuti l-attivitajiet rilevanti mill-awtoritajiet kompetenti għas-sena segwenti u jislet konklużjonijiet.

(32) Jenħtieġ li l-valutazzjonijiet mill-kumitati ta' rieżami bejn il-pari jagħtu lok għal studji fil-fond ibbażati fuq awtovalutazzjoni mill-awtoritajiet rieżaminati, segwita minn evalwazzjoni mill-kumitat tar-rieżami bejn il-pari. Jenħtieġ li l-membru ta' awtorità kompetenti taħt rieżami ma jipparteċipax fil-valutazzjoni meta din tkun tirrigwarda dik l-awtorità kompetenti.

(33) L-esperjenza tal-ASE wriet il-benefiċċji tal-koordinazzjoni msaħħa f'ċerti oqsma permezz ta' pjattaformi jew gruppi ad hoc. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprovdi bażi ġuridika u jsaħħaħ tali arranġamenti permezz tal-ħolqien ta' għodda ġdida, jiġifieri, it-twaqqif ta' gruppi ta' koordinazzjoni. Jenħtieġ li tali gruppi ta' koordinazzjoni jippromwovu l-konverġenza b'rabta mal-prattiki superviżorji adottati mill-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari permezz ta' skambju ta' informazzjoni u esperjenzi. Jenħtieġ li s-sehem tal-awtoritajiet kompetenti kollha f'dawk il-gruppi ta' koordinazzjoni jkun mandatorju u jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-gruppi ta' koordinazzjoni. Jenħtieġ li jitqies it-twaqqif ta' gruppi ta' koordinazzjoni kull fejn l-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw bżonn ta' koordinazzjoni fid-dawl ta' żviluppi speċifiċi tas-suq. Tali gruppi ta' koordinazzjoni jistgħu jitwaqqfu fir-rigward tal-oqsma kollha koperti mill-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-regolamenti tat-twaqqif.

(34) Swieq finanzjarji internazzjonali ordnati u li jiffunzjonaw tajjeb jeżiġu l-monitoraġġ ta' deċiżjonijiet ta' ekwivalenza ta’ pajjiżi terzi li jkunu ġew adottati mill-Kummissjoni. Kull ASE jenħtieġ li timmonitorja l-iżviluppi regolatorji u superviżorji kif ukoll il-prattiki ta’ infurzar f’dawk il-pajjiżi terzi. Jenħtieġ li tagħmel dan sabiex tivverifika jekk il-kriterji, li abbażi tagħhom ikunu ttieħdu dawk id-deċiżjonijiet, u kwalunkwe kundizzjoni stabbilita fihom għadhomx issodisfati. Jenħtieġ li kull ASE tippreżenta rapport kunfidenzjali dwar l-attivitajiet ta’ monitoraġġ tagħha lill-Kummissjoni fuq bażi annwali. F’dak il-kuntest, jenħtieġ li kull ASE, fejn possibbli, tiżviluppa wkoll arranġamenti amministrattivi ma' awtoritajiet kompetenti ta’ pajjiżi terzi sabiex tikseb informazzjoni għall-finijiet ta’ monitoraġġ u għall-koordinazzjoni tal-attivitajiet superviżorji. Dak ir-reġim superviżorju msaħħaħ jenħtieġ li jiżgura li l-ekwivalenza ma' pajjiżi terzi tkun aktar trasparenti, aktar prevedibbli għall-pajjiżi terzi kkonċernati u aktar konsistenti fis-setturi kollha.

(35) Jenħtieġ li r-rappreżentant tal-BERS fil-Bord tas-Superviżuri jippreżenta l-fehma komuni tal-Bord Ġenerali tal-BERS b’attenzjoni partikolari għall-istabbiltà finanzjarja.

(36) Sabiex jiġi żgurat li l-livell adegwat ta' ħila esperta jsostni d-deċiżjonijiet relatati ma' miżuri tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, huwa meħtieġ li jitwaqqaf kumitat intern permanenti fl-EBA. Dak il-kumitat jenħtieġ li jkun magħmul minn rappreżentanti ta' livell għoli ta' awtoritajiet u korpi responsabbli mill-konformità mal-leġiżlazzjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu li jkollhom ħila esperta u setgħat ta' teħid tad-deċiżjonijiet fil-qasam tal-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu. Jenħtieġ li dak il-kumitat jinkludi wkoll rappreżentanti ta' livell għoli mill-ASE li jkollhom għarfien espert fir-rigward ta' mudelli differenti ta' negozju u tal-ispeċifiċitajiet settorjali rispettivi tagħhom. Dak il-kumitat jenħtieġ li jeżamina u jipprepara d-deċiżjonijiet li jridu jittieħdu mill-EBA. Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni, il-kumitat il-ġdid jissostitwixxi lis-sottokumitat eżistenti għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus li kien twaqqaf fil-Kumitat Konġunt tal-ASE. Jenħtieġ li jkun possibbli għall-ASE li jissottomettu osservazzjonijiet bil-miktub dwar kwalunkwe abbozz ta' deċiżjoni tal-kumitat intern, li jenħtieġ li l-Bord tas-Superviżuri tal-EBA jikkunsidra b'mod debitu qabel ma jieħu d-deċiżjoni finali tiegħu.

(37) F'konformità mal-objettiv li tinkiseb sistema superviżorja aktar koerenti u vijabbli fl-Unjoni sabiex tipprevjeni u tiġġieled il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, jenħtieġ li l-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-awtoritajiet u l-partijiet interessati rilevanti kollha, twettaq valutazzjoni komprensiva tal-implimentazzjoni, il-funzjonament u l-effettività tal-kompiti speċifiċi mogħtija lill-EBA taħt dan ir-Regolament relatati mal-prevenzjoni ta', u l-ġlieda kontra, il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-valutazzjoni - sa fejn possibbli - tirrifletti l-esperjenzi miksuba minn sitwazzjonijiet fejn l-EBA titlob lil awtorità kompetenti biex: tinvestiga ksur possibbli tal-liġijiet nazzjonali, sa fejn dawn jittrasponu Direttivi jew jeżerċitaw opzjonijiet mogħtija lill-Istati Membri mil-liġi tal-Unjoni, minn operaturi tas-settur finanzjarju; tikkunsidra li timponi sanzjonijiet fuq dak l-operatur fir-rigward ta' tali ksur; jew tikkunsidra l-adozzjoni ta' deċiżjoni individwali indirizzata lil dak l-operatur tas-settur finanzjarju billi titolbu jwettaq l-azzjoni neċessarja kollha sabiex ikun konformi mal-obbligi tiegħu taħt il-liġijiet nazzjonali sa fejn dawn jittrasponu Direttivi jew jeżerċitaw opzjonijiet mogħtija lill-Istati Membri mil-liġi tal-Unjoni. Jenħtieġ li bl-istess mod tirrifletti tali esperjenzi miksuba minn sitwazzjonijiet fejn l-EBA tapplika l-liġi nazzjonali sa fejn tittrasponi Direttivi jew teżerċita opzjonijiet mogħtija lill-Istati Membri mil-liġi tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta dik il-valutazzjoni bħala parti mir-rapport tagħha skont l-Artikolu 65 tad-Direttiva (UE) 2015/849, flimkien ma' proposti leġiżlattivi, jekk xieraq, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-11 ta' Jannar 2022. Sa meta dik il-valutazzjoni tiġi ppreżentata, jenħtieġ li s-setgħat mogħtija lill-EBA relatati mal-użu tas-sistema finanzjarja għal skopijiet ta' ħasil ta' flus jew finanzjament tat-terroriżmu fl-Artikoli 9b, 17(6) u 19 (4) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 jiġu kkunsidrati bħala soluzzjoni provviżorja sa fejn dawn jippermettu lill-EBA tibbaża talbiet lill-awtoritajiet kompetenti fuq ksur possibbli tal-liġi nazzjonali jew jippermettu l-applikazzjoni tal-liġi nazzjonali mill-EBA.

(38) Sabiex tiġi ppreservata l-kunfidenzjalità tal-ħidma tal-ASE, ir-rekwiżiti tas-segretezza professjonali jenħtieġ li japplikaw ukoll għal kwalunkwe persuna li tipprovdi kwalunkwe servizz, direttament jew indirettament, b'mod permanenti jew okkażjonali, b'rabta mal-kompiti tal-ASE kkonċernata.

(39) Ir-regolamenti tat-twaqqif kif ukoll l-atti leġislattivi settorjali jirrikjedu li l-ASE jfittxu arranġamenti amministrattivi effettivi, li jinvolvu l-iskambju ta' informazzjoni ma' superviżuri ta' pajjiżi terzi. Il-ħtieġa għal kooperazzjoni effettiva u skambju ta' informazzjoni mistennija ssir aktar importanti meta, skont dan ir-Regolament emendatorju, uħud mill-ASE jassumu responsabbiltajiet usa' addizzjonali fir-rigward tas-superviżjoni tal-entitajiet u l-attivitajiet mhux tal-UE. Fejn, f'dak il-kuntest, l-ASE jipproċessaw data personali, inkluż billi jittrasferixxu tali data barra mill-Unjoni, huma jkunu marbutin bir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2018/1725. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni dwar l-adegwatezza jew ta' salvagwardji xierqa, pereżempju previsti fl-arranġamenti amministrattivi fis-sens tal-punt (b) tal-Artikolu 48(3) tar-Regolament (UE) 2018/1725, l-ASE jistgħu jiskambjaw data personali mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi f'konformità ma', u taħt il-kondizzjonijiet ta', id-deroga ta' interess pubbliku stabbilita fil-punt (d) tal-Artikolu 50(1) tiegħu, li b'mod partikolari tapplika għall-każijiet ta' skambju ta' data internazzjonali bejn awtoritajiet superviżorji finanzjarji.

(40) Ir-regolamenti tat-twaqqif jipprevedu li, f'kooperazzjoni mal-BERS, l-ASE jenħtieġ li jibdew u jikkoordinaw testijiet tal-istress madwar l-Unjoni kollha sabiex tiġi vvalutata r-reżiljenza tal-istituzzjonijiet finanzjarji jew tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji għall-iżviluppi avversi tas-suq. Jenħtieġ li jiġi żgurat ukoll li, kemm jista' jkun, tiġi applikata metodoloġija konsistenti, fil-livell nazzjonali għal tali testijiet. Jenħtieġ li jiġi ċċarat ukoll, fir-rigward tal-ASE kollha, li l-obbligi ta' segretezza professjonali tal-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li ma jżommux lill-awtoritajiet kompetenti milli jibagħtu r-riżultati tat-test tal-istress lill-ASE għall-fini ta' pubblikazzjoni.

(41) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' konverġenza fil-qasam tas-superviżjoni u l-approvazzjoni tal-mudelli interni, f'konformità mad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], jenħtieġ li l-EIOPA, meta ssirilha talba, tkun tista' tassisti lill-awtoritajiet kompetenti fid-deċiżjoni relatata mal-approvazzjoni tal-mudelli interni.

(42) Sabiex l-ASE jkunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom relatati mal-protezzjoni tal-konsumatur, jenħtieġ li huma jkunu intitolati li jikkoordinaw dawk li huma msejjħa 'attivitajiet ta' xiri bil-moħbi' tal-awtoritajiet kompetenti, jekk applikabbli.

---

1 Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

(43) Jenħtieġ li l-ASE jkollhom riżorsi u membri tal-persunal adegwati u xierqa biex jikkontribwixxu b'mod effettiv għas-superviżjoni finanzjarja konsistenti, effiċjenti u effettiva fil-qafas tal-kompetenzi rispettivi tagħhom taħt dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-kompetenzi addizzjonali u l-volum tax-xogħol mogħtija lill-ASE jkunu kkomplementati b'riżorsi umani u finanzjarji suffiċjenti.

(44) L-evoluzzjoni tal-ambitu tas-superviżjoni diretta jaf tkun tirrikjedi li l-istituzzjonijiet finanzjarji, u l-parteċipanti tas-suq finanzjarji b'superviżjoni diretta mill-ASE, jagħmlu kontribuzzjonijiet addizzjonali abbażi tan-nefqa proġettata tal-ASE rilevanti.

(45) L-inkonsistenzi fil-kwalità, fl-ifformattjar, fl-affidabilità u fil-kost tad-data dwar it-tranżazzjonijiet għandhom effett detrimentali fuq it-trasparenza tad-data, il-protezzjoni tal-investituri u l-effiċjenza tas-suq. Sabiex jissaħħu l-monitoraġġ u r-rikostruzzjoni tad-data dwar it-tranżazzjonijiet, u jittejbu l-konsistenza u l-kwalità ta' dik id-data u d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tagħha bi spiża raġonevoli madwar l-Unjoni għaċ-ċentri rilevanti ta' negozjar, id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] introduċiet qafas legali ġdid għas-servizzi ta' rapportar tad-data, inklużi l-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tal-fornituri ta' servizzi ta' rapportar tad-data.

[1] Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

(46) Il-kwalità tad-data dwar it-tranżazzjonijiet u tal-ipproċessar u l-forniment ta' dik id-data, inklużi l-ipproċessar u l-forniment transfruntier ta' data, hija ta' importanza kbira ħafna sabiex jintlaħaq l-objettiv ewlieni tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], jiġifieri t-tisħiħ tat-trasparenza tas-swieq finanzjarji. Għalhekk, il-forniment ta' servizzi ta' data ewlenija huwa ta' importanza kbira għall-utenti sabiex ikunu jistgħu jiksbu l-ħarsa ġenerali mixtieqa lejn l-attività ta' negozjar madwar is-swieq finanzjarji tal-Unjoni u għall-awtoritajiet kompetenti sabiex jirċievu informazzjoni preċiża u komprensiva dwar it-tranżazzjonijiet rilevanti.

(47) Barra minn hekk, id-data dwar it-tranżazzjonijiet hija għodda dejjem aktar essenzjali għall-infurzar effettiv tar-rekwiżiti li joriġinaw mir-Regolament (UE) Nru 600/2014. Minħabba d-dimensjoni transfruntiera tal-ġestjoni tad-data, tal-kwalità tad-data u tal-ħtieġa li jinkisbu ekonomiji ta' skala, kif ukoll bil-ħsieb li jiġi evitat l-impatt avvers ta' diverġenzi potenzjali kemm fuq il-kwalità tad-data kif ukoll fuq il-kompiti tal-fornituri ta' servizzi ta' rapportar tad-data, huwa ta' benefiċċju u ġustifikat li s-setgħat ta' awtorizzazzjoni u superviżjoni fir-rigward tal-fornituri ta' servizzi ta' rapportar tad-data jiġu ttrasferiti mill-awtoritajiet kompetenti lill-ESMA għajr għal dawk li jibbenefikaw minn deroga u li dawk is-setgħat jiġu speċifikati fir-Regolament (UE) Nru 600/2014 li jippermetti, fl-istess ħin, il-konsolidazzjoni tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu komuni ta' kompetenzi relatati mad-data fi ħdan l-ESMA.

---

1 Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84).

(48) L-investituri fil-livell tal-konsumaturi jenħtieġ li jiġu informati b'mod adegwat dwar ir-riskji potenzjali li jeżistu meta jiddeċiedu li jinvestu fi strument finanzjarju. Il-qafas legali tal-Unjoni għandu l-għan li jnaqqas ir-riskju ta' bejgħ inadatt meta l-investituri fil-livell tal-konsumaturi jiġu mibjugħa prodotti finanzjarji li ma jkunux adatti għall-ħtiġijiet jew l-aspettattivi tagħhom. Għal dak l-għan, id-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 600/2014 isaħħu r-rekwiżiti organizzazzjonali u tal-kondotta kummerċjali sabiex jiġi żgurat li d-ditti ta' investiment jaġixxu fl-aħjar interessi tal-klijenti tagħhom. Dawk ir-rekwiżiti jinkludu divulgazzjoni mtejba tar-riskji lill-klijenti, valutazzjoni aħjar tal-adattabilità tal-prodotti rrakkomandati, kif ukoll obbligu li l-istrumenti finanzjarji jitqassmu lis-suq fil-mira identifikat, filwaqt li jitqiesu fatturi bħas-solvenza tal-emittenti. L-ESMA jenħtieġ li tagħmel użu sħiħ mis-setgħat tagħha sabiex tiżgura l-konverġenza superviżorja u tappoġġja lill-awtoritajiet nazzjonali fil-kisba ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-investituri u sorveljanza effettiva tar-riskji assoċjati ma' prodotti finanzjarji.

(49) Huwa importanti li jiġu żgurati sottomissjoni, kompilazzjoni, analiżi u pubblikazzjoni effettivi u effiċjenti tad-data għall-finijiet tal-kalkoli sabiex jiġu ddeterminati r-rekwiżiti għas-sistemi tal-obbligi ta' negozjar u trasparenza qabel u wara n-negozjar, kif ukoll għall-finijiet tad-data ta' referenza f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u mar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1]. Għalhekk, l-ESMA, apparti l-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li tingħata kompetenzi sabiex twettaq il-ġbir dirett ta' data mill-parteċipanti fis-swieq fir-rigward tar-rekwiżiti tat-trasparenza qabel u wara n-negozjar, kif ukoll l-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza tal-fornituri ta' servizzi ta' rapportar tad-data.

[1] Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1).

(50) L-għoti ta' dawk il-kompetenzi lill-ESMA jippermetti awtorizzazzjoni u sorveljanza ġestiti ċentralment, li jgħinu sabiex tiġi evitata s-sitwazzjoni attwali fejn bosta ċentri ta' negozjar, internalizzaturi sistematiċi, arranġamenti ta' pubblikazzjoni approvati (APAs, approved publication arrangements) u fornituri ta' tapes konsolidati (CTPs, consolidated tape providers) huma meħtieġa jipprovdu lil bosta awtoritajiet kompetenti b'data li mbagħad tiġi pprovduta biss lill-ESMA. Tali sistema ġestita ċentralment jenħtieġ li tkun ta' benefiċċju kbir għall-parteċipanti fis-swieq f'termini ta' trasparenza akbar tad-data, protezzjoni tal-investituri u effiċjenza tas-suq.

(51) L-għoti ta' setgħat ta' ġbir tad-data, awtorizzazzjoni u sorveljanza mill-awtoritajiet kompetenti lill-ESMA huwa wkoll strumentali għal kompiti oħrajn li qed twettaq l-ESMA taħt ir-Regolament (UE) Nru 600/2014, bħall-monitoraġġ tas-suq u s-setgħat ta' interventi temporanji tal-ESMA.

(52) Sabiex l-ESMA teżerċita s-setgħat superviżorji tagħha b'mod effettiv, fil-qasam tal-ipproċessar u l-forniment tad-data, jenħtieġ li l-ESMA tkun tista' twettaq investigazzjonijiet u spezzjonijiet fuq il-post. Jenħtieġ li l-ESMA tkun tista' timponi multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali sabiex iġġiegħel lill-fornituri ta' servizzi ta' rapportar tad-data jwaqqfu ksur tal-liġi, jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta rikjesta mill-ESMA jew biex tpoġġihom taħt investigazzjoni jew spezzjoni fuq il-post, kif ukoll li timponi sanzjonijiet amministrattivi jew miżuri amministrattivi oħrajn meta hija ssib li persuna tkun wettqet, intenzjonalment jew b'mod negliġenti, ksur tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.

(53) Il-prodotti finanzjarji li jużaw parametri referenzjarji kritiċi huma disponibbli fl-Istati Membri kollha. Għalhekk, dawk il-parametri referenzjarji huma ta' importanza kruċjali għall-funzjonament tas-swieq finanzjarji u għall-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni. Għalhekk, is-superviżjoni ta' parametru referenzjarju ta' importanza kritika jenħtieġ li tagħti ħarsa olistika lejn l-impatti potenzjali, mhux biss fl-Istat Membru fejn ikun jinsab l-amministratur u fl-Istati Membri fejn ikunu jinsabu l-kontributuri tiegħu, iżda wkoll madwar l-Unjoni kollha. Għalhekk, huwa xieraq li ċerti parametri referenzjarji kritiċi jiġu ssorveljati fil-livell tal-Unjoni mill-ESMA. Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-kompiti, l-amministraturi ta' parametri referenzjarji kritiċi jenħtieġ li jiġu ssorveljati biss mill-ESMA, inklużi kwalunkwe parametri referenzjarji mhux kritiċi li jistgħu jamministraw.

(54) Peress li l-amministraturi tal-parametri referenzjarji kritiċi u l-kontributuri għalihom jinsabu taħt rekwiżiti aktar stretti mill-amministraturi ta' parametri referenzjarji oħrajn u l-kontributuri għalihom, id-deżinjazzjoni tal-parametri referenzjarji bħala parametri referenzjarji kritiċi jenħtieġ li ssir mill-Kummissjoni jew tintalab mill-ESMA u jenħtieġ li tiġi kkodifikata mill-Kummissjoni. Billi l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom l-aħjar aċċess għad-data u l-informazzjoni dwar il-parametri referenzjarji li jissorveljaw, jenħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni jew lill-ESMA dwar kwalunkwe parametru referenzjarju li, fl-opinjoni tagħhom, jissodisfa l-kriterji li jidentifikaw il-parametri referenzjarji ta' importanza kritika.

(55) Il-proċedura sabiex jiġi ddeterminat l-Istat Membru ta’ referenza għal amministraturi ta' parametri referenzjarji li jinsabu f’pajjiżi terzi li japplikaw għal rikonoxximent fl-Unjoni hija kumplikata u tieħu ħafna ħin kemm għall-applikanti kif ukoll għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. L-applikanti jistgħu jippruvaw jinfluwenzaw dik id-determinazzjoni bit-tama li jkollhom arbitraġġ superviżorju. Dawk l-amministraturi ta' parametri referenzjarji jistgħu jagħżlu r-rappreżentant legali tagħhom strateġikament fi Stat Membru fejn huma jqisu li s-superviżjoni hija inqas stretta. Approċċ armonizzat mal-ESMA bħala l-awtorità kompetenti għar-rikonoxximent ta' amministraturi ta' parametri referenzjarji ta’ pajjiżi terzi jevita dawk ir-riskji u l-kostijiet sabiex jiġi ddeterminat l-Istat Membru ta’ referenza, kif ukoll tas-superviżjoni sussegwenti. Barra minn hekk, ir-rwol tal-ESMA bħala l-awtorità kompetenti għall-amministraturi rikonoxxuti ta' parametri referenzjarji ta’ pajjiżi terzi jistabbilixxi lilha bħala l-kontroparti fl-Unjoni għas-superviżuri f’pajjiżi terzi, sabiex b’hekk il-kooperazzjoni transfruntiera ssir aktar effiċjenti u effettiva.

(56) Ħafna mill-amministraturi ta' parametri referenzjarji, jekk mhux ukoll il-maġġoranza tagħhom, huma banek jew ditti ta’ servizzi finanzjarji li jittrattaw il-flus tal-klijenti. Sabiex ma tiġix imminata l-ġlieda tal-Unjoni kontra l-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, jenħtieġ li tkun prekondizzjoni għall-konklużjoni ta’ arranġament ta’ kooperazzjoni ma’ awtorità kompetenti taħt reġim ta’ ekwivalenza li l-pajjiż tal-awtorità kompetenti ma jkunx fuq il-lista ta’ ġurisdizzjonijiet li għandhom nuqqasijiet strateġiċi fir-reġimi tagħhom kontra l-ħasil tal-flus u għall-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu li joħolqu theddidiet sinifikanti għas-sistema finanzjarja tal-Unjoni.

(57) Kważi l-parametri referenzjarji kollha huma referenzjati fil-prodotti finanzjarji li huma disponibbli f'diversi Stati Membri, jekk mhux fl-Unjoni kollha. Sabiex jidentifikaw ir-riskji relatati mal-provvediment ta' parametri referenzjarji li jista' jkun li ma jibqgħux aktar affidabbli jew rappreżentattivi tas-suq jew tar-realtà ekonomika li huma jkollhom il-ħsieb li jkejlu, l-awtoritajiet kompetenti, inkluża l-ESMA, jenħtieġ li jikkooperaw u jgħinu lil xulxin, fejn xieraq.

(58) Huwa xieraq li jiġi previst perjodu raġonevoli sabiex isiru l-arranġamenti meħtieġa għall-atti delegati u ta' implimentazzjoni sabiex l-ASE u l-partijiet ikkonċernati l-oħrajn jkunu jistgħu japplikaw ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(59) Ir-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010, (UE) Nru 1095/2010, (UE) Nru 600/2014, ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] u r-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] jenħtieġ għalhekk li jiġu emendati kif meħtieġ,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

---

1 Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1).

2 Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 1).

*Artikolu 1*

*Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1093/2010*

Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. L-Awtorità għandha taġixxi fil-limiti tas-setgħat mogħtija lilha b'dan ir-Regolament u fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/87/KE, tad-Direttiva 2008/48/KE *, tad-Direttiva 2009/110/KE, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 **, tad-Direttiva 2013/36/UE ***, tad-Direttiva 2014/49/UE ****, tad-Direttiva 2014/92/UE *****, tad-Direttiva (UE) 2015/2366 ****** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u, sa fejn dawk l-atti japplikaw għall-istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu u l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljawhom, fil-limiti tal-partijiet rilevanti tad-Direttiva 2002/65/KE, inklużi d-direttivi, ir-regolamenti u d-deċiżjonijiet kollha bbażati fuq dawk l-atti, u ta' kwalunkwe att legalment vinkolanti ieħor tal-Unjoni li jikkonferixxi kompiti lill-Awtorità. L-Awtorità għandha taġixxi wkoll f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013*******.

L-Awtorità għandha taġixxi wkoll fil-limiti tas-setgħat mogħtija lilha b'dan ir-Regolament u fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[********] u tar-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*********] sa fejn dik id-Direttiva u dak ir-Regolament japplikaw għall-operaturi fis-settur finanzjarju u għall-awtoritajiet kompetenti li jissorveljawhom. Għal dak l-iskop biss, l-Awtorità għandha twettaq il-kompiti mogħtija permezz ta' kwalunkwe att legalment vinkolanti tal-Unjoni lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[**********] jew lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[***********]. Meta tkun qed twettaq tali kompiti, l-Awtorità għandha tikkonsulta lil dawk l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej u żżommhom informati dwar l-attivitajiet tagħha fir-rigward ta' kwalunkwe entità li hija "istituzzjoni finanzjarja" kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 jew "parteċipant fis-swieq finanzjarji" kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

3. L-Awtorità għandha taġixxi fil-qasam tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, il-konglomerati finanzjarji, id-ditti tal-investiment, l-istituzzjonijiet ta' pagament u l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi relattivament għal kwistjonijiet li mhumiex koperti direttament mill-atti leġislattivi msemmija fil-paragrafu 2, inklużi kwistjonijiet ta' governanza korporattiva, verifika u rappurtar finanzjarju, filwaqt li tqis il-mudelli ta' negozju sostenibbli u l-integrazzjoni ta' fatturi relatati ambjentali, soċjali u ta' governanza, sakemm tali azzjonijiet ikunu meħtieġa biex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva u konsistenti ta' dawk l-atti.

---

* Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66).

** Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

*** Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

**** Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 149).

***** Direttiva 2014/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas, il-bdil tal-kontijiet tal-ħlas u l-aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 214).

******Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

*******Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).

******** Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

********* Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 1).

********** Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

*********** Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).";

(b) il-paragrafu 5 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa emendat kif ġej:

– il-parti introduttorja hija sostitwita b’dan li ġej:

“5. L-għan tal-Awtorità għandu jkun li tipproteġi l-interess pubbliku billi tikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-effettività fuq żmien qasir, medju u twil tas-sistema finanzjarja, għall-ekonomija tal-Unjoni, iċ-ċittadini u n-negozji tagħha. L-awtorità għandha, fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħha, tikkontribwixxi sabiex:”;

– il-punti (e) u (f) huma sostitwiti b’dan li ġej:

“(e) jiġi żgurat li t-teħid ta’ riskji ta’ kreditu u riskji oħrajn ikunu regolati u sorveljati kif xieraq;

(f) tissaħħaħ il-protezzjoni tal-klijent u tal-konsumatur;”;

– jiżdiedu l-punti li ġejjin:

“(g) tittejjeb il-konverġenza superviżorja fis-suq intern kollu;

(h) jiġi evitat l-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu.”;

(ii) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għal dawk il-finijiet, l-Awtorità għandha tikkontribwixxi sabiex tiżgura l-applikazzjoni konsistenti, effiċjenti u effikaċi tal-atti msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, tkattar il-konverġenza superviżorja, u tipprovdi opinjonijiet f'konformità mal-Artikolu 16a lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, u lill-Kummissjoni.";

(iii) ir-raba' subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fit-twettiq tal-kompiti tagħha, l-Awtorità għandha taġixxi indipendentement, oġġettivament u b'mod mhux diskriminatorju u trasparenti, fl-interessi tal-Unjoni kollha kemm hi u għandha tirrispetta, kull fejn ikun rilevanti, il-prinċipju tal-proporzjonalità. L-Awtorità għandha tagħti rendikont u taġixxi b'integrità u għandha tiżgura li l-partijiet interessati kollha jiġu trattati b'mod ġust.";

(iv) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Il-kontenut u l-forma tal-azzjonijiet u tal-miżuri tal-Awtorità, b'mod partikolari l-linji gwida, ir-rakkomandazzjonijiet, l-opinjonijiet, il-mistoqsijiet u t-tweġibiet, l-abbozzi ta' standards regolatorji u l-abbozzi ta' standards ta' implimentazzjoni, għandhom jirrispettaw b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet applikabbli ta' dan ir-Regolament u tal-atti leġislattivi msemmija fil-paragrafu 2. Sa fejn huwa permess u rilevanti taħt dawk id-dispożizzjonijiet, fl-azzjonijiet u l-miżuri tal-Awtorità għandhom, f'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, jitqiesu kif dovut in-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti għan-negozju ta' istituzzjoni finanzjarja, impriża, suġġett ieħor jew attività finanzjarja oħra, li jkunu milquta mill-azzjonijiet u mill-miżuri tal-Awtorità.";

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6. L-Awtorità għandha tistabbilixxi, bħala parti integrali tagħha, kumitat li jkun ta' konsulenza għaliha dwar kif, f'konformità sħiħa mar-regoli applikabbli, ikun jenħtieġ li l-azzjonijiet u l-miżuri tagħha jqisu d-differenzi speċifiċi prevalenti fis-settur, li jirrigwardaw in-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji, il-mudelli u l-prattika ta' negozju kif ukoll id-daqs tal-istituzzjonijiet finanzjarji u tas-swieq sa fejn tali fatturi jkunu rilevanti fl-ambitu tar-regoli kkunsidrati.".

(2) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Awtorità għandha tkun parti minn Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja (SESF). L-għan ewlieni tas-SESF għandu jkun li tiżgura li r-regoli applikabbli għas-settur finanzjarju jiġu implimentati adegwatament sabiex tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja u jkunu żgurati kemm il-fiduċja fis-sistema finanzjarja kollha kemm hi, kif ukoll protezzjoni effettiva u suffiċjenti għall-klijenti u għall-konsumaturi tas-servizzi finanzjarji.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera skont l-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), il-partijiet għas-SESF għandhom jikkooperaw b'fiduċja u rispett reċiproku sħiħ, b'mod partikolari sabiex jiżguraw il-fluss ta' informazzjoni adegwata u affidabbli bejniethom u mingħand l-Awtorità lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.";

(c) fil-paragrafu 5, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi nazzjonali, ir-referenzi f'dan ir-Regolament għal superviżjoni għandhom jinkludu l-attivitajiet rilevanti kollha tal-awtoritajiet kompetenti kollha li jridu jitwettqu skont l-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2).";

(3) l-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*
*Responsabbiltà tal-Awtoritajiet*

1. L-Awtoritajiet imsemmija fil-punti minn (a) sa (d) tal-Artikolu 2(2) għandhom ikunu responsabbli lejn il-Parlament Ewropew u lejn il-Kunsill. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkun responsabbli lejn il-Parlament Ewropew u lejn il-Kunsill fir-rigward tal-eżerċizzju tal-kompiti superviżorji kkonferiti lilu bir-Regolament (UE) Nru 1024/2013, f'konformità ma' dak ir-Regolament.

2. F'konformità mal-Artikolu 226 TFUE, l-Awtorità għandha tikkoopera bis-sħiħ mal-Parlament Ewropew matul kwalunkwe investigazzjoni mwettqa taħt dak l-Artikolu.

3. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jadotta rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Awtorità, inkluż dwar il-qadi tad-dmirijiet tal-President, u għandu, sal-15 ta' Ġunju ta' kull sena, jibgħat dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Ir-rapport għandu jsir pubbliku.

4. Fuq talba tal-Parlament Ewropew, il-President għandu jipparteċipa f'seduta ta' smigħ quddiem il-Parlament Ewropew dwar il-prestazzjoni tal-Awtorità. Għandha ssir seduta ta' smigħ tal-inqas annwalment. Il-President għandu jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-Parlament Ewropew u jwieġeb kwalunkwe mistoqsija mressqa mill-membri tiegħu, kull meta jiġi mitlub jagħmel dan.

5. Il-President għandu jippreżenta rapport bil-miktub dwar l-attivitajiet tal-Awtorità lill-Parlament Ewropew meta jintalab jagħmel dan u mill-inqas 15-il jum qabel jagħmel id-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 4.

6. Minbarra l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 11 sa 18 u l-Artikoli 20 u 33, ir-rapport għandu jinkludi wkoll kwalunkwe informazzjoni rilevanti mitluba mill-Parlament Ewropew fuq bażi ad hoc.

7. L-Awtorità għandha twieġeb bil-fomm jew bil-miktub għal kwalunkwe mistoqsija indirizzata lilha mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien ħames ġimgħat mir-riċezzjoni tagħha.

8. Fuq talba, il-President għandu jkollu diskussjonijiet kunfidenzjali bil-fomm fil-magħluq mal-President, mal-Viċi Presidenti u mal-Koordinaturi tal-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew. Il-parteċipanti kollha għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti tas-segretezza professjonali.

9. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tiegħu ta' kunfidenzjalità li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni f'fora internazzjonali, l-Awtorità għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, meta tintalab tagħmel dan, dwar il-kontribut tagħha għal rappreżentanza magħquda, komuni, konsistenti u effettiva tal-interessi tal-Unjoni f'tali fora internazzjonali.";

(4) l-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(1) 'istituzzjoni finanzjarja' tfisser kwalunkwe impriża li hija soġġetta għal regolamentazzjoni u superviżjoni skont kwalunkwe wieħed mill-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2);";

(b) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(1a) 'operatur fis-settur finanzjarju' tfisser 'entità' kif imsemmija fl-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2015/849, li hija jew istituzzjoni finanzjarja kif definita fil-punt (1) ta' dan l-Artikolu jew fil-punt (1) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 jew 'parteċipant fis-swieq finanzjarji' kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010;";

(c) il-punt (2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(2) 'awtoritajiet kompetenti' tfisser:

(i) awtoritajiet kompetenti kif definiti fil-punt (40) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, inkluż il-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward tal-kwistjonijiet relatati mal-kompiti mogħtija lilu bir-Regolament (UE) Nru 1024/2013;

(ii) fir-rigward tad-Direttiva 2002/65/KE, l-awtoritajiet u l-korpi kompetenti biex jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva mill-istituzzjonijiet finanzjarji;

(iii) fir-rigward tad-Direttiva (UE) 2015/849, l-awtoritajiet u l-korpi li jissorveljaw l-operaturi fis-settur finanzjarju u li huma kompetenti biex jiżguraw il-konformità tagħhom mar-rekwiżiti ta’ dik id-Direttiva;

(iv) fir-rigward tal-iskemi ta’ garanzija tad-depożiti, il-korpi li jamministraw l-iskemi ta’ garanzija tad-depożiti skont id-Direttiva 2014/49/UE jew, fejn l-operat tal-iskema ta’ garanzija tad-depożiti jkun amministrat minn kumpanija privata, l-awtorità pubblika li tagħmel superviżjoni ta' dawk l-iskemi skont dik id-Direttiva u l-awtoritajiet amministrattivi rilevanti kif imsemmija f’dik id-Direttiva;

(v) fir-rigward tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* u tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nominati skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/59/UE, il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 806/2014, u l-Kunsill u l-Kummissjoni meta jieħdu azzjonijiet taħt l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, għajr meta huma jeżerċitaw setgħat diskrezzjonali jew jagħmlu għażliet ta' politika;

(vi) 'awtoritajiet kompetenti' kif imsemmija fid-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***, fir-Regolament (UE) 2015/751 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****, fid-Direttiva (UE) 2015/2366, fid-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***** u fir-Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill******;

(vii) 'korpi u awtoritajiet' kif imsemmija fl-Artikolu 20 tad-Direttiva 2008/48/KE.

______________

* Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu u ditti ta’ investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).

** Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1).

*** Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ Frar 2014 dwar kuntratti ta’ kreditu għall-konsumaturi marbutin ma’ proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34).

**** Regolament (UE) 2015/751 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar it-tariffi tal-interkambju għat-transazzjonijiet ta' pagament permezz ta' kard (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 1).

***** Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7).

****** Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u tan-negozju għat-trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti bl-euro u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 924/2009 (ĠU L 94, 30.3.2012, p. 22).";

(5) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) abbażi tal-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), li tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' standards u prattiki regolatorji u superviżorji komuni ta' kwalità għolja, b'mod partikolari billi tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni, linji gwida, rakkomandazzjonijiet u miżuri oħra, inklużi opinjonijiet;";

(ii) il-punt (aa) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(aa) li tiżviluppa u żżomm manwal ta' superviżjoni aġġornat tal-Unjoni dwar is-superviżjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji fl-Unjoni li għandu jistipula l-aħjar prattiki superviżorji u metodoloġiji u proċessi ta' kwalità għolja u li jqis, fost l-oħrajn, il-prattiki kummerċjali u l-mudelli kummerċjali li qegħdin jinbidlu u d-daqs tal-istituzzjonijiet u s-swieq finanzjarji;";

(iii) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(ab) li tiżviluppa u żżomm manwal ta' riżoluzzjoni aġġornat tal-Unjoni dwar ir-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji fl-Unjoni li għandu jistipula l-aħjar prattiki u metodoloġiji u proċessi ta' kwalità għolja għar-riżoluzzjoni, filwaqt li jqis il-ħidma tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, u l-prattiki ta' negozju u l-mudelli ta' negozju li qegħdin jinbidlu u d-daqs tal-istituzzjonijiet u tas-swieq finanzjarji;";

(iv) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) li tikkontribwixxi għall-applikazzjoni konsistenti tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti, b'mod partikolari billi tikkontribwixxi lejn kultura superviżorja komuni, tiżgura applikazzjoni konsistenti, effiċjenti u effikaċi tal-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), timpedixxi l-arbitraġġ regolatorju, trawwem l-indipendenza superviżorja u twettaq monitoraġġ tagħha, timmedja u ssolvi nuqqasijiet ta' qbil bejn l-awtoritajiet kompetenti, tiżgura s-superviżjoni effikaċi u konsistenti tal-istituzzjonijiet finanzjarji, tiżgura funzjonament koerenti tal-kulleġġi tas-superviżuri u tieħu azzjonijiet, inter alia, f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza;";

(v) il-punti (e) sa (h) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(e) li torganizza u twettaq reviżjonijiet bejn il-pari tal-awtoritajiet kompetenti, u, f'dak il-kuntest, li toħroġ linji gwida u rakkomandazzjonijiet u li tidentifika l-aħjar prattiki, bl-għan li tissaħħaħ il-konsistenza fl-eżiti superviżorji;

(f) li timmonitorja u tivvaluta l-iżviluppi tas-suq fil-qasam tal-kompetenzi tagħha, inklużi, fejn rilevanti, l-iżviluppi relatati max-xejriet fil-kreditu, b'mod partikolari, għall-unitajiet domestiċi u l-SMEs u fis-servizzi finanzjarji innovattivi filwaqt li tikkunsidra kif dovut l-iżviluppi relatati ma' fatturi ambjentali, soċjali u dawk relatati mal-governanza;

(g) li tagħmel analiżijiet tas-suq biex tinforma l-proċedura ta' kwittanza għall-funzjonijiet tal-Awtorità;

(h) li trawwem, fejn ikun rilevanti, il-protezzjoni tad-depożituri, tal-konsumaturi u tal-investituri, b'mod partikolari fir-rigward tan-nuqqasijiet f'kuntest transfruntier u b'kunsiderazzjoni tar-riskji relatati;";

(vi) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(ia) li tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' strateġija komuni tal-Unjoni dwar data finanzjarja;";

(vii) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(ka) li tippubblika fil-website tagħha, u li taġġorna b'mod regolari, l-istandards tekniċi regolatorji, l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni, il-linji gwida, ir-rakkomandazzjonijiet u l-mistoqsijiet u tweġibiet kollha għal kull att leġiżlattiv imsemmi fl-Artikolu 1(2), inklużi ħarsiet ġenerali li jikkonċernaw is-sitwazzjoni attwali tal-ħidma li tkun għaddejja u l-iskeda ta' żmien ippjanata għall-adozzjoni ta' abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji u ta' abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni.";

(viii) jiżdied il-punt li ġej:

"(l) li tikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu, inkluż billi tippromwovi l-applikazzjoni konsistenti, effiċjenti u effikaċi tal-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 u tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 rispettivament fir-rigward tal-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-fini ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu.";

(b) fil-paragrafu 1a, il-punt (b) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(b) filwaqt li jitqies kif dovut l-objettiv li jiġu żgurati s-sigurtà u solidità tal-istituzzjonijiet finanzjarji, tikkunsidra b'mod sħiħ it-tipi, il-mudelli ta' negozju u d-daqsijiet differenti tal-istituzzjonijiet finanzjarji; u”;

(c) fil-paragrafu 1a, jiżdied il-punt li ġej:

“(c) tikkunsidra l-innovazzjoni teknoloġika, il-mudelli ta’ negozju innovattivi u sostenibbli u l-integrazzjoni tal-fatturi ambjentali, soċjali u dawk relatati mal-governanza.”;

(d) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) jiddaħħal il-punt li ġej:

“(ca) toħroġ rakkomandazzjonijiet, kif stipulat fl-Artikolu 29a;

(ii) jiddaħħal il-punt li ġej:

“(da) toħroġ twissijiet f'konformità mal-Artikolu 9(3);”;

(iii) il-punt (g) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(g) toħroġ opinjonijiet għall-Parlament Ewropew, għall-Kunsill, jew għall-Kummissjoni kif previst fl-Artikolu 16a;”;

(iv) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(ga) toħroġ tweġibiet għal mistoqsijiet, kif stipulat fl-Artikolu 16b;

(gb) tieħu azzjoni f'konformità mal-Artikolu 9c;";

(e) il-paragrafu 2a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Fit-twettiq tal-kompiti msemmija fil-paragrafu 1 u fl-eżerċizzju tas-setgħat imsemmija fil-paragrafu 2, l-Awtorità għandha taġixxi abbażi, u fil-limiti, tal-qafas leġislattiv u għandha tikkunsidra debitament il-prinċipju ta' proporzjonalità, fejn ikun rilevanti, u r-regolamentazzjoni aħjar, inklużi r-riżultati ta' analiżijiet tal-ispejjeż u l-benefiċċji ġġenerati f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Il-konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa msemmija fl-Artikoli 10, 15, 16 u 16a għandhom isiru bl-aktar mod wiesa' possibbli sabiex jiġi żgurat approċċ inklużiv lejn il-partijiet interessati kollha u għandhom jippermettu żmien raġonevoli sabiex il-partijiet interessati jwieġbu. L-Awtorità għandha tippubblika sommarju tar-rispons li jaslilha mingħand il-partijiet interessati u ħarsa ġenerali lejn kif l-informazzjoni u l-opinjonijiet miġbura mill-konsultazzjoni ntużaw f'abbozz ta' standard tekniku regolatorju u f'abbozz ta' standard tekniku ta' implimentazzjoni.";

(6) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-ġbir, l-analiżi u r-rappurtar dwar tendenzi tal-konsumaturi, bħall-iżvilupp tal-ispejjeż u l-imposti tas-servizzi u l-prodotti finanzjarji għall-konsumatur fl-Istati Membri;";

(ii) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(aa) it-twettiq ta' rieżamijiet tematiċi fil-fond tal-imġiba tas-suq u l-bini ta' fehim komuni tal-prattiki tas-swieq sabiex jiġu identifikati l-problemi potenzjali u jiġi analizzat l-impatt tagħhom;

(ab) l-iżvilupp ta' indikaturi tar-riskju fil-livell tal-konsumaturi għall-identifikazzjoni f'waqtha tal-kawżi potenzjali ta' detriment għall-konsumaturi;";

(iii) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(e) il-kontribut għal kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq intern fejn il-konsumaturi u utenti oħra ta' servizzi finanzjarji jkollhom aċċess ġust għas-servizzi u l-prodotti finanzjarji;

(f) it-trawwim ta' żviluppi ulterjuri f'termini ta' regolamentazzjoni u superviżjoni li jistgħu jiffaċilitaw armonizzazzjoni u integrazzjoni aktar profondi fil-livell tal-Unjoni;

(g) il-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' xiri bil-moħbi ta' awtoritajiet kompetenti, jekk dan ikun applikabbli.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Awtorità għandha tissorvelja l-attivitajiet finanzjarji ġodda u eżistenti u tista' tadotta linji gwida u rakkomandazzjonijiet bil-għan li tippromwovi s-sikurezza u s-saħħa tas-swieq, u l-konverġenza u l-effettività tal-prattiki regolatorji u superviżorji.";

(c) il-paragrafi 4 u 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"4. L-Awtorità għandha tistabbilixxi, bħala parti integrali tagħha, Kumitat dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u l-innovazzjoni finanzjarja, li jiġbor flimkien l-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha u l-awtoritajiet responsabbli għall-protezzjoni tal-konsumatur bil-għan li tittejjeb il-protezzjoni tal-konsumatur, jinkiseb approċċ ikkoordinat għat-trattament regolatorju u superviżorju ta' attivitajiet finanzjarji ġodda jew innovattiva, u jingħataw pariri biex l-Awtorità tippreżentahom lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. L-Awtorità għandha tikkoopera mill-qrib mal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data stabbilit permezz tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* biex tevita d-duplikazzjoni, l-inkonsistenzi u l-inċertezza legali fil-qasam tal-protezzjoni tad-data. L-Awtorità tista' tistieden ukoll lill-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data bħala osservaturi fil-Kumitat.

5. L-Awtorità tista', b'mod temporanju, tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-kummerċjalizzazzjoni, id-distribuzzjoni jew il-bejgħ ta' ċerti prodotti, strumenti jew attivitajiet finanzjarji li jkollhom il-potenzjal li jikkawżaw dannu finanzjarju sinifikanti lill-klijenti jew lill-konsumaturi, jew ikunu ta' theddida għall-operat ordnat u għall-integrità tas-swieq finanzjarji jew għall-istabilità tas-sistema finanzjarja kollha jew ta' parti minnha fl-Unjoni f'każijiet speċifikati, u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti, fl-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), jew, jekk ikun meħtieġ, f'każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza konformement mal-Artikolu 18 u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fih.

L-Awtorità għandha tirrevedi d-deċiżjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu f'intervalli adatti u mill-inqas kull sitt xhur. Wara mill-inqas żewġ tiġdidiet konsekuttivi, u abbażi ta' analiżi xierqa sabiex jiġi vvalutat l-impatt fuq il-klijent jew il-konsumatur, l-Awtorità tista' tiddeċiedi dwar it-tiġdid annwali tal-projbizzjoni.

Stat Membru jista' jitlob lill-Awtorità biex terġa' tikkunsidra d-deċiżjoni tagħha. F'dak il-każ, l-Awtorità għandha tiddeċiedi, f'konformità mal-proċedura stabbilita fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 44(1), jekk iżżommx dik id-deċiżjoni.

L-Awtorità tista' wkoll tivvaluta l-ħtieġa li tipprojbixxi jew tirrestrinġi ċerti tipi ta' attività jew prattika finanzjarja u, fejn ikun hemm tali bżonn, tinforma lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti sabiex tiffaċilita l-adozzjoni ta' kwalunkwe tali projbizzjoni jew restrizzjoni.

* Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).";

(7) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 9a*

*Kompiti speċjali marbuta mal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu*

1. L-Awtorità, fil-kompetenzi rispettivi tagħha, għandha tieħu rwol ta' tmexxija, ta' koordinazzjoni u ta' monitoraġġ fil-promozzjoni tal-integrità, tat-trasparenza u tas-sigurtà fis-sistema finanzjarja billi tadotta miżuri għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu f'dik is-sistema**.** F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, dawk il-miżuri ma għandhomx jeċċedu dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament u tal-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) u għandhom iqisu b'mod xieraq in-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji, il-prattiki kummerċjali, il-mudelli ta' negozju u d-daqs tal-operaturi u tas-swieq fis-settur finanzjarju. Dawk il-miżuri għandhom jinkludu:

(a) il-ġbir ta’ informazzjoni minn awtoritajiet kompetenti b’rabta mad-dgħufijiet identifikati matul il-proċeduri li jkunu għaddejjin ta’ superviżjoni u ta’ awtorizzazzjoni fil-proċessi u fil-proċeduri, fl-arranġamenti ta’ governanza, fl-idoneità u fl-adegwatezza, fl-akkwist tal-parteċipazzjonijiet kwalifikanti, fil-mudelli ta’ negozju u fl-attivitajiet ta' operaturi fis-settur finanzjarju fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu, kif ukoll il-miżuri meħuda mill-awtoritajiet kompetenti, bi tweġiba għad-dgħufijiet materjali li ġejjin li jaffettwaw wieħed jew iktar rekwiżiti tal-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) ta’ dan ir-Regolament, l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 u l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u u ta' kwalunkwe mil-liġijiet nazzjonali li jittrasponuhom, rispettivament, fir-rigward tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus jew tal-finanzjament tat-terroriżmu u l-ġlieda kontra l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tagħhom:

(i) ksur jew ksur potenzjali minn operatur fis-settur finanzjarju ta’ tali rekwiżiti,

(ii) l-applikazzjoni mhux xierqa jew ineffettiva minn operatur fis-settur finanzjarju ta’ tali rekwiżiti, jew

(iii) l-applikazzjoni mhux xierqa jew ineffettiva minn operatur fis-settur finanzjarju tal-politiki u l-proċeduri interni tiegħu biex jikkonforma ma’ tali rekwiżiti.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu din l-informazzjoni kollha lill-Awtorità, flimkien ma' kwalunkwe obbligu taħt l-Artikolu 35 ta' dan ir-Regolament u għandhom iżommu lill-Awtorità infurmata fi żmien debitu dwar kwalunkwe żvilupp sussegwenti relatat mal-informazzjoni pprovduta. L-Awtorità għandha tikkoordina mill-qrib mal-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja tal-UE (FIUs) kif imsemmija fid-Direttiva (UE) 2015/849, filwaqt li tirrispetta l-istatus u l-obbligi tagħhom u mingħajr ebda duplikazzjoni mhux meħtieġa.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jaqsmu, f'konformità mal-liġi nazzjonali, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li jqisu rilevanti għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu mal-bażi ta' data ċentrali msemmija fil-paragrafu 2;

(b) il-koordinazzjoni mill-qrib, u, fejn xieraq, l-iskambju ta' informazzjoni, mal-awtoritajiet kompetenti, inkluż il-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' kwistjonijiet marbuta mal-kompiti kkonferiti lilu bir-Regolament (UE) Nru 1024/2013, u mal-awtoritajiet fdati bid-dmir pubbliku li jissorveljaw l-entitajiet marbutin b'obbligu elenkati fil-punti (1) u (2) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2015/849, kif ukoll mal-FIUs, filwaqt li jiġi rrispettat l-istatus u l-obbligi tal-FIUs taħt id-Direttiva (UE) 2015/849;

(c) l-iżvilupp ta' gwida u standards komuni għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu fis-settur finanzjarju u l-promozzjoni tal-implimentazzjoni konsistenti tagħhom b'mod partikolari billi jiġu żviluppati abbozzi ta' standards regolatorji u ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-mandati stabbiliti fl-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), linji gwida, rakkomandazzjonijiet, u miżuri oħra, inklużi opinjonijiet li għandhom ikunu bbażati fuq l-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2);

(d) l-għoti ta' assistenza lill-awtoritajiet kompetenti, b'segwitu għar-rikjesti speċifiċi tagħhom;

(e) il-monitoraġġ tal-iżviluppi fis-suq u l-valutazzjoni tal-vulnerabbilitajiet u r-riskji relattivament għall-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu fis-settur finanzjarju.

Sa ...[12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], l-Awtorità għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-definizzjoni ta' dgħufijiet kif imsemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, inklużi s-sitwazzjonijiet korrispondenti fejn jistgħu jseħħu d-dgħufijiet, il-materjalità tad-dgħufijiet tagħhom u l-implimentazzjoni prattika tal-ġbir tal-informazzjoni mill-Awtorità kif ukoll it-tip ta' informazzjoni li jenħtieġ li tiġi pprovduta skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu. Fl-iżvilupp ta' dawk l-istandards tekniċi, l-Awtorità għandha tikkunsidra l-volum tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta u l-ħtieġa li tiġi evitata d-duplikazzjoni. Hija għandha wkoll tistabbilixxi arranġamenti biex tiżgura l-effettività u l-kunfidenzjalità.

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14.

2. L-Awtorità għandha tistabbilixxi u żżomm aġġornata bażi tad-data ċentrali b'informazzjoni miġbura skont il-punt (a) tal-paragrafu 1. L-Awtorità għandha tiżgura li dik l-informazzjoni tiġi analizzata u li ssir disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti fuq bażi ta' ħtieġa ta' tagħrif u kunfidenzjali. Fejn xieraq, l-Awtorità tista' tittrażmetti evidenza li tkun fil-pussess tagħha u li tista' twassal għal proċedimenti kriminali lill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat skont ir-regoli proċedurali nazzjonali. Fejn xieraq, l-Awtorità tista' wkoll tittrażmetti evidenza lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew fejn tali evidenza tikkonċerna reati li fir-rigward tagħhom l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew jeżerċita jew jista' jeżerċita kompetenza skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939*.

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jindirizzaw talbiet motivati lill-Awtorità għal informazzjoni dwar operaturi fis-settur finanzjarju rilevanti għall-attivitajiet superviżorji tagħhom fir-rigward tal-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew tal-finanzjament tat-terroriżmu. L-Awtorità għandha tivvaluta dawk it-talbiet u tagħti l-informazzjoni mitluba mill-awtoritajiet kompetenti fuq bażi ta' ħtieġa ta' tagħrif u fi żmien xieraq. Fejn l-Awtorità ma tipprovdix l-informazzjoni mitluba, hija għandha tgħarraf lill-awtorità kompetenti li tkun għamlet it-talba u tagħti spjegazzjoni għaliex ma pprovdietx l-informazzjoni. L-Awtorità għandha tinforma lill-awtorità kompetenti, jew lil kwalunkwe awtorità jew istituzzjoni oħra li tkun inizjalment ipprovdiet l-informazzjoni mitluba, bl-identità tal-awtorità kompetenti li tagħmel it-talba, l-identità tal-operatur ikkonċernat fis-settur finanzjarju, ir-raġuni għat-talba għall-informazzjoni kif ukoll jekk l-informazzjoni ġietx kondiviża. Barra minn hekk, l-Awtorità għandha tanalizza l-informazzjoni sabiex tikkondividi informazzjoni rilevanti fuq inizjattiva tagħha stess ma' awtoritajiet kompetenti għall-attivitajiet superviżorji tagħhom fir-rigward tal-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew tal-finanzjament tat-terroriżmu. Fejn fil-fatt tikkondividi, hija għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti li inizjalment tkun ipprovdiet l-informazzjoni. Hija għandha twettaq ukoll analiżi fuq bażi aggregata għall-opinjoni li hi mitluba tagħti skont l-Artikolu 6(5) tad-Direttiva (UE) 2015/849.

Sa ...[12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], l-Awtorità għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw kif l-informazzjoni għandha tiġi analizzata u ssir disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti fuq bażi ta' ħtieġa ta' tagħrif u kunfidenzjali.

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu skont l-Artikoli 10 sa 14.

4. L-Awtorità għandha tippromwovi l-konverġenza tal-proċessi superviżorji msemmija fid-Direttiva (UE) 2015/849, inkluż billi twettaq rieżamijiet bejn il-pari, u magħhom toħroġ rapporti relatati u miżuri ta' segwitu skont l-Artikolu 30 ta' dan ir-Regolament. L-Awtorità, meta twettaq dawn ir-rieżamijiet skont l-Artikolu 30 ta' dan ir-Regolament, għandha tqis l-evalwazzjonijiet, valutazzjonijiet jew rapporti rilevanti mħejjija minn organizzazzjonijiet internazzjonali u korpi intergovernattivi b'kompetenza fil-qasam tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus jew tal-finanzjament tat-terroriżmu kif ukoll ir-rapport biennali magħmul mill-Kummissjoni taħt l-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2015/849 u l-valutazzjonijiet tar-riskju mwettqa mill-Istati Membri skont l-Artikolu 7 ta' dik id-Direttiva.

5. L-Awtorità, bil-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, għandha twettaq valutazzjonijiet tar-riskji tal-istrateġiji, il-kapaċitajiet u r-riżorsi tal-awtoritajiet kompetenti biex jindirizzaw ir-riskji emerġenti l-aktar importanti marbuta mal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu fil-livell tal-Unjoni kif identifikati fil-valutazzjoni tar-riskji supranazzjonali. Hija għandha twettaq dawk il-valutazzjonijiet tar-riskju b'mod partikolari għall-fini tal-għoti tal-opinjoni li hija tkun mitluba tagħti skont l-Artikolu 6(5) tad-Direttiva (UE) 2015/849. L-Awtorità għandha twettaq valutazzjonijiet tar-riskju fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli għaliha, inklużi r-rieżamijiet bejn il-pari skont l-Artikolu 30 ta' dan ir-Regolament, l-analiżi li tkun saret minnha fuq bażi aggregata tal-informazzjoni miġbura għall-finijiet tal-bażi ta' data ċentrali skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, kif ukoll tal-evalwazzjonijiet, valutazzjonijiet jew rapporti rilevanti mfassla minn organizzazzjonijiet internazzjonali u korpi intergovernattivi b'kompetenza fil-qasam tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu u tal-valutazzjonijiet tar-riskju mill-Istati Membri mħejjija skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva (UE) 2015/849. L-Awtorità għandha tagħmel il-valutazzjonijiet tar-riskju disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti kollha.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Awtorità, permezz tal-kumitat intern stabbilit taħt il-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, għandha tiżviluppa u tapplika metodi li jippermettu valutazzjoni oġġettiva, kif ukoll rieżami ta' kwalità għolja u konsistenti tal-valutazzjonijiet u l-applikazzjoni tal-metodoloġija u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi. Dak il-kumitat intern għandu jwettaq ir-rieżami tal-kwalità u l-konsistenza tal-valutazzjonijiet tar-riskji. Huwa għandu jħejji l-abbozzi ta' valutazzjonijiet tar-riskju għall-adozzjoni mill-Bord tas-Superviżuri skont l-Artikolu 44.

6. F'każijiet fejn ikun hemm indikazzjonijiet ta' ksur, min-naħa tal-operaturi fis-settur finanzjarju, tar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2015/849 u fejn ikun hemm dimensjoni transfruntiera ma' pajjiżi terzi, l-Awtorità għandu jkollha rwol ewlieni fil-kontribuzzjoni għall-faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Unjoni u l-awtoritajiet rilevanti f'pajjiżi terzi fejn ikun meħtieġ. Dan ir-rwol tal-Awtorità għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-interazzjonijiet regolari mill-awtoritajiet kompetenti mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi.

7. L-Awtorità għandha tistabbilixxi kumitat intern permanenti dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu biex jikkoordina miżuri biex jipprevjenu u jiġġieldu l-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu u biex jipprepara, skont ir-Regolament (UE) 2015/847 u d-Direttiva (UE) 2015/849, l-abbozzi kollha tad-deċiżjonijiet li tkun trid tieħu l-Awtorità skont l-Artikolu 44 ta' dan ir-Regolament.

8. Il-kumitat imsemmi fil-paragrafu 7 għandu jkun magħmul minn rappreżentanti ta' livell għoli tal-awtoritajiet u l-korpi tal-Istati Membri kollha kompetenti biex jiżguraw konformità minn operaturi fis-settur finanzjarju mar-Regolament (UE) 2015/847 u d-Direttiva (UE) 2015/849 li jkollhom għarfien espert u setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-qasam tal-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew tal-finanzjament tat-terroriżmu kif ukoll minn rappreżentanti ta' livell għoli li jkollhom għarfien espert fil-mudelli differenti ta' negozju u fl-ispeċifiċitajiet settorjali tal-Awtorità, tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) rispettivament. Ir-rappreżentanti ta' livell għoli tal-Awtorità u ta' dawk l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej oħra għandhom jieħdu sehem fil-laqgħat ta' dak il-kumitat mingħajr id-dritt tal-vot. Barra minn hekk, il-Kummissjoni, il-BERS, u l-Bord Superviżorju tal-Bank Ċentrali Ewropew, għandhom kollha jinnominaw rappreżentant ta' livell għoli biex jieħu sehem fil-laqgħat ta' dak il-kumitat, bħala osservatur. Il-president ta' dak il-kumitat għandu jiġi elett mill-membri votanti ta' dak il-kumitat u minn fosthom stess.

Kull istituzzjoni, awtorità u korp imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jinnominaw rappreżentant supplenti mill-persunal tagħhom, li jista' jissostitwixxi lill-membru meta dik il-persuna ma tkunx tista' tattendi. L-Istati Membri fejn aktar minn awtorità waħda tkun kompetenti biex tiżgura l-konformità mad-Direttiva (UE) 2015/849 għall-operaturi fis-settur finanzjarju jistgħu jinnominaw rappreżentant wieħed għal kull awtorità kompetenti. Irrispettivament mill-għadd ta' awtoritajiet kompetenti rappreżentati fil-laqgħa, kull Stat Membru għandu jkollu vot wieħed. Dak il-kumitat jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma interni dwar aspetti speċifiċi tal-ħidma tiegħu bil-ħsieb li jħejju abbozzi ta' deċiżjonijiet ta' dak il-kumitat. Dawk il-gruppi għandhom ikunu miftuħa għall-parteċipazzjoni tal-persunal mill-awtoritajiet kompetenti kollha rappreżentati f'dak il-kumitat u mill-Awtorità, l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq).

9. L-Awtorità, l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) jistgħu fi kwalunkwe mument jippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub dwar kwalunkwe abbozz ta' deċiżjoni tal-kumitat imsemmi fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu. Il-Bord tas-Superviżuri għandu debitament jikkunsidra tali osservazzjonijiet qabel ma jieħu d-deċiżjoni finali tiegħu. Fejn abbozz ta' deċiżjoni jkun ibbażat fuq is-setgħat mogħtija lill-Awtorità jew marbut magħhom taħt l-Artikolu 9b, 17 jew 19 u jikkonċerna:

(a) istituzzjonijiet finanzjarji kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 jew kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet kompetenti li jagħmlu superviżjoni tagħhom, jew

(b) parteċipanti fis-swieq finanzjarji kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 jew kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet kompetenti li jagħmlu superviżjoni tagħhom,

l-Awtorità tista' biss tieħu d-deċiżjoni bi qbil mal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) fil-każ tal-punt (a), jew mal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) fil-każ tal-punt (b). L-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) jew l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) għandhom jinnotifikaw il-fehmiet tagħhom lill-Awtorità fi żmien 20 jum mid-data tal-abbozz tad-deċiżjoni mill-kumitat imsemmi fil-paragrafu 7. Fejn huma ma jinnotifikawx il-fehmiet tagħhom lill-Awtorità fi żmien 20 jum u lanqas ma jitolbu estensjoni debitament ġustifikata għan-notifika ta' tali fehmiet, għandu jkun preżunt li hemm qbil.

*Artikolu 9b*

*Talba għal investigazzjoni marbuta mal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu*

1. Fi kwistjonijiet li jikkonċernaw il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu skont id-Direttiva (UE) 2015/849, l-Awtorità tista', fejn ikollha indikazzjonijiet ta' ksur materjali, titlob lil awtorità kompetenti kif imsemmija fil-punt (2)(iii) tal-Artikolu 4 biex: (a) tinvestiga l-ksur possibbli tal-liġi tal-Unjoni, u fejn tali liġi tal-Unjoni tkun magħmula minn direttivi jew espliċitament tagħti opzjonijiet lill-Istati Membri, tinvestiga l-ksur tal-liġi nazzjonali sa fejn din tittrasponi Direttivi jew teżerċita opzjonijiet mogħtija lil Stati Membri mil-liġi tal-Unjoni, minn operatur fis-settur finanzjarju; u (b) tikkunsidra li timponi sanzjonijiet lil dak l-operatur fir-rigward ta' tali ksur. Fejn meħtieġ, tista' titlob ukoll lil awtorità kompetenti kif imsemmija fil-punt (2)(iii) tal-Artikolu 4 biex tikkunsidra li tadotta deċiżjoni individwali indirizzata lil dak l-operatur fis-settur finanzjarju li titolbu jieħu l-azzjoni kollha meħtieġa biex jikkonforma mal-obbligi tiegħu taħt il-liġi tal-Unjoni applikabbli direttament, jew taħt il-liġi nazzjonali sa fejn din tittrasponi Direttivi jew teżerċita opzjonijiet mogħtija lil Stati Membri mil-liġi tal-Unjoni, inkluż il-waqfien ta' kwalunkwe prattika. It-talbiet imsemmija f'dan il-paragrafu ma għandhomx jimpedixxu l-miżuri superviżorji li jkunu għaddejjin meħudin mill-awtorità kompetenti li lilha tkun indirizzata t-talba.

2. L-awtorità kompetenti għandha tikkonforma ma' kwalunkwe talba indirizzata lilha skont il-paragrafu 1 u għandha tinforma lill-Awtorità, mill-aktar fis possibbli u sa mhux aktar tard minn 10 ijiem ta' xogħol, dwar il-passi li ħadet jew li beħsiebha tieħu biex tikkonforma ma' dik it-talba.

3. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni taħt l-Artikolu 258 tat-TFUE, fejn awtorità kompetenti ma tinformax lill-Awtorità fi żmien 10 ijiem ta' xogħol bil-passi li tkun ħadet jew li tkun beħsiebha tieħu biex tikkonforma mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, għandu japplika l-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 9c*

*Ittri meta ma titteħidx azzjoni*

1. L-Awtorità għandha tieħu l-miżuri msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali meta tikkunsidra li l-applikazzjoni ta' wieħed mill-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), jew ta' kwalunkwe att delegat jew ta' implimentazzjoni bbażat fuq dawk l-atti leġislattivi, tista' probabbilment tqajjem kwistjonijiet sinifikanti, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet:

   (a) l-Awtorità tikkunsidra li d-dispożizzjonijiet li jinsabu f'dak l-att jistgħu jkunu f'kunflitt dirett ma' att ieħor rilevanti;

   (b) fejn l-att ikun wieħed mill-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), in-nuqqas ta' atti delegati jew ta' implimentazzjoni li jikkomplementaw jew jispeċifikaw l-att inkwistjoni jqajjem dubji leġittimi rigward il-konsegwenzi legali li jirriżultaw mill-att leġislattiv jew l-applikazzjoni proprja tiegħu;

(c) in-nuqqas ta' linji gwida u rakkomandazzjonijiet kif imsemmija fl-Artikolu 16 iqajjem diffikultajiet prattiċi rigward l-applikazzjoni tal-att leġislattiv rilevanti.

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-Awtorità għandha tibgħat rendikont dettaljat bil-miktub tal-kwistjonijiet li hija tqis li jeżistu lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Kummissjoni.

Fil-każijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, l-Awtorità għandha tipprovdi lill-Kummissjoni b'opinjoni dwar kwalunkwe azzjoni li hija tqis xierqa, fil-forma ta' proposta leġislattiva ġdida jew ta' proposta għal att ġdid, delegat jew ta' implimentazzjoni, u dwar l-urġenza li, skont l-Awtorità, hija marbuta mal-kwistjoni. L-Awtorità għandha tagħmel l-opinjoni tagħha pubblika.

Fil-każ imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Awtorità għandha tevalwa mill-aktar fis possibbli l-ħtieġa li tadotta linji gwida jew rakkomandazzjonijiet rilevanti kif provdut fl-Artikolu 16.

L-Awtorità għandha taġixxi bil-ħeffa, partikolarment bil-ħsieb li tikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, kull meta jkun possibbli.

3. Fejn meħtieġ fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, u sa meta jiġu adottati u applikati miżuri ġodda wara l-passi msemmija fil-paragrafu 2, l-Awtorità għandha toħroġ opinjonijiet rigward dispożizzjonijiet speċifiċi tal-atti msemmija fil-paragrafu 1 bil-ħsieb li jkomplu jiġu segwiti prattiki superviżorji u ta' infurzar konsistenti, effiċjenti u effettivi, u l-applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tal-liġi tal-Unjoni.

4. Fejn, abbażi tal-informazzjoni riċevuta, partikolarment mill-awtoritajiet kompetenti, l-Awtorità tikkunsidra li kwalunkwe mill-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), jew kwalunkwe att delegat jew ta' implimentazzjoni bbażat fuq dawk l-atti leġislattivi, jqajmu kwistjonijiet eċċezzjonali sinifikanti li jappartjenu għall-fiduċja tas-suq, il-protezzjoni tal-konsumaturi, tal-klijenti jew tal-investituri, il-funzjonament tajjeb u l-integrità tas-swieq finanzjarji jew is-swieq tal-komoditajiet, jew l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja kollha jew ta' parti minnha fl-Unjoni, hija għandha, mingħajr dewmien bla bżonn, tibgħat rendikont dettaljat bil-miktub lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Kummissjoni tal-kwistjonijiet li hija tqis li jeżistu. L-Awtorità tista' tipprovdi lill-Kummissjoni b'opinjoni dwar kwalunkwe azzjoni li hija tqis xierqa, fil-forma ta' proposta leġislattiva ġdida jew ta' proposta għal att ġdid, delegat jew ta' implimentazzjoni, u dwar l-urġenza tal-kwistjoni. L-Awtorità għandha tagħmel l-opinjoni tagħha pubblika.

---

* Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p.1).";

(8) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Fejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jiddelegaw is-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta standards tekniċi regolatorji permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 TFUE sabiex tiżgura l-armonizzazzjoni konsistenti fl-oqsma stipulati speċifikament fl-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, l-Awtorità tista' tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji. L-Awtorità għandha tissottometti l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji tagħha lill-Kummissjoni għall-adozzjoni. Fl-istess ħin, l-Awtorità għandha tgħaddi dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji għall-informazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.";

(ii) it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Qabel ma tippreżentahom lill-Kummissjoni, l-Awtorità għandha tagħmel konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji u għandha tanalizza l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati, sakemm tali konsultazzjonijiet u analiżijiet ma jkunux ferm sproporzjonati fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u l-impatt tal-abbozzi tal-istandards tekniċi regolatorji kkonċernati jew fir-rigward tal-urġenza partikolari tal-kwistjoni. L-Awtorità għandha titlob ukoll il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati msemmi fl-Artikolu 37.";

(iii) ir-raba' subparagrafu jitħassar;

(iv) il-ħames u s-sitt subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi abbozz ta' standard tekniku regolatorju, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk tadottahx. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien debitu meta l-adozzjoni ma tistax isseħħ fi żmien il-perjodu ta' tliet xhur. Il-Kummissjoni tista' tadotta l-abbozz ta' standard tekniku regolatorju parzjalment biss, jew b'emendi, fejn l-interessi tal-Unjoni jirrikjedu dan.

Fejn il-Kummissjoni jkollha l-intenzjoni li ma tadottax abbozz ta' standard tekniku regolatorju jew li tadottah parzjalment jew b'emendi, hi għandha tibgħat l-abbozz ta' standard tekniku regolatorju lura lill-Awtorità, fejn tispjega għaliex hija ma tadottahx jew fejn tispjega r-raġunijiet għall-emendi fih. Il-Kummissjoni għandha tibgħat kopja tal-ittra tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Fi żmien perjodu ta' sitt ġimgħat, l-Awtorità tista' temenda l-abbozz ta' standard tekniku regolatorju fuq il-bażi tal-emendi proposti mill-Kummissjoni u terġa' tressqu lill-Kummissjoni fil-forma ta' opinjoni formali. L-Awtorità għandha tibgħat kopja tal-opinjoni formali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. Fejn l-Awtorità ma tkunx ressqet abbozz ta’ standard tekniku regolatorju fil-limitu ta’ żmien stipulat fl-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), il-Kummissjoni tista’ titlob tali abbozz f’limitu ta’ żmien ġdid. L-Awtorità għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, fi żmien debitu, li hija mhijiex se tikkonforma mal-limitu ġdid ta’ żmien.”;

(c) fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Il-Kummissjoni għandha tagħmel konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar abbozzi ta’ standards tekniċi regolatorji u tanalizza l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati, sakemm tali konsultazzjonijiet u analiżijiet ma jkunux sproporzjonati fir-rigward tal-kamp ta’ applikazzjoni u l-impatt tal-istandards tekniċi regolatorji kkonċernati jew fir-rigward tal-urġenza partikolari tal-kwistjoni. Il-Kummissjoni għandha wkoll titlob il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati msemmi fl-Artikolu 37.”;

(d) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“4. “L-istandards tekniċi regolatorji għandhom jiġu adottati permezz ta’ regolamenti jew deċiżjonijiet. Il-kliem ‘standard tekniku regolatorju’ għandu jidher fit-titolu ta' tali regolamenti jew deċiżjonijiet. Dawk l-istandards għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data msemmija fihom.”;

(9) fl-Artikolu 13(1), it-tieni subparagrafu jitħassar;

(10) l-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Fejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jikkonferixxu setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta standards tekniċi ta' implimentazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 TFUE, fl-oqsma stipulati speċifikament fl-atti leġislattivi msemmijin fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, l-Awtorità tista' tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni. L-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni għandhom ikunu tekniċi, ma għandhomx jinvolvu deċiżjonijiet strateġiċi jew għażliet ta' politika u l-kontenut tagħhom għandu jkun li jiddetermina l-kondizzjonijiet ta' applikazzjoni ta' dawk l-atti. L-Awtorità għandha tippreżenta l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni tagħha lill-Kummissjoni għall-adozzjoni. Fl-istess ħin, l-Awtorità għandha tgħaddi dawk l-istandards tekniċi għall-informazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Qabel ma tippreżenta l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni, l-Awtorità għandha tagħmel konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa u għandha tanalizza l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati, sakemm tali konsultazzjonijiet u analiżijiet ma jkunux ferm sproporzjonati fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u l-impatt tal-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni kkonċernati jew fir-rigward tal-urġenza partikolari tal-kwistjoni. L-Awtorità għandha titlob ukoll il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati msemmi fl-Artikolu 37.

Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi abbozz ta' standard tekniku ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk tadottahx. Il-Kummissjoni tista' testendi dak il-perjodu b'xahar. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien debitu fejn l-adozzjoni ma tistax isseħħ fi żmien il-perjodu ta' tliet xhur. Il-Kummissjoni tista' tadotta l-abbozz ta' standard tekniku ta' implimentazzjoni parzjalment biss, jew b'emendi, fejn l-interessi tal-Unjoni jirrikjedu dan.

Fejn il-Kummissjoni jkollha l-intenzjoni li ma tadottax abbozz ta' standard tekniku regolatorju jew ikollha l-intenzjoni li tadottah parzjalment jew b'emendi, hi għandha tibagħtu lura lill-Awtorità fejn tispjega għaliex hija ma għandhiex l-intenzjoni li tadottah jew, fejn tispjega r-raġunijiet għall-emendi fih. Il-Kummissjoni għandha tibgħat kopja tal-ittra tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. F'perjodu ta' sitt ġimgħat, l-Awtorità tista' temenda l-abbozz ta' standard tekniku ta' implimentazzjoni fuq il-bażi tal-emendi proposti mill-Kummissjoni u terġa' tressqu lill-Kummissjoni fil-forma ta' opinjoni formali. L-Awtorità għandha tibgħat kopja tal-opinjoni formali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Jekk, mal-iskadenza tal-perjodu ta' sitt ġimgħat imsemmi fir-raba' subparagrafu, l-Awtorità ma tkunx ippreżentat abbozz ta' standard tekniku ta' implimentazzjoni emendat, jew tkun ippreżentat abbozz ta' standard tekniku ta' implimentazzjoni li ma jkunx emendat b'mod konsistenti mal-emendi proposti tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tista' tadotta l-istandard tekniku ta' implimentazzjoni bl-emendi li hija tikkunsidra rilevanti jew tirrifjutah.

Il-Kummissjoni ma għandhiex tbiddel il-kontenut ta' abbozz ta' standard tekniku ta' implimentazzjoni mħejji mill-Awtorità mingħajr ma tikkoordina minn qabel mal-Awtorità, kif stipulat f'dan l-Artikolu.

2. Fejn l-Awtorità ma tkunx ressqet abbozz ta' standard tekniku ta' implimentazzjoni fil-limitu ta' żmien stipulat fl-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), il-Kummissjoni tista' titlob tali abbozz f'limitu ta' żmien ġdid. L-Awtorità għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, fi żmien debitu, li hija mhijiex se tikkonforma mal-limitu ġdid ta' żmien.";

(b) fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tagħmel konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni u tanalizza l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati, sakemm tali konsultazzjonijiet u analiżijiet ma jkunux sproporzjonati fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u l-impatt tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni kkonċernati jew fir-rigward tal-urġenza partikolari tal-kwistjoni. Il-Kummissjoni għandha titlob ukoll il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati msemmi fl-Artikolu 37.";

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati permezz ta' regolamenti jew deċiżjonijiet. Il-kliem 'standard tekniku ta' implimentazzjoni' għandu jidher fit-titolu ta' tali regolamenti jew deċiżjonijiet. Dawk l-istandards għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data msemmija fihom.";

(11) l-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-Awtorità, sabiex tistabbilixxi prattiki superviżorji konsistenti, effiċjenti u effikaċi fi ħdan is-SESF, u biex tiżgura l-applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tal-liġi tal-Unjoni, għandha toħroġ linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kollha jew lill-istituzzjonijiet finanzjarji kollha u toħroġ rakkomandazzjonijiet għal awtorità kompetenti waħda jew aktar jew għal istituzzjoni finanzjarja waħda jew aktar.

Il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet għandhom ikunu f'konformità mal-għotjiet ta' setgħa mill-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) jew f'dan l-Artikolu.

2. L-Awtorità, fejn xieraq, għandha tagħmel konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa rigward il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet li hija toħroġ u għandha tanalizza l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati tal-ħruġ ta' dawn il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet. Dawk il-konsultazzjonijiet u analiżijiet għandhom ikunu proporzjonati fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, in-natura u l-impatt tal-linji gwida jew tar-rakkomandazzjonijiet. L-Awtorità, meta jkun xieraq, għandha titlob ukoll parir mill-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati msemmija fl-Artikolu 37. Fejn l-Awtorità ma tagħmilx konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa jew ma titlobx parir mill-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati, l-Awtorità għandha tagħti raġunijiet għal dan.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet ma għandhomx sempliċiment jirreferu għal, jew jirriproduċu, elementi ta' atti leġislattivi. Qabel ma toħroġ linja gwida jew rakkomandazzjoni ġdida, l-Awtorità għandha l-ewwel tirrevedi l-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet eżistenti, sabiex tevita kwalunkwe duplikazzjoni.";

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 43(5), l-Awtorità għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet kollha li jkunu nħarġu.";

(12) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 16a*

*Opinjonijiet*

1. L-Awtorità tista', fuq talba mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni, jew fuq inizjattiva tagħha stess, tipprovdi opinjonijiet lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar kull kwistjoni marbuta mal-qasam ta' kompetenza tagħha.

2. It-talba msemmija fil-paragrafu 1 tista' tinkludi konsultazzjoni pubblika jew analiżi teknika.

3. Fir-rigward tal-valutazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2013/36/KE, u li skont dak l-Artikolu jirrikjedu konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti minn żewġ Stati Membri jew aktar, l-Awtorità tista', fuq talba ta' waħda mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati, toħroġ u tippubblika opinjoni dwar tali valutazzjonijiet. L-opinjoni għandha tinħareġ fil-pront u, fi kwalunkwe każ, qabel it-tmiem tal-perjodu ta' valutazzjoni msemmi f'dak l-Artikolu.

4. L-Awtorità tista', fuq talba mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni, tagħti parir tekniku lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni fl-oqsma stipulati fl-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2).

*Artikolu 16b*
*Mistoqsijiet u tweġibiet*

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, jistgħu jiġu ppreżentati mistoqsijiet relatati mal-applikazzjoni prattika jew mal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), atti assoċjati delegati u ta' implimentazzjoni, u linji gwida u rakkomandazzjonijiet adottati skont dawk l-atti leġislattivi, minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, inklużi awtoritajiet kompetenti u istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni, lill-Awtorità bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni.

Qabel ma jippreżentaw mistoqsija lill-Awtorità, l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jikkunsidraw jekk għandhomx jindirizzaw il-mistoqsija fl-ewwel lok lill-awtorità kompetenti tagħhom.

Qabel ma tippubblika tweġibiet għal mistoqsijiet ammissibbli, l-Awtorità tista’ tfittex kjarifika ulterjuri dwar mistoqsijiet mingħand il-persuna fiżika jew ġuridika msemmija f'dan il-paragrafu.

2. It-tweġibiet mill-Awtorità għal mistoqsijiet kif imsemmija fil-paragrafu 1 m'għandhomx ikunu vinkolanti. It-tweġibiet għandhom isiru disponibbli mill-inqas bil-lingwa li fiha tkun saret il-mistoqsija.

3. L-Awtorità għandha tistabbilixxi u żżomm għodda bbażata fuq il-web disponibbli fis-sit web tagħha għas-sottomissjoni ta' mistoqsijiet u l-pubblikazzjoni f’waqtha tal-mistoqsijiet kollha riċevuti kif ukoll it-tweġibiet kollha għall-mistoqsijiet kollha ammissibbli skont il-paragrafu 1, sakemm tali pubblikazzjoni ma tkunx f’kunflitt mal-interess leġittimu ta’ dawk il-persuni jew ma tkunx tinvolvi riskji għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. L-Awtorità tista’ tirrifjuta mistoqsijiet li mhijiex beħsiebha twieġeb. Il-mistoqsijiet rifjutati għandhom jiġu ppubblikati mill-Awtorità fis-sit web tagħha għal perjodu ta’ xahrejn.

4. Tliet membri votanti tal-Bord tas-Superviżuri jistgħu jitolbu lill-Bord tas-Superviżuri biex jiddeċiedi skont l-Artikolu 44 jekk għandhiex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-mistoqsija ammissibbli msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu f'linji gwida skont l-Artikolu 16, jiġix mitlub parir mill-Grupp ta' Partijiet Interessati msemmi fl-Artikolu 37, jiġux rieżaminati mistoqsijiet u tweġibiet f'intervalli adegwati, isirux konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa jew jiġux analizzati spejjeż u benefiċċji relatati potenzjali. Tali konsultazzjonijiet u analiżijiet għandhom ikunu proporzjonati fir-rigward tal-ambitu, in-natura u l-impatt tal-abbozz ta' mistoqsijiet u tweġibiet ikkonċernati jew fir-rigward tal-urġenza partikolari tal-kwistjoni. Meta jiġi involut il-Grupp tal-Partijiet Interessati msemmi fl-Artikolu 37, għandu japplika dmir tal-kunfidenzjalità.

5. L-Awtorità għandha tgħaddi l-mistoqsijiet li jirrikjedu l-interpretazzjoni tal-liġi tal-Unjoni lill-Kummissjoni. L-Awtorità għandha tippubblika kwalunkwe tweġiba mogħtija mill-Kummissjoni.";

(13) l-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fuq talba minn awtorità kompetenti waħda jew aktar, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati, jew fuq inizjattiva tagħha stess, inkluż meta din tkun ibbażata fuq informazzjoni ssostanzjata tajjeb minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, u wara li tinforma lill-awtorità kompetenti kkonċernata, l-Awtorità għandha tiddeskrivi kif beħsiebha tipproċedi bil-każ u, fejn xieraq, tinvestiga l-ksur jew nuqqas ta' applikazzjoni allegat tal-liġi tal-Unjoni.";

(ii) jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"Mingħajr preġudizzju għas-setgħat stabbiliti fl-Artikolu 35, l-Awtorità tista', wara li tkun infurmat lill-awtorità kompetenti kkonċernata, tindirizza talba debitament ġustifikata u motivata għall-informazzjoni direttament lil awtoritajiet kompetenti oħrajn, kull meta t-talba għal informazzjoni mingħand l-awtorità kompetenti kkonċernata tkun irriżultat, jew titqies bħala, mhux suffiċjenti biex tinkiseb l-informazzjoni li titqies bħala neċessarja għall-fini tal-investigazzjoni ta' ksur allegat jew nuqqas allegat ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni.

Id-destinatarju ta’ tali talba għandu jipprovdi lill-Awtorità b’informazzjoni ċara, preċiża u kompleta mingħajr dewmien bla bżonn.”;

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“2a. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat taħt dan ir-Regolament u qabel ma tinħareġ rakkomandazzjoni kif stipulat fil-paragrafu 3, l-Awtorità għandha tidħol f'kuntatt mal-awtorità kompetenti kkonċernata, meta hija tqis tali kuntatt xieraq sabiex jiġi riżolt ksur tal-liġi tal-Unjoni, f’tentattiv biex jintlaħaq ftehim dwar azzjonijiet meħtieġa biex l-awtorità kompetenti tikkonforma mal-liġi tal-Unjoni.”;

(c) il-paragrafi 6 u 7 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"6. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni taħt l-Artikolu 258 tat-TFUE, fejn awtorità kompetenti ma tikkonformax mal-opinjoni formali msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu fiż-żmien speċifikat fiha, u fejn ikun meħtieġ li tali nuqqas ta' konformità jiġi rimedjat f'waqtu sabiex jinżammu jew jerġa' jkun hemm il-kondizzjonijiet newtrali tal-kompetizzjoni fis-suq jew biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb u l-integrità tas-sistema finanzjarja, l-Awtorità tista', fejn ir-rekwiżiti rilevanti tal-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament ikunu applikabbli direttament għall-istituzzjonijiet finanzjarji jew, fil-kuntest tal-kwistjonijiet marbuta mal-prevenzjoni u mal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, għall-operaturi fis-settur finanzjarju, tadotta deċiżjoni individwali indirizzata lil istituzzjoni finanzjarja jew lil operatur ieħor fis-settur finanzjarju li tesiġi minnhom li jieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom taħt il-liġi tal-Unjoni, inkluż il-waqfien minn kwalunkwe prattika.

Fi kwistjonijiet marbuta mal-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu, fejn ir-rekwiżiti rilevanti tal-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) ma jkunux applikabbli direttament għall-operaturi fis-settur finanzjarju, l-Awtorità tista' tadotta deċiżjoni li tesiġi li l-awtorità kompetenti tikkonforma mal-opinjoni formali msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu fiż-żmien speċifikat fiha. Jekk l-awtorità ma tikkonformax ma' dik id-deċiżjoni, l-Awtorità tista' tadotta wkoll deċiżjoni skont l-ewwel subparagrafu. Għal dak l-għan, l-Awtorità għandha tapplika l-liġi rilevanti kollha tal-Unjoni, u fejn dik il-liġi tal-Unjoni tkun magħmula minn direttivi, għandha tapplika l-liġi nazzjonali sa fejn din tittrasponi dawk id-direttivi. Fejn il-liġi rilevanti tal-Unjoni tkun magħmula minn regolamenti u fejn dawk ir-regolamenti jkunu jagħtu espliċitament opzjonijiet lill-Istati Membri, l-Awtorità għandha tapplika wkoll il-liġi nazzjonali sa fejn tali opzjonijiet ġew eżerċitati.

Id-deċiżjoni tal-Awtorità għandha tkun konformi mal-opinjoni formali maħruġa mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 4.

7. Id-deċiżjonijiet adottati skont il-paragrafu 6 għandhom jipprevalixxu fuq kwalunkwe deċiżjoni preċedenti adottata mill-awtoritajiet kompetenti dwar l-istess kwistjoni.

Meta jieħdu azzjoni b'rabta ma' kwistjonijiet li jkunu soġġetti għal opinjoni formali skont il-paragrafu 4 jew għal deċiżjoni skont il-paragrafu 6, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonformaw mal-opinjoni formali jew mad-deċiżjoni, skont kif ikun il-każ.";

(14) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 17a*

*Protezzjoni tal-persuni li jirrappurtaw*

1. L-Awtorità għandu jkollha fis-seħħ kanali ta' rappurtar apposta biex tirċievi u tittratta informazzjoni pprovduta minn persuna fiżika jew ġuridika li tirrapporta dwar ksur reali jew potenzjali, abbuż tal-liġi, jew nuqqas ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni.

2. Il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jirrappurtaw permezz ta' dawk il-kanali għandhom ikunu protetti kontra r-ritaljazzjoni skont id-Direttiva (UE) 2019/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*][+], fejn applikabbli.

---

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li jinsab fid-dokument (2018)0106 (COD) u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna tal-asterisk.

3. L-Awtorità għandha tiżgura li l-informazzjoni kollha tista' tiġi ppreżentata b'mod anonimu jew kunfidenzjali, u b'mod sigur. Fejn l-Awtorità tqis li l-informazzjoni ppreżentata fiha evidenza jew indikazzjonijiet sinifikanti ta' ksur materjali, hija għandha tagħti feedback lill-persuna li tirrapporta.

______________

* Direttiva (UE) 2019/...tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrappurtaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L ..., ...., p. ...).";

(15) fl-Artikolu 18, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Fejn il-Kunsill ikun adotta deċiżjoni skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u, f'ċirkostanzi eċċezzjonali fejn tkun meħtieġa azzjoni kkoordinata mill-awtoritajiet kompetenti bħala reazzjoni għal żviluppi negattivi li jistgħu jipperikolaw b'mod serju l-funzjonament tajjeb u l-integrità tas-swieq finanzjarji jew l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja kollha jew parti minnha fl-Unjoni jew il-protezzjoni tal-klijenti u tal-konsumaturi, l-Awtorità tista' tadotta deċiżjonijiet individwali li jesiġu li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu l-azzjoni meħtieġa skont l-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) sabiex jindirizzaw kwalunkwe tali żvilupp billi jiżguraw li l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-awtoritajiet kompetenti jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dawk l-atti leġislattivi.";

(16) l-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Fil-każijiet speċifikati fl-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) u mingħajr preġudizzju għas-setgħat stabbiliti fl-Artikolu 17, l-Awtorità tista' tgħin lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jilħqu ftehim f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafi 2 sa 4 ta' dan l-Artikolu fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) fuq talba ta' waħda jew aktar mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati fejn awtorità kompetenti ma taqbilx mal-proċedura jew mal-kontenut ta' azzjoni, azzjoni proposta jew inattività ta' awtorità kompetenti oħra;

(b) f'każijiet fejn l-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) jipprevedu li l-Awtorità tkun tista' tgħin, fuq inizjattiva tagħha stess, fejn abbażi ta' raġunijiet oġġettivi, ikun jista' jiġi stabbilit nuqqas ta' ftehim bejn l-awtoritajiet kompetenti.

F'każijiet fejn l-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) jesiġu li tittieħed deċiżjoni konġunta mill-awtoritajiet kompetenti u fejn, skont dawk l-atti, l-Awtorità tkun tista' tgħin, lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati, fuq inizjattiva tagħha stess, biex jintlaħaq qbil f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafi 2 sa 4 ta' dan l-Artikolu, għandu jkun preżunt nuqqas ta' ftehim fin-nuqqas ta' teħid ta' deċiżjoni konġunta minn dawk l-awtoritajiet fil-limiti ta' żmien stabbiliti f'dawk l-atti.";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"1a. L-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom, fil-każijiet li ġejjin, jinnotifikaw lill-Awtorità, mingħajr dewmien bla bżonn, li ma ntlaħaq ebda ftehim:

(a) fejn ikun ġie previst limitu ta' żmien sabiex jintlaħaq ftehim bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), u meta jseħħ kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

(i) il-limitu ta' żmien ikun skada; jew

(ii) mhux inqas minn żewġ awtoritajiet kompetenti kkonċernati jikkonkludu li jeżisti nuqqas ta' ftehim fuq il-bażi ta' raġunijiet oġġettivi;

(b) fejn ma jkun ġie previst ebda limitu ta' żmien sabiex jintlaħaq ftehim bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), u meta jseħħ kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

(i) mhux inqas minn żewġ awtoritajiet kompetenti kkonċernati jikkonkludu li jeżisti nuqqas ta' ftehim fuq il-bażi ta' raġunijiet oġġettivi; jew

(ii) ikunu għaddew xahrejn mid-data li fiha awtorità kompetenti rċeviet talba minn awtorità kompetenti oħra sabiex tieħu ċerta azzjoni bil-għan li tikkonforma ma' dawk l-atti u l-awtorità rikjesta tkun għadha ma adottat ebda deċiżjoni li tissodisfa t-talba.

1b. Il-President għandu jivvaluta jekk l-Awtorità għandhiex taġixxi f'konformità mal-paragrafu 1. Fejn l-intervent ikun fuq l-inizjattiva proprja tal-Awtorità, din tal-aħħar għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati bid-deċiżjoni tagħha rigward l-intervent.

Sa meta tittieħed id-deċiżjoni tal-Awtorità f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 44(3a), f'każijiet fejn l-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) jesiġu li tittieħed deċiżjoni konġunta, l-awtoritajiet kompetenti kollha involuti fid-deċiżjoni konġunta għandhom jiddiferixxu d-deċiżjonijiet individwali tagħhom. Fejn l-Awtorità tiddeċiedi li taġixxi, l-awtoritajiet kompetenti kollha involuti fid-deċiżjoni konġunta għandhom jiddiferixxu d-deċiżjonijiet tagħhom sa meta tiġi konkluża l-proċedura stabbilita fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fejn l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jonqsu milli jilħqu ftehim matul il-fażi ta' konċiljazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-Awtorità tista' tieħu deċiżjoni li tesiġi li dawk l-awtoritajiet jieħdu azzjoni speċifika, jew joqogħdu lura minn ċerta azzjoni, sabiex isolvu l-kwistjoni, u bil-għan li tiġi żgurata l-konformità mal-liġi tal-Unjoni. Id-deċiżjoni tal-Awtorità għandha torbot lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati. Id-deċiżjoni tal-Awtorità tista' tesiġi li l-awtoritajiet kompetenti jirrevokaw jew jemendaw deċiżjoni li jkunu adottaw jew jagħmlu użu mis-setgħat li jkollhom taħt il-liġi rilevanti tal-Unjoni.";

(d) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. L-Awtorità għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati dwar il-konklużjoni tal-proċeduri taħt il-paragrafi 2 u 3, flimkien ma', fejn applikabbli, id-deċiżjoni tagħha meħuda taħt il-paragrafu 3.";

(e) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni taħt l-Artikolu 258 tat-TFUE, fejn awtorità kompetenti ma tikkonformax mad-deċiżjoni tal-Awtorità, u b'hekk tonqos milli tiżgura li istituzzjoni finanzjarja jew, fil-kuntest tal-kwistjonijiet marbuta mal-prevenzjoni u mal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, operatur fis-settur finanzjarju jikkonformaw mar-rekwiżiti li japplikaw direttament għalihom bis-saħħa tal-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, l-Awtorità tista' tadotta deċiżjoni individwali indirizzata lil dik l-istituzzjoni finanzjarja jew lil dak l-operatur fis-settur finanzjarju li tesiġi l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom taħt il-liġi tal-Unjoni, inkluż il-waqfien minn kwalunkwe prattika.

Fi kwistjonijiet marbuta mal-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu, l-Awtorità tista' tadotta deċiżjoni skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu fejn ir-rekwiżiti rilevanti tal-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) ma jkunux applikabbli direttament għall-operaturi fis-settur finanzjarju. Għal dak l-għan, l-Awtorità għandha tapplika l-liġi rilevanti kollha tal-Unjoni, u fejn tali liġi tal-Unjoni tkun magħmula minn direttivi, għandha tapplika l-liġi nazzjonali sa fejn din tittrasponi dawk id-direttivi. Fejn il-liġi rilevanti tal-Unjoni tkun magħmula minn regolamenti u fejn dawk ir-regolamenti jagħtu espliċitament opzjonijiet lill-Istati Membri, l-Awtorità għandha tapplika wkoll il-liġi nazzjonali sa fejn tali opzjonijiet ġew eżerċitati.";

(17) l-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. L-Awtorità għandha tippromwovi u tissorvelja, fl-ambitu tas-setgħat tagħha, il-funzjonament effiċjenti, effettiv u konsistenti tal-kulleġġi tas-superviżuri fejn stabbiliti bl-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) u trawwem il-konsistenza u l-koerenza fl-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni fost il-kulleġġi tas-superviżuri. Bl-għan ta' konverġenza tal-aħjar prattiki superviżorji, l-Awtorità għandha tippromwovi pjanijiet superviżorji konġunti u eżamijiet konġunti, u l-persunal mill-Awtorità għandu jkollu drittijiet ta’ parteċipazzjoni sħiħa fil-kulleġġi tas-superviżuri u, bħala tali, għandu jkun jista’ jipparteċipa fl-attivitajiet tal-kulleġġi tas-superviżuri, inklużi eżamijiet fuq il-post, imwettqa b’mod konġunt minn żewġ awtoritajiet kompetenti jew aktar.”;

(b) fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) tagħti bidu għal, u tikkoordina, testijiet tal-istress fl-Unjoni kollha f'konformità mal-Artikolu 32 biex tivvaluta r-reżiljenza ta' istituzzjonijiet finanzjarji, b'mod partikolari r-riskju sistemiku ppreżentat minn istituzzjonijiet finanzjarji kif imsemmi fl-Artikolu 23, għal żviluppi negattivi fis-swieq, u tevalwa l-potenzjal li jikber ir-riskju sistemiku f'sitwazzjonijiet ta' stress, waqt li jiġi żgurat li tiġi applikata metodoloġija konsistenti fil-livell nazzjonali għal tali testijiet u, fejn adatt, tindirizza rakkomandazzjoni lill-awtorità kompetenti biex jiġu korretti kwistjonijiet identifikati fit-test tal-istress, inkluża rakkomandazzjoni biex isiru valutazzonijiet speċifiċi; hija tista' tirrakkomanda lill-awtoritajiet kompetenti biex jagħmlu spezzjonijiet fuq il-post, u tista' tipparteċipa f'tali spezzjonijiet fuq il-post, sabiex tiżgura l-komparabbiltà u l-affidabbiltà tal-metodi, tal-prattiki u tar-riżultati tal-valutazzjonijiet fl-Unjoni kollha;";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-Awtorità tista' tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni skont is-setgħat stabbiliti fl-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), u skont l-Artikoli 10 sa 15, biex tiżgura kondizzjonijiet ta' applikazzjoni uniformi fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-funzjonament operattiv tal-kulleġġi ta' superviżuri. L-Awtorità tista' toħroġ linji gwida u rakkomandazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 16 biex tippromwovi konverġenza fil-funzjonament superviżorju u l-aħjar prattiki li jkunu ġew adottati mill-kulleġġi tas-superviżuri.";

(18) l-Artikolu 22 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Dispożizzjonijiet ġenerali dwar ir-riskju sistemiku";

(b) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Awtorità għandha, f'kollaborazzjoni mal-BERS, u f'konformità mal-Artikolu 23, tiżviluppa sett komuni ta' indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi (tabella operattiva dwar riskji) biex tidentifika u tkejjel ir-riskju sistemiku.";

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Fuq talba minn awtorità kompetenti waħda jew aktar, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, jew il-Kummissjoni, jew bl-inizjattiva tagħha stess, l-Awtorità tista' tagħmel inkjesta dwar tip partikolari ta' istituzzjoni finanzjarja jew tip ta' prodott jew tip ta' kondotta sabiex tevalwa theddid potenzjali għall-istabbilità tas-sistema finanzjarja jew għall-protezzjoni tal-klijenti jew tal-konsumaturi.

Wara inkjesta mwettqa skont l-ewwel subparagrafu, il-Bord tas-Superviżuri jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa għal azzjoni lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati.

Għal dawk il-finijiet, l-Awtorità tista' tuża s-setgħat mogħtija lilha taħt dan ir-Regolament, inkluż l-Artikolu 35. ";

(19) fl-Artikolu 23, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Awtorità għandha, f'konsultazzjoni mal-BERS, tiżviluppa kriterji għall-identifikazzjoni u l-kejl ta' riskju sistemiku u sistema adegwata għat-testijiet tal-istress li tinkludi evalwazzjoni tal-potenzjal li jiżdied riskju sistemiku ppreżentat minn, jew lil, istituzzjonijiet finanzjarji f'sitwazzjonijiet ta' stress, inkluż riskju sistemiku potenzjali marbut mal-ambjent. L-istituzzjonijiet finanzjarji li jistgħu jippreżentaw riskju sistemiku għandhom ikunu soġġetti għal superviżjoni msaħħa, u fejn meħtieġ, għall-proċeduri ta' rkupru u riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 25.";

(20) fl-Artikolu 27(2), jitħassar it-tielet subparagrafu;

(21) l-Artikolu 29 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(aa) li tistabbilixxi prijoritajiet superviżorji strateġiċi tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 29a;

(ab) li tistabbilixxi gruppi ta' koordinazzjoni skont l-Artikolu 45b biex tippromwovi l-konverġenza superviżorja u jiġu identifikati l-aħjar prattiki;";

(ii) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) li tippromwovi skambju bilaterali u multilaterali effettiv ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, li jirrigwarda l-kwistjonijiet rilevanti kollha, inklużi ċ-ċibersigurtà u l-attakki ċibernetiċi, b'rispett sħiħ għad-dispożizzjonijiet applikabbli dwar il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-data previsti fl-atti leġislattivi rilevanti tal-Unjoni;";

(iii) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) li tistabbilixxi programmi ta' taħriġ settorjali u transsettorjali, inkluż fir-rigward tal-innovazzjoni teknoloġika, tiffaċilita skambji tal-persunal u tinkoraġġixxi lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jintensifikaw l-użu ta' skemi tal-issekondar u għodod oħrajn;";

(iv) jiżdied il-punt li ġej:

"(f) li daħħal fis-seħħ sistema ta' monitoraġġ biex tivvaluta riskji ambjentali, soċjali u ta'governanza li jkunu materjali, filwaqt li tqis il-Ftehim ta' Pariġi għall-Konvenzjoni ta' Qafas tal-Ġnus Magħquda dwar it-Tibdil fil-Klima;";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Awtorità tista', kif ikun xieraq, tiżviluppa strumenti prattiċi ġodda u għodod ta' konverġenza biex tippromwovi approċċi u prattiki superviżorji komuni.

Għall-fini tal-istabbiliment ta’ kultura superviżorja komuni, l-Awtorità għandha tiżviluppa u żżomm manwal superviżorju aġġornat tal-Unjoni dwar is-superviżjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji fl-Unjoni, li jqis kif dovut in-natura, il-grad u l-kumplessità tar-riskji, il-prattiki kummerċjali, il-mudelli kummerċjali u d-daqs tal-istituzzjonijiet u tas-swieq finanzjarji. L-Awtorità għandha wkoll tiżviluppa u żżomm manwal aġġornat tal-Unjoni dwar ir-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji fl-Unjoni, li jqis kif dovut in-natura, il-grad u l-kumplessità tar-riskji, il-prattiki kummerċjali, il-mudelli kummerċjali u d-daqs tal-istituzzjonijiet u tas-swieq finanzjarji. Kemm il-manwal superviżorju tal-Unjoni kif ukoll il-manwal ta' riżoluzzjoni tal-Unjoni għandhom jistabbilixxu l-aħjar prattiki u għandhom jispeċifikaw metodoloġiji u proċessi ta’ kwalità għolja.

L-Awtorità, fejn xieraq, għandha tagħmel konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-opinjonijiet imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1, u l-għodod u l-istrumenti msemmija f'dan il-paragrafu. Hija għandha wkoll, fejn xieraq, tanalizza l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati. Tali konsultazzjonijiet u analiżijiet għandhom ikunu proporzjonati fir-rigward tal-ambitu, in-natura u l-impatt tal-għodod u tal-istrumenti. L-Awtorità, fejn xieraq, għandha titlob ukoll parir mill-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati msemmi fl-Artikolu 37.”;

(22) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 29a*
*Prijoritajiet superviżorji strateġiċi tal-Unjoni*

Wara diskussjoni fil-Bord tas-Superviżuri u filwaqt li jitqiesu l-kontribuzzjonijiet li jaslu mingħand l-awtoritajiet kompetenti, il-ħidma eżistenti tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni, u l-analiżi, it-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet ippubblikati mill-BERS, l-Awtorità għandha, mill-inqas kull tliet snin, sal-31 ta' Marzu, tidentifika massimu ta' żewġ prijoritajiet ta' rilevanza għall-Unjoni kollha li għandhom jirriflettu żviluppi u xejriet futuri. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu dawk il-prijoritajiet meta jfasslu l-programmi ta' ħidma tagħhom u għandhom jinnotifikaw lill-Awtorità kif adatt. L-Awtorità għandha tiddiskuti l-attivitajiet rilevanti fis-sena ta' wara mill-awtoritajiet kompetenti, u tislet konklużjonijiet. L-Awtorità għandha tiddiskuti segwitu possibbli li jista' jinkludi, fost oħrajn, linji gwida, rakkomandazzjonijiet lil awtoritajiet kompetenti, u reviżjonijiet bejn il-pari, fil-qasam rispettiv.

Il-prijoritajiet ta' rilevanza għall-Unjoni kollha identifikati mill-Awtorità ma għandhomx jipprevjenu lill-awtoritajiet kompetenti milli japplikaw l-aħjar prattiki tagħhom, filwaqt li jaġixxu fuq il-bażi ta' prijoritajiet u żviluppi addizzjonali tagħhom, u għandhom jitqiesu l-ispeċifiċitajiet nazzjonali.";

(23) l-Artikolu 30 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 30*

*Reviżjonijiet bejn il-pari tal-awtoritajiet kompetenti*

1. L-Awtorità għandha, perjodikament, twettaq reviżjonijiet bejn il-pari ta' wħud mill-attivitajiet jew tal-attivitajiet kollha tal-awtoritajiet kompetenti, sabiex issaħħaħ iżjed il-konsistenza u l-effettività fl-eżiti superviżorji. Għal dak l-għan, l-Awtorità għandha tiżviluppa metodi biex ikunu jistgħu jsiru valutazzjoni u paragun oġġettivi bejn l-awtoritajiet kompetenti riveduti. Waqt l-ippjanar u t-twettiq tar-reviżjonijiet bejn il-pari, għandhom jiġu kkunsidrati l-informazzjoni eżistenti u l-evalwazzjonijiet diġà magħmula fir-rigward tal-awtorità kompetenti kkonċernata, inkluża kwalunkwe informazzjoni rilevanti pprovduta lill-Awtorità f'konformità mal-Artikolu 35 u kwalunkwe informazzjoni rilevanti minn partijiet interessati.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-Awtorità għandha tistabbilixxi kumitati ta' reviżjoni ad hoc bejn il-pari, li għandhom ikunu magħmula mill-persunal tal-Awtorità u minn membri tal-awtoritajiet kompetenti. Il-kumitati tar-reviżjoni bejn il-pari għandhom ikunu ppreseduti minn membru tal-persunal tal-Awtorità. Il-President, wara li jikkonsulta lill-Bord Maniġerjali u wara sejħa miftuħa għall-parteċipazzjoni, għandu jipproponi l-president u l-membri ta' kumitat ta' reviżjoni bejn il-pari, li għandhom jiġu approvati mill-Bord tas-Superviżuri. Il-proposta għandha titqies approvata sakemm, fi żmien 10 ijiem minn meta jipproponiha l-President, il-Bord tas-Superviżuri ma jadottax deċiżjoni li tiċħadha.

3. Ir-reviżjoni bejn il-pari għandha tinkludi valutazzjoni ta', iżda ma għandhiex tkun limitata għal:

(a) l-adegwatezza tar-riżorsi, il-grad ta' indipendenza u l-arranġamenti ta' governanza tal-awtorità kompetenti, b'attenzjoni partikolari għall-applikazzjoni effettiva tal-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) u għall-kapaċità li tirrispondi għall-iżviluppi tas-suq;

(b) l-effettività u l-grad ta' konverġenza milħuq fl-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u fil-prattika superviżorja, inklużi l-istandards tekniċi regolatorji u l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni, il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet adottati skont l-Artikoli 10 sa 16, u kemm il-prattika superviżorja tilħaq l-għanijiet stipulati fil-liġi tal-Unjoni;

(c) l-applikazzjoni tal-aħjar prattiki żviluppati minn awtoritajiet kompetenti li l-adozzjoni tagħhom tista' tkun ta' benefiċċju għal awtoritajiet kompetenti oħra;

(d) l-effettività u l-grad ta' konverġenza milħuq fir-rigward tal-infurzar tad-dispożizzjonijiet adottati fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni, inklużi s-sanzjonijiet amministrattivi u miżuri amministrattivi oħrajn imposti kontra persuni responsabbli fejn ma kienx hemm konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet.

4. L‑Awtorità għandha tipproduċi rapport li jistabbilixxi r-riżultati tar-reviżjoni bejn il-pari. Dak ir-rapport ta’ reviżjoni bejn il-pari għandu jkun imħejji mill-kumitat ta’ reviżjoni bejn il-pari u adottat mill-Bord tas-Superviżuri f’konformità mal-Artikolu 44(3a). Meta jabbozza dak ir-rapport, il-kumitat ta’ reviżjoni bejn il-pari għandu jikkonsulta lill-Bord Maniġerjali sabiex iżomm konsistenza ma’ rapporti oħra ta' reviżjoni bejn il-pari u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi. Il-Bord Maniġerjali għandu jivvaluta b’mod partikolari jekk il-metodoloġija ġietx applikata bl-istess mod. Ir-rapport għandu jispjega u jindika l-miżuri ta’ segwitu li huma meqjusa xierqa, proporzjonati u meħtieġa bħala riżultat tar-reviżjoni bejn il-pari. Dawk il-miżuri ta’ segwitu jistgħu jiġu adottati fil-forma ta’ linji gwida u rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 16 u opinjonijiet skont il-punt (a) tal-Artikolu 29(1).

F’konformità mal-Artikolu 16(3), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw ma’ kwalunkwe linja gwida u rakkomandazzjoni maħruġa.

Meta tkun qed tiżviluppa abbozz ta’ standards tekniċi regolatorji jew abbozz ta’ standards tekniċi ta’ implimentazzjoni f’konformità mal-Artikoli 10 sa 15, jew linji gwida jew rakkomandazzjonijiet f’konformità mal-Artikolu 16, l-Awtorità għandha tqis l-eżitu tar-reviżjoni bejn il-pari, flimkien ma’ kwalunkwe informazzjoni oħra miksuba mill-Awtorità fit-twettiq tal-kompiti tagħha, sabiex tiġi żgurata l-konverġenza tal-prattiki superviżorji tal-ogħla kwalità.

5. L-Awtorità għandha tissottometti opinjoni lill-Kummissjoni fejn, wara li tkun qieset l-eżitu tar-reviżjoni bejn il-pari jew kwalunkwe informazzjoni oħra miksuba mill-Awtorità fit-twettiq tal-kompiti tagħha, hija tqis li tkun meħtieġa l-armonizzazzjoni ulterjuri tar-regoli applikabbli tal-Unjoni għall-istituzzjonijiet finanzjarji jew għall-awtoritajiet kompetenti mill-perspettiva tal-Unjoni.

6. L-Awtorità għandha tagħmel rapport ta' segwitu wara sentejn mill-pubblikazzjoni tar-rapport tar-reviżjoni bejn il-pari. Ir-rapport ta' segwitu għandu jitħejja mill-kumitat ta' reviżjoni bejn il-pari u jiġi adottat mill-Bord tas-Superviżuri f'konformità mal-Artikolu 44(3a). Meta jabbozza dak ir-rapport, il-kumitat ta' reviżjoni bejn il-pari għandu jikkonsulta lill-Bord Maniġerjali sabiex iżomm il-konsistenza ma' rapporti oħra ta' segwitu. Ir-rapport ta' segwitu għandu jinkludi valutazzjoni ta', iżda ma jkunx limitat għal, l-adegwatezza u l-effettività tal-azzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti li huma soġġetti għar-reviżjoni bejn il-pari b'risposta għall-miżuri ta' segwitu tar-rapport ta' reviżjoni bejn il-pari.

7. Il-kumitat ta’ reviżjoni bejn il-pari, wara li jikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti soġġetti għar-reviżjoni bejn il-pari, għandu jidentifika l-konstatazzjonijiet ewlenin motivati tar-reviżjoni bejn il-pari. L-Awtorità għandha tippubblika l-konstatazzjonijiet ewlenin motivati tar-reviżjoni bejn il-pari u tar-rapport ta’ segwitu msemmi fil-paragrafu 6. Fejn il-konstatazzjonijiet ewlenin motivati tal-Awtorità jkunu differenti minn dawk identifikati mill-kumitat ta’ reviżjoni bejn il-pari, l-Awtorità għandha tittrażmetti, fuq bażi kunfidenzjali, il-konstatazzjonijiet tal-kumitat ta’ reviżjoni bejn il-pari lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. Fejn awtorità kompetenti li tkun soġġetta għar-reviżjoni bejn il-pari tkun imħassba li l-pubblikazzjoni tal-konstatazzjonijiet ewlenin motivati tal-Awtorità jistgħu jwasslu għal riskju għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, hija għandu jkollha l-possibbiltà li tirreferi l-kwistjoni lill-Bord tas-Superviżuri. Il-Bord tas-Superviżuri jista’ jiddeċiedi li ma jippubblikax dawk l-estratti.

8. Għall-finijiet ta’ dan l-Artikolu, il-Bord Maniġerjali għandu jagħmel proposta għal pjan ta’ ħidma għar-reviżjonijiet bejn il-pari għas-sentejn li ġejjin, li għandu jirrifletti, fost oħrajn, it-tagħlimiet meħuda mill-proċessi passati ta' reviżjoni bejn il-pari u d-diskussjonijiet tal-gruppi ta’ koordinazzjoni msemmija fl-Artikolu 45b. Il-pjan ta’ ħidma għar-reviżjoni bejn il-pari għandu jikkostitwixxi parti separata tal-programm ta’ ħidma annwali u multiannwali. Għandu jsir pubbliku. F’każ ta’ urġenza jew avvenimenti mhux previsti, l-Awtorità tista’ tiddeċiedi li twettaq reviżjonijiet addizzjonali bejn il-pari.”;

(24) l-Artikolu 31 huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Awtorità għandha taqdi rwol ġenerali ta' koordinament bejn l-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet fejn żviluppi avversi jistgħu potenzjalment jipperikolaw il-funzjonament tajjeb u l-integrità tas-swieq finanzjarji jew l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fl-Unjoni.";

(b) it-tieni paragrafu huwa emendat kif ġej:

(i) il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"2. L-Awtorità għandha tippromwovi rispons koordinat tal-Unjoni, fost l-oħrajn billi:";

(ii) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) tieħu l-miżuri xierqa f'każ ta' żviluppi li jistgħu jipperikolaw il-funzjonament tas-swieq finanzjarji bl-għan tal-koordinament tal-azzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti;";

(iii) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(ea) tieħu l-miżuri xierqa biex tikkoordina azzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat id-dħul fis-suq ta' atturi jew prodotti li jiddependu fuq l-innovazzjoni teknoloġika;";

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Biex tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' approċċ Ewropew komuni lejn l-innovazzjoni teknoloġika, l-Awtorità għandha tippromwovi l-konverġenza superviżorja, bl-appoġġ, fejn rilevanti, tal-Kumitat dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u l-innovazzjoni finanzjarja, biex b'hekk tiffaċilita d-dħul fis-suq ta' atturi jew prodotti li jiddependu fuq l-innovazzjoni teknoloġika, b'mod partikulari permezz tal-iskambju tal-informazzjoni u l-aħjar prattiki. Fejn xieraq, l-Awtorità tista' tadotta linji gwida jew rakkomandazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 16.";

(25) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 31a*
*Skambju ta' informazzjoni dwar l-idoneità u l-adegwatezza*

L-Awtorità għandha, flimkien mal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u mal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tal-idoneità u l-adegwatezza tad-detenturi ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti, diretturi u detenturi ta' funzjonijiet ewlenin fl-istituzzjonijiet finanzjarji min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2).";

(26) l-Artikolu 32 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Valutazzjoni tal-iżviluppi fis-suq, inklużi testijiet tal-istress";

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Awtorità għandha timmonitorja u tivvaluta l-iżviluppi fis-suq fil-qasam tal-kompetenza tagħha u, fejn ikun meħtieġ, tinforma lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjonijiet u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), lill-BERS, u lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar ix-xejriet mikroprudenzjali rilevanti, ir-riskji potenzjali u l-vulnerabbiltajiet. L-Awtorità għandha tinkludi fil-valutazzjonijiet tagħha analiżi tas-swieq li fihom joperaw l-istituzzjonijiet finanzjarji, u valutazzjoni tal-impatt ta' żviluppi potenzjali tas-suq fuq tali istituzzjonijiet.";

(c) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"2. L-Awtorità għandha tagħti bidu għal, u tikkoordina, valutazzjonijiet madwar l-Unjoni kollha tar-reżiljenza tal-istituzzjonijiet finanzjarji għal żviluppi negattivi tas-suq. Għal dak l-għan, hija għandha tiżviluppa:";

(ii) il-punt (a) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(a) metodoloġiji komuni biex jiġi vvalutat l-effett ta’ xenarji ekonomiċi fuq il-pożizzjoni finanzjarja ta’ istituzzjoni finanzjarja filwaqt li jitqiesu, fost oħrajn, riskji li jirriżultaw minn żviluppi ambjentali avversi;”;

(iii) jiddaħħal il-punt li ġej:

“(aa) metodoloġiji komuni għall-identifikazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji li għandhom jiġu inklużi fil-valutazzjonijiet mal-Unjoni kollha;”;

(iv) il-punti (c) u (d) huma sostitwiti b’dan li ġej:

“(c) metodoloġiji komuni għall-valutazzjoni tal-effett ta’ prodotti partikolari jew ta' proċessi tad-distribuzzjoni fuq istituzzjoni finanzjarja;

(d) metodoloġiji komuni għall-valutazzjoni tal-assi, skont kif meħtieġ, għall-fini tat-testijiet tal-istress; u”;

(v) jiżdied il-punt li ġej:

“(e) metodoloġiji komuni għall-valutazzjoni tal-effett ta' riskji ambjentali fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-istituzzjonijiet finanzjarji.”;

(vi) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-Awtorità għandha tikkoopera mal-BERS.";

(d) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Mingħajr preġudizzju għall-kompiti tal-BERS stipulati fir-Regolament (UE) Nru 1092/2010, l-Awtorità għandha, darba fis-sena, u aktar ta' spiss fejn ikun meħtieġ, tipprovdi valutazzjonijiet lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-BERS dwar ix-xejriet, ir-riskji potenzjali u l-vulnerabbiltajiet fil-qasam tal-kompetenza tagħha, flimkien mat-tabella operattiva dwar riskji msemmija fl-Artikolu 22(2) ta' dan ir-Regolament.";

(e) il-paragrafu 3b huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3b. L-Awtorità tista' titlob li l-awtoritajiet kompetenti jesiġu li l-istituzzjonijiet finanzjarji jagħmlu l-informazzjoni li għandhom jipprovdu taħt il-paragrafu 3a soġġetta għall-verifika.";

(27) l-Artikolu 33 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 33*
*Relazzjonijiet internazzjonali inkluża l-ekwivalenza*

1. Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi rispettivi tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-Awtorità tista' tiżviluppa kuntatti u tidħol f'arranġamenti amministrattivi ma' awtoritajiet regolatorji, superviżorji u, fejn applikabbli, ta' riżoluzzjoni, organizzazzjonijiet internazzjonali u l-amministrazzjonijiet ta' pajjiżi terzi. Dawk l-arranġamenti m'għandhomx joħolqu obbligi legali fir-rigward tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha u lanqas m'għandhom jipprevjenu lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom milli jikkonkludu arranġamenti bilaterali jew multilaterali ma' dawk il-pajjiżi terzi.

Fejn pajjiż terz, skont att delegat, li jkun fis-seħħ, adottat mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2015/849, ikun fuq il-lista ta' ġurisdizzjonijiet li għandhom nuqqasijiet strateġiċi fir-reġimi tagħhom kontra l-ħasil tal-flus u għall-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu li joħolqu theddid sinifikanti għas-sistema finanzjarja tal-Unjoni, l-Awtorità ma għandhiex tikkonkludi arranġamenti amministrattivi mal-awtoritajiet regolatorji, superviżorji u, meta applikabbli, ta' riżoluzzjoni ta' dak il-pajjiż terz. Dan m'għandux jipprekludi forom oħra ta' kooperazzjoni bejn l-Awtorità u l-awtoritajiet rispettivi tal-pajjiż terz bil-ħsieb li jitnaqqas it-theddid għas-sistema finanzjarja tal-Unjoni.

2. L-Awtorità għandha tgħin lill-Kummissjoni fit-tħejjija ta’ deċiżjonijiet ta' ekwivalenza li jirrigwardaw reġimi superviżorji u regolatorji f’pajjiżi terzi wara talba speċifika għal parir mill-Kummissjoni jew meta tkun meħtieġa tagħmel dan mill-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2).

3. L-Awtorità għandha timmonitorja, b’enfasi partikolari fuq l-implikazzjonijiet tagħhom għall-istabbiltà finanzjarja, l-integrità tas-suq, il-protezzjoni tal-investituri u l-funzjonament tas-suq intern, żviluppi rilevanti regolatorji, superviżorji u, fejn applikabbli, ta’ riżoluzzjoni u prattiki ta’ infurzar u żviluppi tas-suq f’pajjiżi terzi, sa fejn ikunu rilevanti għal valutazzjonijiet tal-ekwivalenza abbażi tar-riskju, li għalihom ġew adottati deċiżjonijiet ta' ekwivalenza mill-Kummissjoni f’konformità mal-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2).

Barra minn hekk, hija għandha tivverifika jekk il-kriterji, li abbażi tagħhom ittieħdu dawk id-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza, u kwalunkwe kondizzjoni stabbilita fihom, għadhomx issodisfati.

L-Awtorità tista' tikkomunika mal-awtoritajiet rilevanti f'pajjiżi terzi. L-Awtorità għandha tissottometti rapport kunfidenzjali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) li jiġbor fil-qosor il-konstatazzjonijiet tagħha mill-monitoraġġ minnha tal-pajjiżi terzi ekwivalenti kollha. Ir-rapport għandu jiffoka b'mod partikolari fuq l-implikazzjonijiet għall-istabbiltà finanzjarja, l-integrità tas-suq, il-protezzjoni tal-investituri jew il-funzjonament tas-suq intern.

Fejn l-Awtorità tidentifika żviluppi rilevanti fir-rigward tar-regolamentazzjoni, tas-superviżjoni jew, fejn applikabbli, tar-riżoluzzjoni, jew tal-prattiki ta' infurzar fil-pajjiżi terzi msemmija f'dan il-paragrafu li jistgħu jaffettwaw l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' Stat Membru tagħha jew aktar, l-integrità tas-suq, il-protezzjoni tal-investituri jew il-funzjonament tas-suq intern, hija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni fuq bażi kunfidenzjali u mingħajr dewmien bla bżonn.

4 Mingħajr preġudizzju għal rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fl-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) u soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fit-tieni sentenza tal-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu, l-Awtorità għandha tikkoopera, fejn possibbli, mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti u, fejn applikabbli, anki mal-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni, ta’ pajjiżi terzi li r-reġimi regolatorji u superviżorji tagħhom kienu rikonoxxuti bħala ekwivalenti. Fil-prinċipju, dik il-kooperazzjoni għandha sseħħ abbażi ta’ arranġamenti amministrattivi konklużi mal-awtoritajiet rilevanti ta’ dawk il-pajjiżi terzi. Meta tinnegozja tali arranġamenti amministrattivi, l-Awtorità għandha tinkludi dispożizzjonijiet dwar dawn li ġejjin:

(a) il-mekkaniżmi li jippermettu lill-Awtorità tikseb informazzjoni rilevanti, inkluża informazzjoni dwar ir-reġim regolatorju, l-approċċ superviżorju, l-iżviluppi tas-suq rilevanti u kwalunkwe bidliet li jistgħu jaffettwaw id-deċiżjoni ta' ekwivalenza;

(b) sa fejn ikun neċessarju għas-segwitu ta’ tali deċiżjonijiet ta' ekwivalenza, il-proċeduri li jikkonċernaw il-koordinazzjoni ta’ attivitajiet superviżorji, inklużi, fejn meħtieġa, spezzjonijiet fuq il-post.

L-Awtorità għandha tinforma lill-Kummissjoni fejn awtorità kompetenti ta’ pajjiż terz tirrifjuta li tikkonkludi tali arranġamenti amministrattivi jew meta tirrifjuta li tikkoopera b’mod effettiv.

5 L-Awtorità tista' tiżviluppa arranġamenti amministrattivi li jservu bħala mudell, bil-għan li tistabbilixxi prattiki superviżorji konsistenti, effiċjenti u effettivi fl-Unjoni u li ssaħħaħ il-koordinazzjoni superviżorja internazzjonali. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu kull sforz biex isegwu tali mudelli ta' arranġamenti.

Fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 43(5), l-Awtorità għandha tinkludi informazzjoni dwar l-arranġamenti amministrattivi maqbula ma' awtoritajiet superviżorji, organizzazzjonijiet internazzjonali jew amministrazzjonijiet f'pajjiżi terzi, l-assistenza pprovduta mill-Awtorità lill-Kummissjoni fit-tħejjija ta' deċiżjonijiet ta' ekwivalenza u l-monitoraġġ mill-Awtorità f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

6. L-Awtorità, fil-limiti tas-setgħat tagħha f'konformità ma' dan ir-Regolament u mal-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), għandha tikkontribwixxi għar-rappreżentanza unita, komuni, konsistenti u effettiva tal-interessi tal-Unjoni fil-fora internazzjonali.";

(28) l-Artikolu 34 jitħassar;

(29) l-Artikolu 36 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 jitħassar;

(b) il-paragrafi 4 u 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"4. Malli tasal twissija jew rakkomandazzjoni mill-BERS indirizzata lill-Awtorità, l-Awtorità għandha tiddiskuti dik it-twissija jew rakkomandazzjoni fil-laqgħa segwenti tal-Bord tas-Superviżuri jew, fejn xieraq, qabel, sabiex tivvaluta l-implikazzjonijiet ta', u segwitu possibbli għal, tali twissija jew rakkomandazzjoni għat-twettiq tal-kompiti tagħha.

Hija għandha tiddeċiedi, permezz tal-proċedura rilevanti għat-teħid ta' deċiżjonijiet, dwar kwalunkwe azzjoni li jkollha tittieħed skont is-setgħat mogħtija lilha b'dan ir-Regolament biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet identifikati fit-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet.

Jekk l-Awtorità ma taġixxix fuq twissija jew rakkomandazzjoni, hija għandha tispjega lill-BERS ir-raġunijiet tagħha għaliex ma għamlitx dan. Il-BERS għandu jinforma lill-Parlament Ewropew b'dan f'konformità mal-Artikolu 19(5) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010. Il-BERS għandu wkoll jinforma lill-Kunsill b'dan.

5. Malli tasal twissija jew rakkomandazzjoni mill-BERS indirizzata lil awtorità kompetenti, l-Awtorità għandha, fejn ikun rilevanti, tuża s-setgħat ikkonferiti lilha b'dan ir-Regolament sabiex tiżgura segwitu f'waqtu.

Fejn id-destinatarju ma jkunx biħsiebu jsegwi r-rakkomandazzjoni tal-BERS, hu għandu jinforma u jiddiskuti mal-Bord tas-Superviżuri r-raġunijiet tiegħu għan-nuqqas ta' azzjoni.

Fejn l-awtorità kompetenti, f'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, tgħarraf lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-BERS bl-azzjonijiet li tkun ħadet bi tweġiba għal rakkommandazzjoni tal-BERS, hija għandha tqis kif dovut il-fehmiet tal-Bord tas-Superviżuri u għandha wkoll tgħarraf lill-Kummissjoni.";

(c) il-paragrafu 6 jitħassar;

(30) l-Artikolu 37 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. Il-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati għandu jkun magħmul minn 30 membru. Dawk il-membri għandhom ikunu magħmulin minn:

(a) 13-il membru li jirrappreżentaw, b'mod proporzjonat, istituzzjonijiet finanzjarji li joperaw fl-Unjoni, li minnhom tlieta għandhom jirrappreżentaw banek kooperattivi u tat-tfaddil;

(b) 13-il membru li jirrappreżentaw ir-rappreżentanti tal-impjegati ta' istituzzjonijiet finanzjarji li joperaw fl-Unjoni, il-konsumaturi, l-utenti tas-servizzi bankarji u r-rappreżentanti tal-SMEs; u

(c) erbgħa' membri li huma akkademiċi indipendenti tal-ogħla klassifika.

3. Il-membri tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati għandhom jinħatru mill-Bord tas-Superviżuri, wara proċedura tal-għażla miftuħa u trasparenti. Fit-teħid tad-deċiżjoni tiegħu, il-Bord tas-Superviżuri għandu, sa fejn ikun possibbli, jiżgura li jirrifletti adegwatament id-diversità tas-settur bankarju, bilanċ u rappreżentanza ġeografika u tas-sessi tal-partijiet interessati madwar l-Unjoni kollha. Il-membri tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati għandhom jintgħażlu skont il-kwalifiki, il-ħiliet, l-għarfien rilevanti u l-għarfien espert ipprovat tagħhom.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. Il-membri tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati għandhom jeleġġu President minn fost il-membri tiegħu. Il-kariga ta' President għandha tinżamm għal perjodu ta' sentejn.

Il-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-President tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati biex jagħmel dikjarazzjoni quddiemu u jwieġeb kwalunkwe mistoqsija li ssirlu mill-membri tiegħu kull meta jintalab jagħmel dan.";

(c) fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Awtorità għandha tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa soġġett għas-segretezza professjonali, kif stipulat fl-Artikolu 70 ta' dan ir-Regolament, u tiżgura appoġġ segretarjali adegwat għall-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati. Għandu jiġi pprovdut kumpens adegwat lill-membri tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati li jirrappreżentaw organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, bl-esklużjoni ta' rappreżentanti tal-industrija. Dan il-kumpens għandu jqis il-ħidma preparatorja u ta' segwitu tal-membri u għandu mill-inqas ikun ekwivalenti għar-rati ta' rimborż ta' uffiċjali skont it-Titolu V, Kapitolu 1, Taqsima 2 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kundizzjonijiet ta' Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea, stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68* (ir-Regolamenti tal-Persunal). Il-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma dwar kwistjonijiet tekniċi. Il-membri tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati għandhom iservu għal perjodu ta' erba' snin, u wara dan issir proċedura ġdida tal-għażla.

______________

* ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.";

(d) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati jista' jippreżenta pariri lill-Awtorità dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-kompiti tal-Awtorità b'attenzjoni partikolari għall-kompiti stabbiliti fl-Artikoli 10 sa 16, 29, 30 u 32.

Fejn il-membri tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati ma jkunux jistgħu jaqblu dwar il-pariri, terz tal-membri tiegħu jew il-membri li jirrappreżentaw grupp wieħed ta' partijiet interessati għandhom jitħallew joħorġu parir separat.

Il-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati, il-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq, il-Grupp ta' Partijiet Interessati tal-Oqsma tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni u l-Grupp ta' Partijiet Interessati tal-Qasam tal-Pensjonijiet tax-Xogħol jistgħu joħorġu pariri konġunti dwar kwistjonijiet relatati mal-ħidma tal-ASE taħt l-Artikolu 56 dwar il-pożizzjonijiet konġunti u l-atti komuni.";

(e) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. L-Awtorità għandha tippubblika l-pariri tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati, il-pariri separati tal-membri tiegħu, u r-riżultati tal-konsultazzjonijiet tiegħu kif ukoll informazzjoni dwar kif il-pariri u r-riżultati tal-konsultazzjonijiet tqiesu.";

(31) l-Artikolu 39 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 39*

*Proċeduri għat-teħid ta' deċiżjonijiet*

1. L-Awtorità għandha taġixxi f'konformità mal-paragrafi 2 sa 6 ta' dan l-Artikolu meta tadotta d-deċiżjonijiet skont l-Artikoli 17, 18 u 19.

2. L-Awtorità għandha tinforma lil kwalunkwe destinatarju ta' deċiżjoni bl-intenzjoni tagħha li tadotta d-deċiżjoni, fil-lingwa uffiċjali tad-destinatarju, filwaqt li tistabbilixxi limitu ta' żmien li matulu d-destinatarju jista' jesprimi l-opinjonijiet tiegħu dwar is-suġġett tad-deċiżjoni, b'kunsiderazzjoni sħiħa tal-urġenza, tal-kumplessità u tal-konsegwenzi potenzjali tal-kwistjoni. Id-destinatarju jista' jesprimi l-fehmiet tiegħu fil-lingwa uffiċjali tiegħu. Id-dispożizzjoni stipulata fl-ewwel sentenza għandha tapplika mutatis mutandis għar-rakkomandazzjonijiet kif imsemmija fl-Artikolu 17(3).

3. Id-deċiżjonijiet tal-Awtorità għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet li fuqhom ikunu bbażati.

4. Id-destinatarji tad-deċiżjonijiet tal-Awtorità għandhom jiġu informati bir-rimedji legali disponibbli taħt dan ir-Regolament.

5. Fejn l-Awtorità tkun ħadet deċiżjoni skont l-Artikolu 18(3) jew (4), hija għandha tirrevedi dik id-deċiżjoni f'intervalli xierqa.

6. Id-deċiżjonijiet li tieħu l-Awtorità skont l-Artikolu 17, 18 jew 19 għandhom isiru pubbliċi. Il-pubblikazzjoni għandha tiddivulga l-identità tal-awtorità kompetenti jew tal-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata u l-kontenut prinċipali tad-deċiżjoni, sakemm tali pubblikazzjoni ma tkunx f'kunflitt mal-interess leġittimu ta' dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji, jew mal-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom, jew ma tkunx tista' tipperikola serjament il-funzjonament tajjeb u l-integrità tas-swieq finanzjarji jew l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni, kollha jew parti minnha.";

(32) l-Artikolu 40 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-President;";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"8. Fejn l-awtorità pubblika nazzjonali msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 ma tkunx responsabbli għall-infurzar tar-regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi, il-membru tal-Bord tas-Superviżuri msemmi f'dak il-punt jista' jiddeċiedi li jistieden rappreżentant mill-awtorità tal-Istat Membru għall-protezzjoni tal-konsumaturi, li ma għandux ikollu vot. F'każ fejn ir-responsabbiltà għall-protezzjoni tal-konsumaturi tkun kondiviża minn diversi awtoritajiet fi Stat Membru, dawk l-awtoritajiet għandhom jaqblu dwar rappreżentant komuni.";

(33) l-Artikoli 41 u 42 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 41*

*Kumitati interni*

1. Il-Bord tas-Superviżuri, fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba mill-President, jista' jistabbilixxi kumitati interni għall-kompiti speċifiċi attribwiti lilu. Fuq talba mill-Bord Maniġerjali jew mill-President, il-Bord tas-Superviżuri jista' jistabbilixxi kumitati interni għal kompiti speċifiċi attribwiti lill-Bord Maniġerjali. Il-Bord tas-Superviżuri jista' jipprovdi għad-delega ta' ċerti kompiti u deċiżjonijiet definiti b'mod ċar lil kumitati interni, lill-Bord Maniġerjali jew lill-President.

2. Għall-finijiet tal-Artikolu 17, u mingħajr preġudizzju għar-rwol tal-kumitat imsemmi fl-Artikolu 9a(7), il-President għandu jipproponi deċiżjoni biex jitlaqqa' panel indipendenti, li għandha tiġi adottata mill-Bord tas-Superviżuri. Il-panel indipendenti għandu jkun jikkonsisti mill-President tal-Bord tas-Superviżuri u sitt membri oħra, li għandhom jiġu proposti mill-President wara konsultazzjoni mal-Bord Maniġerjali u wara sejħa miftuħa għall-parteċipazzjoni. Is-sitt membri l-oħra ma għandhomx ikunu rappreżentanti tal-awtorità kompetenti li allegatament tkun kisret il-liġi tal-Unjoni u m'għandux ikollhom la xi interess fil-kwistjoni u lanqas rabtiet diretti mal-awtorità kompetenti kkonċernata.

   Kull membru tal-panel għandu jkollu vot wieħed.

   Id-deċiżjonijiet tal-panel għandhom jittieħdu meta tal-anqas erba' membri jivvutaw favur.

3. Għall-finijiet tal-Artikolu 19, u mingħajr preġudizzju għar-rwol tal-kumitat imsemmi fl-Artikolu 9a(7), il-President għandu jipproponi deċiżjoni biex jitlaqqa' panel indipendenti, li għandha tiġi adottata mill-Bord tas-Superviżuri. Il-panel indipendenti għandu jikkonsisti mill-President u sitt membri oħra, li għandhom jiġu proposti mill-President wara konsultazzjoni mal-Bord Maniġerjali u wara sejħa miftuħa għall-parteċipazzjoni. Is-sitt membri l-oħra m'għandhomx ikunu rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti li jkunu l-partijiet fin-nuqqas ta' qbil u m'għandux ikollhom la xi interess fil-kwistjoni u lanqas rabtiet diretti mal-awtoritajiet kompetenti kkonċernati.

Kull membru tal-panel għandu jkollu vot wieħed.

Id-deċiżjonijiet tal-panel għandhom jittieħdu meta tal-anqas erba' membri jivvutaw favur.

4. Għall-finijiet tat-twettiq tal-inkjesta prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 22(4), il-President jista' jipproponi deċiżjoni li tinbeda l-inkjesta u deċiżjoni li jitlaqqa' panel indipendenti, li għandhom jiġu adottati mill-Bord tas-Superviżuri. Il-panel indipendenti għandu jikkonsisti mill-President u sitt membri oħra, li għandhom jiġu proposti mill-President wara konsultazzjoni mal-Bord Maniġerjali u wara sejħa miftuħa għall-parteċipazzjoni.

Kull membru tal-panel għandu jkollu vot wieħed.

Id-deċiżjonijiet tal-panel għandhom jittieħdu meta tal-anqas erba' membri jivvutaw favur.

5. Il-panels imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu jew il-President għandhom jipproponu deċiżjonijiet taħt l-Artikolu 17, jew l-Artikolu 19, ħlief dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, għall-adozzjoni finali mill-Bord tas-Superviżuri. Panel imsemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandu jippreżenta l-eżitu tal-inkjesta mwettqa f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 22(4) lill-Bord tas-Superviżuri.

6. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jadotta regoli ta' proċedura għall-panels imsemmija f'dan l-Artikolu.

*Artikolu 42*

*Indipendenza tal-Bord tas-Superviżuri*

1. Fit-twettiq tal-kompiti mogħtija lilhom b'dan ir-Regolament, il-membri tal-Bord tas-Superviżuri għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u oġġettiv fl-interess uniku tal-Unjoni kollha kemm hi u ma għandhom la jfittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet minn istituzzjonijiet jew korpi tal-Unjoni, minn kwalunkwe gvern jew minn kwalunkwe korp pubbliku jew privat ieħor.

2. L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet jew il-korpi tal-Unjoni, u kwalunkwe korp pubbliku jew privat ieħor, ma għandhomx ifittxu li jinfluwenzaw lill-membri tal-Bord tas-Superviżuri fil-qadi ta' dmirijiethom.

3. Il-Membri tal-Bord tas-Superviżuri, il-President kif ukoll ir-rappreżentanti mingħajr vot u l-osservaturi li jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Bord tas-Superviżuri għandhom, qabel tali laqgħat, jiddikjaraw b'mod preċiż u komplet in-nuqqas jew l-eżistenza ta' kwalunkwe interess li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tagħhom fir-rigward ta' kwalunkwe punt fuq l-aġenda, u għandhom jastjenu milli jipparteċipaw fid-diskussjoni, u fil-votazzjoni, ta' tali punti.

4. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jistabbilixxi, fir-regoli ta' proċedura tiegħu, l-arranġamenti prattiċi għar-regola dwar id-dikjarazzjoni ta' interess imsemmija fil-paragrafu 3 u għall-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kunflitt ta' interess.";

(34) l-Artikolu 43 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jagħti gwida għall-ħidma tal-Awtorità u għandu jkun inkarigat mit-teħid tad-deċiżjonijiet imsemmija fil-Kapitlu II. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jadotta l-opinjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet, il-linji gwida u d-deċiżjonijiet tal-Awtorità, u joħroġ il-pariri msemmija fil-Kapitolu II, abbażi ta' proposta mill-kumitat intern jew panel rilevanti, mill-President, jew mill-Bord Maniġerjali, kif applikabbli.";

(b) il-paragrafi 2 u 3 jitħassru;

(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jadotta, fuq il-bażi ta' proposta mill-Bord Maniġerjali, ir-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Awtorità, inkluż dwar il-qadi tal-kompiti tal-President, u għandu jgħaddi dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew sal-15 ta' Ġunju ta' kull sena. Ir-rapport għandu jsir pubbliku.";

(d) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jeżerċita awtorità dixxiplinarja fuq il-President u d-Direttur Eżekuttiv. Jista' jneħħi lid-Direttur Eżekuttiv mill-kariga skont l-Artikolu 51(5).";

(35) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 43a*

*Trasparenza tad-deċiżjonijiet adottati mill-Bord tas-Superviżuri*

Minkejja l-Artikolu 70, fi żmien sitt ġimgħat minn kull laqgħa tal-Bord tas-Superviżuri, l-Awtorità għandha tal-anqas tipprovdi lill-Parlament Ewropew b'rekord komprensiv u sinifikanti tal-proċedimenti ta' dik il-laqgħa li jippermetti fehim sħiħ tad-diskussjonijiet, inkluża lista annotata tad-deċiżjonijiet. Tali rekord ma għandux jirrifletti diskussjonijiet fi ħdan il-Bord tas-Superviżuri relatati ma' istituzzjonijiet finanzjarji individwali, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-Artikolu 75(3) jew fl-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2).";

(36) l-Artikolu 44 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Id-Deċiżjonijiet tal-Bord tas-Superviżuri għandhom jittieħdu b'maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu. Kull membru votanti għandu jkollu vot wieħed.

Fir-rigward tal-atti speċifikati fl-Artikoli 10 sa 16 ta' dan ir-Regolament u l-miżuri u d-deċiżjonijiet adottati taħt it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 9(5) ta' dan ir-Regolament, u l-Kapitolu VI ta' dan ir-Regolament, u permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Bord tas-Superviżuri għandu jieħu deċiżjonijiet abbażi ta' maġġoranza kwalifikata tal-membri tiegħu, kif definit fl-Artikolu 16(4) tat-TUE u fl-Artikolu 3 tal-Protokoll (Nru 36) dwar id-dispożizzjonijiet transitorji, li għandha tinkludi mill-inqas maġġoranza sempliċi tal-membri, li jkunu preżenti waqt il-votazzjoni, minn awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li huma Stati Membri parteċipanti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 ("Stati Membri parteċipanti") u maġġoranza sempliċi tal-membri, li jkunu preżenti waqt il-votazzjoni, minn awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li mhumiex Stati Membri parteċipanti ("Stati Membri mhux parteċipanti").

Il-President ma għandux jivvota dwar id-deċiżjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu.

Fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-panels skont l-Artikolu 41(2), (3) u (4), u l-membri tal-kumitat ta' reviżjoni bejn il-pari msemmija fl-Artikolu 30(2), il-Bord tas-Superviżuri, meta jkunu qed jikkunsidraw il-proposti mill-President tiegħu, għandhom jirsistu għal konsensus. Fin-nuqqas ta' konsensus, id-deċiżjonijiet tal-Bord tas-Superviżuri għandhom jittieħdu minn maġġoranza ta' tliet kwarti tal-membri votanti tiegħu. Kull membru votanti għandu jkollu vot wieħed.

Fir-rigward ta' deċiżjonijiet adottati taħt l-Artikolu 18(3) u (4), u b'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Bord tas-Superviżuri għandu jieħu deċiżjonijiet abbażi ta' maġġoranza sempliċi tal-membri votanti tiegħu, li għandha tinkludi maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu minn awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri parteċipanti u maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu minn awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri mhux parteċipanti.";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"3a. Fir-rigward tad-deċiżjonijiet f'konformità mal-Artikolu 30, il-Bord tas-Superviżuri għandu jivvota dwar id-deċiżjonijiet proposti bl-użu ta' proċedura bil-miktub. Il-membri votanti tal-Bord tas-Superviżuri għandu jkollhom tmien jiem ta' xogħol biex jivvotaw. Kull membru votanti għandu jkollu vot wieħed. Id-deċiżjoni proposta għandha titqies adottata sakemm ma jkunx hemm maġġoranza sempliċi tal-membri votanti tal-Bord tas-Superviżuri li joġġezzjonaw. L-astensjonijiet ma għandhomx jingħaddu bħala approvazzjonijiet jew bħala oġġezzjonijiet, u ma għandhomx jitqiesu meta jiġi kkalkulat l-għadd ta' voti mitfugħa. Jekk tliet membri votanti tal-Bord tas-Superviżuri joġġezzjonaw għall-proċedura bil-miktub, l-abbozz ta' deċiżjoni għandu jiġi diskuss u deċiż mill-Bord tas-Superviżuri skont il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3b. Fir-rigward ta’ deċiżjonijiet skont l-Artikoli 17 u 19, il-Bord tas-Superviżuri għandu jivvota dwar id-deċiżjoni proposta bl-użu ta' proċedura bil-miktub. Il-membri votanti tal-Bord tas-Superviżuri għandu jkollhom tmint ijiem ta’ xogħol biex jivvotaw. Kull membru votanti għandu jkollu vot wieħed. Id-deċiżjoni proposta għandha titqies adottata sakemm ma jkunx hemm maġġoranza sempliċi tal-membri tagħha minn awtoritajiet kompetenti ta’ Stati Membri parteċipanti, jew maġġoranza sempliċi tal-membri tagħha minn awtoritajiet kompetenti ta’ Stati Membri mhux parteċipanti, li joġġezzjonaw għaliha. L-astensjonijiet ma għandhomx jingħaddu bħala approvazzjonijiet jew bħala oġġezzjonijiet, u ma għandhomx jitqiesu meta jiġi kkalkulat l-għadd ta’ voti mitfugħa. Jekk tliet membri votanti tal-Bord tas-Superviżuri joġġezzjonaw għall-proċedura bil-miktub, l-abbozz ta’ deċiżjoni għandu jiġi diskuss mill-Bord tas-Superviżuri u jista' jiġi adottat b’maġġoranza sempliċi tal-membri votanti tal-Bord tas-Superviżuri, li għandha tinkludi maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu minn awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri parteċipanti u maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu minn awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri mhux parteċipanti.

B’deroga mill-ewwel subparagrafu, mid-data li fiha erba’ membri votanti jew anqas ikunu minn awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri mhux parteċipanti, id-deċiżjoni proposta għandha tiġi adottata b’maġġoranza sempliċi tal-membri votanti tal-Bord tas-Superviżuri, li għandha tinkludi tal-anqas vot wieħed minn membri minn awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri mhux parteċipanti.”;

(c) il-paragrafi 4 u 4a huma sostitwiti b'dan li ġej:

"4. Il-membri mingħajr dritt tal-vot u l-osservaturi ma għandhom jattendu għal ebda diskussjoni fi ħdan il-Bord tas-Superviżuri dwar istituzzjonijiet finanzjarji individwali, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-Artikolu 75(3) jew fl-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2).

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għad-Direttur Eżekuttiv u għar-rappreżentant tal-Bank Ċentrali Ewropew nominat mill-Bord Superviżorju tiegħu.

4a. Il-President tal-Awtorità għandu jkollu l-prerogattiva li jsejjaħ votazzjoni fi kwalunkwe ħin. Mingħajr preġudizzju għal dik is-setgħa u għall-effettività tal-proċeduri għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Awtorità, il-Bord tas-Superviżuri tal-Awtorità għandu jirsisti għal konsensus fit-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu.";

(37) l-Artikolu 45 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 45*
*Kompożizzjoni*

1. Il-Bord Maniġerjali għandu jkun magħmul mill-President u sitt membri tal-Bord tas-Superviżuri, eletti mill-membri votanti tal-Bord tas-Superviżuri u minn fosthom stess.

Minbarra l-President, kull membru tal-Bord Maniġerjali għandu jkollu membru supplenti, li jista' jissostitwixxih jekk ma jkunx jista' jattendi.

2. Il-mandat tal-membri eletti mill-Bord tas-Superviżuri għandu jkun ta' sentejn u nofs. Dak il-mandat jista' jiġi estiż darba. Il-kompożizzjoni tal-Bord Maniġerjali għandha tkun ibbilanċjata bejn is-sessi u proporzjonata u għandha tirrifletti l-Unjoni kollha. Il-Bord Maniġerjali għandu jinkludi tal-anqas żewġ rappreżentanti ta' Stati Membri mhux parteċipanti. Il-mandati għandhom ikunu jikkoinċidu u għandu japplika arranġament xieraq ta' rotazzjoni.

3. Il-laqgħat tal-Bord Maniġerjali għandhom jissejħu mill-President fuq inizjattiva tiegħu jew tagħha stess jew fuq talba ta' mill-inqas terz tal-membri tiegħu, u għandhom jitmexxew mill-President. Il-Bord Maniġerjali għandu jiltaqa' qabel kull laqgħa tal-Bord tas-Superviżuri u kull meta l-Bord Maniġerjali jqis li hu meħtieġ. Għandu jiltaqa' mill-inqas ħames darbiet fis-sena.

4. Il-membri tal-Bord Maniġerjali jistgħu, mingħajr preġudizzju għar-regoli proċedurali, ikunu assistiti minn konsulenti jew minn esperti. Il-membri mingħajr vot, bl-eċċezzjoni tad-Direttur Eżekuttiv, ma għandhom jattendu għall-ebda diskussjoni fi ħdan il-Bord Maniġerjali relattivament għal istituzzjonijiet finanzjarji individwali.";

(38) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 45a*

*Teħid ta' deċiżjonijiet*

1. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-Bord Maniġerjali għandhom jiġu adottati minn maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu filwaqt li jirsistu biex jintlaħaq konsensus. Kull membru għandu jkollu vot wieħed. Il-President għandu jkun membru bi dritt tal-vot.

2. Id-Direttur Eżekuttiv u rappreżentant tal-Kummissjoni għandhom jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Bord Maniġerjali mingħajr id-dritt li jivvotaw. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jkollu d-dritt li jivvota dwar materji msemmija fl-Artikolu 63.

3. Il-Bord Maniġerjali għandu jadotta u jippubblika r-regoli proċedurali tiegħu.

*Artikolu 45b*

*Gruppi ta' Koordinazzjoni*

1. Il-Bord Maniġerjali jista' jistabbilixxi gruppi ta' koordinazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba ta' awtorità kompetenti dwar suġġetti definiti li għalihom jista' jkun hemm bżonn ta' koordinazzjoni fir-rigward ta' żviluppi speċifiċi tas-suq. Il-Bord Maniġerjali għandu jistabbilixxi gruppi ta' koordinazzjoni dwar suġġetti definiti fuq talba ta' ħames membri tal-Bord tas-Superviżuri.

2. L-awtoritajiet kompetenti kollha għandhom jipparteċipaw fil-gruppi ta' koordinazzjoni u għandhom jipprovdu, skont l-Artikolu 35, lill-gruppi ta' koordinazzjoni, l-informazzjoni meħtieġa sabiex il-gruppi ta' koordinazzjoni jkunu jistgħu jwettqu l-kompiti ta' koordinazzjoni tagħhom skont il-mandat tagħhom. Il-ħidma tal-gruppi ta' koordinazzjoni għandha tkun ibbażata fuq informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti u fuq kwalunkwe konstatazzjoni identifikata mill-Awtorità.

3. Il-gruppi għandhom ikunu preseduti minn membru tal-Bord Maniġerjali. Kull sena, il-membru rispettiv tal-Bord Maniġerjali inkarigat mill-grupp ta' koordinazzjoni għandu jirrapporta lill-Bord tas-Superviżuri fuq l-elementi ewlenin tad-diskussjonijiet u l-konstatazzjonijiet u, fejn rilevanti, jagħmel suġġeriment għal segwitu regolatorju jew reviżjoni bejn il-pari fil-qasam rispettiv. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-Awtorità dwar kif qiesu l-ħidma tal-gruppi ta' koordinazzjoni fl-attivitajiet tagħhom.

4. Meta timmonitorja l-iżviluppi tas-suq li jistgħu jkunu l-fokus tal-gruppi ta' koordinazzjoni, l-Awtorità tista' titlob lill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 35 biex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa biex l-Awtorità tkun tista' twettaq ir-rwol tagħha ta' monitoraġġ.";

(39) l-Artikolu 46 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 46*
*Indipendenza tal-Bord Maniġerjali*

Il-membri tal-Bord Maniġerjali għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u oġġettiv fl-interess uniku tal-Unjoni kollha kemm hi u la għandhom ifittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet mill-istituzzjonijiet jew il-korpi tal-Unjoni, minn xi gvern jew minn kwalunkwe korp pubbliku jew privat ieħor.

L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet jew il-korpi tal-Unjoni u kwalunkwe korp ieħor pubbliku jew privat m'għandhomx ifittxu li jinfluwenzaw lill-membri tal-Bord Maniġerjali fit-twettiq tal-kompiti tagħhom.";

(40) l-Artikolu 47 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. Il-Bord Maniġerjali jista' jeżamina, jagħti opinjoni u jagħmel proposti dwar il-kwistjonijiet kollha, ħlief għal kompiti stabbiliti fl-Artikoli 9a, 9b, 30 kif ukoll fl-Artikoli 17 u 19 dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.";

(b) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“6. Il-Bord Maniġerjali għandu jipproponi rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Awtorità, inkluż dwar il-qadi tal-kompiti tal-President, lill-Bord tas-Superviżuri għall-approvazzjoni.”;

(c) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“8. Il-Bord Maniġerjali għandu jaħtar u jneħħi l-membri tal-Bord tal-Appell f’konformità mal-Artikolu 58(3) u (5), b’kont debitament meħud ta’ proposta mill-Bord tas-Superviżuri.";

(d) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"9. Il-membri tal-Bord Maniġerjali għandhom jagħmlu pubbliċi l-laqgħat kollha li jsiru u kwalunkwe ospitalità riċevuta. L-ispejjeż għandhom jiġu reġistrati pubblikament skont ir-Regolamenti tal-Persunal.”;

(41) l-Artikolu 48 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Il-President għandu jkun responsabbli biex iħejji l-ħidma tal-Bord tas-Superviżuri, inkluż it-tfassil tal-aġenda li għandha tiġi adottata mill-Bord tas-Superviżuri, jorganizza l-laqgħat u jressaq punti għal deċiżjoni u għandu jippresiedi l-laqgħat tal-Bord tas-Superviżuri.

Il-President għandu jkun responsabbli biex jistabbilixxi l-aġenda tal-Bord Maniġerjali, li għandha tiġi adottata mill-Bord Maniġerjali u għandu jippresiedi l-laqgħat tal-Bord Maniġerjali.

Il-President jista' jistieden lill-Bord Maniġerjali biex jikkunsidra li jistabbilixxi grupp ta' koordinazzjoni skont l-Artikolu 45b.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-President għandu jintgħażel fuq il-bażi tal-mertu, tal-ħiliet, tal-għarfien tal-istituzzjonijiet u s-swieq finanzjarji, u tal-esperjenza rilevanti għas-superviżjoni u r-regolamentazzjoni finanzjarja, wara proċedura tal-għażla miftuħa li għandha tirrispetta l-prinċipju tal-bilanċ bejn is-sessi u li għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jfassal lista mqassra ta' kandidati kwalifikati għall-pożizzjoni ta' President, bl-assistenza tal-Kummissjoni. Abbażi tal-lista mqassra, il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni biex jaħtar lill-President, wara konferma mill-Parlament Ewropew.

Fejn il-President ma jibqax jissodisfa l-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 49 jew ikun instab ħati ta' mġiba ħażina serja, il-Kunsill jista', fuq proposta mill-Kummissjoni li tkun ġiet approvata mill-Parlament Ewropew, jadotta deċiżjoni sabiex ineħħih mill-kariga.

Il-Bord tas-Superviżuri għandu jeleġġi wkoll, minn fost il-membri tiegħu, Viċi-President li għandu jwettaq il-funzjonijiet tal-President fl-assenza tal-President. Dak il-Viċi-President m'għandux jiġi elett minn fost il-membri tal-Bord Maniġerjali.";

(c) fil-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għall-fini tal-evalwazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-kompiti tal-President għandhom jitwettqu mill-Viċi President.

Il-Kunsill, fuq proposta mill-Bord tas-Superviżuri u bl-assistenza tal-Kummissjoni, u wara li jikkunsidra l-evalwazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, jista' jestendi l-mandat tal-President darba.";

(d) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-President jista' jitneħħa mill-kariga biss għal raġunijiet serji. Jista' jitneħħa biss mill-Parlament Ewropew wara deċiżjoni tal-Kunsill adottata wara konsultazzjoni mal-Bord tas-Superviżuri.";

(42) l-Artikolu 49 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Indipendenza tal-President";

(b) l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Mingħajr preġudizzju għar-rwol tal-Bord tas-Superviżuri fir-rigward tal-kompiti tal-President, il-President la għandu jfittex u lanqas ma għandu jieħu struzzjonijiet mill-istituzzjonijiet jew il-korpi tal-Unjoni, minn xi gvern jew mingħand xi entità pubblika jew privata oħra.";

(43) l-Artikolu 49a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 49a
spejjeż

Il-President għandu jippubblika l-laqgħat kollha li jsiru mal-partijiet interessati esterni fi żmien ġimagħtejn wara l-laqgħa u kwalunkwe ospitalità riċevuta. L-ispejjeż għandhom jiġu rreġistrati pubblikament f'konformità mar-Regolamenti dwar il-Persunal.";

(44) l-Artikolu 50 jitħassar;

(45) l-Artikolu 54 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"2. Il-Kumitat Konġunt għandu jservi bħala forum li fih l-Awtorità għandha tikkoopera regolarment u mill-qrib biex tiżgura konsistenza transsettorjali, filwaqt li tqis speċifiċitajiet settorjali, mal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), b'mod partikolari fir-rigward ta':";

(ii) l-ewwel inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"– konglomerati finanzjarji u, fejn meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni, konsolidazzjoni prudenzjali,";

(iii) il-ħames u s-sitt inċiż huma sostitwiti b'dan li ġej:

"– ċibersigurtà;

– skambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki mal-BERS u mal-ASE l-oħrajn;";

(iv) jiżdiedu l-inċiżi li ġejjin:

"– servizzi finanzjarji fil-livell tal-konsumatur u kwistjonijiet li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-depożitanti, tal-konsumaturi u tal-investituri;

– parir mill-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 1(6).";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Il-Kumitat Konġunt jista' jassisti lill-Kummissjoni fil-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet u tal-ispeċifikazzjonijiet u l-proċeduri tekniċi biex tkun żgurata l-interkonnessjoni sigura u effiċjenti tal-mekkaniżmi awtomatizzati ċentralizzati skont ir-rapport imsemmi fl-Artikolu 32a(5) tad-Direttiva (UE) 2015/849 kif ukoll fl-interkonnessjoni effettiva tar-reġistri nazzjonali taħt dik id-Direttiva.";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-Kumitat Konġunt għandu jkollu persunal apposta pprovdut mill-ASE li għandu jaqdi d-dmirijiet ta' segretarjat permanenti. L-Awtorità għandha tikkontribwixxi riżorsi adegwati għal spejjeż amministrattivi, infrastrutturali u operattivi.";

(46) l-Artikolu 55 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“3. Il-President tal-Kumitat Konġunt għandu jinħatar fuq bażi ta’ rotazzjoni annwali minn fost il-Presidenti tal-ASE. Il-President tal-Kumitat Konġunt għandu jkun it-tieni Viċi President tal-BERS.”;

(b) fil-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' mill-anqas darba kull tliet xhur.”;

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

“5. Il-President tal-Awtorità għandu jinforma regolarment lill-Bord tas-Superviżuri dwar pożizzjonijiet meħuda fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt.”;

(47) l-Artikoli 56 u 57 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“*Artikolu 56*

*Pożizzjonijiet konġunti u atti komuni*

Fi ħdan il-kamp ta’ applikazzjoni tal-kompiti tagħha stabbiliti fil-Kapitolu II ta’ dan ir-Regolament, u b’mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2002/87/KE, fejn rilevanti, l-Awtorità għandha tasal għal pożizzjonijiet konġunti b'konsensus ma', kif adatt, l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u mal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq).

Fejn meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni, il-miżuri taħt l-Artikoli 10 sa 16, u d-deċiżjonijiet taħt l-Artikoli 17, 18 u 19, ta’ dan ir-Regolament fir-rigward tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2002/87/KE u ta’ kwalunkwe att leġislattiv ieħor imsemmi fl-Artikolu 1(2) ta’ dan ir-Regolament li jaqa’ wkoll fi ħdan il-qasam ta’ kompetenza tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) jew tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) għandhom jiġu adottati, b’mod parallel minn, kif adatt, l-Awtorità, l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq).

*Artikolu 57*
*Sottokumitati*

1. Il-Kumitat Konġunt jista' jistabbilixxi sottokumitati għall-finijiet tat-tħejjija ta' abbozzi ta' pożizzjonijiet konġunti u ta' atti komuni għall-Kumitat Konġunt.

2. Kull sottokumitat għandu jkun magħmul mill-individwi msemmija fl-Artikolu 55(1), u minn rappreżentant wieħed ta’ livell għoli mill-persunal attwali tal-awtorità kompetenti rilevanti minn kull Stat Membru.

3. Kull sottokumitat għandu jeleġġi President minn fost ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti, li għandu jkun ukoll osservatur fil-Kumitat Konġunt.

4. Għall-finijiet tal-Artikolu 56, għandu jiġi stabbilit sottokumitat dwar il-konglomerati finanzjarji għall-Kumitat Konġunt.

5. Il-Kumitat Konġunt għandu jippubblika fis-sit web tiegħu s-sottokumitati stabbiliti kollha, inklużi l-mandati tagħhom u lista tal-membri tagħhom bil-funzjonijiet rispettivi tagħhom fis-sottokumitat.";

(48) l-Artikolu 58 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Bord tal-Appell tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej huwa b'dan stabbilit.";

(b) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Bord tal-Appell għandu jkun magħmul minn sitt membri u sitt membri supplenti, li għandhom ikunu individwi ta' reputazzjoni għolja b'rekord ippruvat ta' għarfien rilevanti tal-liġi tal-Unjoni u li jkollhom esperjenza professjonali internazzjonali, fuq livell għoli biżżejjed fl-oqsma bankarju, tal-assigurazzjoni, tal-pensjonijiet tax-xogħol, tas-swieq tat-titoli jew ta' servizzi finanzjarji oħrajn, għajr il-persunal attwali tal-awtoritajiet kompetenti jew ta' istituzzjonijiet jew korpi nazzjonali jew tal-Unjoni oħrajn jew korpi involuti fl-attivitajiet tal-Awtorità u membri tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati. Il-membri u s-supplenti għandhom ikunu ċittadini ta' Stat Membru u għandu jkollhom għarfien profond ta' mill-inqas żewġ lingwi uffiċjali tal-Unjoni. Il-Bord tal-Appell għandu jkollu biżżejjed għarfien espert legali biex jagħti konsulenza legali esperta legali dwar il-legalità, inkluża l-proporzjonalità, tal-eżerċizzju mill-Awtorità tas-setgħat tagħha.";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Żewġ membri tal-Bord tal-Appell u żewġ membri supplenti għandhom jinħatru mill-Bord Maniġerjali tal-Awtorità minn lista mqassra proposta mill-Kummissjoni, wara sejħa pubblika għal turija ta' interess ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u wara konsultazzjoni tal-Bord tas-Superviżuri.

Wara li jirċievi l-lista mqassra, il-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-kandidati għall-membri u l-membri supplenti jagħmlu dikjarazzjoni quddiemu u jwieġbu kwalunkwe mistoqsija magħmula mill-Membri tiegħu.

Il-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-membri tal-Bord tal-Appell biex jagħmlu dikjarazzjoni quddiemu u biex iwieġbu kwalunkwe mistoqsija mressqa mill-Membri tiegħu kull meta mitluba, bl-esklużjoni ta' dikjarazzjonijiet, mistoqsijiet jew tweġibiet li jkollhom x'jaqsmu ma' każijiet individwali deċiżi minn, jew pendenti quddiem, il-Bord tal-Appell.";

(49) fl-Artikolu 59, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-membri tal-Bord tal-Appell, u l-persunal tal-Awtorità li jipprovdu appoġġ operazzjonali u segretarjali, m'għandhom jieħdu sehem f'ebda proċedimenti ta' appell li fihom ikollhom xi interess personali, jew jekk qabel kienu involuti bħala rappreżentanti ta' waħda mill-partijiet fil-proċedura, jew jekk kienu pparteċipaw fid-deċiżjoni taħt appell.";

(50) fl-Artikolu 60, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-appell, flimkien ma' dikjarazzjoni tar-raġunijiet, għandu jiġi ppreżentat bil-miktub lill-Awtorità fi żmien tliet xhur mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni lill-persuna konċernata, jew, fin-nuqqas ta' notifika, mill-jum li fih l-Awtorità tkun ippubblikat id-deċiżjoni tagħha.

Il-Bord tal-Appell għandu jiddeċiedi fuq l-appell fi żmien tliet xhur minn meta l-appell ikun ġie ppreżentat.";

(51) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 60a*
*Kompetenza maqbuża mill-Awtorità*

Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika tista' tibgħat parir motivat lill-Kummissjoni jekk dik il-persuna tkun tal-opinjoni li l-Awtorità tkun qabżet il-kompetenza tagħha, inkluż li tkun naqset milli tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità msemmi fl-Artikolu 1(5), meta taġixxi taħt l-Artikoli 16 u 16b, u dak ikun jikkonċerna direttament u individwalment lil dik il-persuna.";

(52) fl-Artikolu 62, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"1. Id-dħul tal-Awtorità, korp Ewropew skont l-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* (ir-"Regolament Finanzjarju"), għandu jikkonsisti, b'mod partikolari, fi kwalunkwe taħlita ta' dawn li ġejjin:

---

* Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).";

(b) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(d) kwalunkwe kontribuzzjoni volontarja minn Stati Membri jew osservaturi;

(e) tariffi miftiehma għal pubblikazzjonijiet, taħriġ jew kwalunkwe servizz ieħor provdut mill-Awtorità fejn dawn ġew mitluba speċifikament minn awtorità kompetenti waħda jew aktar.";

(c) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Ebda kontribuzzjoni volontarja minn Stati Membri jew osservaturi msemmija fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu ma għandha tiġi aċċettata jekk tali aċċettazzjoni tqajjem dubju dwar l-indipendenza u l-imparzjalità tal-Awtorità. Il-kontribuzzjonijiet volontarji li jikkostitwixxu kumpens għall-ispiża tal-kompiti delegati minn awtorità kompetenti lill-Awtorità ma għandhomx jitqiesu bħala li jqajmu dubju dwar l-indipendenza ta' din tal-aħħar.";

(53) l-Artikoli 63, 64 u 65 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 63*
*Stabbiliment tal-baġit*

1. Kull sena, id-Direttur Eżekuttiv għandu jfassal abbozz provviżorju ta' dokument uniku ta' programmazzjoni tal-Awtorità għat-tliet snin finanzjarji sussegwenti, li jistabbilixxi d-dħul u n-nefqa proġettati, kif ukoll informazzjoni dwar il-persunal, mill-programmazzjoni annwali u multiannwali tiegħu u jibagħtu lill-Bord Maniġerjali u lill-Bord tas-Superviżuri, flimkien mal-pjan ta' stabbiliment.

2. Il-Bord tas-Superviżuri għandu, abbażi tal-abbozz li jkun ġie approvat mill-Bord Maniġerjali, jadotta l-abbozz tad-dokument uniku ta' programmazzjoni għat-tliet snin finanzjarji sussegwenti.

3. Id-dokument uniku ta’ programmazzjoni għandu jintbagħat mill-Bord Maniġerjali lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri Ewropea sal-31 ta’ Jannar.

4. B’kont meħud tad-dokument uniku ta’ programmazzjoni, il-Kummissjoni għandha ddaħħal fl-abbozz tal-baġit tal-Unjoni l-estimi li tqis li jkunu meħtieġa fir-rigward tal-pjan ta’ stabbiliment u l-ammont tal-kontribuzzjoni ta’ bilanċ li għandu jiġi addebitat lill-baġit ġenerali tal-Unjoni f’konformità mal-Artikoli 313 u 314 tat-TFUE.

5. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jadottaw il-pjan ta’ stabbiliment għall-Awtorità. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jawtorizzaw l-approprjazzjonijiet għall-kontribuzzjoni ta’ bilanċ lill-Awtorità.

6. Il-baġit tal-Awtorità għandu jiġi adottat mill-Bord tas-Superviżuri. Għandu jitqies finali wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni. Fejn ikun meħtieġ, għandu jkun aġġustat skont il-każ.

7. Il-Bord Maniġerjali għandu, mingħajr dewmien bla bżonn, jinnotifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-intenzjoni tiegħu li jimplimenta kwalunkwe proġett li jista’ jkollu implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti għall-iffinanzjar tal-baġit tiegħu, b’mod partikolari kwalunkwe proġett li jkollu x’jaqsam ma’ proprjetà, bħall-kiri jew xiri ta’ bini.

8. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 266 u 267 tar-Regolament Finanzjarju, għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill għal kwalunkwe proġett li jista' jkollu implikazzjonijiet finanzjarji jew implikazzjonijiet fit-tul sinifikanti għall-iffinanzjar tal-baġit tal-Awtorità, b'mod partikolari kwalunkwe proġett li jkollu x'jaqsam mal-proprjetà, bħall-kiri jew ix-xiri ta' bini, inklużi klawżoli ta' waqfien.

*Artikolu 64*

*Implimentazzjoni u kontroll tal-baġit*

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jaġixxi bħala uffiċjal awtorizzanti u għandu jimplimenta l-baġit annwali tal-Awtorità.

2. L-uffiċjal tal-kontabilità tal-Awtorità għandu jibgħat il-kontijiet provviżorji lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri sal-1 ta’ Marzu tas-sena ta’ wara. L-Artikolu 70 m'għandux jipprekludi lill-Awtorità milli tipprovdi lill-Qorti tal-Awdituri kwalunkwe informazzjoni mitluba mill-Qorti tal-Awdituri li tkun fil-kompetenza tagħha.

3. L-uffiċjal tal-kontabilità tal-Awtorità għandu jibgħat, sal-1 ta’ Marzu tas-sena ta’ wara, l-informazzjoni kontabilistika meħtieġa għall-finijiet ta’ konsolidazzjoni lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni, bil-mod u fil-format stabbiliti minn dak l-uffiċjal tal-kontabilità.

4. L-uffiċjal tal-kontabilità tal-Awtorità għandu jibgħat ukoll, sal-31 ta’ Marzu tas-sena ta’ wara, ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja lill-membri tal-Bord tas-Superviżuri, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri.

5. Wara li jirċievi l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet provviżorji tal-Awtorità f’konformità mal-Artikolu 246 tar-Regolament Finanzjarju, l-uffiċjal tal-kontabilità tal-Awtorità għandu jfassal il-kontijiet finali tal-Awtorità. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħathom lill-Bord tas-Superviżuri, li għandu jagħti opinjoni dwar dawk il-kontijiet.

6. L-uffiċjal tal-kontabilità tal-Awtorità għandu jibgħat, sal-1 ta’ Lulju tas-sena ta’ wara, il-kontijiet finali, akkumpanjati mill-opinjoni tal-Bord tas-Superviżuri, lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri.

   L-uffiċjal tal-kontabilità tal-Awtorità għandu jibgħat ukoll, sal-15 ta’ Ġunju kull sena, pakkett ta' rapporti lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni, f'format standardizzat kif stabbilit mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni għall-finijiet ta' konsolidazzjoni.

7. Il-kontijiet finali għandhom jiġu ppubblikati f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* sal-15 ta’ Novembru tas-sena ta’ wara.

8. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat tweġiba lill-Qorti tal-Awdituri għall-osservazzjonijiet ta' din tal-aħħar sat-30 ta' Settembru u għandu jibgħat ukoll kopja ta' dik it-tweġiba lill-Bord Maniġerjali u lill-Kummissjoni.

9. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat lill-Parlament Ewropew, fuq talba ta' dan tal-aħħar u hekk kif previst fl-Artikolu 261(3) tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe informazzjoni li tkun meħtieġa għall-applikazzjoni bla xkiel tal-proċedura ta' kwittanza għas-sena finanzjarja kkonċernata.

10. Il-Parlament Ewropew, wara rakkomandazzjoni mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandu, qabel il-15 ta' Mejju tas-sena N + 2, jagħti kwittanza lill-Awtorità għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja N.

11. L-Awtorità għandha tipprovdi opinjoni motivata dwar il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew u dwar kwalunkwe osservazzjoni oħra magħmula mill-Parlament Ewropew mogħtija fil-proċedura ta' kwittanza.

*Artikolu 65*
*Regoli finanzjarji*

Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Awtorità għandhom jiġu adottati mill-Bord Maniġerjali *wara* konsultazzjoni mal-Kummissjoni. Dawk ir-regoli ma jistgħux jitbiegħdu mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715* sakemm il-ħtiġijiet operattivi speċifiċi għall-funzjonament tal-Awtorità ma jkunux jirrikjedu dan u biss bil-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni.

______________

* Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal- Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1).";

(54) fl-Artikolu 66, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* għandu japplika għall-Awtorità mingħajr ebda restrizzjoni.

______________

* Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).";

(55) l-Artikolu 70 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-membri tal-Bord tas-Superviżuri, u l-membri kollha tal-persunal tal-Awtorità, inklużi uffiċjali ssekondati mill-Istati Membri fuq bażi temporanja, u l-persuni l-oħrajn kollha li jwettqu kompiti għall-Awtorità fuq bażi kuntrattwali, għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tas-segretezza professjonali skont l-Artikolu 339 TFUE u d-dispożizzjonijiet rilevanti fil-leġislazzjoni tal-Unjoni, anki wara li jkunu ntemmu dmirijiethom.";

(b) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-obbligu taħt il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandux iżomm lill-Awtorità u lill-awtoritajiet kompetenti milli jużaw l-informazzjoni għall-infurzar tal-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) u, b'mod partikolari, għall-proċeduri legali għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet.";

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Il-Bord Maniġerjali u l-Bord tas-Superviżuri għandhom jiżguraw li l-individwi li jipprovdu kwalunkwe servizz, direttament jew indirettament, b'mod permanenti jew okkażjonali, fir-rigward tal-kompiti tal-Awtorità, inklużi uffiċjali u persuni oħrajn awtorizzati mill-Bord Maniġerjali u mill-Bord tas-Superviżuri jew maħtura mill-awtoritajiet kompetenti għal dak l-iskop, ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tas-segretezza professjonali ekwivalenti għal dawk fil-paragrafi 1 u 2.

L-istess rekwiżiti għas-segretezza professjonali għandhom japplikaw ukoll għall-osservaturi li jattendu l-laqgħat tal-Bord Maniġerjali u tal-Bord tas-Superviżuri u li jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-Awtorità.";

(d) il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx iżommu lill-Awtorità milli tiskambja informazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti f'konformità ma' dan ir-Regolament u ma' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni applikabbli għall-istituzzjonijiet finanzjarji.

Dik l-informazzjoni għandha tkun soġġetta għall-kondizzjonijiet tas-segretezza professjonali msemmija fil-paragrafi 1 u 2. L-Awtorità għandha tistabbilixxi fir-regoli proċedurali interni tagħha l-arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni tar-regoli ta' kunfidenzjalità msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

4. L-Awtorità għandha tapplika d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (KEFA, Euratom) 2015/444[*].

---

[*] Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53).";

(56) l-Artikolu 71 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“*Artikolu 71*

*Protezzjoni tad-data*

Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri relatati mal-ipproċessar minnhom ta' data personali taħt ir-Regolament (UE) 2016/679 jew għall-obbligi tal-Awtorità relatati mal-ipproċessar minnha ta' data personali taħt ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* waqt il-qadi tar-responsabbiltajiet tagħha.

______________

* Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta’ persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta’ tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).”;

(57) fl-Artikolu 72, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. Il-Bord Maniġerjali għandu jadotta miżuri prattiċi għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.”;

(58) fl-Artikolu 74, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-arranġamenti meħtieġa dwar l-akkomodazzjoni li trid tiġi pprovduta għall-Awtorità fl-Istat Membru fejn tkun tinsab is-sede tagħha u l-faċilitajiet li għandhom isiru disponibbli minn dak l-Istat Membru, kif ukoll ir-regoli speċifiċi applikabbli f'dak l-Istat Membru għall-persunal tal-Awtorità u għall-membri tal-familji tagħhom, għandhom jiġu stipulati fi Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali bejn l-Awtorità u dak l-Istat Membru li huma jkunu kkonkludu wara li tkun inkisbet l-approvazzjoni tal-Bord Maniġerjali.";

(59) l-Artikolu 76 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 76*
*Ir-relazzjoni mal-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej*

L-Awtorità *għandha* titqies bħala s-suċċessur legali tal-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej (KSBE). Sad-data tal-istabbiliment tal-Awtorità, l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha u l-operazzjonijiet kollha pendenti tal-KRET għandhom jiġu ttrasferiti awtomatikament lill-Awtorità. Il-KSBE għandu jistabbilixxi dikjarazzjoni li turi s-sitwazzjoni fl-għeluq tal-assi u l-obbligazzjonijiet tiegħu sa mid-data ta' dak it-trasferiment. Dik id-dikjarazzjoni għandha tiġi vverifikata u approvata mill-KSBE u mill-Kummissjoni.";

(60) l-Artikolu 81 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"1. Sa ... [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], u kull tliet snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport ġenerali dwar l-esperjenza miksuba bħala riżultat tal-operat tal-Awtorità u l-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dak ir-rapport għandu jevalwa, fost affarijiet oħra:";

(ii) fil-punt (a), is-sentenza introduttorja u l-punt (i) huma sostitwiti b'dan li ġej

"(a) l-effettività u l-konverġenza fil-prattiki superviżorji miksuba mill-awtoritajiet kompetenti:

(i) l-indipendenza tal-awtoritajiet kompetenti u l-konverġenza fl-istandards ekwivalenti għall-governanza korporattiva;";

(iii) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(g) il-funzjonament tal-Kumitat Konġunt;

(h) l-ostakoli għal, jew l-impatt fuq, il-konsolidazzjoni prudenzjali skont l-Artikolu 8.";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"2a. Bħala parti mir-rapport ġenerali msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta lill-awtoritajiet u lill-partijiet interessati rilevanti kollha, għandha tagħmel valutazzjoni komprensiva tal-applikazzjoni tal-Artikolu 9c.

2b. Bħala parti mir-rapport ġenerali msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti u lill-partijiet interessati rilevanti kollha, għandha tagħmel valutazzjoni komprensiva tal-implimentazzjoni, il-funzjonament u l-effettività tal-kompiti speċifiċi relatati mal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u mogħtija lill-Awtorità f'konformità mal-Artikolu 1(2), mal-punt (l) tal-Artikolu 8(1) u mal-Artikoli 9a, 9b, 17 u 19, ta' dan ir-Regolament. Bħala parti mill-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tanalizza l-interazzjoni bejn dawk il-kompiti u l-kompiti mogħtija lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), kif ukoll il-prattiċità legali tas-setgħat tal-Awtorità sa fejn dawn jippermettu lill-Awtorità tibbaża l-azzjoni fuq il-liġi nazzjonali li tittrasponi Direttivi jew teżerċita opzjonijiet. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha, abbażi ta' analiżi komprensiva tal-ispejjeż u l-benefiċċji kif ukoll lejn l-objettiv li tiżgura l-konsistenza, l-effiċjenza u l-effettività, tinvestiga bir-reqqa l-possibbiltà li tagħti kompiti speċifiċi fir-rigward tal-prevenzjoni u tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu lil aġenzija dedikata eżistenti jew ġdida għall-UE kollha.".

*Artikolu 2*

*Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1094/2010*

Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“2. L-Awtorità għandha taġixxi fil-limiti tas-setgħat mogħtija lilha b'dan ir-Regolament u fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE bl-eċċezzjoni tat-Titolu IV tagħha, tad-Direttiva 2002/87/KE, tad-Direttiva (UE) 2016/97* u tad-Direttiva (UE) 2016/2341** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u, sa fejn dawk l-atti japplikaw għal impriżi tal-assigurazzjoni, impriżi tar-riassigurazzjoni, istituzzjonijiet għall-provvediment tal-irtirar mix-xogħol u intermedjarji tal-assigurazzjoni, fil-partijiet rilevanti tad-Direttiva(UE) 2002/65/KE, inklużi d-direttivi, regolamenti u deċiżjonijiet kollha bbażati fuq dawk l-atti, u ta' kwalunkwe att ieħor, legalment vinkolanti, tal-Unjoni li jikkonferixxi kompiti lill-Awtorità.

L-Awtorità għandha tikkontribwixxi għall-ħidma tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) stabbilita permezz tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** f'rabta mal-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**** u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010. L-Awtorità għandha tiddeċiedi dwar il-qbil tagħha f'konformità mal-Artikolu 9a(9) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

3. L-Awtorità għandha taġixxi fil-qasam tal-attivitajiet tal-impriżi tal-assigurazzjoni, tal-impriżi ta' riassigurazzjoni, tal-konglomerati finanzjarji, tal-istituzzjonijiet għall-provvista tal-irtirar mix-xogħol u tal-intermedjarji tal-assigurazzjoni, fir-rigward ta' kwistjonijiet li mhumiex koperti direttament mill-atti leġislattivi msemmija fil-paragrafu 2, inklużi kwistjonijiet ta' governanza korporattiva, verifika u rappurtar finanzjarju, filwaqt li tqis il-mudelli ta' negozju sostenibbli u l-integrazzjoni ta' fatturi relatati ambjentali, soċjali u ta' governanza, sakemm tali azzjonijiet mill-Awtorità jkunu meħtieġa biex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva u konsistenti ta' dawk l-atti.

---

* Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni (ĠU L 26, 2.2.2016, p. 19).

** Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs) (ĠU L 354, 23.12.2016, p. 37).

*** Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

**** Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).";

(b) il-paragrafu 6 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa emendat kif ġej:

– il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"6. L-għan tal-Awtorità għandu jkun li tipproteġi l-interess pubbliku billi tikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-effettività fuq żmien qasir, medju u twil tas-sistema finanzjarja, għall-ekonomija tal-Unjoni, iċ-ċittadini u n-negozji tagħha. L-awtorità għandha, fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħha, tikkontribwixxi sabiex:";

– il-punti (e) u (f) huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"(e) jiġi żgurat li t-teħid ta' riskji relatati mal-attivitajiet tal-assigurazzjoni, ir-riassigurazzjoni u l-pensjonijiet tax-xogħol ikun regolat u ssorveljat b'mod adegwat;

(f) tissaħħaħ il-protezzjoni tal-klijenti u tal-konsumatur; u";

– jiżdied il-punt li ġej:

"(g) tittejjeb il-konverġenza superviżorja fis-suq intern kollu.";

(ii) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għal dawk il-finijiet, l-Awtorità għandha tikkontribwixxi sabiex tiżgura l-applikazzjoni konsistenti, effiċjenti u effikaċi tal-atti msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, tkattar il-konverġenza superviżorja, u tipprovdi opinjonijiet f'konformità mal-Artikolu 16a lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, u lill-Kummissjoni.";

(iii) ir-raba' subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fit-twettiq tal-kompiti tagħha, l-Awtorità għandha taġixxi indipendentement, oġġettivament u b'mod mhux diskriminatorju u trasparenti, fl-interessi tal-Unjoni kollha kemm hi u għandha tirrispetta, kull fejn ikun rilevanti, il-prinċipju tal-proporzjonalità. L-Awtorità għandha tagħti rendikont u taġixxi b'integrità u għandha tiżgura li l-partijiet interessati kollha jiġu trattati b'mod ġust.";

(iv) jiżdied s-subparagrafu li ġej:

"Il-kontenut u l-forma tal-azzjonijiet u tal-miżuri tal-Awtorità, b'mod partikolari l-linji gwida, ir-rakkomandazzjonijiet, l-opinjonijiet, il-mistoqsijiet u t-tweġibiet, l-abbozzi ta' standards regolatorji u l-abbozzi ta' standards ta' implimentazzjoni, għandhom jirrispettaw b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet applikabbli ta' dan ir-Regolament u tal-atti leġislattivi msemmija fil-paragrafu 2. Sa fejn huwa permess u rilevanti taħt dawk id-dispożizzjonijiet, l-azzjonijiet u l-miżuri tal-Awtorità għandhom, f'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, iqisu kif dovut in-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti għan-negozju ta' istituzzjoni finanzjarja, impriża, suġġett ieħor jew attività finanzjarja oħra, li jkunu milquta mill-azzjonijiet u l-miżuri tal-Awtorità.";

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"7. L-Awtorità għandha tistabbilixxi, bħala parti integrali minnha, Kumitat li jkun ta' konsulenza għaliha dwar kif, f'konformità sħiħa mar-regoli applikabbli, ikun jenħtieġ li l-azzjonijiet u l-miżuri tagħha jqisu d-differenzi speċifiċi prevalenti fis-settur, li jirrigwardaw in-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji, il-mudelli u l-prattika ta' negozju kif ukoll id-daqs tal-istituzzjonijiet finanzjarji u tas-swieq sa fejn tali fatturi jkunu rilevanti fl-ambitu tar-regoli kkunsidrati.";

(2) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Awtorità għandha tkun parti minn sistema Ewropea ta' superviżjoni finanzjarja (SESF). L-għan ewlieni tas-SESF għandu jkun li tiżgura li r-regoli applikabbli għas-settur finanzjarju jiġu implimentati adegwatament sabiex tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja u jkunu żgurati l-fiduċja fis-sistema finanzjarja kollha u l-protezzjoni effettiva u suffiċjenti għall-klijenti u għall-konsumaturi ta' servizzi finanzjarji.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera skont l-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), il-partijiet għas-SESF għandhom jikkooperaw b'fiduċja u rispett reċiproku sħiħ, b'mod partikolari sabiex jiżguraw il-fluss ta' informazzjoni adegwata u affidabbli bejniethom u mingħand l-Awtorità lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.";

(c) fil-paragrafu 5, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi nazzjonali, ir-referenzi f'dan ir-Regolament għal superviżjoni għandhom jinkludu l-attivitajiet rilevanti kollha tal-awtoritajiet kompetenti kollha li jridu jitwettqu skont l-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2).";

(3) l-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

*Responsabbiltà tal-Awtoritajiet*

1. L-Awtoritajiet imsemmija fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 2(2) għandhom ikunu responsabbli lejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

2. F'konformità mal-Artikolu 226 TFUE, l-Awtorità għandha tikkoopera bis-sħiħ mal-Parlament Ewropew matul kwalunkwe investigazzjoni mwettqa taħt dak l-Artikolu.

3. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jadotta rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Awtorità, inkluż dwar il-qadi tad-dmirijiet tal-President, u għandu jibgħat, sal-15 ta' Ġunju ta' kull sena, dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Ir-rapport għandu jsir pubbliku.

4. Fuq talba tal-Parlament Ewropew, il-President għandu jipparteċipa f'seduta ta' smigħ quddiem il-Parlament Ewropew dwar il-prestazzjoni tal-Awtorità. Għandha ssir seduta tal-inqas annwalment. Il-President għandu jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-Parlament Ewropew u jwieġeb kwalunkwe mistoqsija mressqa mill-membri tiegħu, kull meta dan ikun meħtieġ.

5. Il-President għandu jippreżenta rapport bil-miktub dwar l-attivitajiet tal-Awtorità lill-Parlament Ewropew meta jintalab jagħmel dan u mill-inqas 15-il jum qabel jagħmel id-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 4.

6. Minbarra l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 11 sa 18 u l-Artikoli 20 u 33, ir-rapport għandu jinkludi wkoll kwalunkwe informazzjoni rilevanti mitluba mill-Parlament Ewropew fuq bażi ad hoc.

7. L-Awtorità għandha twieġeb bil-fomm jew bil-miktub għal kwalunkwe mistoqsija indirizzata lilha mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien ħames ġimgħat mir-riċezzjoni tagħha.

8. Fuq talba, il-President għandu jagħmel diskussjonijiet kunfidenzjali bil-fomm fil-magħluq mal-President, mal-Viċi Presidenti u mal-Koordinaturi tal-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew. Il-parteċipanti kollha għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti tas-segretezza professjonali.

9. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tiegħu ta' kunfidenzjalità li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni f'fora internazzjonali, l-Awtorità għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, meta tintalab tagħmel dan, dwar il-kontribut tagħha għal rappreżentanza magħquda, komuni, konsistenti u effettiva tal-interessi tal-Unjoni f'tali fora internazzjonali.";

(4) fil-punt (2) tal-Artikolu 4, il-punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) fir-rigward tad-Direttiva 2002/65/KE, l-awtoritajiet u korpi kompetenti biex jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva mill-istituzzjonijiet finanzjarji;";

(5) fl-Artikolu 7 jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Il-post tas-sede tal-Awtorità ma għandux jaffettwa l-eżekuzzjoni tal-kompiti u tas-setgħat tal-Awtorità, l-organizzazzjoni tal-istruttura ta' governanza tagħha, l-operat tal-organizzazzjoni prinċipali tagħha, jew il-finanzjament prinċipali tal-attivitajiet tagħha, filwaqt li għandu jippermetti, fejn ikun applikabbli, il-kondiviżjoni ma' aġenziji tal-Unjoni ta' servizzi ta' appoġġ amministrattiv u servizzi ta' ġestjoni tal-faċilitajiet li ma jkunux relatati mal-attivitajiet ewlenin tal-Awtorità.";

(6) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) abbażi tal-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), li tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' standards u prattiki regolatorji u superviżorji komuni ta' kwalità għolja, b'mod partikolari billi tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni, linji gwida, rakkomandazzjonijiet u miżuri oħra, inklużi opinjonijiet;";

(ii) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(aa) li tiżviluppa u żżomm aġġornat manwal ta' superviżjoni tal-Unjoni dwar is-superviżjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji fl-Unjoni li għandu jistipula l-aħjar prattiki u metodoloġiji u proċessi ta' kwalità għolja, u li jqis, fost l-oħrajn, il-prattiki kummerċjali u l-mudelli kummerċjali li qegħdin jinbidlu u d-daqs tal-istituzzjonijiet finanzjarji u tas-swieq;";

(iii) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) li tikkontribwixxi għall-applikazzjoni konsistenti tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti, b'mod partikolari billi tikkontribwixxi lejn kultura superviżorja komuni, tiżgura applikazzjoni konsistenti, effiċjenti u effikaċi tal-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), timpedixxi l-arbitraġġ regolatorju, trawwem l-indipendenza superviżorja u twettaq monitoraġġ tagħha, timmedja u ssolvi nuqqasijiet ta' qbil bejn l-awtoritajiet kompetenti, tiżgura s-superviżjoni effikaċi u konsistenti tal-istituzzjonijiet finanzjarji, tiżgura funzjonament koerenti tal-kulleġġi tas-superviżuri, u tieħu azzjonijiet, inter alia, f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza;";

(iv) il-punti (e) sa (h) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(e) li torganizza u twettaq reviżjonijiet bejn il-pari tal-awtoritajiet kompetenti, u, f'dak il-kuntest, li toħroġ linji gwida u rakkomandazzjonijiet u li tidentifika l-aħjar prattiki, bl-għan li tissaħħaħ il-konsistenza fl-eżiti superviżorji;

(f) li timmonitorja u tivvaluta l-iżviluppi tas-suq fil-qasam tal-kompetenzi tagħha, inklużi, fejn rilevanti, l-iżviluppi relatati max-xejriet fl-assigurazzjoni, ir-riassigurazzjoni u l-pensjonijiet tax-xogħol, b'mod partikolari, għall-unitajiet domestiċi u l-SMEs u fis-servizzi finanzjarji innovattivi filwaqt li tikkunsidra kif dovut l-iżviluppi relatati mal-fatturi ambjentali, soċjali u dawk relatati mal-governanza;

(g) li tagħmel analiżijiet tas-suq biex tinforma l-proċedura ta' kwittanza għall-funzjonijiet tal-Awtorità;

(h) li trawwem, fejn ikun rilevanti, il-protezzjoni tat-titolari tal-poloz, tal-membri u l-benefiċjarji ta' skemi tal-pensjoni, tal-konsumaturi u tal-investituri, b'mod partikolari fir-rigward tan-nuqqasijiet f'kuntest transfruntier u b'kunsiderazzjoni tar-riskji relatati;";

(v) wara l-punt (i) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(ia) li tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' strateġija komuni tal-Unjoni dwar data finanzjarja;";

(vi) wara l-punt (k) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(ka) li tippubblika fil-website tagħha, u li taġġorna b'mod regolari, l-istandards tekniċi regolatorji, l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni, il-linji gwida, ir-rakkomandazzjonijiet u l-mistoqsijiet u tweġibiet kollha għal kull att leġiżlattiv imsemmi fl-Artikolu 1(2), inklużi ħarsiet ġenerali li jikkonċernaw is-sitwazzjoni attwali tal-ħidma li tkun għaddejja u l-iskeda ta' żmien ippjanata għall-adozzjoni ta' abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji u abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni. ";

(vii) il-punt (l) jitħassar;

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Meta tkun qed twettaq il-kompiti tagħha f'konformità ma' dan ir-Regolament, l-Awtorità għandha:

(a) tuża s-setgħat sħaħ disponibbli għaliha;

(b) filwaqt li jitqies b'mod dovut l-objettiv li jiġu żgurati s-sigurtà u solidità tal-istituzzjonijiet finanzjarji, tikkunsidra b'mod sħiħ it-tipi differenti, il-mudelli ta' negozju u d-daqsijiet tal-istituzzjonijiet finanzjarji; u

(c) tikkunsidra l-innovazzjoni teknoloġika, il-mudelli ta' negozju innovattivi u sostenibbli bħal kooperattivi u mutwali u l-integrazzjoni tal-fatturi ambjentali, soċjali u dawk relatati mal-governanza.";

(c) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(ca) toħroġ rakkomandazzjonijiet kif stipulat fl-Artikolu 29a;

(da) toħroġ twissijiet f'konformità mal-Artikolu 9(3);";

(ii) il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(g) toħroġ opinjonijiet għall-Parlament Ewropew, għall-Kunsill, jew għall-Kummissjoni kif previst fl-Artikolu 16a;";

(iii) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(ga) toħroġ tweġibiet għal mistoqsijiet, kif stipulat fl-Artikolu 16b;

(gb) tieħu azzjoni f'konformità mal-Artikolu 9a;";

(d) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Fit-twettiq tal-kompiti msemmija fil-paragrafu 1 u fl-eżerċizzju tas-setgħat imsemmija fil-paragrafu 2, l-Awtorità għandha taġixxi abbażi, u fil-limiti, tal-qafas leġislattiv u għandha tikkunsidra debitament il-prinċipju ta' proporzjonalità, fejn rilevanti, u r-regolamentazzjoni aħjar, inklużi r-riżultati tal-analiżijiet tal-ispejjeż u l-benefiċċji f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Il-konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa msemmija fl-Artikoli 10, 15, 16 u 16a għandhom isiru bl-aktar mod wiesa' possibbli sabiex jiġi żgurat approċċ inklużiv lejn il-partijiet interessati kollha u għandhom jippermettu żmien raġonevoli sabiex il-partijiet interessati jwieġbu. L-Awtorità għandha tippubblika sommarju tar-rispons li jaslilha mingħand il-partijiet interessati u ħarsa ġenerali lejn kif l-informazzjoni u l-opinjonijiet miġbura mill-konsultazzjoni ntużaw f'abbozz ta' standard tekniku regolatorju u f'abbozz ta' standard tekniku ta' implimentazzjoni.";

(7) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-ġbir, l-analiżi u r-rappurtar dwar tendenzi tal-konsumaturi, bħall-iżvilupp tal-ispejjeż u l-imposti tas-servizzi u l-prodotti finanzjarji għall-konsumatur fl-Istati Membri;";

(ii) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(aa) it-twettiq ta' rieżamijiet tematiċi fil-fond tal-imġiba tas-suq, u l-bini ta' fehim komuni tal-prattiki tas-swieq sabiex jiġu identifikati problemi potenzjali u jiġi analizzat l-impatt tagħhom;

(ab) l-iżvilupp ta' indikaturi tar-riskju fil-livell tal-konsumaturi għall-identifikazzjoni f'waqtha tal-kawżi potenzjali ta' detriment għall-konsumaturi u għall-investituri;";

(iii) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(e) il-kontribut għal kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq intern fejn il-konsumaturi u utenti oħra ta' servizzi finanzjarji jkollhom aċċess ġust għas-servizzi u l-prodotti finanzjarji;

(f) il-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' xiri bil-moħbi ta' awtoritajiet kompetenti, jekk dan ikun applikabbli.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Awtorità għandha tissorvelja l-attivitajiet finanzjarji ġodda u eżistenti u tista' tadotta linji gwida u rakkomandazzjonijiet bil-għan li tippromwovi s-sikurezza u s-saħħa tas-swieq, u l-konverġenza u l-effettività tal-prattiki regolatorji u superviżorji.";

(c) il-paragrafi 4 u 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"4. L-Awtorità għandha tistabbilixxi, bħala parti integrali minnha, Kumitat dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u l-innovazzjoni finanzjarja, li jiġbor flimkien l-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha u l-awtoritajiet responsabbli għall-protezzjoni tal-konsumatur bil-għan li tittejjeb il-protezzjoni tal-konsumatur, jinkiseb approċċ ikkoordinat għat-trattament regolatorju u superviżorju ta' attivitajiet finanzjarji ġodda jew innovattivi, u jingħataw pariri biex l-Awtorità tippreżentahom lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. L-Awtorità għandha tikkoopera mill-qrib mal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data stabbilit permezz tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* biex ikunu evitati d-duplikazzjoni, l-inkonsistenzi u l-inċertezza legali fil-qasam tal-protezzjoni tad-data. L-Awtorità tista' tistieden ukoll lill-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data bħala osservaturi fil-Kumitat.

5. L-Awtorità tista', b'mod temporanju, tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-kummerċjalizzazzjoni, id-distribuzzjoni jew il-bejgħ ta' ċerti prodotti, strumenti jew attivitajiet li għandhom il-potenzjal li jikkawżaw dannu finanzjarju sinifikanti lill-klijenti jew lill-konsumaturi, jew ikunu ta' theddida għall-funzjonament tajjeb u l-integrità tas-swieq finanzjarji jew għall-istabilità tas-sistema finanzjarja, kollha jew ta' parti minnha, fl-Unjoni fil-każijiet speċifikati u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), jew, jekk ikun meħtieġ, f'każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza konformement mal-Artikolu 18 u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fih.

L-Awtorità għandha tirrevedi d-deċiżjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu f'intervalli adatti u mill-inqas kull sitt xhur. Wara mill-inqas żewġ tiġdidiet konsekuttivi u abbażi ta' analiżi xierqa li għandha l-għan li tivvaluta l-impatt fuq il-klijent jew il-konsumatur, l-Awtorità tista' tiddeċiedi dwar it-tiġdid annwali tal-projbizzjoni.

Stat Membru jista' jitlob lill-Awtorità biex terġa' tikkunsidra d-deċiżjoni tagħha. F'dak il-każ, l-Awtorità għandha tiddeċiedi, f'konformità mal-proċedura stabbilita fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 44(1), jekk iżżommx dik id-deċiżjoni.

L-Awtorità tista' wkoll tivvaluta l-ħtieġa li tipprojbixxi jew tirrestrinġi ċerti tipi ta' attività jew prattika finanzjarja u, fejn ikun hemm tali bżonn, tinforma lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti sabiex tiffaċilita l-adozzjoni ta' kwalunkwe tali projbizzjoni jew restrizzjoni.

---

* Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).";

(8) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 9a*

*Ittri biex ma titteħidx azzjoni*

1. L-Awtorità għandha tieħu l-miżuri msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu f'ċirkustanzi eċċezzjonali biss meta tikkunsidra li l-applikazzjoni ta' wieħed mill-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), jew ta' kwalunkwe att delegat jew ta' implimentazzjoni bbażat fuq dawk l-atti leġislattivi, probabbilment tqajjem kwistjonijiet sinifikanti, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet:

   (a) l-Awtorità tikkunsidra li d-dispożizzjonijiet li jinsabu f'tali att jistgħu jkunu f'kunflitt dirett ma' att ieħor rilevanti;

   (b) fejn l-att ikun wieħed mill-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), in-nuqqas ta' atti delegati jew ta' implimentazzjoni li jikkomplementaw jew jispeċifikaw l-att inkwistjoni jqajjem dubji leġittimi rigward il-konsegwenzi legali li jirriżultaw mill-att leġislattiv jew mill-applikazzjoni proprja tiegħu,

   (c) in-nuqqas ta' linji gwida u rakkomandazzjonijiet kif imsemmijin fl-Artikolu 16 iqajjem diffikultajiet prattiċi rigward l-applikazzjoni tal-att leġislattiv rilevanti.

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-Awtorità għandha tibgħat rendikont dettaljat bil-miktub tal-kwistjonijiet li hija tqis li jeżistu lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Kummissjoni.

Fil-każijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, l-Awtorità għandha tipprovdi lill-Kummissjoni b'opinjoni dwar kwalunkwe azzjoni li hija tqis xierqa, fil-forma ta' proposta leġislattiva ġdida jew ta' proposta għal att ġdid, delegat jew ta' implimentazzjoni, u dwar l-urġenza li, skont l-Awtorità, hija marbuta mal-kwistjoni. L-Awtorità għandha tagħmel l-opinjoni tagħha pubblika.

Fil-każ imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Awtorità għandha tevalwa mill-aktar fis possibbli l-ħtieġa li tadotta linji gwida jew rakkomandazzjonijiet rilevanti f'konformità mal-Artikolu 16.

L-Awtorità għandha taġixxi bil-ħeffa, partikolarment bil-ħsieb li tikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, kull meta jkun possibbli.

3. Fejn ikun meħtieġ fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, u sa meta jiġu adottati u applikati miżuri ġodda wara l-passi msemmija fil-paragrafu 2, l-Awtorità għandha toħroġ opinjonijiet rigward dispożizzjonijiet speċifiċi tal-atti msemmija fil-paragrafu 1 bil-ħsieb li jkomplu jiġu segwiti prattiki superviżorji u ta' infurzar li jkunu konsistenti, effiċjenti u effettivi, u l-applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tal-liġi tal-Unjoni.

4. Fejn, abbażi tal-informazzjoni riċevuta, partikolarment mill-awtoritajiet kompetenti, l-Awtorità tikkunsidra li kwalunkwe mill-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), jew kwalunkwe att delegat jew ta' implimentazzjoni bbażat fuq dawk l-atti leġislattivi, iqajmu kwistjonijiet eċċezzjonali sinifikanti li jappartjenu għall-fiduċja tas-suq, il-protezzjoni tal-konsumaturi, tal-klijenti jew tal-investituri, il-funzjonament tajjeb u l-integrità tas-swieq finanzjarji jew is-suq tal-komoditajiet jew l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, kollha jew ta' parti minnha, fl-Unjoni, hija għandha mingħajr dewmien tibgħat rendikont dettaljat bil-miktub lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Kummissjoni tal-kwistjonijiet li hija tqis li jeżistu. L-Awtorità tista' tipprovdi lill-Kummissjoni b'opinjoni dwar kwalunkwe azzjoni li hija tqis xierqa, fil-forma ta' proposta leġislattiva ġdida jew ta' proposta għal att ġdid, delegat jew ta' implimentazzjoni, u dwar l-urġenza tal-kwistjoni. L-Awtorità għandha tagħmel l-opinjoni tagħha pubblika.";

(9) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Fejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jiddelegaw is-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta standards tekniċi regolatorji permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 TFUE sabiex tiżgura l-armonizzazzjoni konsistenti fl-oqsma speċifikament stipulati fl-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, l-Awtorità tista' tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji. L-Awtorità għandha tippreżenta l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji tagħha lill-Kummissjoni għall-adozzjoni. Fl-istess ħin, l-Awtorità għandha tgħaddi dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji għall-informazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.";

(ii) it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Qabel ma tippreżentahom lill-Kummissjoni, l-Awtorità għandha tagħmel konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozzi ta’ standards tekniċi regolatorji u għandha tanalizza l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati, sakemm tali konsultazzjonijiet u analiżijiet ma jkunux ferm sproporzjonati fir-rigward tal-kamp ta’ applikazzjoni u l-impatt tal-abbozzi tal-istandards tekniċi regolatorji kkonċernati jew fir-rigward tal-urġenza partikolari tal-kwistjoni. L-Awtorità għandha titlob ukoll il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati rilevanti msemmi fl-Artikolu 37.”;

(iii) ir-raba' subparagrafu jitħassar;

(iv) il-ħames u s-sitt subparagrafi huma sostitwiti b’dan li ġej:

“Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi abbozz ta' standard tekniku regolatorju, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk tadottahx. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien debitu fejn l-adozzjoni ma tistax isseħħ fi żmien il-perjodu ta’ tliet xhur. Il-Kummissjoni tista’ tadotta l-abbozz ta’ standard tekniku regolatorju parzjalment biss, jew b’emendi, fejn l-interessi tal-Unjoni jirrikjedu dan.

Fejn il-Kummissjoni jkollha l-intenzjoni li ma tadottax abbozz ta' standard tekniku regolatorju jew li tadottah parzjalment jew b'emendi, hi għandha tibgħat l-abbozz ta' standard tekniku regolatorju lura lill-Awtorità, fejn tispjega għalfejn hija ma tadottahx, jew fejn tispjega r-raġunijiet għall-emendi tagħha. Il-Kummissjoni għandha tibgħat kopja tal-ittra tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Fi żmien perjodu ta' sitt ġimgħat, l-Awtorità tista' temenda l-abbozz ta' standard tekniku regolatorju fuq il-bażi tal-emendi proposti mill-Kummissjoni u terġa' tressqu lill-Kummissjoni fil-forma ta' opinjoni formali. L-Awtorità għandha tibgħat kopja tal-opinjoni formali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fejn l-Awtorità ma tkunx ressqet abbozz ta' standard tekniku regolatorju fil-limitu ta' żmien stipulat fl-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), il-Kummissjoni tista' titlob tali abbozz f'limitu ta' żmien ġdid. L-Awtorità għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, fi żmien debitu, li hija mhijiex se tikkonforma mal-limitu ġdid ta' żmien.";

(c) fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tagħmel konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji u tanalizza l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati, sakemm tali konsultazzjonijiet u analiżijiet ma jkunux sproporzjonati fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u tal-impatt tal-istandards tekniċi regolatorji kkonċernati jew fir-rigward tal-urġenza partikolari tal-kwistjoni. Il-Kummissjoni għandha titlob ukoll il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati rilevanti msemmi fl-Artikolu 37.";

(d) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-istandards tekniċi regolatorji għandhom jiġu adottati permezz ta' regolamenti jew deċiżjonijiet. Il-kliem 'standard tekniku regolatorju' għandu jidher fit-titolu ta' tali regolamenti jew deċiżjonijiet. Dawk l-istandards għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data msemmija fihom.";

(10) fl-Artikolu 13(1), it-tieni subparagrafu jitħassar;

(11) l-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Fejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jikkonferixxu setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta standards tekniċi ta' implimentazzjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 TFUE, fl-oqsma speċifikament stabbiliti fl-atti leġiżlattivi msemmijin fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, l-Awtorità tista' tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni. L-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni għandhom ikunu tekniċi, ma għandhomx jinvolvu deċiżjonijiet strateġiċi jew għażliet ta' politika u l-kontenut tagħhom għandu jkun li jiddetermina l-kondizzjonijiet ta' applikazzjoni ta' dawk l-atti. L-Awtorità għandha tippreżenta l-abbozz tagħha ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni għall-adozzjoni. Fl-istess ħin, l-Awtorità għandha tgħaddi dawk l-istandards tekniċi għall-informazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Qabel ma tippreżenta abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni, l-Awtorità għandha tagħmel konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa u għandha tanalizza l-ispejjeż u l-benefiċċji relatati potenzjali, sakemm tali konsultazzjonijiet u analiżijiet ma jkunux ferm sproporzjonati fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u l-impatt tal-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni kkonċernati jew fir-rigward tal-urġenza partikolari tal-kwistjoni. L-Awtorità għandha titlob ukoll il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati rilevanti msemmi fl-Artikolu 37.

Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi abbozz ta’ standard tekniku ta’ implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk tadottahx. Il-Kummissjoni tista’ testendi dak il-perjodu b’xahar. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien debitu fejn l-adozzjoni ma tkunx tista' sseħħ fi żmien il-perjodu ta’ tliet xhur. Il-Kummissjoni tista’ tadotta l-abbozz ta’ standard tekniku ta’ implimentazzjoni parzjalment biss, jew b’emendi, fejn l-interessi tal-Unjoni jirrikjedu dan.

Fejn il-Kummissjoni jkollha l-intenzjoni li ma tadottax abbozz ta’ standard tekniku regolatorju jew ikollha l-intenzjoni li tadottah parzjalment jew b’emendi, hi għandha tibagħtu lura lill-Awtorità fejn tispjega għalfejn hija ma għandhiex l-intenzjoni li tadottah, jew fejn tispjega r-raġunijiet għall-emendi tagħha. Il-Kummissjoni għandha tibgħat kopja tal-ittra tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. F’perjodu ta’ sitt ġimgħat, l-Awtorità tista’ temenda l-abbozz ta’ standard tekniku ta’ implimentazzjoni fuq il-bażi tal-emendi proposti mill-Kummissjoni u terġa’ tressqu lill-Kummissjoni fil-forma ta’ opinjoni formali. L-Awtorità għandha tibgħat kopja tal-opinjoni formali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Jekk, mal-iskadenza tal-perjodu ta' sitt ġimgħat imsemmi fir-raba' subparagrafu, l-Awtorità ma tkunx ippreżentat abbozz ta' standard tekniku ta' implimentazzjoni emendat, jew tkun ippreżentat abbozz ta' standard tekniku ta' implimentazzjoni li ma jkunx emendat b'mod konsistenti mal-emendi proposti tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tista' tadotta l-istandard tekniku ta' implimentazzjoni bl-emendi li tikkunsidra li jkunu rilevanti jew tirrifjutah.

Il-Kummissjoni ma għandhiex tbiddel il-kontenut ta' abbozz ta' standard tekniku ta' implimentazzjoni mħejji mill-Awtorità mingħajr ma tikkoordina minn qabel mal-Awtorità, kif stipulat f'dan l-Artikolu.

2. Fejn l-Awtorità ma tkunx ressqet abbozz ta' standard tekniku ta' implimentazzjoni fil-limitu ta' żmien stipulat fl-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), il-Kummissjoni tista' titlob tali abbozz f'limitu ta' żmien ġdid. L-Awtorità għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, fi żmien debitu, li hija mhijiex se tikkonforma mal-limitu ġdid ta' żmien.";

(b) fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tagħmel konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni u tanalizza l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati, sakemm tali konsultazzjonijiet u analiżijiet ma jkunux sproporzjonati fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u l-impatt tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni kkonċernati jew fir-rigward tal-urġenza partikolari tal-kwistjoni. Il-Kummissjoni għandha titlob ukoll il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati rilevanti msemmi fl-Artikolu 37.";

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati permezz ta' regolamenti jew deċiżjonijiet. Il-kliem 'standard tekniku ta' implimentazzjoni' għandu jidher fit-titolu ta' tali regolamenti jew deċiżjonijiet. Dawk l-istandards għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data msemmija fihom.";

(12) l-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-Awtorità, sabiex tistabbilixxi prattiki superviżorji konsistenti, effiċjenti u effikaċi fi ħdan is-SESF, u biex tiżgura l-applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tal-liġi tal-Unjoni, għandha toħroġ linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kollha jew lill-istituzzjonijiet finanzjarji kollha u toħroġ rakkomandazzjonijiet għal awtorità kompetenti waħda jew aktar jew għal istituzzjoni finanzjarja waħda jew aktar.

Il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet għandhom ikunu skont l-għotjiet ta' setgħa mill-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) jew f'dan l-Artikolu.

2. L-Awtorità, fejn xieraq, għandha tagħmel konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa rigward il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet li hija toħroġ u għandha tanalizza l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati mal-ħruġ ta' tali linji gwida u rakkomandazzjonijiet. Dawk il-konsultazzjonijiet u analiżijiet għandhom ikunu proporzjonati fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, in-natura u l-impatt tal-linji gwida jew tar-rakkomandazzjonijiet. L-Awtorità għandha, fejn xieraq, titlob ukoll parir mill-Grupp tal-Partijiet Interessati tal-Oqsma tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni u tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tal-Qasam tal-Pensjonijiet tax-Xogħol imsemmija fl-Artikolu 37. Fejn l-Awtorità ma twettaqx konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa jew ma titlobx pariri mill-Grupp tal-Partijiet Interessati tal-Oqsma tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni u mill-Grupp tal-Partijiet Interessati tal-Qasam tal-Pensjonijiet tax-Xogħol, hija għandha tagħti r-raġunijiet.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet ma għandhomx sempliċiment jirreferu għal, jew jirriproduċu, elementi ta' atti leġiżlattivi. Qabel ma toħroġ linja gwida jew rakkomandazzjoni ġdida, l-Awtorità għandha l-ewwel tanalizza l-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet eżistenti, sabiex tevita kwalunkwe duplikazzjoni.";

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 43(5), l-Awtorità għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet kollha li jkunu nħarġu.";

(13) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 16a*

*Opinjonijiet*

1. L-Awtorità tista', fuq talba mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni, jew fuq inizjattiva tagħha stess, tipprovdi opinjonijiet lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar kull kwistjoni marbuta mal-qasam ta' kompetenza tagħha.

2. It-talba msemmija fil-paragrafu 1 tista' tinkludi konsultazzjoni pubblika jew analiżi teknika.

3. Fir-rigward tal-valutazzjoni prudenzjali ta' mergers u akkwiżizzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE u li, skont dik id-Direttiva, jirrikjedu konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti minn żewġ Stati Membri jew aktar, l-Awtorità tista', fuq it-talba ta' xi waħda mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati, toħroġ u tippubblika opinjoni dwar valutazzjoni prudenzjali, ħlief fir-rigward tal-kriterji stipulati fil-punt (e) tal-Artikolu 59(1) tad-Direttiva 2009/138/KE. L-opinjoni għandha tinħareġ fil-ħin u, fi kwalunkwe każ, qabel it-tmiem tal-perijodu ta' valutazzjoni skont id-Direttiva 2009/138/KE.

4. L-Awtorità tista’, fuq talba mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni, tagħti parir tekniku lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni fl-oqsma stabbiliti fl-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2).

*Artikolu 16b*

*Mistoqsijiet u tweġibiet*

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, il-mistoqsijiet relatati mal-applikazzjoni prattika jew mal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta’ atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), atti assoċjati delegati u ta’ implimentazzjoni, u linji gwida u rakkomandazzjonijiet adottati skont dawk l-atti leġiżlattivi, jistgħu jiġu ppreżentati minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, inklużi awtoritajiet kompetenti u istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni, lill-Awtorità bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni.

   Qabel ma jippreżentaw mistoqsija lill-Awtorità, l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jikkunsidraw jekk għandhomx jindirizzaw il-mistoqsija fl-ewwel lok lill-awtorità kompetenti tagħhom.

   Qabel ma tippubblika tweġibiet għal mistoqsijiet ammissibbli, l-Awtorità tista’ tfittex kjarifika ulterjuri dwar mistoqsijiet mingħand il-persuna fiżika jew ġuridika msemmija f'dan il-paragrafu.

2. It-tweġibiet mill-Awtorità għall-mistoqsijiet kif imsemmija fil-paragrafu 1 m'għandhomx ikunu vinkolanti. It-tweġibiet għandhom isiru disponibbli mill-inqas bil-lingwa li fiha tkun saret il-mistoqsija.

3. L-Awtorità għandha tistabbilixxi u żżomm għodda bbażata fuq il-web disponibbli fis-sit web tagħha għas-sottomissjoni ta' mistoqsijiet u l-pubblikazzjoni f'waqtha tal-mistoqsijiet kollha riċevuti kif ukoll it-tweġibiet kollha għall-mistoqsijiet kollha ammissibbli skont il-paragrafu 1, sakemm tali pubblikazzjoni ma tkunx f'kunflitt mal-interess leġittimu ta' dawk il-persuni jew ma tkunx tinvolvi riskji għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. L-Awtorità tista' tirrifjuta mistoqsijiet li mhijiex beħsiebha twieġeb. Il-mistoqsijiet rifjutati għandhom jiġu ppubblikati mill-Awtorità fis-sit web tagħha għal perjodu ta' xahrejn.

4. Tliet membri votanti tal-Bord tas-Superviżuri jistgħu jitolbu lill-Bord tas-Superviżuri biex jiddeċiedi skont l-Artikolu 44 jekk għandhiex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-mistoqsija ammissibbli msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu f'linji gwida skont l-Artikolu 16, jiġix mitlub parir mill-Grupp tal-Partijiet Interessati msemmi fl-Artikolu 37, jiġux rieżaminati mistoqsijiet u tweġibiet f'intervalli adegwati, isirux konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa jew li jiġux analizzati spejjeż u benefiċċji relatati potenzjali. Tali konsultazzjonijiet u analiżijiet għandhom ikunu proporzjonati fir-rigward tal-ambitu, in-natura u l-impatt tal-abbozz ta' mistoqsijiet u tweġibiet ikkonċernati jew fir-rigward tal-urġenza partikolari tal-kwistjoni. Meta jiġi involut il-Grupp tal-Partijiet Interessati msemmi fl-Artikolu 37, għandu japplika dmir ta' kunfidenzjalità.

5. L-Awtorità għandha tgħaddi l-mistoqsijiet li jirrikjedu l-interpretazzjoni tal-liġi tal-Unjoni lill-Kummissjoni. L-Awtorità għandha tippubblika kwalunkwe tweġiba mogħtija mill-Kummissjoni.";

(14) l-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fuq talba minn awtorità kompetenti waħda jew aktar, mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill, mill-Kummissjoni jew mill-Grupp tal-Partijiet Interessati rilevanti, jew fuq inizjattiva tagħha stess, inkluż meta din tkun ibbażata fuq informazzjoni ssostanzjata tajjeb minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, u wara li tinforma lill-awtorità kompetenti kkonċernata, l-Awtorità għandha tiddeskrivi kif beħsiebha tipproċedi bil-każ u, fejn xieraq, tinvestiga l-ksur jew nuqqas ta' applikazzjoni allegat tal-liġi tal-Unjoni.";

(ii) jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"Mingħajr preġudizzju għas-setgħat stipulati fl-Artikolu 35, l-Awtorità tista', wara li tkun infurmat lill-awtorità kompetenti kkonċernata, tindirizza talba debitament ġustifikata u motivata għall-informazzjoni direttament lil awtoritajiet kompetenti oħrajn, kull meta t-talba għal informazzjoni mingħand l-awtorità kompetenti kkonċernata tkun irriżultat, jew titqies bħala, mhux suffiċjenti biex tinkiseb l-informazzjoni li titqies bħala neċessarja għall-fini tal-investigazzjoni ta' ksur allegat jew nuqqas ta' applikazzjoni allegat tal-liġi tal-Unjoni.

Id-destinatarju ta' tali talba għandu jipprovdi lill-Awtorità b'informazzjoni ċara, preċiża u kompleta mingħajr dewmien bla bżonn.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat taħt dan ir-Regolament, u qabel ma tinħareġ rakkomandazzjoni kif stipulat fil-paragrafu 3, l-Awtorità għandha tidħol f'kuntatt mal-awtorità kompetenti kkonċernata, fejn hija tqis tali kuntatt xieraq sabiex tirriżolvi ksur tal-liġi tal-Unjoni, f'tentattiv biex jintlaħaq ftehim dwar azzjonijiet meħtieġa biex l-awtorità kompetenti tikkonforma mal-liġi tal-Unjoni.";

(c) il-paragrafi 6 u 7 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"6. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni taħt l-Artikolu 258 TFUE, fejn awtorità kompetenti ma tikkonformax mal-opinjoni formali msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu fil-perijodu speċifikat fih, u fejn ikun meħtieġ sabiex tirrimedja f'ħin opportun tali nuqqas ta' konformità sabiex iżżomm jew treġġa' lura l-kondizzjonijiet newtrali ta' kompetizzjoni fis-suq jew tiżgura l-funzjonament tajjeb u l-integrità tas-sistema finanzjarja, l-Awtorità tista', fejn ir-rekwiżiti rilevanti tal-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament japplikaw direttament għall-istituzzjonijiet finanzjarji, tadotta deċiżjoni individwali indirizzata lil istituzzjoni finanzjarja li tesiġi minnha l-azzjoni kollha meħtieġa sabiex tikkonforma mal-obbligi tagħha taħt il-liġi tal-Unjoni, inkluż il-waqfien ta' kwalunkwe prattika.

Id-deċiżjoni tal-Awtorità għandha tkun f'konformità mal-opinjoni formali maħruġa mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 4.

7. Id-deċiżjonijiet adottati skont il-paragrafu 6 għandhom jipprevalixxu fuq kwalunkwe deċiżjoni preċedenti adottata mill-awtoritajiet kompetenti dwar l-istess materja.

Meta jieħdu azzjoni dwar kwistjonijiet li jkunu soġġetti għal opinjoni formali skont il-paragrafu 4 jew għal deċiżjoni skont il-paragrafu 6, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonformaw mal-opinjoni formali jew id-deċiżjoni, skont il-każ.";

(15) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 17a*

*Protezzjoni tal-persuni li jirrappurtaw*

1. L-Awtorità għandu jkollha fis-seħħ kanali ta' rappurtar apposta biex tirċievi u tittratta informazzjoni pprovduta minn persuna fiżika jew ġuridika li tirrapporta dwar ksur reali jew potenzjali, abbuż tal-liġi, jew nuqqas ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni.

2. Il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jirrappurtaw permezz ta' dawk il-kanali għandhom ikunu protetti kontra r-ritaljazzjoni skont id-Direttiva (UE) 2019/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*+], fejn applikabbli.

---

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li jinsab fid-dokument (2018)0106 (COD) u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna tal-asterisk.

3. L-Awtorità għandha tiżgura li l-informazzjoni kollha tista' tiġi ppreżentata b'mod anonimu jew kunfidenzjali, u b'mod sigur. Fejn l-Awtorità tqis li l-informazzjoni ppreżentata fiha evidenza jew indikazzjonijiet sinifikanti ta' ksur materjali, hija għandha tagħti feedback lill-persuna li tirrapporta.

___________________

* Direttiva (UE) 2019/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'....dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L ..., ...., p. ...).";

(16) fl-Artikolu 18, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Fejn il-Kunsill ikun adotta deċiżjoni skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn tkun meħtieġa azzjoni kkoordinata mill-awtoritajiet kompetenti bħala reazzjoni għall-iżviluppi negattivi li jistgħu jipperikolaw b'mod serju l-funzjonament tajjeb u l-integrità tas-swieq finanzjarji jew l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, kollha jew parti minnha, fl-Unjoni jew il-protezzjoni tal-klijenti u tal-konsumaturi, l-Awtorità tista' tadotta deċiżjonijiet individwali sabiex titlob lill-awtoritajiet kompetenti biex jieħdu l-azzjoni meħtieġa skont l-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) sabiex jindirizzaw kwalunkwe tali żvilupp billi jiżguraw li l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-awtoritajiet kompetenti jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dawk l-atti leġislattivi.";

(17) l-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Fil-każijiet speċifikati fl-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) u mingħajr preġudizzju għas-setgħat stabbiliti fl-Artikolu 17, l-Awtorità tista' tgħin lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jilħqu ftehim f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafi 2 sa 4 ta' dan l-Artikolu f'waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) fuq talba ta' waħda jew aktar mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati fejn awtorità kompetenti ma taqbilx mal-proċedura jew mal-kontenut ta' azzjoni, azzjoni proposta jew inattività ta' awtorità kompetenti oħra;

(b) f'każijiet fejn l-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) jipprevedu li l-Awtorità tkun tista' tgħin fuq inizjattiva tagħha stess fejn, abbażi ta' raġunijiet oġġettivi, ikun jista' jiġi stabbilit nuqqas ta' qbil bejn l-awtoritajiet kompetenti.

F'każijiet fejn l-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) jesiġu li tittieħed deċiżjoni konġunta mill-awtoritajiet kompetenti u fejn, skont dawk l-atti, l-Awtorità tkun tista' tgħin lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati, fuq inizjattiva tagħha stess biex jintlaħaq qbil f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafi 2 sa 4 ta' dan l-Artikolu, għandu jkun preżunt nuqqas ta' ftehim fin-nuqqas ta' teħid ta' deċiżjoni konġunta minn dawk l-awtoritajiet fil-limiti ta' żmien stabbiliti f'dawk l-atti.";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"1a. L-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom, fil-każijiet li ġejjin, jinnotifikaw lill-Awtorità, mingħajr dewmien, li ma ntlaħaq ebda ftehim:

(a) fejn ikun ġie previst limitu ta' żmien sabiex jintlaħaq ftehim bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), u jseħħ kwalunkwe minn fost dawn li ġejjin:

(i) il-limitu ta' żmien ikun skada; jew

(ii) mhux inqas minn żewġ awtoritajiet kompetenti kkonċernati jikkonkludu li jeżisti nuqqas ta' ftehim, fuq il-bażi ta' raġunijiet oġġettivi;

(b) fejn ma jkun ġie previst ebda limitu ta' żmien sabiex jintlaħaq ftehim bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), u jseħħ kwalunkweminn fost dawn li ġejjin:

(i) mhux inqas minn żewġ awtoritajiet kompetenti kkonċernati jikkonkludu li jeżisti nuqqas ta' ftehim fuq il-bażi ta' raġunijiet oġġettivi; jew

(ii) ikunu għaddew xahrejn mid-data li fiha awtorità kompetenti rċeviet talba minn awtorità kompetenti oħra sabiex tieħu ċerta azzjoni bil-għan li tikkonforma ma' dawk l-atti u l-awtorità rikjesta tkun għadha ma adottat ebda deċiżjoni li tissodisfa t-talba.

1b. Il-President għandu jivvaluta jekk l-Awtorità għandhiex taġixxi f'konformità mal-paragrafu 1. Fejn l-intervent ikun fuq l-inizjattiva proprja tal-Awtorità, din tal-aħħar għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati bid-deċiżjoni tagħha rigward l-intervent.

Sa meta tittieħed id-deċiżjoni tal-Awtorità f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 44(4), f'każijiet fejn l-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) jesiġu li tittieħed deċiżjoni konġunta, l-awtoritajiet kompetenti kollha involuti fid-deċiżjoni konġunta għandhom jiddiferixxu d-deċiżjonijiet individwali tagħhom. Fejn l-Awtorità tiddeċiedi li taġixxi, l-awtoritajiet kompetenti kollha involuti fid-deċiżjoni konġunta għandhom jiddiferixxu d-deċiżjonijiet tagħhom sa meta tiġi konkluża l-proċedura stabbilita fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Fejn l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jonqsu milli jilħqu ftehim matul il-fażi ta' konċiljazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-Awtorità tista' tieħu deċiżjoni li tesiġi li dawk l-awtoritajiet jieħdu azzjoni speċifika, jew joqogħdu lura minn ċerta azzjoni, sabiex tiġi riżolta l-kwistjoni, u biex tiġi żgurata l-konformità mal-liġi tal-Unjoni. Id-deċiżjoni tal-Awtorità torbot lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati. Id-deċiżjoni tal-Awtorità tista' tesiġi li l-awtoritajiet kompetenti jirrevokaw jew jemendaw deċiżjoni li jkunu adottaw jew jagħmlu użu mis-setgħat li jkollhom taħt il-liġi rilevanti tal-Unjoni.";

(d) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. L-Awtorità għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati dwar il-konklużjoni tal-proċeduri taħt il-paragrafi 2 u 3, flimkien ma', fejn applikabbli, id-deċiżjoni tagħha meħuda taħt il-paragrafu 3.";

(e) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“4. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni taħt l-Artikolu 258 TFUE, fejn awtorità kompetenti ma tikkonformax mad-deċiżjoni tal-Awtorità, u b’hekk tonqos milli tiżgura li istituzzjoni finanzjarja tikkonforma mar-rekwiżiti li japplikaw direttament għaliha bis-saħħa tal-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, l-Awtorità tista’ tadotta deċiżjoni individwali indirizzata lil dik l-istituzzjoni finanzjarja li tesiġi minnha l-azzjoni kollha meħtieġa biex tikkonforma mal-obbligi tagħha taħt il-liġi tal-Unjoni, inkluż il-waqfien minn kwalunkwe prattika.”;

(18) l-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. L-Awtorità għandha tippromwovi u tissorvelja, fl-ambitu tas-setgħat tagħha, il-funzjonament effiċjenti, effikaċi u konsistenti tal-kulleġġi tas-superviżuri fejn stabbiliti bl-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) u trawwem il-konsistenza u l-koerenza tal-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni fost il-kulleġġi tas-superviżuri. Bl-għan ta' konverġenza tal-aħjar prattiki superviżorji, l-Awtorità għandha tippromwovi pjanijiet superviżorji konġunti u eżamijiet konġunti, u l-persunal mill-Awtorità għandu jkollu drittijiet ta’ parteċipazzjoni sħiħa fil-kulleġġi tas-superviżuri u, bħala tali, għandu jkun jista’ jipparteċipa fl-attivitajiet tal-kulleġġi tas-superviżuri, inklużi spezzjonijiet fuq il-post, imwettqa b’mod konġunt minn żewġ awtoritajiet kompetenti jew aktar.”;

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Awtorità għandha jkollha t-tmexxija biex ikun żgurat il-funzjonament konsistenti u koerenti tal-kulleġġi ta' superviżuri għall-istituzzjonijiet transkonfinali fl-Unjoni, b'kont meħud tar-riskju sistemiku ppreżentat minn istituzzjonijiet finanzjarji msemmija fl-Artikolu 23, u għandha, fejn xieraq, torganizza laqgħa ta' kulleġġ ta' superviżuri.";

(ii) fit-tielet subparagrafu, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) tagħti bidu għal, u tikkoordina, testijiet tal-istress fl-Unjoni kollha f'konformità mal-Artikolu 32 biex tivvaluta r-reżiljenza ta' istituzzjonijiet finanzjarji, b'mod partikolari r-riskju sistemiku ppreżentat minn istituzzjonijiet finanzjarji kif imsemmi fl-Artikolu 23, għal żviluppi negattivi fis-swieq, u tevalwa l-potenzjal li jikber ir-riskju sistemiku f'sitwazzjonijiet ta' stress, waqt li jiġi żgurat li tiġi applikata metodoloġija konsistenti fil-livell nazzjonali għal tali testijiet u, fejn adatt, tindirizza rakkomandazzjoni lill-awtorità kompetenti biex jiġu korretti kwistjonijiet identifikati fit-test tal-istress, inkluża rakkomandazzjoni biex isiru valutazzjonijiet speċifiċi; hija tista' tirrakkomanda lill-awtoritajiet kompetenti biex jagħmlu spezzjonijiet fuq il-post, u tista' tipparteċipa f'tali spezzjonijiet fuq il-post, sabiex tiżgura l-komparabbiltà u l-affidabbiltà ta' metodi, prattiki u riżultati ta' valutazzjonijiet fl-Unjoni kollha;";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“3. L-Awtorità tista’ tiżviluppa abbozzi ta’ standards tekniċi regolatorji u ta’ implimentazzjoni f'konformità mal-għotjiet ta' setgħa stabbiliti fl-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), u skont l-Artikoli 10 sa 15, biex tiżgura kondizzjonijiet ta’ applikazzjoni uniformi fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-funzjonament operattiv tal-kulleġġi ta’ superviżuri. L-Awtorità tista’ toħroġ linji gwida u rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 16 biex tippromwovi konverġenza fil-funzjonament superviżorju u l-aħjar prattiki li ġew adottati mill-kulleġġi tas-superviżuri.”;

(19) l-Artikolu 22 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Dispożizzjonijiet ġenerali dwar ir-riskju sistemiku”;

(b) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. L-Awtorità għandha, f’kollaborazzjoni mal-BERS, u f’konformità mal-Artikolu 23, tiżviluppa approċċ komuni għall-identifikazzjoni u l-kejl ta’ importanza sistemika, inklużi indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi kif adatt.”;

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Fuq talba minn awtorità kompetenti waħda jew aktar, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, jew il-Kummissjoni, jew bl-inizjattiva tagħha stess, l-Awtorità tista' tagħmel inkjesta dwar tip partikolari ta' istituzzjoni finanzjarja jew tip ta' prodott jew tip ta' kondotta sabiex tevalwa theddid potenzjali għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja jew għall-protezzjoni tal-klijenti jew tal-konsumaturi.

Wara inkjesta mwettqa skont l-ewwel subparagrafu, il-Bord tas-Superviżuri jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa għal azzjoni lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati.

Għal dawk il-finijiet, l-Awtorità tista' tuża s-setgħat mogħtija lilha taħt dan ir-Regolament, inkluż l-Artikolu 35.";

(20) fl-Artikolu 23, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Awtorità għandha, f'konsultazzjoni mal-BERS, tiżviluppa kriterji għall-identifikazzjoni u l-kejl ta' riskju sistemiku u sistema adegwata għat-testijiet tal-istress li tinkludi evalwazzjoni tal-potenzjal li riskju sistemiku ppreżentat minn jew lil parteċipanti fis-swieq finanzjarji jiżdied f'sitwazzjonijiet ta' stress, inkluż riskju sistemiku potenzjali marbut mal-ambjent. Il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji li jistgħu jippreżentaw riskju sistemiku għandhom ikunu soġġetti għal superviżjoni aktar qawwija, u fejn meħtieġ, għall-proċeduri ta' rkupru u riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 25.";

(21) l-Artikolu 29 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(aa) li tistabbilixxi prijoritajiet Superviżorji Strateġiċi tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 29a;

(ab) li tistabbilixxi gruppi ta' koordinazzjoni skont l-Artikolu 45b biex tiġi promossa l-konverġenza superviżorja u jiġu identifikati l-aħjar prattiki;";

(ii) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) li tippromwovi skambju bilaterali u multilaterali effettiv ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, relattivament għall-kwistjonijiet rilevanti kollha, inklużi ċ-ċibersigurtà u l-attakki ċibernetiċi, b'rispett sħiħ għad-dispożizzjonijiet applikabbli dwar il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-data previsti fl-atti leġislattivi rilevanti tal-Unjoni;";

(iii) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) li tistabbilixxi programmi ta' taħriġ settorjali u transsettorjali, inkluż fir-rigward tal-innovazzjoni teknoloġika, forom differenti ta' kooperattivi u soċjetajiet mutwi, tiffaċilita skambji tal-persunal u tinkoraġġixxi lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jintensifikaw l-użu ta' skemi tal-issekondar u għodod oħrajn;";

(iv) jiżdied il-punt li ġej:

"(f) li tistabbilixxi sistema ta' monitoraġġ biex tivvaluta r-riskji ambjentali, soċjali u dawk marbuta mal-governanza, filwaqt li tqis il-Ftehim ta' Pariġi għall-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima;";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Awtorità tista', kif ikun xieraq, tiżviluppa strumenti prattiċi ġodda u għodod ta' konverġenza biex tippromwovi approċċi u prattiki superviżorji komuni.

Għall-fini tal-istabbiliment ta’ kultura superviżorja komuni, l-Awtorità għandha tiżviluppa u żżomm manwal superviżorju aġġornat tal-Unjoni dwar is-superviżjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji fl-Unjoni, li jqis kif dovut in-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji, il-prattiki ta’ negozju, il-mudelli ta’ negozju u d-daqs tal-istituzzjonijiet u tas-swieq finanzjarji. Il-manwal superviżorju tal-Unjoni għandu jistabbilixxi l-aħjar prattiki u għandu jispeċifika metodoloġiji u proċessi ta' kwalità għolja.

L-Awtorità, fejn xieraq, għandha tagħmel konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-opinjonijiet imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1, l-għodod u l-istrumenti msemmija f'dan il-paragrafu. Hija għandha wkoll, fejn xieraq tanalizza l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati. Tali konsultazzjonijiet u analiżijiet għandhom ikunu proporzjonati għall-iskala, in-natura u l-impatt tal-opinjonijiet jew tal-għodod u l-istrumenti. L-Awtorità, fejn xieraq, għandha titlob ukoll pariri mill-Grupp tal-Partijiet Interessati rilevanti msemmi fl-Artikolu 37.”;

(22) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 29a*

*Prijoritajiet superviżorji strateġiċi tal-Unjoni*

Wara diskussjoni fil-Bord tas-Superviżuri u filwaqt li jitqiesu l-kontribuzzjonijiet riċevuti mingħand l-awtoritajiet kompetenti, il-ħidma eżistenti mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, u analiżi, twissijiet u rakkomandazzjonijiet ippubblikati mill-BERS, l-Awtorità għandha, mill-inqas kull tliet snin sal-31 ta' Marzu, tidentifika massimu ta' żewġ prijoritajiet ta' rilevanza għall-Unjoni kollha li għandhom jirriflettu żviluppi u xejriet futuri. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu dawk il-prijoritajiet meta jfasslu l-programmi ta' ħidma tagħhom u għandhom jinnotifikaw lill-Awtorità dwar dan. L-Awtorità għandha tiddiskuti l-attivitajiet rilevanti mill-awtoritajiet kompetenti fis-sena ta' wara u tislet konklużjonijiet. L-Awtorità għandha tiddiskuti segwitu possibbli li jista' jinkludi linji gwida, rakkomandazzjonijiet lil awtoritajiet kompetenti u reviżjonijiet bejn il-pari fil-qasam rispettiv.

Il-prijoritajiet ta' rilevanza għall-Unjoni kollha identifikati mill-Awtorità ma għandhomx jipprevjenu lill-awtoritajiet kompetenti milli japplikaw l-aħjar prattiki tagħhom, filwaqt li jaġixxu fuq prijoritajiet u żviluppi nazzjonali addizzjonali, u għandhom jitqiesu speċifiċitajiet nazzjonali.";

(23) l-Artikolu 30 huwa sostitwit b’dan li ġej:

"*Artikolu 30*

*Reviżjonijiet bejn il-pari tal-awtoritajiet kompetenti*

1. L-Awtorità għandha, perjodikament, twettaq reviżjonijiet bejn il-pari ta’ wħud mill-attivitajiet jew tal-attivitajiet kollha tal-awtoritajiet kompetenti, sabiex issaħħaħ iżjed il-konsistenza u l-effettività fl-eżiti superviżorji. Għal dak l-għan, l-Awtorità għandha tiżviluppa metodi biex ikunu jistgħu jsiru valutazzjoni u paragun oġġettivi bejn l-awtoritajiet kompetenti riveduti. Waqt l-ippjanar u t-twettiq tar-reviżjonijiet bejn il-pari, għandhom jiġu kkunsidrati l-informazzjoni eżistenti u l-evalwazzjonijiet diġà magħmula fir-rigward tal-awtorità kompetenti kkonċernata, inkluża kwalunkwe informazzjoni rilevanti pprovduta lill-Awtorità f’konformità mal-Artikolu 35, u kwalunkwe informazzjoni rilevanti minn partijiet interessati.

2. Għall-finijiet ta’ dan l-Artikolu, l-Awtorità għandha tistabbilixxi kumitati ta’ reviżjoni ad hoc bejn il-pari, li għandhom ikunu magħmula mill-persunal tal-Awtorità u minn membri tal-awtoritajiet kompetenti. Il-kumitati tar-reviżjoni bejn il-pari għandhom ikunu ppreseduti minn membru tal-persunal tal-Awtorità. Il-President, wara li jikkonsulta lill-Bord Maniġerjali u wara sejħa miftuħa għall-parteċipazzjoni, għandu jipproponi l-president u l-membri ta' kumitat ta’ reviżjoni bejn il-pari, li għandhom jiġu approvati mill-Bord tas-Superviżuri. Il-proposta għandha titqies approvata sakemm, fi żmien 10 ijiem minn meta pproponiha l-President, il-Bord tas-Superviżuri ma jadottax deċiżjoni li tiċħadha.

3. Ir-reviżjoni bejn il-pari għandha tinkludi valutazzjoni ta', iżda ma għandhiex tkun limitata għal:

(a) l-adegwatezza tar-riżorsi, il-grad ta' indipendenza u l-arranġamenti ta' governanza tal-awtorità kompetenti, b'attenzjoni partikolari għall-applikazzjoni effettiva tal-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) u għall-kapaċità li tirrispondi għall-iżviluppi tas-suq;

(b) l-effettività u l-grad ta' konverġenza milħuq fl-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u fil-prattika superviżorja, inklużi l-istandards tekniċi regolatorji u l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni, il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet adottati skont l-Artikoli 10 sa 16, u kemm il-prattika superviżorja tilħaq l-għanijiet stipulati fil-liġi tal-Unjoni;

(c) l-applikazzjoni tal-aħjar prattiki żviluppati minn awtoritajiet kompetenti li l-adozzjoni tagħhom tista' tkun ta' benefiċċju għal awtoritajiet kompetenti oħra;

(d) l-effettività u l-grad ta' konverġenza milħuq fir-rigward tal-infurzar tad-dispożizzjonijiet adottati fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni, inklużi s-sanzjonijiet amministrattivi u miżuri amministrattivi oħrajn imposti kontra persuni responsabbli fejn ma kienx hemm konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet.

4. L-Awtorità għandha tipproduċi rapport li jistabbilixxi r-riżultati tar-reviżjoni bejn il-pari. Dak ir-rapport tar-reviżjoni bejn il-pari għandu jkun imħejji mill-kumitat ta' reviżjoni bejn il-pari u adottat mill-Bord tas-Superviżuri f'konformità mal-Artikolu 44(4). Meta jabbozza dak ir-rapport, il-kumitat ta' reviżjoni bejn il-pari għandu jikkonsulta lill-Bord Maniġerjali sabiex iżomm konsistenza ma' rapporti oħra ta' reviżjoni bejn il-pari u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi. Il-Bord Maniġerjali għandu jivvaluta b'mod partikolari jekk il-metodoloġija ġietx applikata bl-istess mod. Ir-rapport għandu jispjega u jindika l-miżuri ta' segwitu li huma meqjusa xierqa, proporzjonati u meħtieġa bħala riżultat tar-reviżjoni bejn il-pari. Dawk il-miżuri ta' segwitu jistgħu jiġu adottati fil-forma ta' linji gwida u rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 16 u opinjonijiet skont il-punt (a) tal-Artikolu 29(1).

F'konformità mal-Artikolu 16(3), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw ma' kwalunkwe linja gwida u rakkomandazzjoni maħruġa.

Meta tkun qed tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji jew abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikoli 10 sa 15, jew linji gwida jew rakkomandazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 16, l-Awtorità għandha tqis l-eżitu tar-reviżjoni bejn il-pari, flimkien ma' kwalunkwe informazzjoni oħra miksuba mill-Awtorità fit-twettiq tal-kompiti tagħha, sabiex tiġi żgurata l-konverġenza tal-prattiki superviżorji tal-ogħla kwalità.

5. L-Awtorità għandha tissottometti opinjoni lill-Kummissjoni fejn, wara li tkun qieset l-eżitu tar-reviżjoni bejn il-pari jew kwalunkwe informazzjoni oħra miksuba mill-Awtorità fit-twettiq tal-kompiti tagħha, hija tqis li tkun meħtieġa l-armonizzazzjoni ulterjuri tar-regoli applikabbli tal-Unjoni għall-istituzzjonijiet finanzjarji jew għall-awtoritajiet kompetenti mill-perspettiva tal-Unjoni.

6. L-Awtorità għandha tagħmel rapport ta' segwitu wara sentejn mill-pubblikazzjoni tar-rapport tar-reviżjoni bejn il-pari. Ir-rapport ta' segwitu għandu jitħejja mill-kumitat ta' reviżjoni bejn il-pari u jiġi adottat mill-Bord tas-Superviżuri f'konformità mal-Artikolu 44(4). Meta jabbozza dak ir-rapport, il-kumitat ta' reviżjoni bejn il-pari għandu jikkonsulta lill-Bord Maniġerjali sabiex iżomm il-konsistenza ma' rapporti oħra ta' segwitu. Ir-rapport ta' segwitu għandu jinkludi valutazzjoni ta', iżda ma jkunx limitat għal, l-adegwatezza u l-effettività tal-azzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti li huma soġġetti għar-reviżjoni bejn il-pari b'risposta għall-miżuri ta' segwitu tar-rapport ta' reviżjoni bejn il-pari.

7. Il-kumitat ta’ reviżjoni bejn il-pari, wara li jikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti soġġetti għar-reviżjoni bejn il-pari, għandu jidentifika l-konstatazzjonijiet ewlenin motivati tar-reviżjoni bejn il-pari. L-Awtorità għandha tippubblikhom, flimkien mal-konstatazzjonijiet ewlenin motivati tar-reviżjoni bejn il-pari u tar-rapport ta’ segwitu msemmi fil-paragrafu 6. Fejn il-konstatazzjonijiet ewlenin motivati tal-Awtorità jkunu differenti minn dawk identifikati mill-kumitat ta’ reviżjoni bejn il-pari, l-Awtorità għandha tittrażmetti, fuq bażi kunfidenzjali, il-konstatazzjonijiet tal-kumitat ta’ reviżjoni bejn il-pari lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. Fejn awtorità kompetenti li tkun soġġetta għar-reviżjoni bejn il-pari tkun imħassba li l-pubblikazzjoni tal-konstatazzjonijiet ewlenin motivati tal-Awtorità jistgħu jwasslu għal riskju għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, hija għandu jkollha l-possibbiltà li tirreferi l-kwistjoni lill-Bord tas-Superviżuri. Il-Bord tas-Superviżuri jista’ jiddeċiedi li ma jippubblikax dawk l-estratti.

8. Għall-finijiet ta’ dan l-Artikolu, il-Bord Maniġerjali għandu jagħmel proposta għal pjan ta’ ħidma għar-reviżjonijiet bejn il-pari għas-sentejn li ġejjin, li għandu jirrifletti, fost oħrajn, it-tagħlimiet meħuda mill-proċessi passati ta' reviżjoni bejn il-pari u d-diskussjonijiet tal-gruppi ta’ koordinazzjoni msemmi fl-Artikolu 45b. Il-pjan ta’ ħidma għar-reviżjoni bejn il-pari għandu jikkostitwixxi parti separata tal-programm ta’ ħidma annwali u multiannwali. Għandu jsir pubbliku. F’każ ta’ urġenza jew avvenimenti mhux previsti, l-Awtorità tista’ tiddeċiedi li twettaq reviżjonijiet addizzjonali bejn il-pari.”;

(24) l-Artikolu 31 huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Awtorità għandha taqdi rwol ġenerali ta' koordinament bejn l-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet fejn żviluppi avversi jistgħu potenzjalment jipperikolaw il-funzjonament tajjeb u l-integrità tas-swieq finanzjarji jew l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja jew f'sitwazzjonijiet ta' negozju transfruntier li potenzjalment jaffettwaw il-protezzjoni ta' detenturi ta' poloz, ta' membri u benefiċjarji ta' skemi pensjonistiċi fl-Unjoni.";

(b) it-tieni paragrafu huwa emendat kif ġej:

(i) il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"2. L-Awtorità għandha tippromwovi rispons koordinat tal-Unjoni, fost l-oħrajn billi:"

(ii) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) tieħu l-miżuri xierqa f'każ ta' żviluppi li jistgħu jipperikolaw il-funzjonament tas-swieq finanzjarji bl-għan tal-koordinament ta' azzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti;";

(iii) jiddaħħal il-punt li ġej:

“(ea) tieħu l-miżuri xierqa biex tikkoordina azzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat id-dħul fis-suq ta’ atturi jew prodotti li jiddependu fuq l-innovazzjoni teknoloġika;”;

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

“3. Biex tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta’ approċċ Ewropew komuni lejn l-innovazzjoni teknoloġika, l-Awtorità għandha tippromwovi l-konverġenza superviżorja, bl-appoġġ, fejn rilevanti, tal-Kumitat dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u l-innovazzjoni finanzjarja, biex b’hekk tiffaċilita d-dħul fis-suq ta’ atturi jew prodotti li jiddependu fuq l-innovazzjoni teknoloġika, b’mod partikulari permezz tal-iskambju tal-informazzjoni u l-aħjar prattiki. Fejn xieraq, l-Awtorità tista’ tadotta linji gwida jew rakkomandazzjonijiet f’konformità mal-Artikolu 16.”;

(25) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 31a*

*Skambju ta' informazzjoni dwar idoneità u adegwatezza*

L-Awtorità għandha, flimkien mal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u mal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tal-idoneità u l-adegwatezza ta' detenturi ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti, diretturi u detenturi ta' funzjonijiet ewlenin fl-istituzzjonijiet finanzjarji minn awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2).";

(26) l-Artikolu 32 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Valutazzjoni ta' żviluppi fis-suq, inklużi testijiet tal-istress";

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Awtorità għandha timmonitorja u tivvaluta l-iżviluppi fis-suq fil-qasam tal-kompetenza tagħha u, fejn ikun meħtieġ, tinforma lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), lill-BERS u lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar ix-xejriet mikroprudenzjali rilevanti, ir-riskji potenzjali u l-vulnerabbiltajiet. L-Awtorità għandha tinkludi, fil-valutazzjonijiet tagħha, analiżi tas-swieq li fihom joperaw l-istituzzjonijiet finanzjarji u valutazzjoni tal-impatt ta' żviluppi potenzjali fis-suq fuq tali istituzzjonijiet.";

(c) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"2. L-Awtorità għandha tagħti bidu għal, u tikkoordina, valutazzjonijiet madwar l-Unjoni kollha tar-reżiljenza tal-istituzzjonijiet finanzjarji għal żviluppi negattivi tas-suq. Għal dak l-għan, hija għandha tiżviluppa:";

(ii) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) metodoloġiji komuni biex jiġi vvalutat l-effett ta' xenarji ekonomiċi fuq il-pożizzjoni finanzjarja ta' istituzzjoni finanzjarja filwaqt li jitqiesu, fost oħrajn, riskji li jirriżultaw minn żviluppi ambjentali avversi;";

(iii) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(aa) metodoloġiji komuni għall-identifikazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji li għandhom jiġu inklużi fil-valutazzjonijiet mal-Unjoni kollha;";

(iv) jiżdied il-punt li ġej:

"(d) metodoloġiji komuni għall-valutazzjoni tal-effett ta' riskji ambjentali fuq l-istabbiltà finanzjarja ta' istituzzjonijiet finanzjarji.";

(v) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-Awtorità għandha tikkoopera mal-BERS.";

(d) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Mingħajr preġudizzju għall-kompiti tal-BERS stipulati fir-Regolament (UE) Nru 1092/2010, l-Awtorità għandha, darba fis-sena, u aktar ta' spiss fejn ikun meħtieġ, tipprovdi valutazzjonijiet lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-BERS ta' xejriet, riskji potenzjali u vulnerabbiltajiet fil-qasam tal-kompetenza tagħha, flimkien mal-indikaturi msemmija fl-Artikolu 22(2) ta' dan ir-Regolament.";

(27) l-Artikolu 33 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 33*

*Relazzjonijiet internazzjonali inkluża l-ekwivalenza*

1. Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi rispettivi tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-Awtorità tista' tiżviluppa kuntatti u tidħol f'arranġamenti amministrattivi ma' awtoritajiet regolatorji u superviżorji, organizzazzjonijiet internazzjonali u l-amministrazzjonijiet ta' pajjiżi terzi. Dawk l-arranġamenti m'għandhomx joħolqu obbligi legali fir-rigward tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha u lanqas m'għandhom jipprevjenu lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom milli jikkonkludu arranġamenti bilaterali jew multilaterali ma' dawk il-pajjiżi terzi.

Fejn pajjiż terz, skont att delegat, li jkun fis-seħħ, adottat mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2015/849, ikun fuq il-lista ta' ġurisdizzjonijiet li għandhom nuqqasijiet strateġiċi fir-reġimi nazzjonali tagħhom kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu li joħolqu theddid sinifikanti għas-sistema finanzjarja tal-Unjoni, l-Awtorità ma għandhiex tikkonkludi arranġamenti amministrattivi mal-awtoritajiet regolatorji u superviżorji ta' dak il-pajjiż terz. Dan m'għandux jipprekludi forom oħra ta' kooperazzjoni bejn l-Awtorità u l-awtoritajiet rispettivi tal-pajjiż terz bil-ħsieb li jitnaqqas it-theddid għas-sistema finanzjarja tal-Unjoni.

2. L-Awtorità għandha tgħin lill-Kummissjoni fit-tħejjija ta' deċiżjonijiet ta' ekwivalenza li jirrigwardaw reġimi superviżorji u regolatorji f'pajjiżi terzi wara talba speċifika għal pariri mill-Kummissjoni jew meta tkun meħtieġa tagħmel dan mill-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2).

3. L-Awtorità għandha timmonitorja, b'enfasi partikolari fuq l-implikazzjonijiet tagħhom għall-istabbiltà finanzjarja, l-integrità tas-suq, il-protezzjoni tad-detenturi ta' poloz u l-funzjonament tas-suq intern, żviluppi rilevanti regolatorji u superviżorji u prattiki ta' infurzar u żviluppi tas-suq f'pajjiżi terzi, sa fejn ikunu rilevanti għal valutazzjonijiet tal-ekwivalenza abbażi tar-riskju, li għalihom ġew adottati deċiżjonijiet ta' ekwivalenza mill-Kummissjoni f'konformità mal-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2).

Barra minn hekk, hija għandha tivverifika jekk il-kriterji li abbażi tagħhom ittieħdu dawk id-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza, u kwalunkwe kondizzjoni stabbilita fihom, għadhomx issodisfati.

L-Awtorità tista' tikkomunika mal-awtoritajiet rilevanti f'pajjiżi terzi. L-Awtorità għandha tissottometti rapport kunfidenzjali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) li jiġbor fil-qosor il-konstatazzjonijiet mill-monitoraġġ minnha tal-pajjiżi terzi ekwivalenti kollha. Ir-rapport għandu jiffoka b'mod partikolari fuq l-implikazzjonijiet għall-istabbiltà finanzjarja, l-integrità tas-suq, il-protezzjoni tad-detenturi ta' poloz u l-funzjonament tas-suq intern.

Fejn l-Awtorità tidentifika żviluppi rilevanti fir-rigward tar-regolamentazzjoni u tas-superviżjoni jew tal-prattiki ta' infurzar fil-pajjiżi terzi msemmija f'dan il-paragrafu li jistgħu jaffettwaw l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' Stat Membru tagħha jew aktar, l-integrità tas-suq, il-protezzjoni ta' detenturi ta' poloz jew il-funzjonament tas-suq intern, hija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni fuq bażi kunfidenzjali u mingħajr dewmien bla bżonn.

4. Mingħajr preġudizzju għal rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fl-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) u soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fit-tieni sentenza tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Awtorità għandha tikkoopera, fejn possibbli, mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti, ta' pajjiżi terzi li r-reġimi regolatorji u superviżorji tagħhom kienu rikonoxxuti bħala ekwivalenti. Fil-prinċipju, dik il-kooperazzjoni għandha sseħħ abbażi ta' arranġamenti amministrattivi konklużi mal-awtoritajiet rilevanti ta' dawk il-pajjiżi terzi. Meta tinnegozja tali arranġamenti amministrattivi, l-Awtorità għandha tinkludi dispożizzjonijiet dwar dawn li ġejjin:

(a) il-mekkaniżmi li jippermettu lill-Awtorità tikseb informazzjoni rilevanti, inkluża informazzjoni dwar ir-reġim regolatorju, l-approċċ superviżorju, l-iżviluppi tas-suq rilevanti u kwalunkwe bidla li tista' taffettwa d-deċiżjoni ta' ekwivalenza;

(b) sa fejn ikun neċessarju għas-segwitu ta' tali deċiżjonijiet ta' ekwivalenza, il-proċeduri li jikkonċernaw il-koordinazzjoni ta' attivitajiet superviżorji, inklużi, fejn meħtieġa, spezzjonijiet fuq il-post.

L-Awtorità għandha tinforma lill-Kummissjoni, meta awtorità kompetenti ta’ pajjiż terz tirrifjuta li tikkonkludi tali arranġamenti amministrattivi jew meta tirrifjuta li tikkoopera b’mod effettiv.

5. L-Awtorità tista’ tiżviluppa arranġamenti amministrattivi li jservu bħala mudell, bil-għan li tistabbilixxi prattiki superviżorji konsistenti, effiċjenti u effettivi fl-Unjoni u li ssaħħaħ il-koordinazzjoni superviżorja internazzjonali. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu kull sforz biex isegwu tali mudelli ta' arranġamenti.

Fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 43(5), l-Awtorità għandha tinkludi informazzjoni dwar l-arranġamenti amministrattivi maqbula ma’ awtoritajiet superviżorji, organizzazzjonijiet internazzjonali jew amministrazzjonijiet f’pajjiżi terzi, l-assistenza pprovduta mill-Awtorità lill-Kummissjoni fit-tħejjija ta’ deċiżjonijiet ta' ekwivalenza u l-monitoraġġ mill-Awtorità f’konformità mal-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu.

6. L-Awtorità, fil-limiti tas-setgħat tagħha f’konformità ma’ dan ir-Regolament u l-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), għandha tikkontribwixxi għar-rappreżentanza unita, komuni, konsistenti u effettiva tal-interessi tal-Unjoni fil-fora internazzjonali.”;

(28) l-Artikolu 34 jitħassar;

(29) l-Artikolu 36 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 jitħassar;

(b) il-paragrafi 4 u 5 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“4. Malli tasal twissija jew rakkomandazzjoni mill-BERS indirizzata lill-Awtorità, l-Awtorità għandha tiddiskuti dik it-twissija jew rakkomandazzjoni fil-laqgħa segwenti tal-Bord tas-Superviżuri jew, fejn xieraq, qabel, sabiex tivvaluta l-implikazzjonijiet ta', u segwitu possibbli għal, tali twissija jew rakkomandazzjoni għat-twettiq tal-kompiti tagħha.

Hija għandha tiddeċiedi, permezz tal-proċedura rilevanti għat-teħid ta' deċiżjonijiet, dwar kwalunkwe azzjoni li jkollha tittieħed skont is-setgħat mogħtija lilha b’dan ir-Regolament, biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet identifikati fit-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet.

Jekk l-Awtorità ma taġixxix fuq twissija jew rakkomandazzjoni, hija għandha tispjega lill-BERS ir-raġunijiet tagħha għaliex ma għamlitx dan. Il-BERS għandu jinforma lill-Parlament Ewropew b’dan f’konformità mal-Artikolu 19(5) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010. Il-BERS għandu wkoll jinforma lill-Kunsill b’dan.

5. Malli tasal twissija jew rakkomandazzjoni mill-BERS indirizzata lil awtorità kompetenti, l-Awtorità għandha, fejn ikun rilevanti, tuża s-setgħat ikkonferiti lilha b’dan ir-Regolament sabiex tiżgura segwitu f’waqtu.

Fejn id-destinatarju ma jkunx biħsiebu jsegwi r-rakkomandazzjoni tal-BERS, hu għandu jinforma u jiddiskuti mal-Bord tas-Superviżuri r-raġunijiet tiegħu għan-nuqqas ta’ azzjoni.

Fejn l-awtorità kompetenti, f’konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, tgħarraf lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-BERS bl-azzjonijiet li tkun ħadet bi tweġiba għal rakkommandazzjoni tal-BERS, hija għandha tqis kif dovut il-fehmiet tal-Bord tas-Superviżuri.”;

(c) il-paragrafu 6 jitħassar;

(30) l-Artikolu 37 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2, 3 u 4 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

“2. Il-Grupp tal-Partijiet Interessati tal-Oqsma tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni għandu jkun kompost minn 30 membru. Dawk il-membri għandhom ikunu magħmulin minn:

(a) 13-il membru li jirrappreżentaw, b'mod proporzjonat, l-impriżi fl-oqsma tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u l-intermedjarji tal-assigurazzjoni li joperaw fl-Unjoni, li minnhom tlieta għandhom jirrappreżentaw l-assiguraturi jew ir-riassiguraturi kooperattivi u mutwali;

(b) 13-il membru li jirrappreżentaw lir-rappreżentanti tal-impjegati tal-impriżi fil-qasam tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni u l-intermedjarji tal-assigurazzjoni li joperaw fl-Unjoni, lill-konsumaturi, l-utenti tas-servizzi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, ir-rappreżentanti tal-SMEs u r-rappreżentanti ta' assoċjazzjonijiet professjonali rilevanti; u

(c) erba’ membri li huma akkademiċi indipendenti fl-ogħla karigi.

3. Il-Grupp tal-Partijiet Interessati tal-Qasam tal-Pensjonijiet tax-Xogħol għandu jkun kompost minn 30 membru. Dawk il-membri għandhom ikunu magħmulin minn:

(a) 13-il membru li jirrappreżentaw b'mod proporzjonat istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar mix-xogħol li joperaw fl-Unjoni;

(b) 13-il membru li jirrappreżentaw lil rappreżentanti tal-impjegati, rappreżentanti tal-benefiċjarji, rappreżentanti tal-SMEs u rappreżentanti ta' assoċjazzjonijiet professjonali rilevanti; u

(c) erba’ membri li humaakkademiċi indipendenti fl-ogħla karigi.

4. Il-membri tal-Gruppi tal-Partijiet Interessati għandhom jinħatru mill-Bord tas-Superviżuri, wara proċedura tal-għażla miftuħa u trasparenti. Fit-teħid tad-deċiżjoni tiegħu, il-Bord tas-Superviżuri għandu, sa fejn ikun possibbli, jiżgura li jirrifletti adegwatament id-diversità tas-setturi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni kif ukoll tas-settur tal-pensjoni okkupazzjonali, bilanċ u rappreżentanza ġeografika u tas-sessi tal-partijiet interessati madwar l-Unjoni kollha. Il-membri tal-Grupp tal-Partijiet Interessati għandhom jintgħażlu skont il-kwalifiki, il-ħiliet, l-għarfien rilevanti u l-għarfien espert ipprovat tagħhom. ”;

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“4a. Il-membri tal-Grupp tal-Partijiet Interessati rilevanti għandhom jeleġġu President minn fost il-membri tiegħu. Il-kariga tal-President għandha tinżamm għal perjodu ta' sentejn.

Il-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-President ta' kwalunkwe Grupp tal-Partijiet Interessati biex jagħmel dikjarazzjoni quddiemu u jwieġeb kwalunkwe mistoqsija li ssirlu mill-membri tiegħu kull meta jintalab jagħmel dan.";

(c) fil-paragrafu 5, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-Awtorità għandha tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa soġġetta għas-segretezza professjonali, kif stipulat fl-Artikolu 70 ta' dan ir-Regolament, u tiżgura appoġġ segretarjali adegwat għall-Gruppi tal-Partijiet Interessati. Għandu jiġi pprovdut kumpens adegwat lill-membri tal-Gruppi tal-Partijiet Interessati li jirrappreżentaw organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, bl-esklużjoni ta' rappreżentanti tal-industrija. Dan il-kumpens għandu jqis il-ħidma preparatorja u ta' segwitu tal-membri u għandu mill-inqas ikun ekwivalenti għar-rati ta' rimborż ta' uffiċjali skont it-Titolu V, Kapitolu 1, Taqsima 2 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kundizzjonijiet ta' Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea, stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68* (ir-Regolamenti tal-Persunal). Il-Gruppi tal-Partijiet Interessati jistgħu jistabbilixxu gruppi ta' ħidma dwar kwistjonijiet tekniċi. Il-membri tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tal-Oqsma tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni u tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tal-Qasam tal-Pensjonijiet tax-Xogħol għandhom iservu għal perjodu ta' erba' snin, u wara dan issir proċedura ġdida tal-għażla.

______________

* ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.";

(d) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Il-Gruppi tal-Partijiet Interessati jistgħu jippreżentaw opinjonijiet u pariri lill-Awtorità dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-kompiti tal-Awtorità b'attenzjoni partikolari għall-kompiti stabbiliti fl-Artikoli 10 sa 16, u 29, 30 u 32.

Fejn il-membri tal-Gruppi tal-Partijiet Interessati ma jkunux jistgħu jaqblu dwar parir, terz tal-membri tagħhom jew il-membri li jirrappreżentaw grupp wieħed ta' partijiet interessati għandhom jitħallew joħorġu parir separat.

Il-Grupp tal-Partijiet Interessati tal-Oqsma tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni, il-Grupp tal-Partijiet Interessati tal-Qasam tal-Pensjonijiet tax-Xogħol, il-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati u l-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq jistgħu joħorġu parir konġunt dwar kwistjonijiet relatati mal-ħidma tal-ASE taħt l-Artikolu 56 dwar il-pożizzjonijiet konġunti u l-atti komuni.";

(e) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. L-Awtorità għandha tippubblika l-pariri tal-Gruppi tal-Partijiet Interessati, il-pariri separati tal-membri tagħha, u r-riżultati tal-konsultazzjonijiet tagħha kif ukoll informazzjoni dwar kif tqiesu l-pariri u r-riżultati tal-konsultazzjonijiet.";

(31) l-Artikolu 39 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 39*

*Proċeduri għat-teħid ta' deċiżjonijiet*

1. L-Awtorità għandha taġixxi f'konformità mal-paragrafi 2 sa 6 ta' dan l-Artikolu meta tadotta d-deċiżjonijiet skont l-Artikoli 17, 18 u 19.

2. L-Awtorità għandha tinforma lil kwalunkwe destinatarju ta' deċiżjoni bl-intenzjoni tagħha li tadotta d-deċiżjoni, fil-lingwa uffiċjali tad-destinatarju, filwaqt li tistabbilixxi limitu ta' żmien li matulu d-destinatarju jista' jesprimi l-opinjonijiet tiegħu dwar is-suġġett tad-deċiżjoni, b'kunsiderazzjoni sħiħa tal-urġenza, tal-kumplessità u tal-konsegwenzi potenzjali tal-kwistjoni. Id-destinatarju jista' jesprimi l-fehmiet tiegħu fil-lingwa uffiċjali tiegħu. Id-dispożizzjoni stipulata fl-ewwel sentenza għandha tapplika mutatis mutandis għar-rakkomandazzjonijiet kif imsemmija fl-Artikolu 17(3).

3. Id-deċiżjonijiet tal-Awtorità għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet li fuqhom ikunu bbażati.

4. Id-destinatarji tad-deċiżjonijiet tal-Awtorità għandhom jiġu informati bir-rimedji legali disponibbli taħt dan ir-Regolament.

5. Fejn l-Awtorità tkun ħadet deċiżjoni skont l-Artikolu 18(3) jew (4), hija għandha tirrevedi dik id-deċiżjoni f'intervalli xierqa.

6. Id-deċiżjonijiet li tieħu l-Awtorità skont l-Artikolu 17, 18 jew 19 għandhom isiru pubbliċi. Il-pubblikazzjoni għandha tiddivulga l-identità tal-awtorità kompetenti jew tal-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata u l-kontenut prinċipali tad-deċiżjoni, sakemm tali pubblikazzjoni ma tkunx f'kunflitt mal-interess leġittimu ta' dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji jew mal-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom jew tkun tista' tipperikola serjament il-funzjonament tajjeb u l-integrità tas-swieq finanzjarji jew l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja kollha tal-Unjoni jew parti minnha.";

(32) l-Artikolu 40 huwa emendat kif ġej

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-President;";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6. Fejn l-awtorità pubblika nazzjonali msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 ma tkunx responsabbli għall-infurzar tar-regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi, il-membru tal-Bord tas-Superviżuri msemmi f'dak il-punt jista' jiddeċiedi li jistieden rappreżentant mill-awtorità tal-Istat Membru għall-protezzjoni tal-konsumaturi, li ma għandux ikollu vot. F'każ fejn ir-responsabbiltà għall-protezzjoni tal-konsumaturi tkun kondiviża minn diversi awtoritajiet fi Stat Membru, dawk l-awtoritajiet għandhom jaqblu dwar rappreżentant komuni.";

(33) l-Artikoli 41 u 42 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 41*

*Kumitati interni*

1. Il-Bord tas-Superviżuri, fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba mill-President, jista' jistabbilixxi kumitati interni għal kompiti speċifiċi attribwiti lilu. Fuq talba mill-Bord Maniġerjali jew mill-President, il-Bord tas-Superviżuri jista' jistabbilixxi kumitati interni għal kompiti speċifiċi attribwiti lill-Bord Maniġerjali. Il-Bord tas-Superviżuri jista' jipprovdi għad-delega ta' ċerti kompiti u deċiżjonijiet definiti b'mod ċar lil kumitati interni, lill-Bord Maniġerjali jew lill-President.

2. Għall-finijiet tal-Artikolu 17, il-President għandu jipproponi deċiżjoni biex jitlaqqa' panel indipendenti, li għandha tiġi adottata mill-Bord tas-Superviżuri. Il-panel indipendenti għandu jikkonsisti mill-President u sitt membri oħra, li għandhom jiġu proposti mill-President wara konsultazzjoni mal-Bord Maniġerjali u wara sejħa miftuħa għall-parteċipazzjoni. Is-sitt membri l-oħra ma għandhomx ikunu rappreżentanti tal-awtorità kompetenti li allegatament tkun kisret il-liġi tal-Unjoni u m'għandux ikollhom xi interess fil-kwistjoni u lanqas rabtiet diretti mal-awtorità kompetenti kkonċernata.

   Kull membru tal-panel għandu jkollu vot wieħed.

   Id-deċiżjonijiet tal-panel għandhom jittieħdu meta tal-anqas erba' membri jivvutaw favur.

3. Għall-finijiet tal-Artikolu 19, il-President għandu jipproponi deċiżjoni biex jitlaqqa' panel indipendenti, li għandha tiġi adottata mill-Bord tas-Superviżuri. Il-panel indipendenti għandu jikkonsisti mill-President u sitt membri oħra, li għandhom jiġu proposti mill-President wara konsultazzjoni mal-Bord Maniġerjali u wara sejħa miftuħa għall-parteċipazzjoni. Is-sitt membri l-oħra m'għandhomx ikunu rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti li jkunu l-partijiet fin-nuqqas ta' qbil u m'għandux ikollhom la xi interess fil-kunflitt u lanqas rabtiet diretti mal-awtoritajiet kompetenti kkonċernati.

Kull membru tal-panel għandu jkollu vot wieħed.

Id-deċiżjonijiet tal-panel għandhom jittieħdu meta tal-anqas erba' membri jivvutaw favur.

4. Għall-finijiet tat-twettiq tal-inkjesta prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 22(4), il-President jista' jipproponi deċiżjoni li tinbeda l-inkjesta u deċiżjoni li jlaqqa' panel indipendenti, li għandha tiġi adottata mill-Bord tas-Superviżuri. Il-panel indipendenti għandu jikkonsisti mill-President u sitt membri oħra, li għandhom jiġu proposti mill-President wara konsultazzjoni mal-Bord Maniġerjali u wara sejħa miftuħa għall-parteċipazzjoni.

Kull membru tal-panel għandu jkollu vot wieħed.

Id-deċiżjonijiet tal-panel għandhom jittieħdu meta tal-anqas erba' membri jivvutaw favur.

5. Il-panels imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta’ dan l-Artikolu jew il-President għandhom jipproponu deċiżjonijiet taħt l-Artikolu 17, jew l-Artikolu 19, għall-adozzjoni finali mill-Bord tas-Superviżuri. Panel imsemmi fil-paragrafu 4 ta’ dan l-Artikolu għandu jippreżenta l-eżitu tal-inkjesta mwettqa f’konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 22(4) lill-Bord tas-Superviżuri.

6. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jadotta regoli ta' proċedura għall-panels imsemmija f'dan l-Artikolu.

*Artikolu 42*

*Indipendenza tal-Bord tas-Superviżuri*

1. Fit-twettiq tal-kompiti mogħtija lilhom b'dan ir-Regolament, il-membri tal-Bord tas-Superviżuri għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u oġġettiv fl-interess uniku tal-Unjoni kollha kemm hi u ma għandhom la jfittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet minn istituzzjonijiet jew korpi tal-Unjoni, minn kwalunkwe gvern jew minn kwalunkwe korp pubbliku jew privat ieħor.

2. L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet jew il-korpi tal-Unjoni u kwalunkwe korp pubbliku jew privat ieħor m’għandhomx ifittxu li jinfluwenzaw lill-membri tal-Bord tas-Superviżuri fil-qadi ta’ dmirijiethom.

3. Il-Membri tal-Bord tas-Superviżuri, il-President kif ukoll ir-rappreżentanti mingħajr vot u l-osservaturi li jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Bord tas-Superviżuri għandhom, qabel tali laqgħat, jiddikjaraw b'mod preċiż u komplet in-nuqqas jew l-eżistenza ta' kwalunkwe interess li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tagħhom fir-rigward ta' kwalunkwe punt fuq l-aġenda, u għandhom jastjenu milli jipparteċipaw fid-diskussjoni u fil-votazzjoni ta' tali punti.

4. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jistabbilixxi, fir-regoli ta' proċedura tiegħu, l-arranġamenti prattiċi għar-regola dwar id-dikjarazzjoni ta' interess imsemmija fil-paragrafu 3 u għall-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kunflitt ta' interess.";

(34) l-Artikolu 43 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jagħti gwida għall-ħidma tal-Awtorità u għandu jkun inkarigat mit-teħid tad-deċiżjonijiet imsemmija fil-Kapitlu II. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jadotta l-opinjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet, il-linji gwida u d-deċiżjonijiet tal-Awtorità, u joħroġ il-pariri msemmija fil-Kapitolu II abbażi ta' proposta mill-kumitat intern jew panel rilevanti, il-President, jew mill-Bord Maniġerjali, kif applikabbli.";

(b) il-paragrafi 2 u 3 jitħassru;

(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jadotta, fuq il-bażi ta' proposta mill-Bord Maniġerjali, ir-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Awtorità, inkluż dwar il-qadi tal-kompiti tal-President, u għandu jgħaddi dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew sal-15 ta' Ġunju ta' kull sena. Ir-rapport għandu jsir pubbliku.";

(d) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jeżerċita awtorità dixxiplinarja fuq il-President u d-Direttur Eżekuttiv. Jista' jneħħi lid-Direttur Eżekuttiv mill-kariga skont l-Artikolu 51(5).";

(35) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 43a*
*Trasparenza tad-deċiżjonijiet adottati mill-Bord tas-Superviżuri*

Minkejja l-Artikolu 70, fi żmien sitt ġimgħat minn kull laqgħa tal-Bord tas-Superviżuri, l-Awtorità għandha, tal-anqas, tipprovdi lill-Parlament Ewropew b'rekord komprensiv u sinifikanti tal-proċedimenti ta' dik il-laqgħa li jippermetti fehim sħiħ tad-diskussjonijiet, inkluża lista annotata tad-deċiżjonijiet. Tali rekord ma għandux jirrifletti diskussjonijiet fi ħdan il-Bord tas-Superviżuri relatati ma' istituzzjonijiet finanzjarji individwali, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-Artikolu 75(3) jew fl-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2).";

(36) l-Artikolu 44 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Id-Deċiżjonijiet tal-Bord tas-Superviżuri għandhom jittieħdu b'maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu. Kull membru votanti għandu jkollu vot wieħed.

Fir-rigward tal-atti speċifikati fl-Artikoli 10 sa 16 ta' dan ir-Regolament u l-miżuri u d-deċiżjonijiet adottati taħt it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 9(5) ta' dan ir-Regolament u l-Kapitolu VI ta' dan ir-Regolament u b'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Bord tas-Superviżuri għandu jieħu deċiżjonijiet abbażi ta' maġġoranza kkwalifikata tal-membri tiegħu, kif definit fl-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 36 dwar id-dispożizzjonijiet tranżitorji.

Il-President ma għandux jivvota dwar id-deċiżjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu.

Fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-panels skont l-Artikolu 41(2), (3) u (4), u l-membri tal-kumitat ta' reviżjoni bejn il-pari msemmija fl-Artikolu 30(2), il-Bord tas-Superviżuri, meta jkunu qed jikkunsidraw il-proposti mill-President, għandhom jirsistu għal konsensus. Fin-nuqqas ta' konsensus, id-deċiżjonijiet tal-Bord tas-Superviżuri għandhom jittieħdu minn maġġoranza ta' tliet kwarti tal-membri votanti tiegħu. Kull membru votanti għandu jkollu vot wieħed.

Fir-rigward ta' deċiżjonijiet adottati taħt l-Artikolu 18(3) u (4), u b'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Bord tas-Superviżuri għandu jieħu deċiżjonijiet abbażi ta' maġġoranza sempliċi tal-membri votanti tiegħu.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Fir-rigward tad-deċiżjonijiet taħt l-Artikoli 17, 19 u 30, il-Bord tas-Superviżuri għandu jivvota dwar id-deċiżjonijiet proposti bl-użu ta' proċedura bil-miktub. Il-membri votanti tal-Bord tas-Superviżuri għandu jkollhom tmint ijiem ta' xogħol biex jivvotaw. Kull membru votanti għandu jkollu vot wieħed. Id-deċiżjoni proposta għandha titqies adottata sakemm ma jkunx hemm maġġoranza sempliċi tal-membri votanti tal-Bord tas-Superviżuri li joġġezzjonaw. L-astensjonijiet ma għandhomx jingħaddu bħala approvazzjonijiet jew bħala oġġezzjonijiet, u ma għandhomx jitqiesu meta jiġi kkalkulat l-għadd ta' voti mitfugħa. Jekk tliet membri votanti tal-Bord tas-Superviżuri joġġezzjonaw għall-proċedura bil-miktub, l-abbozz ta' deċiżjoni għandu jiġi diskuss u deċiż mill-Bord tas-Superviżuri skont il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Il-membri mingħajr dritt tal-vot u l-osservaturi, bl-eċċezzjoni tad-Direttur Eżekuttiv, ma għandhom jattendu għal ebda diskussjoni fi ħdan il-Bord tas-Superviżuri dwar istituzzjonijiet finanzjarji individwali, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-Artikolu 75(3) jew fl-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2).";

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. Il-President tal-Awtorità għandu jkollu l-prerogattiva li jsejjaħ votazzjoni fi kwalunkwe ħin. Mingħajr preġudizzju għal dik is-setgħa u għall-effettività tal-proċeduri għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Awtorità, il-Bord tas-Superviżuri tal-Awtorità għandu jirsisti għal konsensus fit-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu.";

(37) l-Artikolu 45 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 45*
*Kompożizzjoni*

1. Il-Bord Maniġerjali għandu jkun magħmul mill-President u sitt membri tal-Bord tas-Superviżuri, eletti mill-membri votanti tal-Bord tas-Superviżuri u minn fosthom stess.

   Minbarra l-President, kull membru tal-Bord Maniġerjali għandu jkollu membru supplenti, li jista' jissostitwixxih jekk ma jkunx jista' jattendi.

2. Il-mandat tal-membri eletti mill-Bord tas-Superviżuri għandu jkun ta' sentejn u nofs. Dak il-mandat jista' jiġi estiż darba. Il-kompożizzjoni tal-Bord Maniġerjali għandha tkun ibbilanċjata bejn is-sessi u proporzjonata u għandha tirrifletti l-Unjoni kollha. Il-mandati għandhom ikunu jikkoinċidu u għandu japplika arranġament xieraq ta' rotazzjoni.

3. Il-laqgħat tal-Bord Maniġerjali għandhom jissejħu mill-President fuq inizjattiva tiegħu jew tagħha stess jew fuq talba ta' mill-inqas terz tal-membri tiegħu, u għandhom jitmexxew mill-President. Il-Bord Maniġerjali għandu jiltaqa' qabel kull laqgħa tal-Bord tas-Superviżuri u kull meta l-Bord Maniġerjali jqis li hu meħtieġ. Għandu jiltaqa' mill-inqas ħames darbiet fis-sena.

4. Il-membri tal-Bord Maniġerjali jistgħu, mingħajr preġudizzju għar-regoli proċedurali, ikunu assistiti minn konsulenti jew minn esperti. Il-membri mingħajr vot, bl-eċċezzjoni tad-Direttur Eżekuttiv, ma għandhom jattendu għall-ebda diskussjoni fi ħdan il-Bord Maniġerjali relattivament għal istituzzjonijiet finanzjarji individwali.";

(38) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 45a*
*Teħid ta' deċiżjonijiet*

1. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-Bord Maniġerjali għandhom jiġu adottati b'maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu filwaqt li jirsistu biex jintlaħaq konsensus. Kull membru għandu jkollu vot wieħed. Il-President għandu jkun membru bi dritt tal-vot.

2. Id-Direttur Eżekuttiv u rappreżentant tal-Kummissjoni għandhom jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Bord Maniġerjali mingħajr id-dritt li jivvotaw. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jkollu d-dritt li jivvota dwar materji msemmija fl-Artikolu 63.

3. Il-Bord Maniġerjali għandu jadotta u jippubblika r-regoli proċedurali tiegħu.

*Artikolu 45b*

*Gruppi ta' Koordinazzjoni*

1. Il-Bord Maniġerjali jista' jistabbilixxi gruppi ta' koordinazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba ta' awtorità kompetenti dwar suġġetti definiti li għalihom jista' jkun hemm bżonn ta' koordinazzjoni fir-rigward ta' żviluppi speċifiċi tas-suq. Il-Bord Maniġerjali għandu jistabbilixxi gruppi ta' koordinazzjoni dwar suġġetti definiti fuq talba ta' ħames membri tal-Bord tas-Superviżuri.

2. L-awtoritajiet kompetenti kollha għandhom jipparteċipaw fil-gruppi ta' koordinazzjoni u għandhom jipprovdu, skont l-Artikolu 35, lill-gruppi ta' koordinazzjoni, l-informazzjoni meħtieġa sabiex il-gruppi ta' koordinazzjoni jkunu jistgħu jwettqu l-kompiti ta' koordinazzjoni tagħhom skont il-mandat tagħhom. Il-ħidma tal-gruppi ta' koordinazzjoni għandha tkun ibbażata fuq informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti u fuq kwalunkwe konstatazzjoni identifikata mill-Awtorità.

3. Il-gruppi għandhom ikunu preseduti minn membru tal-Bord Maniġerjali. Kull sena l-membru rispettiv tal-Bord Maniġerjali inkarigat mill-grupp ta' koordinazzjoni għandu jirrapporta lill-Bord tas-Superviżuri dwar l-elementi ewlenin tad-diskussjonijiet u l-konstatazzjonijiet u — jekk jitqies rilevanti — jagħmel suġġeriment għal segwitu regolatorju jew reviżjoni bejn il-pari fil-qasam rispettiv. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-Awtorità dwar kif qiesu l-ħidma tal-gruppi ta' koordinazzjoni fl-attivitajiet tagħhom.

4. Meta timmonitorja l-iżviluppi tas-suq li jistgħu jkunu l-fokus tal-gruppi ta' koordinazzjoni, l-Awtorità tista' titlob lill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 35 biex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa biex l-Awtorità tkun tista' twettaq ir-rwol tagħha ta' monitoraġġ.";

(39) l-Artikolu 46 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 46*

*Indipendenza tal-Bord Maniġerjali*

Il-membri tal-Bord Maniġerjali għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u oġġettiv fl-interess uniku tal-Unjoni kollha kemm hi u la għandhom ifittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet mill-istituzzjonijiet jew il-korpi tal-Unjoni, minn xi gvern jew minn kwalunkwe korp pubbliku jew privat ieħor.

L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet jew il-korpi tal-Unjoni, u kwalunkwe korp ieħor pubbliku jew privat m'għandhomx ifittxu li jinfluwenzaw lill-membri tal-Bord Maniġerjali fit-twettiq tal-kompiti tagħhom.";

(40) l-Artikolu 47 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. Il-Bord Maniġerjali jista' jeżamina, jagħti opinjoni u jagħmel proposti dwar il-materji kollha ħlief għall-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 30.";

(b) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Il-Bord Maniġerjali għandu jipproponi rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Awtorità, inkluż dwar il-qadi tal-kompiti tal-President, lill-Bord tas-Superviżuri għall-approvazzjoni.";

(c) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Il-Bord Maniġerjali għandu jaħtar u jneħħi l-membri tal-Bord tal-Appell f'konformità mal-Artikolu 58(3) u (5), b'kont debitament meħud ta' proposta mill-Bord tas-Superviżuri.";

(d) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"9. Il-membri tal-Bord Maniġerjali għandhom jagħmlu pubbliċi l-laqgħat kollha li jsiru u l-ospitalità riċevuta. L-ispejjeż għandhom jiġu rreġistrati pubblikament f'konformità mar-Regolamenti dwar il-Persunal.";

(41) l-Artikolu 48 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-President għandu jkun responsabbli għat-tħejjija tal-ħidma tal-Bord tas-Superviżuri, inkluż l-istabbiliment tal-aġenda li għandha tiġi adottata mill-Bord tas-Superviżuri, jorganizza l-laqgħat u jressaq punti għal deċiżjoni u għandu jippresiedi l-laqgħat tal-Bord tas-Superviżuri.

Il-President għandu jkun responsabbli biex jistabbilixxi l-aġenda tal-Bord Maniġerjali, li għandha tiġi adottata mill-Bord Maniġerjali u għandu jippresiedi l-laqgħat tal-Bord Maniġerjali.

Il-President jista' jistieden lill-Bord Maniġerjali biex jikkunsidra li jistabbilixxi grupp ta' koordinazzjoni skont l-Artikolu 45b.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-President għandu jintgħażel fuq il-bażi tal-mertu, tal-ħiliet, tal-għarfien tal-istituzzjonijiet u s-swieq finanzjarji, u tal-esperjenza rilevanti għas-superviżjoni u r-regolamentazzjoni finanzjarja, wara proċedura tal-għażla miftuħa li għandha tirrispetta l-prinċipju tal-bilanċ bejn is-sessi u li għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jfassal lista mqassra ta' kandidati kwalifikati għall-pożizzjoni ta' President, bl-assistenza tal-Kummissjoni. Abbażi tal-lista mqassra, il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni biex jaħtar lill-President, wara konferma mill-Parlament Ewropew.

Fejn il-President ma jibqax jissodisfa l-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 49 jew ikun instab ħati ta' mġiba ħażina serja, il-Kunsill jista', fuq proposta mill-Kummissjoni li tkun ġiet approvata mill-Parlament Ewropew, jadotta deċiżjoni sabiex ineħħih mill-kariga.

Il-Bord tas-Superviżuri għandu jeleġġi wkoll, minn fost il-membri tiegħu, Viċi-President li għandu jwettaq il-funzjonijiet tal-President fl-assenza tal-President. Dak il-Viċi-President m'għandux jiġi elett minn fost il-membri tal-Bord Maniġerjali.";

(c) fil-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għall-fini tal-evalwazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-kompiti tal-President għandhom jitwettqu mill-Viċi President.

Il-Kunsill, fuq proposta mill-Bord tas-Superviżuri u bl-assistenza tal-Kummissjoni u wara li jikkunsidra l-evalwazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, jista' jestendi l-mandat tal-President darba.";

(d) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-President jista' jitneħħa mill-kariga biss għal raġunijiet serji. Jista' jitneħħa biss mill-Parlament Ewropew wara deċiżjoni tal-Kunsill, adottata wara li jiġi kkonsultat il-Bord tas-Superviżuri.";

(42) l-Artikolu 49 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Indipendenza tal-President";

(b) l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Mingħajr preġudizzju għar-rwol tal-Bord tas-Superviżuri fir-rigward tal-kompiti tal-President, il-President la għandu jfittex u lanqas ma għandu jieħu struzzjonijiet mill-istituzzjonijiet jew il-korpi tal-Unjoni, minn kwalunkwe gvern jew mingħand xi entità pubblika jew privata oħra.";

(43) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 49a*

*Spejjeż*

Il-President għandu jippubblika l-laqgħat kollha li jsiru mal-partijiet interessati esterni fi żmien ġimagħtejn wara l-laqgħa u kwalunkwe ospitalità riċevuta. L-ispejjeż għandhom jiġu rreġistrati pubblikament f'konformità mar-Regolamenti dwar il-Persunal.";

(44) l-Artikolu 50 jitħassar;

(45) l-Artikolu 54 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"2. Il-Kumitat Konġunt għandu jservi bħala forum li fih l-Awtorità għandha tikkoopera regolarment u mill-qrib biex tiżgura konsistenza transsettorjali, filwaqt li tqis speċifiċitajiet settorjali, mal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), b'mod partikolari fir-rigward ta':";

(ii) l-ewwel inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"– konglomerati finanzjarji u, fejn meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni, konsolidazzjoni prudenzjali; ";

(iii) il-ħames inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"– ċibersigurtà;";

(iv) is-sitt inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"– skambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki mal-BERS u mal-ASE l-oħrajn;";

(v) jiżdiedu l-inċiżi li ġejjin:

"– servizzi finanzjarji fil-livell tal-konsumatur u kwistjonijiet li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-investituri;

– parir mill-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 1(7).";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej

"2a. Il-Kumitat Konġunt jista' jassisti lill-Kummissjoni fil-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet u tal-ispeċifikazzjonijiet u l-proċeduri tekniċi biex tkun żgurata interkonnessjoni sigura u effiċjenti tal-mekkaniżmi awtomatizzati ċentralizzati skont ir-rapport imsemmi fl-Artikolu 32a(5) tad-Direttiva (UE) 2015/849 kif ukoll fl-interkonnessjoni effettiva tar-reġistri nazzjonali taħt dik id-Direttiva.";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-Kumitat Konġunt għandu jkollu persunal apposta pprovdut mill-ASE li għandu jaqdi d-dmirijiet ta' segretarjat permanenti. L-Awtorità għandha tikkontribwixxi riżorsi adegwati għal spejjeż amministrattivi, infrastrutturali u operattivi.";

(46) l-Artikolu 55 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-President tal-Kumitat Konġunt għandu jinħatar fuq bażi ta' rotazzjoni annwali minn fost il-Presidenti tal-ASE. Il-President tal-Kumitat Konġunt għandu jkun it-tieni Viċi President tal-BERS.";

(b) fil-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' mill-anqas darba kull tliet xhur.";

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. Il-President tal-Awtorità għandu jinforma regolarment lill-Bord tas-Superviżuri dwar il-pożizzjonijiet meħuda fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt.";

(47) l-Artikoli 56 u 57 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 56*
*Pożizzjonijiet konġunti u atti komuni*

Fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-kompiti tagħha stabbiliti fil-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament, u b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2002/87/KE, fejn rilevanti, l-Awtorità għandha tasal għal pożizzjonijiet konġunti b'konsensus ma', kif adatt, l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u mal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq).

Fejn meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni, il-miżuri taħt l-Artikoli 10 sa 16 u d-deċiżjonijiet taħt l-Artikoli 17, 18 u 19 ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2002/87/KE u ta' kwalunkwe att leġislattiv ieħor imsemmi fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament li jaqa' wkoll fi ħdan il-qasam ta' kompetenza tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) jew tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) għandhom jiġu adottati, b'mod parallel, minn, kif adatt, l-Awtorità, mill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq).

*Artikolu 57*
*Sottokumitati*

1. Il-Kumitat Konġunt jista' jistabbilixxi sottokumitati għall-finijiet tat-tħejjija tal-abbozzi ta' pożizzjonijiet konġunti u ta' atti komuni għall-Kumitat Konġunt.

2. Kull sottokumitat għandu jkun magħmul mill-individwi msemmija fl-Artikolu 55(1), u minn rappreżentant wieħed ta' livell għoli mill-persunal attwali tal-awtorità kompetenti rilevanti minn kull Stat Membru.

3. Kull sottokumitat għandu jeleġġi President minn fost ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti, li għandu jkun ukoll osservatur fil-Kumitat Konġunt.

4. Għall-finijiet tal-Artikolu 56, għandu jiġi stabbilit sottokumitat dwar il-konglomerati finanzjarji għall-Kumitat Konġunt.

5. Il-Kumitat Konġunt għandu jippubblika fis-sit web tiegħu s-Sottokumitati stabbiliti kollha, inklużi l-mandati tagħhom u lista tal-membri tagħhom bil-funzjonijiet rispettivi tagħhom fis-sottokumitat.";

(48) l-Artikolu 58 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Bord tal-Appell tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej huwa b'dan stabbilit.";

(b) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Bord tal-Appell għandu jkun magħmul minn sitt membri u sitt membri supplenti, li għandhom ikunu individwi ta' reputazzjoni tajba b'rekord ippruvat ta' għarfien rilevanti tal-liġi tal-Unjoni u li jkollhom esperjenza professjonali internazzjonali, fuq livell għoli biżżejjed fl-oqsma bankarji, tal-assigurazzjoni, tal-pensjonijiet tax-xogħol, tas-swieq tat-titoli jew servizzi finanzjarji oħrajn, għajr il-persunal attwali tal-awtoritajiet kompetenti jew ta' istituzzjonijiet jew korpi nazzjonali jew tal-Unjoni oħrajn involuti fl-attivitajiet tal-Awtorità u membri tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tal-Oqsma tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni u tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tal-Qasam tal-Pensjonijiet tax-Xogħol. Il-membri u s-supplenti għandhom ikunu ċittadini ta' Stat Membru u għandu jkollhom għarfien profond ta' mill-inqas żewġ lingwi uffiċjali tal-Unjoni. Il-Bord tal-Appell għandu jkollu biżżejjed għarfien espert legali fil-qasam ġuridiku biex jagħti konsulenza esperta legali dwar il-legalità, inkluża l-proporzjonalità, tal-eżerċizzju mill-Awtorità tas-setgħat tagħha";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Żewġ membri tal-Bord tal-Appell u żewġ membri supplenti għandhom jinħatru mill-Bord Maniġerjali tal-Awtorità minn lista mqassra proposta mill-Kummissjoni, wara sejħa pubblika għal turija ta' interess ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u wara konsultazzjoni tal-Bord tas-Superviżuri.

Wara li jirċievi l-lista mqassra, il-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-kandidati għall-membri u l-membri supplenti jagħmlu dikjarazzjoni quddiemu u jwieġbu kwalunkwe mistoqsija magħmula mill-Membri tiegħu.

Il-Parlament Ewropew jista’ jistieden lill-membri tal-Bord tal-Appell biex jagħmlu dikjarazzjoni quddiemu u biex iwieġbu kwalunkwe mistoqsija mressqa mill-Membri tiegħu kull meta mitluba, bl-esklużjoni ta’ dikjarazzjonijiet, mistoqsijiet jew tweġibiet li jkollhom x’jaqsmu ma’ każijiet individwali deċiżi minn, jew pendenti quddiem, il-Bord tal-Appell.”;

(49) fl-Artikolu 59, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. Il-membri tal-Bord tal-Appell, u l-persunal tal-Awtorità li jipprovdi appoġġ operazzjonali u segretarjali, m’għandhom jieħdu sehem f’ebda proċedimenti ta’ appell li fihom ikollhom xi interess personali, jew jekk qabel kienu involuti bħala rappreżentanti ta’ waħda mill-partijiet fil-proċedura, jew jekk kienu pparteċipaw fid-deċiżjoni taħt appell.”;

(50) fl-Artikolu 60, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. L-appell, flimkien ma’ dikjarazzjoni tar-raġunijiet, għandu jiġi ppreżentat bil-miktub lill-Awtorità fi żmien tliet xhur mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni lill-persuna konċernata, jew, fin-nuqqas ta' notifika, mill-jum li fih l-Awtorità tkun ippubblikat id-deċiżjoni tagħha.

Il-Bord tal-Appell għandu jiddeċiedi fuq l-appell fi żmien tliet xhur minn meta l-appell ikun ġie ppreżentat.";

(51) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 60a*

*Kompetenza maqbuża mill-Awtorità*

Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika tista' tibgħat parir motivat lill-Kummissjoni jekk dik il-persuna tkun tal-opinjoni li l-Awtorità tkun qabżet il-kompetenza tagħha, inkluż billi tkun naqset *milli* tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità msemmi fl-Artikolu 1(5), meta taġixxi taħt l-Artikoli 16 u 16b, u dak ikun jikkonċerna direttament u individwalment lil dik il-persuna.";

(52) fl-Artikolu 62, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"1. Id-dħul tal-Awtorità, korp Ewropew skont l-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* (ir-"Regolament Finanzjarju"), għandu jikkonsisti, b'mod partikolari, fi kwalunkwe taħlita minn dawn li ġejjin:

____________________

* Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).”;

(b) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

“(d) kwalunkwe kontribuzzjoni volontarja minn Stati Membri jew osservaturi;

(e) tariffi miftiehma għal pubblikazzjonijiet, taħriġ jew kwalunkwe servizz ieħor provdut mill-Awtorità fejn dawn ġew mitluba speċifikament minn awtorità kompetenti waħda jew aktar.”;

(c) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Ebda kontribuzzjoni volontarja minn Stati Membri jew osservaturi msemmija fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu ma għandha tiġi aċċettata jekk tali aċċettazzjoni tqajjem dubju dwar l-indipendenza u l-imparzjalità tal-Awtorità. Il-kontribuzzjonijiet volontarji li jikkostitwixxu kumpens għall-ispiża tal-kompiti delegati minn awtorità kompetenti lill-Awtorità ma għandhomx jitqiesu bħala li jqajmu dubju dwar l-indipendenza ta' din tal-aħħar.”;

(53) l-Artikoli 63, 64 u 65 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 63*

*Stabbiliment tal-baġit*

1. Kull sena, id-Direttur Eżekuttiv għandu jfassal abbozz provviżorju ta' dokument uniku ta' programmazzjoni tal-Awtorità għat-tliet snin finanzjarji sussegwenti, li jistabbilixxi d-dħul u n-nefqa proġettati, kif ukoll informazzjoni dwar il-persunal, mill-programmazzjoni annwali u multiannwali tiegħu u jibagħtu lill-Bord Maniġerjali u lill-Bord tas-Superviżuri, flimkien mal-pjan ta' stabbiliment.

2. Il-Bord tas-Superviżuri għandu, abbażi tal-abbozz li jkun ġie approvat mill-Bord Maniġerjali, jadotta l-abbozz tad-dokument uniku ta' programmazzjoni għat-tliet snin finanzjarji sussegwenti.

3. Id-dokument uniku ta' programmazzjoni għandu jintbagħat mill-Bord Maniġerjali lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri Ewropea sal-31 ta' Jannar.

4. B'kont meħud tad-dokument uniku ta' programmazzjoni, il-Kummissjoni għandha ddaħħal fl-abbozz tal-baġit tal-Unjoni l-estimi li tqis li jkunu meħtieġa fir-rigward tal-pjan ta' stabbiliment u l-ammont tal-kontribuzzjoni ta' bilanċ li għandu jiġi addebitat lill-baġit ġenerali tal-Unjoni f'konformità mal-Artikoli 313 u 314 tat-TFUE.

5. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jadottaw il-pjan ta' stabbiliment għall-Awtorità. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jawtorizzaw l-approprjazzjonijiet għall-kontribuzzjoni ta' bilanċ lill-Awtorità.

6. Il-baġit tal-Awtorità għandu jiġi adottat mill-Bord tas-Superviżuri. Għandu jsir finali wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni. Fejn ikun meħtieġ, għandu jkun aġġustat skont il-każ.

7. Il-Bord Maniġerjali għandu, mingħajr telf ta' żmien, jinnotifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-intenzjoni tiegħu li jimplimenta kwalunkwe proġett li jista' jkollu implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti għall-iffinanzjar tal-baġit tiegħu, b'mod partikolari kwalunkwe proġett li jkollu x'jaqsam ma' proprjetà, bħall-kiri jew xiri ta' bini.

8. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 266 u 267 tar-Regolament Finanzjarju għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill għal kwalunkwe proġett li jista' jkollu implikazzjonijiet finanzjarji jew implikazzjonijiet fit-tul sinifikanti għall-iffinanzjar tal-baġit tal-Awtorità, b'mod partikolari kwalunkwe proġett li jkollu x'jaqsam mal-proprjetà, bħall-kiri jew ix-xiri ta' bini, inklużi klawżoli ta' waqfien.

*Artikolu 64*
*Implimentazzjoni u kontroll tal-baġit*

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jaġixxi bħala uffiċjal awtorizzanti u għandu jimplimenta l-baġit annwali tal-Awtorità.

2. L-uffiċjal tal-kontabilità tal-Awtorità għandu jibgħat il-kontijiet provviżorji lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri sal-1 ta' Marzu tas-sena ta' wara. L-Artikolu 70 m'għandux jipprekludi lill-Awtorità milli tipprovdi lill-Qorti tal-Awdituri kwalunkwe informazzjoni mitluba mill-Qorti tal-Awdituri li tkun fil-kompetenza tagħha.

3. L-uffiċjal tal-kontabilità tal-Awtorità għandu jibgħat, sal-1 ta' Marzu tas-sena ta' wara, l-informazzjoni kontabilistika meħtieġa għall-finijiet ta' konsolidazzjoni lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni, bil-mod u fil-format stabbiliti minn dak l-uffiċjal tal-kontabilità.

4. L-uffiċjal tal-kontabilità tal-Awtorità għandu jibgħat ukoll, sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara, ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja lill-membri tal-Bord tas-Superviżuri, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri.

5. Wara li jirċievi l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet provviżorji tal-Awtorità f'konformità mal-Artikolu 246 tar-Regolament Finanzjarju, l-uffiċjal tal-kontabilità tal-Awtorità għandu jfassal il-kontijiet finali tal-Awtorità. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħathom lill-Bord tas-Superviżuri, li għandu jagħti opinjoni dwar dawk il-kontijiet.

6. L-uffiċjal tal-kontabilità tal-Awtorità għandu jibgħat, sal-1 ta' Lulju tas-sena ta' wara, il-kontijiet finali, akkumpanjati mill-opinjoni tal-Bord tas-Superviżuri, lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew, ill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri.

L-uffiċjal tal-kontabilità tal-Awtorità għandu jibgħat ukoll, sal-15 ta' Ġunju kull sena, pakkett ta' rapporti lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni, f'format standardizzat kif stabbilit mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni għall-finijiet ta' konsolidazzjoni.

7. Il-kontijiet finali għandhom jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea sal-15 ta' Novembru tas-sena ta' wara.

8. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat tweġiba lill-Qorti tal-Awdituri għall-osservazzjonijiet ta' din tal-aħħar sat-30 ta' Settembru u għandu jibgħat ukoll kopja ta' dik it-tweġiba lill-Bord Maniġerjali u lill-Kummissjoni.

9. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat lill-Parlament Ewropew, fuq talba ta' dan tal-aħħar u hekk kif previst fl-Artikolu 261(3) tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe informazzjoni li tkun meħtieġa għall-applikazzjoni bla xkiel tal-proċedura ta' kwittanza għas-sena finanzjarja kkonċernata.

10. Il-Parlament Ewropew, wara rakkomandazzjoni mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandu, qabel il-15 ta' Mejju tas-sena N + 2, jagħti kwittanza lill-Awtorità għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja N.

11. L-Awtorità għandha tipprovdi opinjoni motivata dwar il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew u dwar kwalunkwe osservazzjoni oħra magħmula mill-Parlament Ewropew mogħtija fil-proċedura ta' kwittanza.

*Artikolu 65*

*Regoli finanzjarji*

Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Awtorità għandhom jiġu adottati mill-Bord Maniġerjali wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni. Dawk ir-regoli ma jistgħux jitbiegħdu mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715* sakemm il-ħtiġijiet operattivi speċifiċi għall-funzjonament tal-Awtorità ma jkunux jirrikjedu dan u biss bil-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni.

______________

* Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal- Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1).";

(54) fl-Artikolu 66, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* għandu japplika għall-Awtorità mingħajr ebda restrizzjoni.

______________

* Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).";

(55) l-Artikolu 70 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. Il-membri tal-Bord tas-Superviżuri, u l-membri kollha tal-persunal tal-Awtorità, inklużi uffiċjali ssekondati mill-Istati Membri fuq bażi temporanja, u l-persuni l-oħrajn kollha li jwettqu kompiti għall-Awtorità fuq bażi kuntrattwali, għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tas-segretezza professjonali skont l-Artikolu 339 TFUE u d-dispożizzjonijiet rilevanti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, anki wara li jkunu ntemmu dmirijiethom.”;

(b) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“L-obbligu taħt il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu ma għandux iżomm lill-Awtorità u lill-awtoritajiet kompetenti milli jużaw l-informazzjoni għall-infurzar tal-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) u, b’mod partikolari, għall-proċeduri legali għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet.”;

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“2a. Il-Bord Maniġerjali, u l-Bord tas-Superviżuri għandhom jiżguraw li l-individwi li jipprovdu kwalunkwe servizz, direttament jew indirettament, b’mod permanenti jew okkażjonali, fir-rigward tal-kompiti tal-Awtorità, inklużi uffiċjali u persuni oħrajn awtorizzati mill-Bord Maniġerjali u mill-Bord tas-Superviżuri jew maħtura mill-awtoritajiet kompetenti għal dak l-iskop, ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tas-segretezza professjonali ekwivalenti għal dawk fil-paragrafi 1 u 2.

L-istess rekwiżiti għas-segretezza professjonali għandhom japplikaw ukoll għall-osservaturi li jattendu l-laqgħat tal-Bord Maniġerjali, u tal-Bord tas-Superviżuri u li jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-Awtorità.";

(d) il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx iżommu lill-Awtorità milli tiskambja informazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti f'konformità ma' dan ir-Regolament u ma' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni applikabbli għall-istituzzjonijiet finanzjarji.

Dik l-informazzjoni għandha tkun soġġetta għall-kondizzjonijiet tas-segretezza professjonali msemmija fil-paragrafi 1 u 2. L-Awtorità għandha tistabbilixxi fir-regoli proċedurali interni tagħha l-arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni tar-regoli ta' kunfidenzjalità msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

4. L-Awtorità għandha tapplika d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444*.

______________

* Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-Sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53).";

(56) l-Artikolu 71 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“*Artikolu 71*

*Protezzjoni tad-data*

Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri relatati mal-ipproċessar minnhom ta' data personali taħt ir-Regolament (UE) 2016/679 jew għall-obbligi tal-Awtorità relatati mal-ipproċessar minnha ta' data personali taħt ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* waqt il-qadi tar-responsabbiltajiet tagħha.

______________

* Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta’ persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta’ tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).”;

(57) fl-Artikolu 72, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. Il-Bord Maniġerjali għandu jadotta miżuri prattiċi għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.”;

(58) fl-Artikolu 74, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-arranġamenti meħtieġa dwar l-akkomodazzjoni li għandha tiġi pprovduta għall-Awtorità fl-Istat Membru fejn tkun tinsab is-sede tagħha u l-faċilitajiet li għandhom isiru disponibbli minn dak l-Istat Membru, kif ukoll ir-regoli speċifiċi applikabbli f'dak l-Istat Membru għall-persunal tal-Awtorità u għall-membri tal-familji tagħhom, għandhom jiġu stipulati fi Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali bejn l-Awtorità u dak l-Istat Membru li huma jkunu kkonkludu wara li tkun inkisbet l-approvazzjoni tal-Bord Maniġerjali.";

(59) l-Artikolu 76 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 76*

*Relazzjoni mal-Kumitat tas-Sorveljanti tal-Assigurazzjonijiet u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol Ewropej*

L-Awtorità għandha titqies bħala s-suċċessur legali tal-Kumitat tas-Sorveljanti tal-Assigurazzjonijiet u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol Ewropej (CEIOPS). Sad-data tal-istabbiliment tal-Awtorità, l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha u l-operazzjonijiet kollha pendenti tas-CEIOPS għandhom jiġu ttrasferiti awtomatikament lill-Awtorità. Is-CEIOPS għandu jistabbilixxi dikjarazzjoni li turi s-sitwazzjoni fl-għeluq tal-assi u l-obbligazzjonijiet tiegħu fid-data ta' dak it-trasferiment. Dik id-dikjarazzjoni għandha tiġi vverifikata u approvata mis-CEIOPS u mill-Kummissjoni.";

(60) l-Artikolu 81 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"1. Sa ... [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], u kull tliet snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport ġenerali dwar l-esperjenza miksuba bħala riżultat tal-operat tal-Awtorità u l-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dak ir-rapport għandu jevalwa, fost affarijiet oħra:";

(ii) fil-punt (a), is-sentenza introduttorja u l-punt (i) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) l-effettività u l-konverġenza fil-prattiki superviżorji miksuba mill-awtoritajiet kompetenti:

(i) l-indipendenza tal-awtoritajiet kompetenti u l-konverġenza fl-istandards ekwivalenti għall-governanza korporattiva;";

(iii) jiżdied il-punt li ġej:

"(g) il-funzjonament tal-Kumitat Konġunt.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Bħala parti mir-rapport ġenerali msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta lill-awtoritajiet u lill-partijiet interessati rilevanti kollha, għandha tagħmel valutazzjoni komprensiva tal-applikazzjoni tal-Artikolu 9a.".

*Artikolu 3*

*Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1095/2010*

Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. L-Awtorità għandha taġixxi fil-limiti tas-setgħat mogħtija lilha b'dan ir-Regolament u fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 97/9/KE, 98/26/KE, 2001/34/KE, 2002/47/KE, 2004/109/KE, 2009/65/KE, id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*], ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 u d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[**], Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[***], u sa fejn dawk l-atti japplikaw għal ditti li jipprovdu servizzi ta' investiment jew għal impriżi ta' investiment kollettiv li jikkummerċjalizzaw l-unitajiet jew l-ishma tagħhom u l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljawhom, fil-limiti tal-partijiet rilevanti tad-Direttivi 2002/87/KE u 2002/65/KE, inklużi d-direttivi, ir-regolamenti u d-deċiżjonijiet kollha bbażati fuq dawk l-atti, u ta' kwalunkwe att, legalment vinkolanti, ieħor tal-Unjoni li jikkonferixxi kompiti lill-Awtorità.

L-Awtorità għandha tikkontribwixxi għall-ħidma tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) stabbilita permezz tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010[****] relatata mal-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*****] u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010. L-Awtorità għandha tiddeċiedi fuq il-qbil tagħha f'konformità mal-Artikolu 9a(9) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

3. L-Awtorità għandha taġixxi fil-qasam tal-attivitajiet tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji fir-rigward ta' kwistjonijiet li mhumiex koperti direttament mill-atti leġislattivi msemmija fil-paragrafu 2, inklużi kwistjonijiet ta' governanza korporattiva, verifika u rappurtar finanzjarju, filwaqt li tqis il-mudelli ta' negozju sostenibbli u l-integrazzjoni ta' fatturi relatati ambjentali, soċjali u ta' governanza, sakemm tali azzjonijiet jkunu meħtieġa biex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva u konsistenti ta' dawk l-atti. L-Awtorità għandha wkoll tieħu azzjoni adatta fil-kuntest ta' tentattivi ta' akkwiżizzjoni, kwistjonijiet ta' kklerjar u ħlas u derivattivi.

---

* Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

** Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

*** Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall- kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12).

**** Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

***** Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. Dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju għal atti tal-Unjoni oħrajn li jagħtu l-funzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jew superviżjoni u s-setgħat korrispondenti lill-Awtorità.";

(c) il-paragrafu 5 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa emendat kif ġej:

– il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"5. L-għan tal-Awtorità għandu jkun li tipproteġi l-interess pubbliku billi tikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-effettività fuq żmien qasir, medju u twil tas-sistema finanzjarja, għall-ekonomija tal-Unjoni, iċ-ċittadini u n-negozji tagħha. L-Awtorità għandha, fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħha, tikkontribwixxi sabiex:";

– il-punti (e) u (f) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(e) jiġi żgurat li t-teħid ta' riskji ta' investiment u riskji oħrajn ikunu regolati u sorveljati adegwatament;

(f) tissaħħaħ il-protezzjoni tal-klijenti u tal-investituri;";

– – jiżdied il-punt li ġej:

"(g) tittejjeb il-konverġenza superviżorja fis-suq intern kollu.";

(ii) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għal dawk il-finijiet, l-Awtorità għandha tikkontribwixxi sabiex tiżgura l-applikazzjoni konsistenti, effiċjenti u effikaċi tal-atti msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, tkattar il-konverġenza superviżorja, u tipprovdi opinjonijiet f'konformità mal-Artikolu 16a lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, u lill-Kummissjoni.";

(iii) ir-raba' subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fit-twettiq tal-kompiti tagħha, l-Awtorità għandha taġixxi indipendentement, oġġettivament u b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju, fl-interessi tal-Unjoni kollha kemm hi u għandha tirrispetta, kull fejn ikun rilevanti, il-prinċipju tal-proporzjonalità. L-Awtorità għandha tagħti rendikont u taġixxi b'integrità u għandha tiżgura li l-partijiet interessati kollha jiġu trattati b'mod ġust.";

(iv) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Il-kontenut u l-forma tal-azzjonijiet u tal-miżuri tal-Awtorità, b'mod partikolari l-linji gwida, ir-rakkomandazzjonijiet, l-opinjonijiet, il-mistoqsijiet u t-tweġibiet, l-abbozzi ta' standards regolatorji u l-abbozzi ta' standards ta' implimentazzjoni, għandhom jirrispettaw b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet applikabbli ta' dan ir-Regolament u tal-atti leġislattivi msemmija fil-paragrafu 2. Sa fejn huwa permess u rilevanti taħt dawk id-dispożizzjonijiet, l-azzjonijiet u l-miżuri tal-Awtorità għandhom, f'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, iqisu kif dovut in-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti għan-negozju ta' parteċipant fis-swieq finanzjarji, impriża, suġġett ieħor jew attività finanzjarja oħra, li jkunu milquta mill-azzjonijiet u mill-miżuri tal-Awtorità.";

(d) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6. L-Awtorità għandha tistabbilixxi, bħala parti integrali minnha, kumitat li jkun ta' konsulenza għaliha dwar kif, f'konformitàsħiħa mar-regoli applikabbli, ikun jenħtieġ li l-azzjonijiet u l-miżuri tagħha jqisu d-differenzi speċifiċi prevalenti fis-settur, li jirrigwardaw in-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji, il-mudelli u l-prattika ta' negozju kif ukoll id-daqs tal-istituzzjonijiet finanzjarji u tas-swieq sa fejn tali fatturi jkunu rilevanti taħt ir-regoli kkunsidrati.";

(2) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Awtorità għandha tkun parti minn sistema Ewropea ta' superviżjoni finanzjarja (SESF). L-għan ewlieni tas-SESF għandu jkun li tiżgura li r-regoli applikabbli għas-settur finanzjarju jiġu implimentati adegwatament sabiex tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja u jkunu żgurati l-fiduċja fis-sistema finanzjarja kollha kemm hi u l-protezzjoni effettiva u suffiċjenti għall-klijenti ta' servizzi finanzjarji.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. F'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali skont l-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), il-partijiet għas-SESF għandhom jikkooperaw b'fiduċja u rispett reċiproku sħiħ, b'mod partikolari sabiex jiżguraw il-fluss ta' informazzjoni adegwata u affidabbli bejniethom u mingħand l-Awtorità lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.";

(c) fil-paragrafu 5, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi nazzjonali, ir-referenzi f'dan ir-Regolament għal superviżjoni għandhom jinkludu l-attivitajiet rilevanti kollha tal-awtoritajiet kompetenti kollha li jridu jitwettqu skont l-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2).";

(3) l-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

*Responsabbiltà tal-Awtoritajiet*

1. L-Awtoritajiet imsemmija fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 2(2) għandhom ikunu responsabbli lejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

2. F'konformità mal-Artikolu 226 TFUE, l-Awtorità għandha tikkoopera bis-sħiħ mal-Parlament Ewropew matul kwalunkwe investigazzjoni mwettqa taħt dak l-Artikolu.

3. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jadotta r-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Awtorità, inkluż dwar il-qadi tad-dmirijiet tal-President, u għandu jibgħat, sal-15 ta' Ġunju ta' kull sena, dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Ir-rapport għandu jsir pubbliku.

4. Fuq talba tal-Parlament Ewropew, il-President għandu jipparteċipa f'seduta ta' smigħ quddiem il-Parlament Ewropew dwar il-prestazzjoni tal-Awtorità. Għandha ssir seduta tal-inqas annwalment. Il-President għandu jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-Parlament Ewropew u jwieġeb kwalunkwe mistoqsija mressqa mill-membri tiegħu, kull meta jintalab jagħmel dan.

5. Il-President għandu jippreżenta rapport bil-miktub dwar l-attivitajiet tal-Awtorità lill-Parlament Ewropew meta jintalab jagħmel dan u mill-inqas 15-il jum qabel jagħmel id-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 4.

6. Minbarra l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 11 sa 18 u l-Artikoli 20 u 33, ir-rapport għandu jinkludi wkoll kwalunkwe informazzjoni rilevanti mitluba mill-Parlament Ewropew fuq bażi ad hoc.

7. L-Awtorità għandha twieġeb bil-fomm jew bil-miktub għal kwalunkwe mistoqsija indirizzata lilha mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien ħames ġimgħat minn meta tasal il-mistoqsija.

8. Fuq talba, il-President għandu jagħmel diskussjonijiet kunfidenzjali bil-fomm fil-magħluq mal-President, mal-Viċi Presidenti u mal-Koordinaturi tal-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew. Il-parteċipanti kollha għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti tas-segretezza professjonali.

9. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' kunfidenzjalità tiegħu li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni f'fora internazzjonali, l-Awtorità għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, meta tintalab tagħmel dan, dwar il-kontribut tagħha għal rappreżentanza magħquda, komuni, konsistenti u effettiva tal-interessi tal-Unjoni f'tali fora internazzjonali.";

(4) fil-punt (3) tal-Artikolu 4, il-punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) fir-rigward tad-Direttiva 2002/65/KE, l-awtoritajiet u korpi kompetenti biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva minn ditti li jipprovdu servizzi ta' investiment u impriżi ta' investiment kollettiv li jikkummerċjalizzaw l-unitajiet jew l-ishma tagħhom;";

(5) fl-Artikolu 7, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Il-post tas-sede tal-Awtorità ma għandux jaffettwa l-eżekuzzjoni mill-Awtorità tal-kompiti u s-setgħat tagħha, l-organizzazzjoni tal-istruttura ta' governanza tagħha, l-operat tal-organizzazzjoni prinċipali tagħha, jew il-finanzjament prinċipali tal-attivitajiet tagħha, filwaqt li jippermetti, fejn ikun applikabbli, il-kondiviżjoni ma' aġenziji tal-Unjoni ta' servizzi ta' appoġġ amministrattiv u ta' ġestjoni tal-faċilitajiet li ma jkunux relatati mal-attivitajiet ewlenin tal-Awtorità.";

(6) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) abbażi tal-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), li tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' standards u prattiki regolatorji u superviżorji komuni ta' kwalità għolja, b'mod partikolari billi tiżviluppa abbozzi ta' standards regolatorji u ta' implimentazzjoni, linji gwida, rakkomandazzjonijiet, u miżuri oħra, inklużi opinjonijiet;";

(ii) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(aa) li tiżviluppa u żżomm aġġornat manwal ta' superviżjoni tal-Unjoni dwar is-superviżjoni tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji fl-Unjoni li għandu jistipula l-aħjar prattiki superviżorji u metodoloġiji u proċessi ta' kwalità għolja u li jqis, fost l-oħrajn, il-prattiki kummerċjali u l-mudelli kummerċjali li qegħdin jinbidlu u d-daqs tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji u tas-swieq;";

(iii) il-punt (b) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(b) li tikkontribwixxi għall-applikazzjoni konsistenti tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti, b'mod partikolari billi tikkontribwixxi lejn kultura superviżorja komuni, tiżgura applikazzjoni konsistenti, effiċjenti u effikaċi tal-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), timpedixxi l-arbitraġġ regolatorju, trawwem l-indipendenza superviżorja u twettaq monitoraġġ tagħha, timmedja u ssolvi nuqqasijiet ta' qbil bejn l-awtoritajiet kompetenti, tiżgura s-superviżjoni effikaċi u konsistenti tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji, tiżgura funzjonament koerenti tal-kulleġġi tas-superviżuri u tieħu azzjonijiet, inter alia, f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza;”;

(iv) il-punti (e) sa (h) huma sostitwiti b’dan li ġej:

“(e) li torganizza u twettaq reviżjonijiet bejn il-pari tal-awtoritajiet kompetenti u, f’dak il-kuntest, li toħroġ linji gwida u rakkomandazzjonijiet u li tidentifika l-aħjar prattiki, bl-għan li tissaħħaħ il-konsistenza fl-eżiti superviżorji;

(f) li timmonitorja u tivvaluta l-iżviluppi tas-suq fil-qasam tal-kompetenzi tagħha, inklużi, fejn rilevanti, l-iżviluppi relatati max-xejriet fis-servizzi finanzjarji innovattivi filwaqt li tikkunsidra kif dovut l-iżviluppi relatati ma' fatturi ambjentali, soċjali u dawk relatati mal-governanza;

(g) li tagħmel analiżijiet tas-suq biex tinforma l-proċedura ta’ kwittanza għall-funzjonijiet tal-Awtorità;

(h) li trawwem, fejn ikun rilevanti, il-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-investituri, b'mod partikolari fir-rigward tan-nuqqasijiet f'kuntest transfruntier u b'kunsiderazzjoni tar-riskji relatati;”;

(v) jiddaħħal il-punt li ġej:

“(ia) li tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' strateġija komuni tal-Unjoni dwar data finanzjarja;”;

(vi) jiddaħħal il-punt li ġej:

“(ka) li tippubblika fil-website tagħha, u li taġġorna b’mod regolari, l-istandards tekniċi regolatorji, l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni, il-linji gwida, ir-rakkomandazzjonijiet u l-mistoqsijiet u tweġibiet kollha għal kull att leġiżlattiv imsemmi fl-Artikolu 1(2), inklużi ħarsiet ġenerali li jikkonċernaw is-sitwazzjoni attwali tal-ħidma li tkun għaddejja u l-iskeda ta' żmien ippjanata għall-adozzjoni ta' abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji u ta' abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni.”;

(vii) il-punt (l) jitħassar,

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Meta tkun qed twettaq il-kompiti tagħha f'konformità ma' dan ir-Regolament, l-Awtorità għandha:

(a) tuża s-setgħat sħaħ disponibbli għaliha;

(b) filwaqt li jitqies kif dovut l-objettiv li jiġu żgurati s-sigurtà u solidità tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji, tikkunsidra b'mod sħiħ it-tipi differenti, il-mudelli differenti ta' negozju u d-daqsijiet differenti tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji; u

(c) tikkunsidra l-innovazzjoni teknoloġika, il-mudelli ta' negozju innovattivi u sostenibbli, u l-integrazzjoni ta' fatturi ambjentali, soċjali u dawk relatati mal-governanza.";

(c) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(ca) toħroġ rakkomandazzjonijiet kif stipulat fl-Artikolu 29a;

(da) toħroġ avviżi f'konformità mal-Artikolu 9(3);";

(ii) il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(g) toħroġ opinjonijiet għall-Parlament Ewropew, għall-Kunsill, jew għall-Kummissjoni kif previst fl-Artikolu 16a;";

(iii) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(ga) toħroġ tweġibiet għal mistoqsijiet, kif stipulat fl-Artikolu 16b;

(gb) tieħu azzjoni f'konformità mal-Artikolu 9a;";

(d) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Fit-twettiq tal-kompiti msemmija fil-paragrafu 1 u fl-eżerċizzju tas-setgħat imsemmija fil-paragrafu 2, l-Awtorità għandha taġixxi abbażi, u fil-limiti, tal-qafas leġislattiv u għandha tikkunsidra debitament il-prinċipju ta' proporzjonalità, fejn ikun rilevanti, u regolamentazzjoni aħjar, inklużi r-riżultati ta' analiżijiet tal-ispejjeż u l-benefiċċji f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Il-konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa msemmija fl-Artikoli 10, 15, 16 u 16a għandhom isiru bl-aktar mod wiesa' possibbli sabiex jiġi żgurat approċċ inklużiv lejn il-partijiet interessati kollha u għandhom jippermettu żmien raġonevoli sabiex il-partijiet interessati jwieġbu. L-Awtorità għandha tippubblika sommarju tar-rispons li jaslilha mingħand il-partijiet interessati u ħarsa ġenerali lejn kif l-informazzjoni u l-opinjonijiet miġbura mill-konsultazzjonijiet intużaw f'abbozz ta' standard tekniku regolatorju u f'abbozz ta' standard tekniku ta' implimentazzjoni.";

(7) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-ġbir, l-analiżi u r-rappurtar dwar tendenzi tal-konsumaturi, bħall-iżvilupp tal-ispejjeż u l-imposti ta' servizzi u prodotti finanzjarji fil-livell tal-konsumaturi fl-Istati Membri;";

(ii) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(aa) it-twettiq ta' rieżamijiet tematiċi fil-fond tal-imġiba tas-suq, u l-bini ta' fehim komuni tal-prattiki tas-swieq sabiex jiġu identifikati l-problemi potenzjali u jiġi analizzat l-impatt tagħhom;

(ab) l-iżvilupp ta' indikaturi tar-riskju fil-livell tal-konsumaturi għall-identifikazzjoni f'waqtha tal-kawżi potenzjali ta' detriment għall-konsumaturi u għall-investituri;";

(iii) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(e) il-kontribuzzjoni għal kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq intern fejn il-konsumaturi u utenti oħra ta' servizzi finanzjarji jkollhom aċċess ġust għas-servizzi u l-prodotti finanzjarji;

(f) il-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' xiri bil-moħbi ta' awtoritajiet kompetenti, jekk dan ikun applikabbli.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Awtorità għandha tissorvelja l-attivitajiet finanzjarji ġodda u eżistenti u tista' tadotta linji gwida u rakkomandazzjonijiet bil-għan li tippromwovi s-sikurezza u s-saħħa tas-swieq, u l-konverġenza u l-effettività tal-prattiki regolatorji u superviżorji.";

(c) il-paragrafi 4 u 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"4. L-Awtorità għandha tistabbilixxi, bħala parti integrali minnha, Kumitat dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u l-innovazzjoni finanzjarja, li jiġbor flimkien l-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha u l-awtoritajiet responsabbli għall-protezzjoni tal-konsumatur bil-għan li tittejjeb il-protezzjoni tal-konsumatur, jinkiseb approċċ ikkoordinat għat-trattament regolatorju u superviżorju ta' attivitajiet finanzjarji ġodda jew innovattivi, u jingħataw pariri biex l-Awtorità tippreżentahom lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. L-Awtorità għandha tikkoopera mill-qrib mal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data stabbilit permezz tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* biex tevita d-duplikazzjoni, l-inkonsistenzi u l-inċertezza legali fil-qasam tal-protezzjoni tad-data. L-Awtorità tista' tistieden ukoll lill-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data bħala osservaturi fil-Kumitat.

5. L-Awtorità tista', b'mod temporanju, tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-kummerċjalizzazzjoni, id-distribuzzjoni jew il-bejgħ ta' ċerti tipi ta' prodotti, strumenti jew attivitajiet finanzjarji li għandhom il-potenzjal li jikkawżaw dannu finanzjarju sinifikanti għall-klijenti jew konsumaturi, jew li jkunu ta' theddida għall-funzjonament tajjeb u għall-integrità tas-swieq finanzjarji jew għall-istabilità tas-sistema finanzjarja kollha jew ta' parti minnha fl-Unjoni fil-każijiet speċifikati u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), jew, jekk ikun meħtieġ, f'każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza konformement mal-Artikolu 18 u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fih.

L-Awtorità għandha tirrevedi d-deċiżjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu f'intervalli adatti u mill-inqas kull sitt xhur. Wara mill-inqas żewġ tiġdidiet konsekuttivi u abbażi ta' analiżi xierqa li għandha l-għan li tivvaluta l-impatt fuq il-klijent jew il-konsumatur, l-Awtorità tista' tiddeċiedi fuq it-tiġdid annwali tal-projbizzjoni.

Stat Membru jista' jitlob lill-Awtorità biex terġa' tikkunsidra d-deċiżjoni tagħha. F'dak il-każ, l-Awtorità għandha tiddeċiedi, f'konformità mal-proċedura stabbilita fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 44(1), jekk iżżommx tali deċiżjoni.

L-Awtorità tista' wkoll tivvaluta l-ħtieġa li tipprojbixxi jew tirrestrinġi ċerti tipi ta' attività jew prattika finanzjarja u, fejn ikun hemm tali bżonn, tinforma lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti sabiex tiffaċilita l-adozzjoni ta' kwalunkwe tali projbizzjoni jew restrizzjoni.

---

* Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).";

(8) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 9a*

*Ittri biex ma titteħidx azzjoni*

1. L-Awtorità għandha tieħu l-miżuri msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu f'ċirkustanzi eċċezzjonali biss meta tikkunsidra li l-applikazzjoni ta' wieħed mill-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) jew ta' kwalunkwe att delegat jew ta' implimentazzjoni bbażat fuq dawk l-atti leġislattivi, probabbilment tqajjem kwistjonijiet sinifikanti, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet:

   (a) l-Awtorità tikkunsidra li d-dispożizzjonijiet li jinsabu f'tali att jistgħu jkunu f'kunflitt dirett ma' att ieħor rilevanti;

   (b) fejn l-att ikun wieħed mill-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), in-nuqqas ta' atti delegati jew ta' implimentazzjoni li jikkomplementaw jew jispeċifikaw l-att inkwistjoni jqajjem dubji leġittimi rigward il-konsegwenzi legali li jirriżultaw mill-att leġislattiv jew mill-applikazzjoni proprja tiegħu;

   (c) in-nuqqas ta' linji gwida u rakkomandazzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 16 iqajjem diffikultajiet prattiċi rigward l-applikazzjoni tal-att leġislattiv rilevanti.

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-Awtorità għandha tibgħat rendikont dettaljat bil-miktub tal-kwistjonijiet li hija tqis li jeżistu lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Kummissjoni.

Fil-każijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, l-Awtorità għandha tipprovdi lill-Kummissjoni b'opinjoni dwar kwalunkwe azzjoni li hija tqis xierqa, fil-forma ta' proposta leġislattiva ġdida jew ta' proposta għal att ġdid, delegat jew ta' implimentazzjoni, u dwar l-urġenza li, skont l-Awtorità, tkun marbuta mal-kwistjoni. L-Awtorità għandha tagħmel l-opinjoni tagħha pubblika.

Fil-każ imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Awtorità għandha tevalwa mill-aktar fis possibbli l-ħtieġa li tadotta linji gwida jew rakkomandazzjonijiet rilevanti f'konformità mal-Artikolu 16.

L-Awtorità għandha taġixxi bil-ħeffa, partikolarment bil-ħsieb li tikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-kwistjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1, kull meta jkun possibbli.

3. Fejn meħtieġ fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, u sa meta jiġu adottati u applikati miżuri ġodda wara l-passi msemmija fil-paragrafu 2, l-Awtorità għandha toħroġ opinjonijiet rigward dispożizzjonijiet speċifiċi tal-atti msemmija fil-paragrafu 1 bil-ħsieb li jkomplu jiġu segwiti prattiki superviżorji u ta' infurzar li jkunu konsistenti, effiċjenti u effettivi, u l-applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tal-liġi tal-Unjoni.

4. Fejn, abbażi tal-informazzjoni riċevuta, partikolarment mill-awtoritajiet kompetenti, l-Awtorità tikkunsidra li kwalunkwe mill-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) jew kwalunkwe att delegat jew ta' implimentazzjoni bbażat fuq dawk l-atti leġislattivi jqajmu kwistjonijiet eċċezzjonali sinifikanti li jappartjenu għall-fiduċja tas-suq, il-protezzjoni tal-klijenti jew tal-investituri, il-funzjonament tajjeb u l-integrità tas-swieq finanzjarji jew tas-swieq tal-komoditajiet, jew l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja kollha, jew ta' parti minnha, fl-Unjoni, hija għandha mingħajr dewmien bla bżonn tibgħat rendikont dettaljat bil-miktub lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Kummissjoni tal-kwistjonijiet li hija tqis li jeżistu. L-Awtorità tista' tipprovdi lill-Kummissjoni b'opinjoni dwar kwalunkwe azzjoni li hija tqis xierqa, fil-forma ta' proposta leġislattiva ġdida jew ta' proposta għal att ġdid, delegat jew ta' implimentazzjoni, u dwar l-urġenza tal-kwistjoni. L-Awtorità għandha tagħmel l-opinjoni tagħha pubblika.";

(9) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Fejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jiddelegaw is-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta standards tekniċi regolatorji permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 TFUE sabiex tiżgura l-armonizzazzjoni konsistenti fl-oqsma speċifikament stipulati fl-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, l-Awtorità tista' tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji. L-Awtorità għandha tissottometti l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji tagħha lill-Kummissjoni għall-adozzjoni. Fl-istess ħin, l-Awtorità għandha tgħaddi dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji għall-informazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.";

(ii) it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Qabel ma tippreżentahom lill-Kummissjoni, l-Awtorità għandha tagħmel konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji u għandha tanalizza l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati, sakemm tali konsultazzjonijiet u analiżijiet ma jkunux ferm sproporzjonati fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u l-impatt tal-abbozzi tal-istandards tekniċi regolatorji kkonċernati jew fir-rigward tal-urġenza partikolari tal-kwistjoni. L-Awtorità għandha titlob ukoll il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq imsemmi fl-Artikolu 37.";

(iii) ir-raba' subparagrafu jitħassar;

(iv) il-ħames u s-sitt subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi abbozz ta' standard tekniku regolatorju, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk tadottahx. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien debitu meta l-adozzjoni ma tistax isseħħ fi żmien il-perjodu ta' tliet xhur. Il-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' standard tekniku regolatorju parzjalment biss, jew b'emendi, fejn l-interessi tal-Unjoni jirrikjedu dan.

Fejn il-Kummissjoni jkollha l-intenzjoni li ma tadottax abbozz ta' standard tekniku regolatorju jew li tadottah parzjalment jew b'emendi, hi għandha tibgħat l-abbozz ta' standard tekniku regolatorju lura lill-Awtorità, fejn tispjega għalfejn hija ma tadottahx, jew fejn tispjega r-raġunijiet għall-emendi tagħha. Il-Kummissjoni għandha tibgħat kopja tal-ittra tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Fi żmien perjodu ta' sitt ġimgħat, l-Awtorità tista' temenda l-abbozz ta' standard tekniku regolatorju fuq il-bażi tal-emendi proposti mill-Kummissjoni u terġa' tressqu lill-Kummissjoni fil-forma ta' opinjoni formali. L-Awtorità għandha tibgħat kopja tal-opinjoni formali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fejn l-Awtorità ma tkunx ressqet abbozz ta' standard tekniku regolatorju fil-limitu ta' żmien stipulat fl-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), il-Kummissjoni tista' titlob tali abbozz f'limitu ta' żmien ġdid. L-Awtorità għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, fi żmien debitu, li hija mhijiex se tikkonforma mal-limitu ġdid ta' żmien.";

(c) fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tagħmel konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji u tanalizza l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati, sakemm tali konsultazzjonijiet u analiżijiet ma jkunux sproporzjonati fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u l-impatt tal-istandards tekniċi regolatorji kkonċernati jew fir-rigward tal-urġenza partikolari tal-kwistjoni. Il-Kummissjoni għandha titlob ukoll il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq imsemmi fl-Artikolu 37.";

(d) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. "L-istandards tekniċi regolatorji għandhom jiġu adottati permezz ta' regolamenti jew deċiżjonijiet. Il-kliem 'standard tekniku regolatorju' għandu jidher fit-titolu ta' tali regolamenti jew deċiżjonijiet. Dawk l-istandards għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data msemmija fihom.";

(10) fl-Artikolu 13(1), it-tieni subparagrafu jitħassar;

(11) l-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Fejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jikkonferixxu setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta standards tekniċi ta' implimentazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 TFUE, fl-oqsma speċifikament stabbiliti fl-atti leġiżlattivi msemmijin fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, l-Awtorità tista' tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni. L-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni għandhom ikunu tekniċi, ma għandhomx jinvolvu deċiżjonijiet strateġiċi jew għażliet ta' politika u l-kontenut tagħhom għandu jkun li jiddetermina l-kondizzjonijiet ta' applikazzjoni ta' dawk l-atti. L-Awtorità għandha tippreżenta l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni tagħha lill-Kummissjoni għall-adozzjoni. Fl-istess ħin, l-Awtorità għandha tgħaddi dawk l-istandards tekniċi għall-informazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Qabel ma tippreżenta l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni, l-Awtorità għandha tagħmel konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa u għandha tanalizza l-ispejjeż u l-benefiċċji relatati potenzjali, sakemm dawk il-konsultazzjonijiet u analiżijiet ma jkunux ferm sproporzjonati fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u l-impatt tal-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni kkonċernati jew fir-rigward tal-urġenza partikolari tal-kwistjoni. L-Awtorità għandha titlob ukoll il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq imsemmi fl-Artikolu 37.

Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi abbozz ta’ standard tekniku ta’ implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk tadottahx. Il-Kummissjoni tista’ testendi dak il-perjodu b’xahar. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien debitu fejn ma tkunx tista' ssir l-adozzjoni fi żmien il-perjodu ta’ tliet xhur. Il-Kummissjoni tista’ tadotta l-abbozz ta’ standard tekniku ta’ implimentazzjoni parzjalment biss, jew b’emendi, fejn l-interessi tal-Unjoni jirrikjedu dan.

Fejn il-Kummissjoni jkollha l-intenzjoni li ma tadottax abbozz ta’ standard tekniku ta’ implimentazzjoni jew ikollha l-intenzjoni li tadottah parzjalment jew b’emendi, hi għandha tibagħtu lura lill-Awtorità fejn tispjega għalfejn hija ma għandhiex l-intenzjoni li tadottah jew fejn tispjega r-raġunijiet għall-emendi tagħha. Il-Kummissjoni għandha tibgħat kopja tal-ittra tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. F’perjodu ta’ sitt ġimgħat, l-Awtorità tista’ temenda l-abbozz ta’ standard tekniku ta’ implimentazzjoni fuq il-bażi tal-emendi proposti mill-Kummissjoni u terġa’ tressqu lill-Kummissjoni fil-forma ta’ opinjoni formali. L-Awtorità għandha tibgħat kopja tal-opinjoni formali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Jekk, mal-iskadenza tal-perjodu ta' sitt ġimgħat imsemmi fir-raba' subparagrafu, l-Awtorità ma tkunx ippreżentat abbozz ta' standard tekniku ta' implimentazzjoni emendat, jew tkun ippreżentat abbozz ta' standard tekniku ta' implimentazzjoni li ma jkunx emendat b'mod konsistenti mal-emendi proposti mill-Kummissjoni, il-Kummissjoni tista' tadotta l-istandard bl-emendi li tikkunsidra li jkunu rilevanti jew tirrifjutah.

Il-Kummissjoni ma għandhiex tbiddel il-kontenut ta' abbozz ta' standard tekniku ta' implimentazzjoni mħejji mill-Awtorità mingħajr ma tikkoordina minn qabel mal-Awtorità, kif stipulat f'dan l-Artikolu.

2. Fejn l-Awtorità ma tkunx ressqet abbozz ta' standard tekniku ta' implimentazzjoni fil-limitu ta' żmien stipulat fl-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), il-Kummissjoni tista' titlob tali abbozz f'limitu ta' żmien ġdid. L-Awtorità għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, fi żmien debitu, li hija mhijiex se tikkonforma mal-limitu ġdid ta' żmien.";

(b) fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tagħmel konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni u tanalizza l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati, sakemm tali konsultazzjonijiet u analiżijiet ma jkunux sproporzjonati fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u l-impatt tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni kkonċernati jew fir-rigward tal-urġenza partikolari tal-kwistjoni. Il-Kummissjoni għandha titlob ukoll il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq imsemmi fl-Artikolu 37.";

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati permezz ta' regolamenti jew deċiżjonijiet. Il-kliem 'standard tekniku ta' implimentazzjoni' għandu jidher fit-titolu ta' tali regolamenti jew deċiżjonijiet. Dawk l-istandards għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data msemmija fihom.";

(12) l-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-Awtorità, sabiex tistabbilixxi prattiki superviżorji konsistenti, effiċjenti u effikaċi fi ħdan is-SESF, u biex tiżgura l-applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tal-liġi tal-Unjoni, għandha toħroġ linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kollha jew il-parteċipanti kollha fis-swieq finanzjarji u toħroġ rakkomandazzjonijiet għal awtorità kompetenti waħda jew aktar jew għal parteċipanti wieħed jew aktar fis-suq finanzjarju.

Il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet għandhom ikunu skont l-għotjiet ta' setgħa mill-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) jew f'dan l-Artikolu.

2. L-Awtorità, fejn xieraq, għandha jkollha konsultazzjonijiet pubbliċi rigward il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet li hija toħroġ u għandha tanalizza l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati mal-ħruġ ta' dawn il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet. Dawk il-konsultazzjonijiet u analiżijiet għandhom ikunu proporzjonati fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, in-natura u l-impatt tal-linji gwida jew tar-rakkomandazzjonijiet. L-Awtorità, meta jkun xieraq, għandha titlob ukoll il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq imsemmi fl-Artikolu 37. Fejn l-Awtorità ma twettaqx konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa jew ma titlobx parir mill-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq, l-Awtorità għandha tagħti raġunijiet għal dan.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet ma għandhomx sempliċiment jirreferu għal, jew jirriproduċu, elementi tal-atti leġiżlattivi. Qabel ma toħroġ linja gwida jew rakkomandazzjoni ġdida, l-Awtorità għandha l-ewwel tirrevedi l-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet eżistenti, sabiex tevita kwalunkwe duplikazzjoni.";

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 43(5), l-Awtorità għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet kollha li jkunu nħarġu.";

(13) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 16a*

*Opinjonijiet*

1. L-Awtorità tista', fuq talba mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni, jew fuq inizjattiva tagħha stess, tipprovdi opinjonijiet lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar kull kwistjoni marbuta mal-qasam ta' kompetenza tagħha.

2. It-talba msemmija fil-paragrafu 1 tista' tinkludi konsultazzjoni pubblika jew analiżi teknika.

3. Fir-rigward tal-valutazzjoni prudenzjali ta' mergers u akkwiżizzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/65/UE u li skont dik id-Direttiva jirrikjedu konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti minn żewġ Stati Membri jew aktar, l-Awtorità tista', fuq talba ta' waħda mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati, toħroġ u tippubblika opinjoni dwar valutazzjoni prudenzjali, ħlief fir-rigward tal-kriterji stipulati fil-punt (e) tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2014/65/UE. L-opinjoni għandha tinħareġ fil-ħin u, fi kwalunkwe każ, qabel it-tmiem tal-perijodu ta' valutazzjoni skont id-Direttiva 2014/65/UE.

4. L-Awtorità tista', fuq talba mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni, tagħti parir tekniku lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni fl-oqsma stabbiliti fl-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2).

*Artikolu 16b*
*Mistoqsijiet u tweġibiet*

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, il-mistoqsijiet relatati mal-applikazzjoni prattika jew mal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), atti assoċjati delegati u ta' implimentazzjoni, u linji gwida u rakkomandazzjonijiet adottati skont dawk l-atti leġiżlattivi, jistgħu jiġu ppreżentati minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, inklużi awtoritajiet kompetenti u istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni, lill-Awtorità bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni.

Qabel ma jippreżentaw mistoqsija lill-Awtorità, il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji għandhom jikkunsidraw jekk għandhomx jindirizzaw il-mistoqsija fl-ewwel lok lill-awtorità kompetenti tagħhom.

Qabel ma tippubblika tweġibiet għal mistoqsijiet ammissibbli, l-Awtorità tista' tfittex kjarifika ulterjuri dwar mistoqsijiet mingħand il-persuna fiżika jew ġuridika msemmija f'dan il-paragrafu.

2. It-tweġibiet mill-Awtorità għall-mistoqsijiet imsemmija fil-paragrafu 1 m'għandhomx ikunu vinkolanti. It-tweġibiet għandhom isiru disponibbli mill-inqas bil-lingwa li fiha l-mistoqsija tkun saret.

3. L-Awtorità għandha tistabbilixxi u żżomm għodda bbażata fuq il-web disponibbli fis-sit web tagħha għas-sottomissjoni ta' mistoqsijiet u l-pubblikazzjoni f’waqtha tal-mistoqsijiet kollha riċevuti kif ukoll it-tweġibiet kollha għall-mistoqsijiet kollha ammissibbli skont il-paragrafu 1, sakemm tali pubblikazzjoni ma tkunx f’kunflitt mal-interess leġittimu ta’ dawk il-persuni jew ma tkunx tinvolvi riskji għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. L-Awtorità tista’ tirrifjuta mistoqsijiet li mhijiex beħsiebha twieġeb. Il-mistoqsijiet rifjutati għandhom jiġu ppubblikati mill-Awtorità fis-sit web tagħha għal perjodu ta’ xahrejn.

4. Tliet membri votanti tal-Bord tas-Superviżuri jistgħu jitolbu lill-Bord tas-Superviżuri biex jiddeċiedi skont l-Artikolu 44 jekk għandhiex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-mistoqsija ammissibbli msemmija fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu f'linji gwida skont l-Artikolu 16, jiġix mitlub parir mill-Grupp tal-Partijiet Interessati rilevanti msemmi fl-Artikolu 37, jiġux rieżaminati mistoqsijiet u tweġibiet f’intervalli adegwati, isirux konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa jew jiġux analizzati spejjeż u benefiċċji relatati potenzjali. Tali konsultazzjonijiet u analiżijiet għandhom ikunu proporzjonati fir-rigward tal-ambitu, in-natura u l-impatt tal-abbozz ta’ mistoqsijiet u tweġibiet ikkonċernati jew fir-rigward tal-urġenza partikolari tal-kwistjoni. Meta jiġi involut il-Grupp tal-Partijiet Interessati rilevanti msemmi fl-Artikolu 37, għandu japplika dmir ta' kunfidenzjalità.

5. L-Awtorità għandha tressaq mistoqsijiet li jirrikjedu l-interpretazzjoni tal-liġi tal-Unjoni lill-Kummissjoni. L-Awtorità għandha tippubblika kwalunkwe tweġiba mogħtija mill-Kummissjoni.";

(14) l-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fuq talba minn awtorità kompetenti waħda jew aktar, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq, jew fuq inizjattiva tagħha stess, inkluż meta din ikun ibbażata fuq informazzjoni ssostanzjata tajjeb minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, u wara li tinforma lill-awtorità kompetenti kkonċernata, l-Awtorità għandha tiddeskrivi kif beħsiebha tipproċedi bil-każ u, fejn xieraq, tinvestiga l-ksur jew nuqqas ta' applikazzjoni allegat tal-liġi tal-Unjoni.";

(ii) jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"Mingħajr preġudizzju għas-setgħat stabbiliti fl-Artikolu 35, l-Awtorità tista', wara li tkun infurmat lill-awtorità kompetenti kkonċernata, tindirizza talba debitament ġustifikata u motivata għall-informazzjoni direttament lil awtoritajiet kompetenti oħrajn, kull meta t-talba għal informazzjoni mingħand l-awtorità kompetenti kkonċernata tkun irriżultat, jew titqies bħala, mhux suffiċjenti biex tinkiseb l-informazzjoni meqjusa neċessarja għall-fini tal-investigazzjoni ta' ksur allegat jew nuqqas ta' applikazzjoni allegat tal-liġi tal-Unjoni.

Id-destinatarju ta' tali talba għandu jipprovdi lill-Awtorità b'informazzjoni ċara, preċiża u kompleta mingħajr dewmien bla bżonn.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat taħt dan ir-Regolament u qabel ma tinħareġ rakkomandazzjoni kif stipulat fil-paragrafu 3, l-Awtorità għandha tidħol f'kuntatt mal-awtorità kompetenti kkonċernata, meta tqis tali kuntatt xieraq biex jiġi riżolt ksur tal-liġi tal-Unjoni, f'tentattiv biex jintlaħaq ftehim dwar azzjonijiet meħtieġa biex l-awtorità kompetenti tikkonforma mal-liġi tal-Unjoni.";

(c) il-paragrafi 6 u 7 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"6. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni taħt l-Artikolu 258 TFUE, fejn awtorità kompetenti ma tikkonformax mal-opinjoni formali msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu fil-perijodu speċifikat fih, u fejn ikun meħtieġ sabiex tirrimedja f'ħin opportun tali nuqqas ta' konformità sabiex iżżomm jew treġġa' lura l-kondizzjonijiet newtrali ta' kompetizzjoni fis-suq jew tiżgura l-funzjonament tajjeb u l-integrità tas-sistema finanzjarja, l-Awtorità tista', fejn ir-rekwiżiti rilevanti tal-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament japplikaw direttament għall-parteċipanti fis-swieq finanzjarji, tadotta deċiżjoni individwali indirizzata lil parteċipant fis-swieq finanzjarji li tesiġi minnu l-azzjoni meħtieġa kollha sabiex tikkonforma mal-obbligi tagħha taħt il-liġi tal-Unjoni, inkluż il-waqfien ta' kwalunkwe prattika.";

Id-deċiżjoni tal-Awtorità għandha tkun konformi mal-opinjoni formali maħruġa mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 4.

7. Id-deċiżjonijiet adottati skont il-paragrafu 6 għandhom jipprevalixxu fuq kwalunkwe deċiżjoni preċedenti adottata mill-awtoritajiet kompetenti dwar l-istess materja.

Meta jieħdu azzjoni b'rabta ma' kwistjonijiet li jkunu soġġetti għal opinjoni formali skont il-paragrafu 4 jew għal deċiżjoni skont il-paragrafu 6, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonformaw mal-opinjoni formali jew mad-deċiżjoni, skont kif ikun il-każ.";

(15) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 17a

Protezzjoni tal-persuni li jirrappurtaw

1. L-Awtorità għandu jkollha fis-seħħ kanali ta' rappurtar apposta biex tirċievi u tittratta informazzjoni pprovduta minn persuna fiżika jew ġuridika li tirrapporta dwar ksur reali jew potenzjali, abbuż tal-liġi, jew nuqqas ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni.

2. Il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jirrappurtaw permezz ta' dawk il-kanali għandhom ikunu protetti kontra r-ritaljazzjoni skont id-Direttiva (UE) 2019/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*][+], fejn applikabbli.

3. L-Awtorità għandha tiżgura li l-informazzjoni kollha tista' tiġi ppreżentata b'mod anonimu jew kunfidenzjali, u b'mod sigur. Fejn l-Awtorità tqis li l-informazzjoni ppreżentata fiha evidenza jew indikazzjonijiet sinifikanti ta' ksur materjali, hija għandha tagħti feedback lill-persuna li tirrapporta.

---

* Direttiva (UE) 2019/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'....dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L ..., ...., p. ...).";

---

\+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li jinsab fid-dokument (2018)0106 (COD) u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna tal-asterisk.

(16) fl-Artikolu 18, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Fejn il-Kunsill ikun adotta deċiżjoni skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, u f'ċirkostanzi eċċezzjonali fejn tkun meħtieġa azzjoni kkoordinata mill-awtoritajiet kompetenti bħala reazzjoni għall-iżviluppi negattivi li jistgħu jipperikolaw b'mod serju l-funzjonament tajjeb u l-integrità tas-swieq finanzjarji jew l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja kollha jew parti minnha fl-Unjoni jew il-protezzjoni tal-klijenti u tal-investituri, l-Awtorità tista' tadotta deċiżjonijiet individwali sabiex titlob lill-awtoritajiet kompetenti biex jieħdu l-azzjoni meħtieġa skont l-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) sabiex jindirizzaw kwalunkwe tali żvilupp billi jiżguraw li l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji u l-awtoritajiet kompetenti jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dawk l-atti leġislattivi.";

(17) l-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Fil-każijiet speċifikati fl-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) u mingħajr preġudizzju għas-setgħat stabbiliti fl-Artikolu 17, l-Awtorità tista' tgħin lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jilħqu ftehim f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafi 2 sa 4 ta' dan l-Artikolu f'waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) fuq talba ta' waħda jew aktar mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati fejn awtorità kompetenti ma taqbilx mal-proċedura jew mal-kontenut ta' azzjoni, azzjoni proposta jew inattività ta' awtorità kompetenti oħra;

(b) f'każijiet fejn l-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) jipprevedu li l-Awtorità tkun tista' tgħin fuq inizjattiva tagħha stess fejn, abbażi ta' raġunijiet oġġettivi, ikun jista' jiġi stabbilit nuqqas ta' qbil bejn l-awtoritajiet kompetenti.

F'każijiet fejn l-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) jesiġu li tittieħed deċiżjoni konġunta mill-awtoritajiet kompetenti u fejn, skont dawk l-atti, l-Awtorità tkun tista' tgħin, fuq inizjattiva tagħha stess, lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati biex jintlaħaq qbil f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafi 2 sa 4 ta' dan l-Artikolu, għandu jkun preżunt nuqqas ta' ftehim fin-nuqqas ta' teħid ta' deċiżjoni konġunta minn dawk l-awtoritajiet fil-limiti ta' żmien stabbiliti f'dawk l-atti.";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"1a. L-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom, fil-każijiet li ġejjin, jinnotifikaw lill-Awtorità, mingħajr dewmien bla bżonn, li ma ntlaħaq ebda ftehim:

(a) fejn ikun ġie previst limitu ta' żmien sabiex jintlaħaq ftehim bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), u jseħħ kwalunkwe minn fost dawn li ġejjin:

(i) il-limitu ta' żmien ikun skada; jew

(ii) mhux inqas minn żewġ awtoritajiet kompetenti kkonċernati jikkonkludu li jeżisti nuqqas ta' ftehim fuq il-bażi ta' raġunijiet oġġettivi;

(b) fejn ma jkun ġie previst ebda limitu ta' żmien sabiex jintlaħaq ftehim bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), u meta jseħħ kwalunkweminn fost dawn li ġejjin:

(i) mhux inqas minn żewġ awtoritajiet kompetenti kkonċernati jikkonkludu li jeżisti nuqqas ta' ftehim fuq il-bażi ta' raġunijiet oġġettivi; jew

(ii) ikunu għaddew xahrejn mid-data li fiha awtorità kompetenti rċeviet talba minn awtorità kompetenti oħra sabiex tieħu ċerta azzjoni bil-għan li tikkonforma ma' dawk l-atti u l-awtorità rikjesta tkun għadha ma adottat ebda deċiżjoni li tissodisfa t-talba.

1b. Il-President għandu jivvaluta jekk l-Awtorità għandhiex taġixxi f'konformità mal-paragrafu 1. Fejn l-intervent ikun fuq l-inizjattiva proprja tal-Awtorità, din tal-aħħar għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati bid-deċiżjoni tagħha rigward l-intervent.

Sa meta tittieħed id-deċiżjoni tal-Awtorità f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 44(4), f'każijiet fejn l-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) jesiġu li tittieħed deċiżjoni konġunta, l-awtoritajiet kompetenti kollha involuti fid-deċiżjoni konġunta għandhom jiddiferixxu d-deċiżjonijiet individwali tagħhom. Fejn l-Awtorità tiddeċiedi li taġixxi, l-awtoritajiet kompetenti kollha involuti fid-deċiżjoni konġunta għandhom jiddiferixxu d-deċiżjonijiet tagħhom sa meta tiġi konkluża l-proċedura stabbilita fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Fejn l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jonqsu milli jilħqu ftehim matul il-fażi ta' konċiljazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-Awtorità tista' tieħu deċiżjoni li tesiġi li dawk l-awtoritajiet jieħdu azzjoni speċifika jew joqogħdu lura minn ċerta azzjoni sabiex tiġi riżolta l-kwistjoni, u biex tiġi żgurata l-konformità mal-liġi tal-Unjoni. Id-deċiżjoni tal-Awtorità torbot lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati. Id-deċiżjoni tal-Awtorità tista' tesiġi li l-awtoritajiet kompetenti jirrevokaw jew jemendaw deċiżjoni li jkunu adottaw jew jagħmlu użu mis-setgħat li jkollhom skont il-liġi rilevanti tal-Unjoni.";

(d) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. L-Awtorità għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati dwar il-konklużjoni tal-proċeduri taħt il-paragrafi 2 u 3 flimkien ma', fejn applikabbli, id-deċiżjoni tagħha meħuda taħt il-paragrafu 3.";

(e) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni taħt l-Artikolu 258 TFUE, fejn awtorità kompetenti ma tikkonformax mad-deċiżjoni tal-Awtorità, u b'hekk tonqos milli tiżgura li parteċipant fis-swieq finanzjarji jikkonforma mar-rekwiżiti li japplikaw direttament għalih bis-saħħa tal-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, l-Awtorità tista' tadotta deċiżjoni individwali indirizzata lil dak il-parteċipant fis-swieq finanzjarji li tesiġi minnu l-azzjoni meħtieġa kollha biex jikkonforma mal-obbligi tiegħu taħt il-liġi tal-Unjoni, inkluż il-waqfien minn kwalunkwe prattika.";

(18) l-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Awtorità għandha tippromwovi u tissorvelja, fl-ambitu tas-setgħat tagħha, il-funzjonament effiċjenti, effettiv u konsistenti tal-kulleġġi tas-superviżuri fejn stabbilit bl-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) u trawwem l-konsistenza u l-koerenza fl-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni fost il-kulleġġi tas-superviżuri. Bl-għan li ssir konverġenza tal-aħjar prattiki superviżorji, l-Awtorità għandha tippromwovi pjanijiet superviżorji konġunti u eżamijiet konġunti, u l-persunal mill-Awtorità għandu jkollu drittijiet ta' parteċipazzjoni sħiħa fil-kulleġġi tas-superviżuri u, bħala tali, għandu jkun jista'jipparteċipa fl-attivitajiet tal-kulleġġi tas-superviżuri, inklużi spezzjonijiet fuq il-post, imwettqa b'mod konġunt minn żewġ awtoritajiet kompetenti jew aktar.";

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. L-Awtorità għandha tmexxi b'mod li jkun żgurat funzjonament konsistenti u koerenti tal-kulleġġi ta’ superviżuri għal istituzzjonijiet transkonfinali fl-Unjoni kollha, b’kont meħud tar-riskju sistemiku ppreżentat mill-parteċipanti fis-swieq finanzjarji msemmija fl-Artikolu 23, u għandha, fejn xieraq, torganizza laqgħa ta' kulleġġ.”;

(ii) fit-tielet subparagrafu, il-punt (b) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(b) tagħti bidu għal, u tikkoordina, testijiet tal-istress fl-Unjoni kollha f’konformità mal-Artikolu 32 biex tivvaluta r-reżiljenza tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji, b’mod partikolari r-riskju sistemiku ppreżentat mill-parteċipanti fis-swieq finanzjarji kif imsemmi fl-Artikolu 23, għal żviluppi negattivi fis-swieq, u tivvaluta l-potenzjal li jikber ir-riskju sistemiku li jistgħu jippreżentaw il-parteċipanti ewlenin fis-swieq finanzjarji f’sitwazzjonijiet ta’ stress, waqt li jiġi żgurat li tiġi applikata metodoloġija konsistenti fil-livell nazzjonali għal tali testijiet u, fejn adatt, tindirizza rakkomandazzjoni lill-awtorità kompetenti biex jiġu korretti kwistjonijiet identifikati fit-test tal-istress, inkluża rakkomandazzjoni biex jitwettqu valutazzjonijiet speċifiċi; tista’ tirrakkomanda lill-awtoritajiet kompetenti biex iwettqu spezzjonijiet fuq il-post, u tista’ tipparteċipa f’tali spezzjonijiet fuq il-post, sabiex tiżgura l-komparabbiltà u l-affidabbiltà tal-metodi, prattiki u riżultati tal-valutazzjonijiet fl-Unjoni kollha;”;

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-Awtorità tista' tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni skont is-setgħat stabbiliti fl-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), u skont l-Artikoli 10 sa 15, biex tiżgura kondizzjonijiet ta' applikazzjoni uniformi fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-funzjonament operattiv tal-kulleġġi ta' superviżuri. L-Awtorità tista' toħroġ linji gwida u rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 16 biex tippromwovi konverġenza fil-funzjonament superviżorju u fl-aħjar prattiki li ġew adottati mill-kulleġġi tas-superviżuri.";

(19) l-Artikolu 22 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Dispożizzjonijiet ġenerali dwar ir-riskji sistemiċi";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Fuq talba minn awtorità kompetenti waħda jew aktar, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, jew il-Kummissjoni, jew bl-inizjattiva tagħha stess, l-Awtorità tista' twettaq inkjesta dwar tip partikolari ta' attività finanzjarja jew tip ta' prodott jew tip ta' kondotta sabiex tevalwa theddid potenzjali għall-integrità tas-swieq finanzjarji jew għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja jew għall-protezzjoni tal-klijenti jew tal-investituri.

Wara inkjesta mwettqa skont l-ewwel subparagrafu, il-Bord tas-Superviżuri jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa għal azzjoni lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati.

Għal dawk il-finijiet, l-Awtorità tista' tuża s-setgħat mogħtija lilha skont dan ir-Regolament, inkluż l-Artikolu 35.";

(20) fl-Artikolu 23, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Awtorità għandha, f'konsultazzjoni mal-BERS, tiżviluppa kriterji għall-identifikazzjoni u l-kejl ta' riskju sistemiku u sistema adegwata għat-testijiet tal-istress li tinkludi evalwazzjoni tal-potenzjal li riskju sistemiku ppreżentat minn, jew lil, parteċipanti fis-swieq finanzjarji jiżdied f'sitwazzjonijiet ta' stress, inkluż riskju sistemiku potenzjali marbut mal-ambjent. Il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji li jistgħu jippreżentaw riskju sistemiku għandhom ikunu soġġetti għal superviżjoni aktar qawwija, u fejn meħtieġ, għall-proċeduri ta' rkupru u riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 25.";

(21) fl-Artikolu 27(2), it-tieni subparagrafu jitħassar;

(22) l-Artikolu 29 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(aa) li tistabbilixxi prijoritajiet superviżorji strateġiċi tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 29a;

(ab) li tistabbilixxi gruppi ta' koordinazzjoni skont l-Artikolu 45b biex tiġi promossa l-konverġenza superviżorja u jiġu identifikati l-aħjar prattiki;";

(ii) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) li tippromwovi skambju bilaterali u multilaterali effettiv ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, relattivament għall-kwistjonijiet rilevanti kollha, inklużi ċ-ċibersigurtà u l-attakki ċibernetiċi, b'rispett sħiħ għad-dispożizzjonijiet applikabbli dwar il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-data previsti fl-atti leġislattivi rilevanti tal-Unjoni;";

(iii) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) li tistabbilixxi programmi ta' taħriġ settorjali u transsettorjali, inkluż fir-rigward tal-innovazzjoni teknoloġika, tiffaċilita skambji tal-persunal u tinkoraġġixxi lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jintensifikaw l-użu ta' skemi tal-issekondar u għodod oħrajn;";

(iv) jiżdied il-punt li ġej:

"(f) li tistabbilixxi sistema ta' monitoraġġ biex tivvaluta r-riskji materjali ambjentali, soċjali u dawk marbuta mal-governanza, filwaqt li tqis il-Ftehim ta' Pariġi għall-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima;";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Awtorità tista', kif ikun xieraq, tiżviluppa strumenti prattiċi ġodda u għodod ta' konverġenza biex tippromwovi approċċi u prattiki superviżorji komuni.

Għall-fini tal-istabbiliment ta' kultura superviżorja komuni, l-Awtorità għandha tiżviluppa u żżomm manwal superviżorju aġġornat tal-Unjoni dwar is-superviżjoni tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji fl-Unjoni, li jqis kif xieraq in-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji, il-prattiki ta' negozju, il-mudelli ta' negozju u d-daqs tal-istituzzjonijiet finanzjarji u tas-swieq finanzjarji, inklużi bidliet minħabba l-innovazzjoni teknoloġika, tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji u tas-swieq finanzjarji. Il-manwal superviżorju tal-Unjoni għandu jistabbilixxi l-aħjar prattiki u għandu jispeċifika metodoloġiji u proċessi ta' kwalità għolja.

L-Awtorità, fejn xieraq, għandha tagħmel konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-opinjonijiet imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1, u l-għodod u l-istrumenti msemmija f'dan il-paragrafu. Hija għandha wkoll, fejn xieraq, tanalizza l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati. Tali konsultazzjonijiet u analiżijiet għandhom ikunu proporzjonati fir-rigward tal-ambitu, in-natura u l-impatt tal-għodod u tal-istrumenti. L-Awtorità, fejn xieraq, għandha titlob ukoll pariri mill-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq.";

(23) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 29a*
*Prijoritajiet superviżorji strateġiċi tal-Unjoni*

Wara diskussjoni fil-Bord tas-Superviżuri u filwaqt li jitqiesu l-kontribuzzjonijiet riċevuti mingħand l-awtoritajiet kompetenti, il-ħidma eżistenti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, u l-analiżi, it-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet ippubblikati mill-BERS, l-Awtorità għandha, mill-inqas kull tliet snin u sal-31 ta' Marzu, tidentifika massimu ta' żewġ prijoritajiet ta' rilevanza għall-Unjoni kollha li għandhom jirriflettu żviluppi u xejriet futuri. L-awtoritajiet kompetenti *għandhom* iqisu dawk il-prijoritajiet meta jfasslu l-programmi ta' ħidma tagħhom u għandhom jinnotifikaw lill-Awtorità dwar dan. L-Awtorità għandha tiddiskuti l-attivitajiet rilevanti fis-sena ta' wara mill-awtoritajiet kompetenti, u tislet konklużjonijiet. L-Awtorità għandha tiddiskuti segwitu possibbli li jista' jinkludi linji gwida, rakkomandazzjonijiet lil awtoritajiet kompetenti u reviżjonijiet bejn il-pari fil-qasam rispettiv.

Il-prijoritajiet ta' rilevanza għall-Unjoni kollha identifikati mill-Awtorità ma għandhomx jipprevjenu lill-awtoritajiet kompetenti milli japplikaw l-aħjar prattiki tagħhom, filwaqt li jaġixxu fuq prijoritajiet u żviluppi nazzjonali addizzjonali, u għandhom jitqiesu speċifiċitajiet nazzjonali.";

(24) l-Artikolu 30 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 30*

*Reviżjonijiet bejn il-pari tal-awtoritajiet kompetenti*

1. L-Awtorità għandha, perjodikament, twettaq reviżjonijiet bejn il-pari ta' wħud mill-attivitajiet jew tal-attivitajiet kollha tal-awtoritajiet kompetenti, sabiex tkompli ssaħħaħ il-konsistenza u l-effettività fl-eżiti superviżorji. Għal dak l-għan, l-Awtorità għandha tiżviluppa metodi biex ikunu jistgħu jsiru valutazzjoni u paragun oġġettivi bejn l-awtoritajiet kompetenti riveduti. Waqt l-ippjanar u t-twettiq tar-reviżjonijiet bejn il-pari, għandhom jiġu kkunsidrati l-informazzjoni eżistenti u l-evalwazzjonijiet diġà magħmula fir-rigward tal-awtorità kompetenti kkonċernata, inkluża kwalunkwe informazzjoni rilevanti pprovduta lill-Awtorità f'konformità mal-Artikolu 35 u kwalunkwe informazzjoni rilevanti minn partijiet interessati.

2. Għall-finijiet ta’ dan l-Artikolu, l-Awtorità għandha tistabbilixxi kumitati ta’ reviżjoni ad hoc bejn il-pari, li għandhom ikunu magħmula minn membri tal-persunal tal-Awtorità u minn membri tal-awtoritajiet kompetenti. Il-kumitati tar-reviżjoni bejn il-pari għandhom ikunu ppreseduti minn membru tal-persunal mill-Awtorità. Il-President, wara li jikkonsulta lill-Bord Maniġerjali u wara sejħa miftuħa għall-parteċipazzjoni, għandu jipproponi l-president u l-membri ta’ kumitat ta’ reviżjoni bejn il-pari, li għandhom jiġu approvati mill-Bord tas-Superviżuri. Il-proposta għandha titqies li ġiet approvata sakemm, fi żmien 10 jiem minn meta l-President ipproponiha, il-Bord tas-Superviżuri ma jadottax deċiżjoni li tiċħadha.

3. Ir-reviżjoni bejn il-pari għandha tinkludi valutazzjoni ta’, iżda ma għandhiex tkun limitata għal:

(a) l-adegwatezza tar-riżorsi, il-grad ta’ indipendenza u l-arranġamenti ta’ governanza tal-awtorità kompetenti, b’attenzjoni partikolari għall-applikazzjoni effettiva tal-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) u għall-kapaċità li tirrispondi għall-iżviluppi tas-suq;

(b) l-effettività u l-grad ta’ konverġenza milħuq fl-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u fil-prattika superviżorja, inklużi l-istandards tekniċi regolatorji u l-istandards tekniċi ta’ implimentazzjoni, il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet adottati skont l-Artikoli 10 sa 16, u kemm il-prattika superviżorja tilħaq l-għanijiet stipulati fil-liġi tal-Unjoni;

(c) l-applikazzjoni tal-aħjar prattiki żviluppati minn awtoritajiet kompetenti li l-adozzjoni tagħhom tista' tkun ta’ benefiċċju għal awtoritajiet kompetenti oħra;

(d) l-effettività u l-grad ta’ konverġenza milħuq fir-rigward tal-infurzar tad-dispożizzjonijiet adottati fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni, inklużi s-sanzjonijiet amministrattivi u miżuri amministrattivi oħrajn imposti kontra persuni responsabbli fejn ma kienx hemm konformità ma’ dawk id-dispożizzjonijiet.

4. L-Awtorità għandha tipproduċi rapport li jistabbilixxi r-riżultati tar-reviżjoni bejn il-pari. Dak ir-rapport tar-reviżjoni bejn il-pari għandu jkun imħejji mill-kumitat ta’ reviżjoni bejn il-pari u adottat mill-Bord tas-Superviżuri f’konformità mal-Artikolu 44(4). Meta jabbozza dak ir-rapport, il-kumitat ta’ reviżjoni bejn il-pari għandu jikkonsulta lill-Bord Maniġerjali sabiex iżomm konsistenza ma’ rapporti oħra ta' reviżjoni bejn il-pari u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi. Il-Bord Maniġerjali għandu jivvaluta b’mod partikolari jekk il-metodoloġija ġietx applikata bl-istess mod. Ir-rapport għandu jispjega u jindika l-miżuri ta’ segwitu li huma meqjusa xierqa, proporzjonati u meħtieġa bħala riżultat tar-reviżjoni bejn il-pari. Dawk il-miżuri ta’ segwitu jistgħu jiġu adottati fil-forma ta’ linji gwida u rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 16 u opinjonijiet skont il-punt (a) tal-Artikolu 29(1).

F’konformità mal-Artikolu 16(3), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw ma’ kwalunkwe linja gwida u rakkomandazzjoni maħruġa.

Meta tkun qed tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji jew abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikoli 10 sa 15, jew linji gwida jew rakkomandazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 16, l-Awtorità għandha tqis l-eżitu tar-reviżjoni bejn il-pari, flimkien ma' kwalunkwe informazzjoni oħra miksuba mill-Awtorità fit-twettiq tal-kompiti tagħha, sabiex tiġi żgurata l-konverġenza tal-prattiki superviżorji tal-ogħla kwalità.

5. L-Awtorità għandha tissottometti opinjoni lill-Kummissjoni fejn, wara li tkun qieset l-eżitu tar-reviżjoni bejn il-pari jew kwalunkwe informazzjoni oħra miksuba mill-Awtorità fit-twettiq tal-kompiti tagħha, hija tqis li tkun meħtieġa l-armonizzazzjoni ulterjuri tar-regoli applikabbli tal-Unjoni għall-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jew għall-awtoritajiet kompetenti mill-perspettiva tal-Unjoni.

6. L-Awtorità għandha tagħmel rapport ta' segwitu wara sentejn mill-pubblikazzjoni tar-rapport tar-reviżjoni bejn il-pari. Ir-rapport ta' segwitu għandu jitħejja mill-kumitat ta' reviżjoni bejn il-pari u jiġi adottat mill-Bord tas-Superviżuri f'konformità mal-Artikolu 44(4). Meta jabbozza dak ir-rapport, il-kumitat ta' reviżjoni bejn il-pari għandu jikkonsulta lill-Bord Maniġerjali sabiex iżomm il-konsistenza ma' rapporti oħra ta' segwitu. Ir-rapport ta' segwitu għandu jinkludi valutazzjoni ta', iżda ma jkunx limitat għal, l-adegwatezza u l-effettività tal-azzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti li huma soġġetti għar-reviżjoni bejn il-pari b'risposta għall-miżuri ta' segwitu tar-rapport ta' reviżjoni bejn il-pari.

7. Il-kumitat ta' reviżjoni bejn il-pari, wara li jikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti soġġetti għar-reviżjoni bejn il-pari, għandu jidentifika l-konstatazzjonijiet ewlenin motivati tar-reviżjoni bejn il-pari. L-Awtorità għandha tippubblika l-konstatazzjonijiet ewlenin motivati tar-reviżjoni bejn il-pari u tar-rapport ta' segwitu msemmi fil-paragrafu 6. Fejn il-konstatazzjonijiet ewlenin motivati tal-Awtorità jkunu differenti minn dawk identifikati mill-kumitat ta' reviżjoni bejn il-pari, l-Awtorità għandha tittrażmetti, fuq bażi kunfidenzjali, il-konstatazzjonijiet tal-kumitat ta' reviżjoni bejn il-pari lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. Fejn awtorità kompetenti li tkun soġġetta għar-reviżjoni tkun imħassba li l-pubblikazzjoni tal-konstatazzjonijiet ewlenin motivati tal-Awtorità jistgħu jwasslu għal riskju għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, hija għandu jkollha l-possibbiltà li tirreferi l-kwistjoni lill-Bord tas-Superviżuri. Il-Bord tas-Superviżuri jista' jiddeċiedi li ma jippubblikax dawk l-estratti.

8. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-Bord Maniġerjali għandu jagħmel proposta għal pjan ta' ħidma għar-reviżjonijiet bejn il-pari għas-sentejn li ġejjin, li għandu jirrifletti, fost oħrajn, it-tagħlimiet meħuda mill-proċessi passati ta' reviżjoni bejn il-pari u d-diskussjonijiet tal-grupp ta' koordinazzjoni msemmi fl-Artikolu 45b. Il-pjan ta' ħidma għar-reviżjoni bejn il-pari għandu jikkostitwixxi parti separata tal-programm ta' ħidma annwali u multiannwali. Għandu jsir pubbliku. F'każ ta' urġenza jew avvenimenti mhux previsti, l-Awtorità tista' tiddeċiedi li twettaq reviżjonijiet addizzjonali bejn il-pari.";

(25) l-Artikolu 31 huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Awtorità għandha taqdi rwol ġenerali ta' koordinament bejn l-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet fejn żviluppi avversi jistgħu potenzjalment jipperikolaw il-funzjonament tajjeb u l-integrità tas-swieq finanzjarji jew l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fl-Unjoni.";

(b) it-tieni paragrafu huwa emendat kif ġej:

(i) il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"2. L-Awtorità għandha tippromwovi rispons koordinat tal-Unjoni, fost l-oħrajn billi:";

(ii) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) tieħu l-miżuri xierqa f'każ ta' żviluppi li jistgħu jipperikolaw il-funzjonament tas-swieq finanzjarji bl-għan tal-koordinament tal-azzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti;";

(iii) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(ea) tieħu l-miżuri xierqa biex tikkoordina azzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat id-dħul fis-suq ta' atturi jew prodotti li jiddependu fuq l-innovazzjoni teknoloġika;";

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Biex tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' approċċ Ewropew komuni lejn l-innovazzjoni teknoloġika, l-Awtorità għandha tippromwovi l-konverġenza superviżorja, bl-appoġġ, fejn rilevanti, tal-Kumitat dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u l-innovazzjoni finanzjarja, biex b'hekk tiffaċilita d-dħul fis-suq ta' atturi jew prodotti li jiddependu fuq l-innovazzjoni teknoloġika, b'mod partikolari permezz tal-iskambju tal-informazzjoni u l-aħjar prattiki. Fejn xieraq, l-Awtorità tista' tadotta linji gwida jew rakkomandazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 16.";

(26) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 31a*

*Skambju ta' informazzjoni dwar l-idoneità u l-adegwatezza*

L-Awtorità għandha, flimkien mal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u mal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tal-*idoneità* u l-adegwatezza ta' detenturi ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti, diretturi u detenturi ta' funzjonijiet ewlenin ta' parteċipanti fis-swieq finanzjarji minn awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2).

*Artikolu 31b*

*Il-funzjoni ta' koordinazzjoni fir-rigward ta' ordnijiet, tranżazzjonijiet u attivitajiet b'effetti transfruntieri sinifikanti*

Fejn awtorità kompetenti jkollha evidenza jew indikazzjonijiet ċari minn diversi sorsi differenti sabiex tissuspetta li ordnijiet, tranżazzjonijiet jew kwalunkwe attività oħra b'effetti transfruntieri sinifikanti jheddu l-funzjonament tajjeb u l-integrità tas-swieq finanzjarji jew l-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni, hija għandha tinnotifika minnufih lill-Awtorità u tipprovdi l-informazzjoni rilevanti. L-Awtorità tista' toħroġ opinjoni dwar is-segwitu xieraq lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fejn seħħet l-attività suspettata.";

(27) l-Artikolu 32 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Valutazzjoni ta' żviluppi tas-suq, inklużi t-testijiet tal-istress";

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Awtorità għandha timmonitorja u tivvaluta l-iżviluppi fis-suq fil-qasam tal-kompetenza tagħha u, fejn ikun meħtieġ, tinforma lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), lill-BERS u lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar ix-xejriet mikroprudenzjali rilevanti, ir-riskji potenzjali u l-vulnerabbiltajiet. L-Awtorità għandha tinkludi fil-valutazzjonijiet tagħha analiżi tas-swieq li fihom joperaw il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji u valutazzjoni tal-impatt ta' żviluppi potenzjali tas-suq fuq tali parteċipanti fis-swieq finanzjarji.";

(c) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"2. L-Awtorità għandha tagħti bidu għal, u tikkoordina, valutazzjonijiet madwar l-Unjoni kollha tar-reżiljenza tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji għal żviluppi negattivi tas-suq. Għal dak l-għan, hija għandha tiżviluppa:";

(ii) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) metodoloġiji komuni biex jiġi vvalutat l-effett ta' xenarji ekonomiċi fuq il-pożizzjoni finanzjarja ta' parteċipant fis-swieq finanzjarji, filwaqt li jitqiesu, fost oħrajn, riskji li jirriżultaw minn żviluppi ambjentali avversi;";

(iii) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(aa) metodoloġiji komuni għall-identifikazzjoni tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji li għandhom jiġu inklużi fil-valutazzjonijiet mal-Unjoni kollha;";

(iv) jiżdied il-punt li ġej:

"(d) metodoloġiji komuni għall-valutazzjoni tal-effett tar-riskji ambjentali fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji.";

(v) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-Awtorità għandha tikkoopera mal-BERS.";

(d) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Mingħajr preġudizzju għall-kompiti tal-BERS stipulati fir-Regolament (UE) Nru 1092/2010, l-Awtorità għandha, darba fis-sena, u aktar ta' spiss fejn ikun meħtieġ, tipprovdi valutazzjonijiet lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-BERS dwar ix-xejriet, ir-riskji potenzjali u l-vulnerabbiltajiet fil-qasam tal-kompetenza tagħha, flimkien mal-indikaturi msemmija fl-Artikolu 22(2) ta' dan ir-Regolament.";

(28) l-Artikolu 33 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 33*

*Relazzjonijiet internazzjonali inkluża l-ekwivalenza*

1. Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi rispettivi tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-Awtorità tista' tiżviluppa kuntatti u tidħol f'arranġamenti amministrattivi ma' awtoritajiet regolatorji u superviżorji, organizzazzjonijiet internazzjonali u l-amministrazzjonijiet ta' pajjiżi terzi. Dawk l-arranġamenti m'għandhomx joħolqu obbligi legali fir-rigward tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha u lanqas m'għandhom jipprevjenu lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom milli jikkonkludu arranġamenti bilaterali jew multilaterali ma' dawk il-pajjiżi terzi.

Fejn pajjiż terz, skont att delegat, li jkun fis-seħħ, adottat mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2015/849, ikun fuq il-lista ta' ġurisdizzjonijiet li għandhom nuqqasijiet strateġiċi fir-reġimi tagħhom kontra l-ħasil tal-flus u għall-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu li joħolqu theddid sinifikanti għas-sistema finanzjarja tal-Unjoni, l-Awtorità ma għandhiex tikkonkludi arranġamenti amministrattivi mal-awtoritajiet regolatorji u superviżorji ta' dak il-pajjiż terz. Dan m'għandux jipprekludi forom oħra ta' kooperazzjoni bejn l-Awtorità u l-awtoritajiet rispettivi tal-pajjiż terz bil-ħsieb li jitnaqqas it-theddid għas-sistema finanzjarja tal-Unjoni.

2. L-Awtorità għandha tgħin lill-Kummissjoni fit-tħejjija ta' deċiżjonijiet ta' ekwivalenza li jirrigwardaw reġimi superviżorji u regolatorji f'pajjiżi terzi wara talba speċifika għal pariri mill-Kummissjoni jew meta tkun meħtieġa tagħmel dan mill-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2).

3. L-Awtorità għandha timmonitorja, b'enfasi partikolari fuq l-implikazzjonijiet tagħhom għall-istabbiltà finanzjarja, l-integrità tas-suq, il-protezzjoni tal-investituri u l-funzjonament tas-suq intern, żviluppi rilevanti regolatorji u superviżorji u prattiki ta' infurzar u żviluppi tas-suq f'pajjiżi terzi, sa fejn ikunu rilevanti għal valutazzjonijiet tal-ekwivalenza abbażi tar-riskju, li għalihom ġew adottati deċiżjonijiet ta' ekwivalenza mill-Kummissjoni f'konformità mal-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2).

Barra minn hekk, hija għandha tivverifika jekk il-kriterji, li abbażi tagħhom ittieħdu dawk id-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza u kwalunkwe kondizzjoni stabbilita fihom, għadhomx issodisfati.

L-Awtorità tista’ tikkomunika mal-awtoritajiet rilevanti f’pajjiżi terzi. L-Awtorità għandha tissottometti rapport kunfidenzjali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) li jiġbor fil-qosor il-konstatazzjonijiet mill- monitoraġġ tal-pajjiżi terzi ekwivalenti kollha. Ir-rapport għandu jiffoka b'mod partikolari fuq l-implikazzjonijiet għall-istabbiltà finanzjarja, l-integrità tas-suq, il-protezzjoni tal-investituri jew il-funzjonament tas-suq intern.

Fejn l-Awtorità tidentifika żviluppi rilevanti fir-rigward tar-regolamentazzjoni u tas-superviżjoni jew tal-prattiki ta’ infurzar fil-pajjiżi terzi msemmija f’dan il-paragrafu li jistgħu jaffettwaw l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta’ Stat Membru tagħha jew aktar, l-integrità tas-suq jew il-protezzjoni ta' investituri jew il-funzjonament tas-suq intern, hija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni fuq bażi kunfidenzjali u mingħajr dewmien bla bżonn.

4. Mingħajr preġudizzju għal rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fl-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) u soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fit-tieni sentenza tal-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu, l-Awtorità għandha tikkoopera, fejn possibbli, mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti, ta’ pajjiżi terzi li r-reġimi regolatorji u superviżorji tagħhom kienu rikonoxxuti bħala ekwivalenti. Fil-prinċipju, dik il-kooperazzjoni għandha sseħħ abbażi ta’ arranġamenti amministrattivi konklużi mal-awtoritajiet rilevanti ta’ dawk il-pajjiżi terzi. Meta tinnegozja tali arranġamenti amministrattivi, l-Awtorità għandha tinkludi dispożizzjonijiet dwar dawn li ġejjin:

(a) il-mekkaniżmi li jippermettu lill-Awtorità tikseb informazzjoni rilevanti, inkluża informazzjoni dwar ir-reġim regolatorju, l-approċċ superviżorju, l-iżviluppi tas-suq rilevanti u kwalunkwe bidla li tista’ taffettwa d-deċiżjoni ta' ekwivalenza;

(b) sa fejn ikun neċessarju għas-segwitu ta’ tali deċiżjonijiet ta' ekwivalenza, il-proċeduri li jikkonċernaw il-koordinazzjoni ta’ attivitajiet superviżorji, inklużi, fejn meħtieġa, spezzjonijiet fuq il-post.

L-Awtorità għandha tinforma lill-Kummissjoni fejn awtorità kompetenti ta’ pajjiż terz tirrifjuta li tikkonkludi tali arranġamenti amministrattivi jew meta tirrifjuta li tikkoopera b’mod effettiv.

5. L-Awtorità tista’ tiżviluppa arranġamenti amministrattivi li jservu bħala mudell, bil-għan li tistabbilixxi prattiki superviżorji konsistenti, effiċjenti u effettivi fl-Unjoni u li ssaħħaħ il-koordinazzjoni superviżorja internazzjonali. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu kull sforz biex isegwu tali mudelli ta' arranġamenti.

Fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 43(5), l-Awtorità għandha tinkludi informazzjoni dwar l-arranġamenti amministrattivi maqbula ma’ awtoritajiet superviżorji, organizzazzjonijiet internazzjonali jew amministrazzjonijiet f’pajjiżi terzi, l-assistenza pprovduta mill-Awtorità lill-Kummissjoni fit-tħejjija ta’ deċiżjonijiet ta' ekwivalenza u fil-monitoraġġ mill-Awtorità f’konformità mal-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu.

6. L-Awtorità, fil-limiti tas-setgħat tagħha f’konformità ma’ dan ir-Regolament u l-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2), għandha tikkontribwixxi għar-rappreżentanza unita, komuni, konsistenti u effettiva tal-interessi tal-Unjoni fil-fora internazzjonali.”;

(29) l-Artikolu 34 jitħassar;

(30) l-Artikolu 36 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 jitħassar;

(b) il-paragrafi 4 u 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"4. Malli tasal twissija jew rakkomandazzjoni mill-BERS indirizzata lill-Awtorità, l-Awtorità għandha tiddiskuti dik it-twissija jew rakkomandazzjoni fil-laqgħa segwenti tal-Bord tas-Superviżuri jew, fejn xieraq, qabel, sabiex tivvaluta l-implikazzjonijiet ta', u segwitu possibbli għal, tali twissija jew rakkomandazzjoni għat-twettiq tal-kompiti tagħha.

Hija għandha tiddeċiedi, permezz tal-proċedura rilevanti għat-teħid ta' deċiżjonijiet, dwar kwalunkwe azzjoni li jkollha tittieħed skont is-setgħat mogħtija lilha b'dan ir-Regolament, biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet identifikati fit-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet.

Jekk l-Awtorità ma taġixxix fuq twissija jew rakkomandazzjoni, hija għandha tispjega lill-BERS ir-raġunijiet tagħha għaliex ma għamlitx dan. Il-BERS għandu jinforma lill-Parlament Ewropew b'dan f'konformità mal-Artikolu 19(5) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010. Il-BERS għandu wkoll jinforma lill-Kunsill b'dan.

5. Malli tasal twissija jew rakkomandazzjoni mill-BERS indirizzata lil awtorità kompetenti, l-Awtorità għandha, fejn ikun rilevanti, tuża s-setgħat ikkonferiti lilha b'dan ir-Regolament sabiex tiżgura segwitu f'waqtu.

Fejn id-destinatarju ma jkunx biħsiebu jsegwi r-rakkomandazzjoni tal-BERS, hu għandu jinforma u jiddiskuti mal-Bord tas-Superviżuri r-raġunijiet tiegħu għan-nuqqas ta' azzjoni.

Fejn l-awtorità kompetenti, f'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, tgħarraf lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-BERS bl-azzjonijiet li tkun ħadet bi tweġiba għal rakkommandazzjoni tal-BERS, hija għandha tqis kif dovut il-fehmiet tal-Bord tas-Superviżuri.";

(c) il-paragrafu 6 jitħassar;

(31) l-Artikolu 37 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. Il-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq għandu jkun magħmul minn 30 membru. Dawk il-membri għandhom ikunu magħmula minn:

(a) 13-il membru li jirrappreżentaw, b'mod proporzjonat, lill-parteċipanti fis-swieq finanzjarji li joperaw fl-Unjoni;

(b) 13-il membru li jirrappreżentaw lir-rappreżentati tal-impjegati tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji li joperaw fl-Unjoni, lill-konsumaturi, lill-utenti tas-servizzi finanzjarji u lir-rappreżentanti tal-SMEs; u

(c) erba' membri li huma akkademiċi indipendenti fl-ogħla karigi.

3. Il-membri tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq għandhom jinħatru mill-Bord tas-Superviżuri, wara proċedura tal-għażla miftuħa u trasparenti. Fit-teħid tad-deċiżjoni tiegħu, il-Bord tas-Superviżuri għandu, sa fejn ikun possibbli, jiżgura li jirrifletti adegwatament id-diversità tas-settur tat-titoli u s-swieq, bilanċ u rappreżentanza ġeografika u tas-sessi tal-partijiet interessati madwar l-Unjoni kollha. Il-membri tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq għandhom jintgħażlu skont il-kwalifiki, il-ħiliet, l-għarfien rilevanti u l-għarfien espert ipprovat tagħhom.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. Il-membri tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq għandhom jeleġġu President minn fost il-membri tiegħu. Il-kariga ta' President għandha tinżamm għal perjodu ta' sentejn.

Il-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-President tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq biex jagħmel dikjarazzjoni quddiemu u jwieġeb kwalunkwe mistoqsija li ssirlu mill-membri tiegħu kull meta jintalab jagħmel dan.";

(c) fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Awtorità għandha tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa soġġett għas-segretezza professjonali, kif stipulat fl-Artikolu 70 ta' dan ir-Regolament, u tiżgura appoġġ segretarjali adegwat għall-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq. Għandu jiġi pprovdut kumpens adegwat lill-membri tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq li jirrappreżentaw organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, bl-esklużjoni ta' rappreżentanti tal-industrija. Dan il-kumpens għandu jqis il-ħidma preparatorja u ta' segwitu tal-membri u għandu mill-inqas ikun ekwivalenti għar-rati ta' rimborż ta' uffiċjali skont it-Titolu V, Kapitolu 1, Taqsima 2 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kundizzjonijiet ta' Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea, stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68* (ir-Regolamenti tal-Persunal). Il-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma dwar kwistjonijiet tekniċi. Il-membri tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq għandhom iservu għal perjodu ta' erba' snin, u wara dan issir proċedura ġdida tal-għażla.

---

* ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.";

(d) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq jista' jippreżenta pariri lill-Awtorità dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-kompiti tal-Awtorità b'attenzjoni partikolari għall-kompiti stabbiliti fl-Artikoli 10 sa 16, 29, 30 u 32.

Fejn il-membri tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq ma jkunux jistgħu jaqblu dwar il-pariri, terz tal-membri tiegħu jew il-membri li jirrappreżentaw grupp wieħed ta' partijiet interessati għandhom jitħallew joħorġu parir separat.

Il-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq, il-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati, il-Grupp ta' Partijiet Interessati fl-Oqsma tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni u l-Grupp ta' Partijiet Interessati tal-Qasam tal-Pensjonijiet tax-Xogħol jistgħu joħorġu parir konġunt dwar kwistjonijiet relatati mal-ħidma tal-ASE taħt l-Artikolu 56 dwar il-pożizzjonijiet konġunti u l-atti komuni.";

(e) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. L-Awtorità għandha tippubblika l-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq, il-pariri separati tal-membri tagħha, u r-riżultati tal-konsultazzjonijiet tagħha kif ukoll informazzjoni dwar kif tqiesu l-pariri u r-riżultati tal-konsultazzjonijiet.";

(32) l-Artikolu 39 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 39*

*Proċeduri għat-teħid ta' deċiżjonijiet*

1. L-Awtorità għandha taġixxi f'konformità mal-paragrafi 2 sa 6 ta' dan l-Artikolu meta tadotta d-deċiżjonijiet skont l-Artikoli 17, 18 u 19.

2. L-Awtorità għandha tinforma lil kwalunkwe destinatarju ta' deċiżjoni bl-intenzjoni tagħha li tadotta d-deċiżjoni, fil-lingwa uffiċjali tad-destinatarju, filwaqt li tistabbilixxi limitu ta' żmien li matulu d-destinatarju jista' jesprimi l-opinjonijiet tiegħu dwar is-suġġett tad-deċiżjoni, b'kunsiderazzjoni sħiħa tal-urġenza, tal-kumplessità u tal-konsegwenzi potenzjali tal-kwistjoni. Id-destinatarju jista' jesprimi l-fehmiet tiegħu fil-lingwa uffiċjali tiegħu. Id-dispożizzjoni stipulata fl-ewwel sentenza għandha tapplika mutatis mutandis għar-rakkomandazzjonijiet kif imsemmija fl-Artikolu 17(3).

3. Id-deċiżjonijiet tal-Awtorità għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet li fuqhom ikunu bbażati.

4. Id-destinatarji tad-deċiżjonijiet tal-Awtorità għandhom jiġu informati bir-rimedji legali disponibbli taħt dan ir-Regolament.

5. Fejn l-Awtorità tkun ħadet deċiżjoni skont l-Artikolu 18(3) jew (4), hija għandha tirrevedi dik id-deċiżjoni f'intervalli xierqa.

6. Id-deċiżjonijiet li tieħu l-Awtorità skont l-Artikolu 17, 18 jew 19 għandhom isiru pubbliċi. Il-pubblikazzjoni għandha tiddivulga l-identità tal-awtorità kompetenti jew tal-parteċipant fis-swieq finanzjarji kkonċernati u l-kontenut prinċipali tad-deċiżjoni, sakemm tali pubblikazzjoni ma tkunx f'kunflitt mal-interess leġittimu tal-parteċipanti f'dawk is-swieq finanzjarji jew mal-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom jew tkun tista' tipperikola serjament il-funzjonament tajjeb u l-integrità tas-swieq finanzjarji jew l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja kollha tal-Unjoni jew parti minnha.";

(33) l-Artikolu 40 huwa emendat kif ġej

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-President;";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"7. Fejn l-awtorità pubblika nazzjonali msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 ma tkunx responsabbli għall-infurzar tar-regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi, il-membru tal-Bord tas-Superviżuri msemmi f'dak il-punt jista' jiddeċiedi li jistieden rappreżentant mill-awtorità tal-Istat Membru għall-protezzjoni tal-konsumaturi, li ma għandux ikollu vot. F'każ fejn ir-responsabbiltà għall-protezzjoni tal-konsumaturi tkun kondiviża minn diversi awtoritajiet fi Stat Membru, dawk l-awtoritajiet għandhom jaqblu dwar rappreżentant komuni.";

(34) l-Artikoli 41 u 42 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 41*

*Kumitati interni*

1. Il-Bord tas-Superviżuri, fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba mill-President, jista' jistabbilixxi kumitati interni għall-kompiti speċifiċi attribwiti lilu. Fuq talba mill-Bord Maniġerjali jew mill-President, il-Bord tas-Superviżuri jista' jistabbilixxi kumitati interni għal kompiti speċifiċi attribwiti lill-Bord Maniġerjali. Il-Bord tas-Superviżuri jista' jipprovdi għad-delega ta' ċerti kompiti u deċiżjonijiet definiti b'mod ċar lil kumitati interni, lill-Bord Maniġerjali jew lill-President.

2. Għall-finijiet tal-Artikolu 17, il-President għandu jipproponi deċiżjoni biex jitlaqqa' panel indipendenti, li għandha tiġi adottata mill-Bord tas-Superviżuri. Il-panel indipendenti għandu jikkonsisti mill-President u sitt membri oħra, li għandhom jiġu proposti mill-President wara konsultazzjoni mal-Bord Maniġerjali u wara sejħa miftuħa għall-parteċipazzjoni. Is-sitt membri l-oħra ma għandhomx ikunu rappreżentanti tal-awtorità kompetenti li allegatament tkun kisret il-liġi tal-Unjoni u m'għandux ikollhom la xi interess fil-kwistjoni u lanqas rabtiet diretti mal-awtorità kompetenti kkonċernata.

   Kull membru tal-panel għandu jkollu vot wieħed.

   Id-deċiżjonijiet tal-panel għandhom jittieħdu meta tal-anqas erba' membri jivvutaw favur.

3. Għall-finijiet tal-Artikolu 19, il-President għandu jipproponi deċiżjoni biex jitlaqqa' panel indipendenti, li għandha tiġi adottata mill-Bord tas-Superviżuri. Il-panel indipendenti għandu jikkonsisti mill-President u sitt membri oħra, li għandhom jiġu proposti mill-President wara konsultazzjoni mal-Bord Maniġerjali u wara sejħa miftuħa għall-parteċipazzjoni. Is-sitt membri l-oħra m'għandhomx ikunu rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti li jkunu l-partijiet fin-nuqqas ta' qbil u m'għandux ikollhom la xi interess fil-kunflitt u lanqas rabtiet diretti mal-awtoritajiet kompetenti kkonċernati.

Kull membru tal-panel għandu jkollu vot wieħed.

Id-deċiżjonijiet tal-panel għandhom jittieħdu meta tal-anqas erba' membri jivvutaw favur.

4. Għall-finijiet tat-twettiq tal-inkjesta prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 22(4), il-President jista' jipproponi deċiżjoni li tinbeda l-inkjesta u deċiżjoni li jlaqqa' panel indipendenti, li għandha tiġi adottata mill-Bord tas-Superviżuri. Il-panel indipendenti għandu jikkonsisti mill-President u sitt membri oħra, li għandhom jiġu proposti mill-President wara konsultazzjoni mal-Bord Maniġerjali u wara sejħa miftuħa għall-parteċipazzjoni.

Kull membru tal-panel għandu jkollu vot wieħed.

Id-deċiżjonijiet tal-panel għandhom jittieħdu meta tal-anqas erba' membri jivvutaw favur.

5. Il-panels imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta’ dan l-Artikolu jew il-President għandhom jipproponu deċiżjonijiet taħt l-Artikolu 17, jew l-Artikolu 19, għall-adozzjoni finali mill-Bord tas-Superviżuri. Panel imsemmi fil-paragrafu 4 ta’ dan l-Artikolu għandu jippreżenta l-eżitu tal-inkjesta mwettqa f’konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 22(4) lill-Bord tas-Superviżuri.

6. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jadotta regoli ta' proċedura għall-panels imsemmija f'dan l-Artikolu.

*Artikolu 42*

*Indipendenza tal-Bord tas-Superviżuri*

1. Fit-twettiq tal-kompiti mogħtija lilhom b'dan ir-Regolament, il-membri tal-Bord tas-Superviżuri għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u oġġettiv fl-interess uniku tal-Unjoni kollha kemm hi u ma għandhom la jfittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet minn istituzzjonijiet jew korpi tal-Unjoni, minn kwalunkwe gvern jew minn kwalunkwe korp pubbliku jew privat ieħor.

2. L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet jew il-korpi tal-Unjoni u kwalunkwe korp pubbliku jew privat ieħor m’għandhomx ifittxu li jinfluwenzaw lill-membri tal-Bord tas-Superviżuri fil-qadi ta’ dmirijiethom.

3. Il-Membri tal-Bord tas-Superviżuri, il-President kif ukoll ir-rappreżentanti mingħajr vot u l-osservaturi li jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Bord tas-Superviżuri għandhom, qabel tali laqgħat, jiddikjaraw b'mod preċiż u komplet in-nuqqas jew l-eżistenza ta' kwalunkwe interess li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tagħhom fir-rigward ta' kwalunkwe punt fuq l-aġenda, u għandhom jastjenu milli jipparteċipaw fid-diskussjoni u fil-votazzjoni ta' tali punti.

4. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jistabbilixxi, fir-regoli ta' proċedura tiegħu, l-arranġamenti prattiċi għar-regola dwar id-dikjarazzjoni ta' interess imsemmija fil-paragrafu 3 u għall-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kunflitt ta' interess.";

(35) l-Artikolu 43 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jagħti gwida għall-ħidma tal-Awtorità u għandu jkun inkarigat mit-teħid tad-deċiżjonijiet imsemmija fil-Kapitlu II. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jadotta l-opinjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet, il-linji gwida u d-deċiżjonijiet tal-Awtorità, u joħroġ il-pariri msemmija fil-Kapitolu II abbażi ta' proposta mill-kumitat intern jew panel rilevanti, mill-President, jew mill-Bord Maniġerjali, kif applikabbli.";

(b) il-paragrafi 2 u 3 jitħassru;

(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jadotta, fuq il-bażi ta' proposta mill-Bord Maniġerjali, ir-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Awtorità, inkluż dwar il-qadi tal-kompiti tal-President, u għandu jgħaddi dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew sal-15 ta' Ġunju ta' kull sena. Ir-rapport għandu jsir pubbliku.";

(d) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jeżerċita awtorità dixxiplinarja fuq il-President u d-Direttur Eżekuttiv. Jista' jneħħi lid-Direttur Eżekuttiv mill-kariga skont l-Artikolu 51(5).";

(36) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 43a*

*Trasparenza tad-deċiżjonijiet adottati mill-Bord tas-Superviżuri*

Minkejja l-Artikolu 70, fi żmien sitt ġimgħat minn kull laqgħa tal-Bord tas-Superviżuri, l-Awtorità għandha, tal-anqas, tipprovdi lill-Parlament Ewropew b'rekord komprensiv u sinifikanti tal-proċedimenti ta' dik il-laqgħa li jippermetti fehim sħiħ tad-diskussjonijiet, inkluża lista *annotata* tad-deċiżjonijiet. Tali rekord ma għandux jirrifletti diskussjonijiet fi ħdan il-Bord tas-Superviżuri relatati ma' parteċipanti individwali fis-swieq finanzjarji, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-Artikolu 75(3) jew fl-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2).";

(37) l-Artikolu 44 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Id-Deċiżjonijiet tal-Bord tas-Superviżuri għandhom jittieħdu b'maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu. Kull membru votanti għandu jkollu vot wieħed.

Fir-rigward tal-atti speċifikati fl-Artikoli 10 sa 16 ta' dan ir-Regolament u l-miżuri u d-deċiżjonijiet adottati taħt it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 9(5) ta' dan ir-Regolament u l-Kapitolu VI ta' dan ir-Regolament u, b'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Bord tas-Superviżuri għandu jieħu deċiżjonijiet abbażi ta' maġġoranza kkwalifikata tal-membri tiegħu, kif definit fl-Artikolu 16(4) tat-TUE u fl-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 36 dwar id-dispożizzjonijiet tranżitorji.

Il-President ma għandux jivvota dwar id-deċiżjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu.

Fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-panels skont l-Artikolu 41(2), (3) u (4), u l-membri tal-kumitat ta' reviżjoni bejn il-pari msemmija fl-Artikolu 30(2), il-Bord tas-Superviżuri, meta jkunu qed jikkunsidraw il-proposti mill-President, għandhom jirsistu għal konsensus. Fin-nuqqas ta' konsensus, id-deċiżjonijiet tal-Bord tas-Superviżuri għandhom jittieħdu minn maġġoranza ta' tliet kwarti tal-membri votanti tiegħu. Kull membru votanti għandu jkollu vot wieħed.

Fir-rigward ta' deċiżjonijiet adottati taħt l-Artikolu 18(3) u (4), u b'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Bord tas-Superviżuri għandu jieħu deċiżjonijiet abbażi ta' maġġoranza sempliċi tal-membri votanti tiegħu.";

b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Fir-rigward tad-deċiżjonijiet taħt l-Artikoli 17, 19 u 30, il-Bord tas-Superviżuri għandu jivvota dwar id-deċiżjonijiet proposti bl-użu ta' proċedura bil-miktub. Il-membri votanti tal-Bord tas-Superviżuri għandu jkollhom tmint ijiem ta' xogħol biex jivvotaw. Kull membru votanti għandu jkollu vot wieħed. Id-deċiżjoni proposta għandha titqies adottata sakemm ma jkunx hemm maġġoranza sempliċi tal-membri votanti tal-Bord tas-Superviżuri li joġġezzjonaw. L-astensjonijiet ma għandhomx jingħaddu bħala approvazzjonijiet jew bħala oġġezzjonijiet, u ma għandhomx jitqiesu meta jiġi kkalkulat l-għadd ta' voti mitfugħa. Jekk tliet membri votanti tal-Bord tas-Superviżuri joġġezzjonaw għall-proċedura bil-miktub, l-abbozz ta' deċiżjoni għandu jiġi diskuss u deċiż mill-Bord tas-Superviżuri skont il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Il-membri mingħajr dritt tal-vot u l-osservaturi, bl-eċċezzjoni tad-Direttur Eżekuttiv, ma għandhom jattendu għal ebda diskussjoni fi ħdan il-Bord tas-Superviżuri dwar parteċipanti individwali fis-swieq finanzjarji, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-Artikolu 75(3) jew fl-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2).";

c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. Il-President tal-Awtorità għandu jkollu l-prerogattiva li jsejjaħ votazzjoni fi kwalunkwe ħin. Mingħajr preġudizzju għal dik is-setgħa u għall-effettività tal-proċeduri għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Awtorità, il-Bord tas-Superviżuri tal-Awtorità għandu jirsisti għal konsensus fit-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu.";

(38) l-Artikolu 45 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 45*
*Kompożizzjoni*

1. Il-Bord Maniġerjali għandu jkun magħmul mill-President u sitt membri tal-Bord tas-Superviżuri, eletti mill-membri votanti tal-Bord tas-Superviżuri u minn fosthom stess.

   Minbarra l-President, kull membru tal-Bord Maniġerjali għandu jkollu membru supplenti, li jista' jissostitwixxih jekk ma jkunx jista' jattendi.

2. Il-mandat tal-membri eletti mill-Bord tas-Superviżuri għandu jkun ta' sentejn u nofs. Dak il-mandat jista' jiġi estiż darba. Il-kompożizzjoni tal-Bord Maniġerjali għandha tkun ibbilanċjata bejn is-sessi u proporzjonata u għandha tirrifletti l-Unjoni kollha. Il-mandati għandhom ikunu jikkoinċidu u għandu japplika arranġament xieraq ta' rotazzjoni.

3. Il-laqgħat tal-Bord Maniġerjali għandhom jissejħu mill-President fuq inizjattiva tiegħu jew tagħha stess jew fuq talba ta' mill-inqas terz tal-membri tiegħu, u għandhom jitmexxew mill-President. Il-Bord Maniġerjali għandu jiltaqa' qabel kull laqgħa tal-Bord tas-Superviżuri u kull meta l-Bord Maniġerjali jqis li hu meħtieġ. Għandu jiltaqa' mill-inqas ħames darbiet fis-sena.

4. Il-membri tal-Bord Maniġerjali jistgħu, mingħajr preġudizzju għar-regoli proċedurali, ikunu assistiti minn konsulenti jew minn esperti. Il-membri mingħajr vot, bl-eċċezzjoni tad-Direttur Eżekuttiv, ma għandhom jattendu għall-ebda diskussjoni fi ħdan il-Bord Maniġerjali relattivament għal parteċipanti individwali fis-swieq finanzjarji.";

(39) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 45a*
*Teħid ta' deċiżjonijiet*

1. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-Bord Maniġerjali għandhom jiġu adottati minn maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu filwaqt li jirsistu biex jintlaħaq konsensus. Kull membru għandu jkollu vot wieħed. Il-President għandu jkun membru bi dritt tal-vot.

2. Id-Direttur Eżekuttiv u rappreżentant tal-Kummissjoni għandhom jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Bord Maniġerjali mingħajr id-dritt li jivvotaw. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jkollu d-dritt li jivvota dwar materji msemmija fl-Artikolu 63.

3. Il-Bord Maniġerjali għandu jadotta u jippubblika r-regoli proċedurali tiegħu.

*Artikolu 45b*

*Gruppi ta' Koordinazzjoni*

1. Il-Bord Maniġerjali jista' jistabbilixxi gruppi ta' koordinazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba ta' awtorità kompetenti dwar suġġetti definiti li għalihom jista' jkun hemm bżonn ta' koordinazzjoni fir-rigward ta' żviluppi speċifiċi tas-suq. Il-Bord Maniġerjali għandu jistabbilixxi gruppi ta' koordinazzjoni dwar suġġetti definiti fuq talba ta' ħames membri tal-Bord tas-Superviżuri.

2. L-awtoritajiet kompetenti kollha għandhom jipparteċipaw fil-gruppi ta' koordinazzjoni u għandhom jipprovdu, skont l-Artikolu 35, lill-gruppi ta' koordinazzjoni, l-informazzjoni meħtieġa sabiex il-gruppi ta' koordinazzjoni jkunu jistgħu jwettqu l-kompiti ta' koordinazzjoni tagħhom skont il-mandat tagħhom. Il-ħidma tal-gruppi ta' koordinazzjoni għandha tkun ibbażata fuq informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti u fuq kwalunkwe konstatazzjoni identifikata mill-Awtorità.

3. Il-gruppi għandhom ikunu preseduti minn membru tal-Bord Maniġerjali. Kull sena l-membru rispettiv tal-Bord Maniġerjali inkarigat mill-grupp ta' koordinazzjoni għandu jirrapporta lill-Bord tas-Superviżuri fuq l-elementi ewlenin tad-diskussjonijiet u l-konstatazzjonijiet u, fejn rilevanti, jagħmel suġġeriment għal segwitu regolatorju jew reviżjoni bejn il-pari fil-qasam rispettiv. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-Awtorità dwar kif qiesu l-ħidma tal-gruppi ta' koordinazzjoni fl-attivitajiet tagħhom.

4. Meta timmonitorja l-iżviluppi tas-suq li jistgħu jkunu l-fokus tal-gruppi ta' koordinazzjoni, l-Awtorità tista' titlob lill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 35 biex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa biex l-Awtorità tkun tista' twettaq ir-rwol tagħha ta' monitoraġġ.";

(40) l-Artikolu 46 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 46*
*Indipendenza tal-Bord Maniġerjali*

Il-membri tal-Bord Maniġerjali għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u oġġettiv fl-interess uniku tal-Unjoni kollha kemm hi u la għandhom ifittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet mill-istituzzjonijiet jew il-korpi tal-Unjoni, minn xi gvern jew minn kwalunkwe korp pubbliku jew privat ieħor.

L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet jew il-korpi tal-Unjoni u kwalunkwe korp ieħor pubbliku jew privat m'għandhomx ifittxu li jinfluwenzaw lill-membri tal-Bord Maniġerjali fit-twettiq tal-kompiti tagħhom.";

(41) l-Artikolu 47 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. Il-Bord Maniġerjali jista' jeżamina, jagħti opinjoni, u jagħmel proposti, dwar il-kwistjonijiet kollha li jridu jiġu deċiżi mill-Bord tas-Superviżuri wara diskussjoni fil-kumitat intern rilevanti, ħlief għar-reviżjonijiet bejn il-pari skont l-Artikolu 30.";

(b) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Il-Bord Maniġerjali għandu jipproponi rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Awtorità, inkluż dwar il-qadi tal-kompiti tal-President, lill-Bord tas-Superviżuri għall-approvazzjoni.";

(c) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Il-Bord Maniġerjali għandu jaħtar u jneħħi l-membri tal-Bord tal-Appell f'konformità mal-Artikolu 58(3) u (5), b'kont debitament meħud ta' proposta mill-Bord tas-Superviżuri.";

(d) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"9. Il-membri tal-Bord Maniġerjali għandhom jagħmlu pubbliċi l-laqgħat kollha li jsiru u kwalunkwe ospitalità riċevuta. L-ispejjeż għandhom jiġu rreġistrati pubblikament f'konformità mar-Regolamenti dwar il-Persunal.";

(42) l-Artikolu 48 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-President għandu jkun responsabbli għat-tħejjija tal-ħidma tal-Bord tas-Superviżuri, inkluż l-istabbiliment tal-aġenda li għandha tiġi adottata mill-Bord tas-Superviżuri, jorganizza l-laqgħat u jressaq punti għal deċiżjoni, u għandu jippresiedi l-laqgħat tal-Bord tas-Superviżuri.

Il-President għandu jkun responsabbli biex jistabbilixxi l-aġenda tal-Bord Maniġerjali, li għandha tiġi adottata mill-Bord Maniġerjali, u għandu jippresiedi l-laqgħat tal-Bord Maniġerjali.

Il-President jista' jistieden lill-Bord Maniġerjali biex jikkunsidra li jistabbilixxi grupp ta' koordinazzjoni skont l-Artikolu 45b.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-President għandu jintgħażel fuq il-bażi tal-mertu, tal-ħiliet, tal-għarfien tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji u tas-swieq finanzjarji, u tal-esperjenza rilevanti għas-superviżjoni u r-regolamentazzjoni finanzjarja, wara proċedura tal-għażla miftuħa li għandha tirrispetta l-prinċipju tal-bilanċ bejn is-sessi u li għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jfassal lista mqassra ta' kandidati kwalifikati għall-pożizzjoni ta' President, bl-assistenza tal-Kummissjoni. Abbażi tal-lista mqassra, il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni biex jaħtar lill-President, wara konferma mill-Parlament Ewropew.

Fejn il-President ma jibqax jissodisfa l-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 49 jew ikun instab ħati ta' mġiba ħażina serja, il-Kunsill jista', fuq proposta mill-Kummissjoni li tkun ġiet approvata mill-Parlament Ewropew, jadotta deċiżjoni sabiex ineħħih mill-kariga.

Il-Bord tas-Superviżuri għandu jeleġġi wkoll, minn fost il-membri tiegħu, Viċi-President li għandu jwettaq il-funzjonijiet tal-President fl-assenza tal-President. Dak il-Viċi-President m'għandux jiġi elett minn fost il-membri tal-Bord Maniġerjali.”;

(c) fil-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Għall-fini tal-evalwazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-kompiti tal-President għandhom jitwettqu mill-Viċi President.

Il-Kunsill, fuq proposta mill-Bord tas-Superviżuri u bl-assistenza tal-Kummissjoni u wara li jikkunsidra l-evalwazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, jista’ jestendi l-mandat tal-President darba.”;

(d) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“5. Il-President jista’ jitneħħa mill-kariga biss għal raġunijiet serji. Jista’ jitneħħa biss mill-Parlament Ewropew wara deċiżjoni tal-Kunsill, adottata wara li jikkonsulta lill-Bord tas-Superviżuri.”;

(43) l-Artikolu 49 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Indipendenza tal-President”;

(b) l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Mingħajr preġudizzju għar-rwol tal-Bord tas-Superviżuri fir-rigward tal-kompiti tal-President, il-President la għandu jfittex u lanqas ma għandu jieħu struzzjonijiet mill-istituzzjonijiet jew il-korpi tal-Unjoni, minn xi gvern jew mingħand xi entità pubblika jew privata oħra.";

(44) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 49 a*

*Spejjeż*

Il-President għandu jippubblika l-laqgħat kollha li jsiru mal-partijiet interessati esterni fi żmien ġimagħtejn wara l-laqgħa u kwalunkwe ospitalità riċevuta. L-ispejjeż għandhom jiġu rreġistrati pubblikament f'konformità mar-Regolamenti dwar il-Persunal.";

(45) l-Artikolu 50 jitħassar;

(46) l-Artikolu 54 huwa emendat kif ġej**:**

(a) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"2. Il-Kumitat Konġunt għandu jservi bħala forum li fih, l-Awtorità għandha tikkoopera regolarment u mill-qrib biex tiżgura konsistenza transsettorjali, filwaqt li tqis speċifiċitajiet settorjali, mal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), b'mod partikolari fir-rigward ta':";

(ii) l-ewwel inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"– konglomerati finanzjarji u, fejn meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni, konsolidazzjoni prudenzjali,";

(iii) il-ħames inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"– ċibersigurtà,";

(iv) is-sitt inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"– skambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki mal-BERS u mal-ASE l-oħrajn,";

(v) jiżdiedu l-inċiżi li ġejjin:

"– servizzi finanzjarji fil-livell tal-konsumatur u kwistjonijiet li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-investituri;

– parir mill-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 1(6).";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Il-Kumitat Konġunt jista' jassisti lill-Kummissjoni fil-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet u tal-ispeċifikazzjonijiet u l-proċeduri tekniċi biex tkun żgurata l-interkonnessjoni sigura u effiċjenti tal-mekkaniżmi awtomatizzati ċentralizzati skont ir-rapport kif imsemmi fl-Artikolu 32a(5) tad-Direttiva (UE) 2015/849 kif ukoll fl-interkonnessjoni effettiva tar-reġistri nazzjonali taħt dik id-Direttiva.";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-Kumitat Konġunt għandu jkollu persunal apposta pprovdut mill-ASE li għandu jaqdi d-dmirijiet ta' segretarjat permanenti. L-Awtorità għandha tikkontribwixxi riżorsi adegwati għal spejjeż amministrattivi, infrastrutturali u operattivi.";

(47) l-Artikolu 55 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-President tal-Kumitat Konġunt għandu jinħatar fuq bażi ta' rotazzjoni annwali minn fost il-Presidenti tal-ASE. Il-President tal-Kumitat Konġunt għandu jkun it-tieni Viċi President tal-BERS.";

(b) fil-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' mill-anqas darba kull tliet xhur.";

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. Il-President tal-Awtorità għandu jinforma regolarment lill-Bord tas-Superviżuri dwar il-pożizzjonijiet meħuda fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt.";

(48) l-Artikoli 56 u 57 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 56*

*Pożizzjonijiet konġunti u atti komuni*

Fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-kompiti tagħha stabbiliti fil-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament, u b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2002/87/KE, fejn rilevanti, l-Awtorità għandha tasal għal pożizzjonijiet konġunti b'konsensus ma', kif adatt, l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u mal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea).

Fejn meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni, il-miżuri taħt l-Artikoli 10 sa 16, u d-deċiżjonijiet taħt l-Artikoli 17, 18 u 19 ta’ dan ir-Regolament, fir-rigward tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2002/87/KE u ta’ kwalunkwe att leġislattiv ieħor imsemmi fl-Artikolu 1(2) ta’ dan ir-Regolament li jaqa’ wkoll fi ħdan il-qasam ta’ kompetenza tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) jew tal-Awtorità Superviżorja Ewropea l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) għandhom jiġu adottati, b’mod parallel, minn, kif adatt, l-Awtorità, mill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol).

*Artikolu 57*
*Sottokumitati*

1. Il-Kumitat Konġunt jista' jistabbilixxi sottokumitati għall-finijiet tat-tħejjija tal-abbozzi ta' pożizzjonijiet konġunti u ta' atti komuni għall-Kumitat Konġunt.

2. Kull sottokumitat għandu jkun magħmul mill-individwi msemmija fl-Artikolu 55(1), u minn rappreżentant wieħed ta’ livell għoli mill-persunal attwali tal-awtorità kompetenti rilevanti minn kull Stat Membru.

3. Kull sottokumitat għandu jeleġġi President minn fost ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti, li għandu jkun ukoll osservatur fil-Kumitat Konġunt.

4. Għall-finijiet tal-Artikolu 56, għandu jiġi stabbilit sottokumitat dwar il-konglomerati finanzjarji għall-Kumitat Konġunt.

5. Il-Kumitat Konġunt għandu jippubblika fis-sit web tiegħu s-sottokumitati stabbiliti kollha, inklużi l-mandati tagħhom u lista tal-membri tagħhom bil-funzjonijiet rispettivi tagħhom fis-sottokumitat.";

(49) l-Artikolu 58 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Bord tal-Appell tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej huwa b'dan stabbilit.";

(b) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Bord tal-Appell għandu jkun magħmul minn sitt membri u sitt membri supplenti, li għandhom ikunu individwi ta' reputazzjoni tajba b'rekord ippruvat ta' għarfien rilevanti tal-liġi tal-Unjoni u li jkollhom esperjenza professjonali internazzjonali, fuq livell għoli biżżejjed fl-oqsma tas-swieq bankarji, tal-assigurazzjoni, tal-pensjonijiet tax-xogħol, tat-titoli jew ta' servizzi finanzjarji oħrajn, għajr il-persunal kurrenti tal-awtoritajiet kompetenti jew ta' istituzzjonijiet jew korpi oħrajn, nazzjonali jew tal-Unjoni, involuti fl-attivitajiet tal-Awtorità u membri tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq. Il-membri u s-supplenti għandhom ikunu ċittadini ta' Stat Membru u għandu jkollhom għarfien profond ta' mill-inqas żewġ lingwi uffiċjali tal-Unjoni. Il-Bord tal-Appell għandu jkollu biżżejjed għarfien espert legali biex jipprovdi konsulenza legali esperta dwar il-legalità, inkluża l-proporzjonalità, tal-eżerċizzju mill-Awtorità tas-setgħat tagħha.";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“3. Żewġ membri tal-Bord tal-Appell u żewġ membri supplenti għandhom jinħatru mill-Bord Maniġerjali tal-Awtorità minn lista mqassra proposta mill-Kummissjoni, wara sejħa pubblika għal turija ta’ interess ippubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u wara konsultazzjoni tal-Bord tas-Superviżuri.

Wara li jirċievi l-lista mqassra, il-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-kandidati għal membri u membri supplenti jagħmlu dikjarazzjoni quddiemu u jwieġbu kwalunkwe mistoqsija magħmula mill-Membri tiegħu.

Il-Parlament Ewropew jista’ jistieden lill-membri tal-Bord tal-Appell biex jagħmlu dikjarazzjoni quddiemu u biex iwieġbu kwalunkwe mistoqsija mressqa mill-Membri tiegħu kull meta mitluba, bl-esklużjoni ta’ dikjarazzjonijiet, mistoqsijiet jew tweġibiet li jkollhom x’jaqsmu ma’ każijiet individwali deċiżi minn, jew pendenti quddiem, il-Bord tal-Appell.”;

(50) fl-Artikolu 59, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Il-membri tal-Bord tal-Appell, u l-persunal tal-Awtorità li jipprovdu appoġġ operazzjonali u segretarjali, m’għandhom jieħdu sehem f’ebda proċedimenti ta’ appell li fihom ikollhom xi interess personali, jew jekk qabel kienu involuti bħala rappreżentanti ta’ xi waħda mill-partijiet fil-proċedura, jew jekk kienu pparteċipaw fid-deċiżjoni taħt appell.”;

(51) fl-Artikolu 60, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-appell, flimkien ma' dikjarazzjoni tar-raġunijiet, għandu jiġi ppreżentat bil-miktub lill-Awtorità fi żmien tliet xhur mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni lill-persuna konċernata, jew, fin-nuqqas ta' notifika, mill-jum li fih l-Awtorità tkun ippubblikat id-deċiżjoni tagħha.

Il-Bord tal-Appell għandu jiddeċiedi fuq l-appell fi żmien tliet xhur minn meta l-appell ikun ġie ppreżentat.";

(52) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 60a*
*Kompetenza maqbuża mill-Awtorità*

Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika tista' tibgħat parir motivat lill-Kummissjoni jekk dik il-persuna tkun tal-opinjoni li l-Awtorità tkun qabżet il-kompetenza tagħha, inkluż li tkun naqset milli tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità msemmi fl-Artikolu 1(5), meta taġixxi taħt l-Artikoli 16 u 16b, u dak ikun jikkonċerna direttament u individwalment lil dik il-persuna.";

(53) fl-Artikolu 62, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"1. Id-dħul tal-Awtorità, korp Ewropew skont l-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* (ir-"Regolament Finanzjarju"), għandu jikkonsisti, b'mod partikolari, fi kwalunkwe taħlita ta' dawn li ġejjin:

---

* Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).";

(b) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(d) kwalunkwe kontribuzzjoni volontarja minn Stati Membri jew osservaturi;

(e) tariffi miftiehma għal pubblikazzjonijiet, taħriġ jew kwalunkwe servizz ieħor provdut mill-Awtorità fejn dawn ġew mitluba speċifikament minn awtorità kompetenti waħda jew aktar.";

(c) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Ebda kontribuzzjoni volontarja minn Stati Membri jew osservaturi msemmija fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu ma għandha tiġi aċċettata jekk tali aċċettazzjoni tqajjem dubju dwar l-indipendenza u l-imparzjalità tal-Awtorità. Il-kontribuzzjonijiet volontarji li jikkostitwixxu kumpens għall-ispiża tal-kompiti delegati minn awtorità kompetenti lill-Awtorità ma għandhomx jitqiesu bħala li jqajmu dubju dwar l-indipendenza ta' din tal-aħħar.";

(54) l-Artikoli 63, 64 u 65 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 63*
*Stabbiliment tal-baġit*

1. Kull sena, id-Direttur Eżekuttiv għandu jfassal abbozz provviżorju tad-dokument uniku ta' programmazzjoni tal-Awtorità għat-tliet snin finanzjarji sussegwenti, li jistabbilixxi d-dħul u n-nefqa proġettati, kif ukoll informazzjoni dwar il-persunal, mill-programmazzjoni annwali u multiannwali tiegħu u jibagħtu lill-Bord Maniġerjali u lill-Bord tas-Superviżuri, flimkien mal-pjan ta' stabbiliment.

2. Il-Bord tas-Superviżuri għandu, abbażi tal-abbozz li jkun ġie approvat mill-Bord Maniġerjali, jadotta l-abbozz tad-dokument uniku ta' programmazzjoni għat-tliet snin finanzjarji sussegwenti.

3. Id-dokument uniku ta' programmazzjoni għandu jintbagħat mill-Bord Maniġerjali lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri Ewropea sal-31 ta' Jannar.

4. B'konsiderazzjoni tad-dokument uniku ta' programmazzjoni, il-Kummissjoni għandha ddaħħal fl-abbozz tal-baġit tal-Unjoni l-estimi li tqis li jkunu meħtieġa fir-rigward tal-pjan ta' stabbiliment u l-ammont tal-kontribuzzjoni ta' bilanċ li għandu jiġi addebitat lill-baġit ġenerali tal-Unjoni f'konformità mal-Artikoli 313 u 314 tat-TFUE.

5. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jadottaw il-pjan ta' stabbiliment għall-Awtorità. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jawtorizzaw l-approprjazzjonijiet għall-kontribuzzjoni ta' bilanċ lill-Awtorità.

6. Il-baġit tal-Awtorità għandu jiġi adottat mill-Bord tas-Superviżuri. Għandu jitqies finali wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni. Fejn ikun meħtieġ, għandu jkun aġġustat skont il-każ.

7. Il-Bord Maniġerjali għandu, mingħajr dewmien bla bżonn, jinnotifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-intenzjoni tiegħu li jimplimenta kwalunkwe proġett li jista' jkollu implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti għall-iffinanzjar tal-baġit tiegħu, b'mod partikolari kwalunkwe proġett li jkollu x'jaqsam ma' proprjetà bħall-kiri jew xiri ta' bini.

8. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 266 u 267 tar-Regolament Finanzjarju, għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill għal kwalunkwe proġett li jista' jkollu implikazzjonijiet finanzjarji jew implikazzjonijiet fit-tul sinifikanti għall-iffinanzjar tal-baġit tal-Awtorità, b'mod partikolari kwalunkwe proġett li jkollu x'jaqsam mal-proprjetà, bħall-kiri jew ix-xiri ta' bini, inklużi klawżoli ta' waqfien.

*Artikolu 64*
*Implimentazzjoni u kontroll tal-baġit*

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jaġixxi bħala uffiċjal awtorizzanti u għandu jimplimenta l-baġit annwali tal-Awtorità.

2. L-uffiċjal tal-kontabilità tal-Awtorità għandu jibgħat il-kontijiet provviżorji lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri sal-1 ta’ Marzu tas-sena ta’ wara. L-Artikolu 70 m'għandux jipprekludi lill-Awtorità milli tipprovdi lill-Qorti tal-Awdituri kwalunkwe informazzjoni mitluba mill-Qorti tal-Awdituri li tkun fil-kompetenza tagħha.

3. L-uffiċjal tal-kontabilità tal-Awtorità għandu jibgħat, sal-1 ta’ Marzu tas-sena ta’ wara, l-informazzjoni kontabilistika meħtieġa għall-finijiet ta’ konsolidazzjoni lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni, bil-mod u fil-format stabbiliti minn dak l-uffiċjal tal-kontabilità.

4. L-uffiċjal tal-kontabilità tal-Awtorità għandu jibgħat ukoll, sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara, ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja lill-membri tal-Bord tas-Superviżuri, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri.

5. Wara li jirċievi l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet provviżorji tal-Awtorità f'konformità mal-Artikolu 246 tar-Regolament Finanzjarju, l-uffiċjal tal-kontabilità tal-Awtorità għandu jfassal il-kontijiet finali tal-Awtorità. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħathom lill-Bord tas-Superviżuri, li għandu jagħti opinjoni dwar dawk il-kontijiet.

6. L-uffiċjal tal-kontabilità tal-Awtorità għandu jibgħat, sal-1 ta' Lulju tas-sena ta' wara, il-kontijiet finali, akkumpanjati mill-opinjoni tal-Bord tas-Superviżuri, lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri.

   L-uffiċjal tal-kontabilità tal-Awtorità għandu jibgħat ukoll, sal-15 ta' Ġunju kull sena, pakkett ta' rapporti lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni, f'format standardizzat kif stabbilit mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni għall-finijiet ta' konsolidazzjoni.

7. Il-kontijiet finali għandhom jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea sal-15 ta' Novembru tas-sena ta' wara.

8. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat tweġiba lill-Qorti tal-Awdituri għall-osservazzjonijiet ta' din tal-aħħar sat-30 ta' Settembru u għandu jibgħat ukoll kopja ta' dik it-tweġiba lill-Bord Maniġerjali u lill-Kummissjoni.

9. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat lill-Parlament Ewropew, fuq talba ta' dan tal-aħħar u hekk kif previst fl-Artikolu 261(3) tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe informazzjoni li tkun meħtieġa għall-applikazzjoni bla xkiel tal-proċedura ta' kwittanza għas-sena finanzjarja kkonċernata.

10. Il-Parlament Ewropew, wara rakkomandazzjoni mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandu, qabel il-15 ta' Mejju tas-sena N + 2, jagħti kwittanza lill-Awtorità għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja N.

11. L-Awtorità għandha tipprovdi opinjoni motivata dwar il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew u dwar kwalunkwe osservazzjoni oħra magħmula mill-Parlament Ewropew mogħtija fil-proċedura ta' kwittanza.

*Artikolu 65*
*Regoli finanzjarji*

Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Awtorità għandhom jiġu adottati mill-Bord Maniġerjali wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni. Dawk ir-regoli ma jistgħux jitbiegħdu mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715* sakemm il-ħtiġijiet operattivi speċifiċi għall-funzjonament tal-Awtorità ma jkunux jirrikjedu dan u biss bil-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni.

______________

* Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal- Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1).";

(55) fl-Artikolu 66, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* għandu japplika għall-Awtorità mingħajr ebda restrizzjoni.

______________

* Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).";

(56) l-Artikolu 70 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. Il-membri tal-Bord tas-Superviżuri, u l-membri kollha tal-persunal tal-Awtorità, inklużi uffiċjali ssekondati mill-Istati Membri fuq bażi temporanja, u l-persuni l-oħrajn kollha li jwettqu kompiti għall-Awtorità fuq bażi kuntrattwali, għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tas-segretezza professjonali skont l-Artikolu 339 TFUE u d-dispożizzjonijiet rilevanti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, anki wara li jkunu ntemmu dmirijiethom.”;

(b) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“L-obbligu taħt il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu ma għandux iżomm lill-Awtorità u lill-awtoritajiet kompetenti milli jużaw l-informazzjoni għall-infurzar tal-atti leġislattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) u, b’mod partikolari, għall-proċeduri legali għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet.”;

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Il-Bord Maniġerjali, u l-Bord tas-Superviżuri għandhom jiżguraw li l-individwi li jipprovdu kwalunkwe servizz, direttament jew indirettament, b'mod permanenti jew okkażjonali, fir-rigward tal-kompiti tal-Awtorità, inklużi uffiċjali u persuni oħrajn awtorizzati mill-Bord Maniġerjali u mill-Bord tas-Superviżuri jew maħtura mill-awtoritajiet kompetenti għal dak l-iskop, ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tas-segretezza professjonali ekwivalenti għal dawk fil-paragrafi 1 u 2.

L-istess rekwiżiti għas-segretezza professjonali għandhom japplikaw ukoll għall-osservaturi li jattendu l-laqgħat tal-Bord Maniġerjali, u tal-Bord tas-Superviżuri u li jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-Awtorità.";

(d) il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx iżommu lill-Awtorità milli tiskambja informazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti f'konformità ma' dan ir-Regolament u ma' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni applikabbli għal parteċipanti fis-swieq finanzjarji.

Dik l-informazzjoni għandha tkun soġġetta għall-kondizzjonijiet tas-segretezza professjonali msemmija fil-paragrafi 1 u 2. L-Awtorità għandha tistabbilixxi fir-regoli proċedurali interni tagħha l-arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni tar-regoli ta' kunfidenzjalità msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

4. L-Awtorità għandha tapplika d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444[*].

---

* Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-Sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53).";

(57) l-Artikolu 71 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 71*

*Protezzjoni tad-data*

Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri relatati mal-ipproċessar minnhom ta' data personali taħt ir-Regolament (UE) 2016/679 jew għall-obbligi tal-Awtorità relatati mal-ipproċessar minnha ta' data personali taħt ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* waqt il-qadi tar-responsabbiltajiet tagħha.

---

* Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).";

(58) fl-Artikolu 72, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Bord Maniġerjali għandu jadotta miżuri prattiċi għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.";

(59) fl-Artikolu 74, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-arranġamenti meħtieġa dwar l-akkomodazzjoni li trid tiġi pprovduta għall-Awtorità fl-Istat Membru fejn tkun tinsab is-sede tagħha u l-faċilitajiet li għandhom isiru disponibbli minn dak l-Istat Membru, kif ukoll ir-regoli speċifiċi applikabbli f'dak l-Istat Membru għall-persunal tal-Awtorità u għall-membri tal-familji tagħhom, għandhom jiġu stipulati fi Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali bejn l-Awtorità u dak l-Istat Membru li huma jkunu kkonkludu wara li tkun inkisbet l-approvazzjoni tal-Bord Maniġerjali.";

(60) l-Artikolu 76 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 76*
*Relazzjoni mal-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli*

L-Awtorità għandha titqies bħala s-suċċessur legali tal-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli (KRET). Sad-data tal-istabbiliment tal-Awtorità, l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha u l-operazzjonijiet kollha pendenti tal-KRET għandhom jiġu ttrasferiti awtomatikament lill-Awtorità. Il-KRET għandu jistabbilixxi dikjarazzjoni li turi s-sitwazzjoni fl-għeluq tal-assi u l-obbligazzjonijiet tiegħu sa mid-data ta' dak it-trasferiment. Dik id-dikjarazzjoni għandha tiġi vverifikata u approvata mill-KRET u mill-Kummissjoni.";

(61) l-Artikolu 81 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"1. Sa ... [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], u kull tliet snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport ġenerali dwar l-esperjenza miksuba bħala riżultat tal-operat tal-Awtorità u l-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dak ir-rapport għandu jevalwa, fost affarijiet oħra:";

(ii) fil-punt (a), is-sentenza introduttorja, u l-punt (i) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) l-effettività u l-konverġenza fil-prattiki superviżorji miksuba mill-awtoritajiet kompetenti:

(i) l-indipendenza tal-awtoritajiet kompetenti u l-konverġenza fl-istandards ekwivalenti għall-governanza korporattiva;";

(iii) jiżdied il-punt li ġej:

"(g) il-funzjonament tal-Kumitat Konġunt.";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"2a. Bħala parti mir-rapport ġenerali msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta lill-awtoritajiet u lill-partijiet interessati rilevanti kollha, għandha twettaq valutazzjoni komprensiva tal-applikazzjoni tal-Artikolu 9a.

2b. Bħala parti mir-rapport ġenerali msemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta lill-awtoritajiet u lill-partijiet interessati rilevanti kollha, għandha tagħmel valutazzjoni komprensiva tas-superviżjoni potenzjali taċ-ċentri ta' negozjar ta' pajjiżi terzi mill-Awtorità biex jiġu esplorati aspetti bħalma huma r-rikonoxximent abbażi tal-importanza sistemika, ir-rekwiżiti organizzazzjonali, il-konformità kontinwa, il-multi u l-ħlasijiet perjodiċi ta' penali kif ukoll il-persunal u r-riżorsi. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis l-effetti fuq il-likwidità, inklużi d-disponibbiltà tal-aħjar prezz għall-investituri, l-aħjar eżekuzzjoni għall-klijenti tal-UE, l-ostakoli għall-aċċess u l-benefiċċji ekonomiċi għall-kontropartijiet tal-UE biex jinnegozjaw globalment kif ukoll l-iżvilupp tal-unjoni tas-swieq kapitali.

2c. Bħala parti mir-rapport ġenerali msemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta ill-awtoritajiet u lill-partijiet interessati rilevanti kollha, għandha tagħmel valutazzjoni komprensiva tas-superviżjoni potenzjali tas-CSDs ta' pajjiż terzi mill-Awtorità biex jiġu esplorati aspetti bħalma huma r-rikonoxximent abbażi tal-importanza sistemika, ir-rekwiżiti organizzazzjonali, il-konformità kontinwa, il-multi u l-ħlasijiet perjodiċi ta' penali kif ukoll il-persunal u r-riżorsi.

2d. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-valutazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2b u 2c, flimkien ma' kwalunkwe proposta leġiżlattiva, jekk dan ikun xieraq, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa... [18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].”.

*Artikolu 4*

*Emendi għar-Regolament (UE) Nru 600/2014*

Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1(1) jiżdied il-punt li ġej:

“(g) l-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni ta' fornituri ta' servizzi ta’ rapportar ta' dejta”;

(2) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (18) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(18) “awtorità kompetenti” tfisser awtorità kompetenti kif definita fil-punt (26) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE u, għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tal-fornituri ta’ servizzi ta’ rapportar ta' dejta, l-ESMA, bl-eċċezzjoni ta’ dawk il-mekkaniżmi ta’ rapportar approvati (ARMs, approved reporting mechanisms) u l-arranġamenti ta’ pubblikazzjoni approvati (APAs, approved publication arrangements) b’deroga skont il-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu;”;

(ii) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(22a) "maniġment superjuri" tfisser maniġment superjuri kif definita fil-punt (37) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;";

(iii) il-punti (34), (35) u (36) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(34) "arranġament ta' pubblikazzjoni approvat" jew "APA" tfisser persuna awtorizzata taħt dan ir-Regolament sabiex tipprovdi s-servizz ta' pubblikazzjoni ta' rapporti kummerċjali f'isem ditti ta' investiment skont l-Artikoli 20 u 21;

(35) "fornitur ta' tape konsolidat" jew "CTP" tfisser persuna awtorizzata taħt dan ir-Regolament sabiex tipprovdi s-servizz ta' ġbir ta' rapporti kummerċjali għall-istrumenti finanzjarji elenkati fl-Artikoli 6, 7, 10, 12 u 13, 20 u 21 minn swieq regolati, MTFs, OTFs u APAs u tikkonsolidahom f'xandir elettroniku kontinwu live tad-data li jipprovdi data dwar il-prezz u l-volum għal kull strument finanzjarju;

(36) "mekkaniżmu ta' rapportar approvat" jew "ARM" tfisser persuna awtorizzata taħt dan ir-Regolament sabiex tipprovdi s-servizz ta' rapportar ta' dettalji ta' tranżazzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti jew lill-ESMA f'isem ditti ta' investiment;";

(iv) jiddaħħal l-punt li ġej:

"(36a) "fornituri ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta" tfisser persuna msemmija fil-punti (34) sa (36) u persuna msemmija fl-Artikolu 27b(2);";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 50, li jispeċifikaw il-kriterji biex jiġu identifikati dawk l-ARMs u l-APAs li, b'deroga minn dan ir-Regolament minħabba r-rilevanza limitata tagħhom għas-suq intern, huma soġġetti għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru kif definita fil-punt (26) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE.

Meta tadotta l-att delegat, il-Kummissjoni għandha tqis wieħed jew aktar mill-elementi li ġejjin:

(a) il-limitu sa fejn is-servizzi huma pprovduti lil ditti tal-investiment awtorizzati fi Stat Membru wieħed biss;

(b) in-numru ta' rapporti jew tranżazzjonijiet kummerċjali;

(c) jekk l-ARM jew l-APA jagħmilx parti minn grupp ta' parteċipanti fis-swieq finanzjarji li joperaw b'mod transfruntier.

Fejn entità tkun taħt superviżjoni mill-ESMA għal kwalunkwe servizz provdut fil-kapaċità tagħha bħala fornitur ta’ servizzi ta’ rapportar ta' dejta taħt dan ir-Regolament, l-ebda waħda mill-attivitajiet tagħha bħala ARM jew APA ma għandha tiġi eskluża mis-superviżjoni tal-ESMA taħt kwalunkwe att delegat adottat skont dan il-paragrafu.”;

(3) l-Artikolu 22 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“*Artikolu 22*

*L-għoti ta’ informazzjoni għall-finijiet tat-trasparenza u kalkoli oħrajn*

1. Sabiex iwettqu l-kalkoli bil-għan li jiddeterminaw ir-rekwiżiti ta' trasparenza qabel u wara n-negozjar u r-reġimi tal-obbligu ta' negozjar imsemmija fl-Artikoli 3 sa 11, fl-Artikoli 14 sa 21 u fl-Artikolu 32, li huma applikabbli għall-istrumenti finanzjarji, kif ukoll bil-għan li jiġi ddeterminat jekk ditta ta’ investiment hijiex internalizzatur sistematiku, l-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu informazzjoni mingħand:

(a) iċ-ċentri ta' negozjar;

(b) l-APAs; u

(c) is-CTPs.

2. Iċ-ċentri ta' negozjar, l-APAs u s-CTPs għandhom jaħżnu d-dejta meħtieġa għal perjodu suffiċjenti.

3. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kontenut u l-frekwenza tat-talbiet għad-dejta u l-formati u l-perjodu ta' żmien li matulu ċ-ċentri ta' negozjar, l-APAs u s-CTPs iridu jwieġbu għat-talbiet għad-dejta msemmija fil-paragrafu 1, it-tip ta' dejta li trid tinħażen u l-perjodu minimu li għalih iċ-ċentri ta' negozjar, l-APAs u s-CTPs iridu jaħżnu d-dejta sabiex ikunu jistgħu jwieġbu għat-talbiet għad-dejta f'konformità mal-paragrafu 2.

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija f'dan il-paragrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(4) fl-Artikolu 26(1), it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-awtoritajiet kompetenti għandhom mingħajr dewmien bla bżonn iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ESMA kwalunkwe informazzjoni rrapportata f'konformità ma' dan l-Artikolu.";

(5) l-Artikolu 27 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 27*
*Obbligu tal-provvista ta' dejta ta' referenza ta' strumenti finanzjarji*

1. Fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar fi swieq regolati jew negozjati fuq l-MTFs jew OTFs, iċ-ċentri ta' negozjar għandhom jipprovdu lill-ESMA b'dejta ta' referenza ta' identifikazzjoni għall-fini tar-rapportar tat-tranżazzjonijiet taħt l-Artikolu 26.

Fir-rigward ta' strumenti finanzjarji oħrajn koperti mill-Artikolu 26(2) negozjati fuq is-sistema tiegħu, kull internalizzatur sistematiku għandu jipprovdi lill-ESMA b'dejta ta' referenza relatata ma' dawk l-istrumenti finanzjarji.

Id-dejta ta' referenza ta' identifikazzjoni għandha tkun lesta biex tiġi ppreżentata lill-ESMA f'format elettroniku u standardizzat qabel jibda n-negozjar fl-istrument finanzjarju li tirreferi għalih. Id-dejta ta' referenza tal-istrument finanzjarju għandha tiġi aġġornata kull meta jkun hemm bidliet fid-dejta fir-rigward ta' strument finanzjarju. L-ESMA għandha tippubblika dik id-dejta ta' referenza minnufih fis-sit web tagħha. L-ESMA għandha tagħti lill-awtoritajiet kompetenti aċċess mingħajr dewmien bla bżonn għal dik id-dejta ta' referenza.

2. Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jissorveljaw, skont l-Artikolu 26, l-attivitajiet tad-ditti ta' investiment sabiex jiżguraw li dawn jaġixxu b'mod onest, ġust u professjonali u b'mod li jippromwovi l-integrità tas-suq, l-ESMA għandha, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, tistabbilixxi l-arranġamenti meħtieġa sabiex ikun żgurat li:

(a) l-ESMA effettivament tirċievi d-dejta ta' referenza tal-istrument finanzjarju skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;

(b) il-kwalità tad-dejta ta' referenza tal-istrument finanzjarju riċevuta skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tkun adatta għall-fini tar-rapportar tat-tranżazzjonijiet taħt l-Artikolu 26;

(c) id-dejta ta' referenza tal-istrument finanzjarju riċevuta skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tintbagħat b'mod effiċjenti u mingħajr dewmien bla bżonn lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti;

(d) ikun hemm mekkaniżmi effettivi fis-seħħ bejn l-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġu riżolti l-kwistjonijiet relatati mal-kunsinna tad-dejta jew il-kwalità tad-dejta.

3. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw:

(a) l-istandards u l-formati tad-dejta għad-dejta ta' referenza tal-istrument finanzjarju f'konformità mal-paragrafu 1, inklużi l-metodi u l-arranġamenti għall-forniment tad-dejta u kwalunkwe aġġornament tagħha lill-ESMA u għat-trażmissjoni tagħha lill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-paragrafu 1, u l-forma u l-kontenut ta' tali dejta;

(b) il-miżuri tekniċi li huma meħtieġa fir-rigward tal-arranġamenti li jridu jsiru mill-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti skont il-paragrafu 2.

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

4. L-ESMA tista’ tissospendi l-obbligi ta’ rapportar speċifikati fil-paragrafu 1 għal ċerti strumenti finanzjarji jew għall-istrumenti finanzjarji kollha fejn ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) is-sospensjoni tkun neċessarja sabiex jiġu ppreservati l-integrità u l-kwalità tad-dejta ta' referenza soġġetta għall-obbligu ta’ rapportar kif speċifikat fil-paragrafu 1 li jistgħu jitqiegħdu f'riskju minħabba kwalunkwe wieħed minn dan li ġej:

(i) inkompletezza, impreċiżjoni jew korruzzjoni serji tad-dejta sottomessa, jew

(ii) indisponibbiltà b'mod puntwali, interruzzjoni jew ħsara fil-funzjonament tas-sistemi użati għas-sottomissjoni, għall-ġbir, għall-ipproċessar jew għall-ħżin tad-dejta ta' referenza rispettiva mill-ESMA, mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, mill-infrastrutturi tas-suq, mis-sistemi ta' kklerjar u ta' saldu, u mill-parteċipanti importanti fis-suq;

(b) ir-rekwiżiti regolatorji eżistenti tal-Unjoni li huma applikabbli ma jindirizzawx it-theddida;

(c) is-sospensjoni ma jkollha l-ebda effett ta' detriment fuq l-effiċjenza tas-swieq finanzjarji jew fuq l-investituri li jkun sproporzjonat għall-benefiċċji tal-azzjoni;

(d) is-sospensjoni ma toħloq ebda arbitraġġ regolatorju.

Meta tieħu l-miżura msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-ESMA għandha tqis kemm il-miżura tiżgura l-preċiżjoni u l-kompletezza tad-dejta rrapportata għall-finijiet speċifikati fil-paragrafu 2.

Qabel ma tiddeċiedi jekk tiħux il-miżura msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-ESMA għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika l-kundizzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu u li taħthom iċ-ċirkustanzi taħt liema s-suspensjoni msemmija f'dak is-subparagrafu ma tibqax tapplika.";

(6) jiddaħħal it-Titolu li ġej:

"TITOLU IVa
SERVIZZI TA' RAPPORTAR TA' DEJTA

KAPITOLU 1
L-awtorizzazzjoni tal-fornituri ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta

*Artikolu 27a*

Għall-finijiet ta' dan it-Titolu, awtorità kompetenti nazzjonali tfisser awtorità kompetenti kif definita fil-punt (26) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE.

*Artikolu 27b*

*Rekwiżit għall-awtorizzazzjoni*

1. L-operat ta’ APA, CTP jew ARM bħala mestier jew negozju regolari għandu jkun soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel mill-ESMA f’konformità ma’ dan it-Titolu.

   B’deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, APA jew ARM identifikati skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 2(3) għandhom ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni u superviżjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti nazzjonali rilevanti skont dan it-Titolu.

2. Ditta ta' investiment jew operatur fis-suq li joperaw ċentru ta' negozjar jistgħu jipprovdu wkoll is-servizzi ta’ APA, CTP jew ARM, soġġetti għall-verifika minn qabel mill-ESMA jew mill-awtorità kompetenti nazzjonali rilevanti li d-ditta ta’ investiment jew l-operatur fis-suq ikunu konformi ma’ dan it-Titolu. Il-forniment ta’ dawk is-servizzi għandu jiġi inkluż fl-awtorizzazzjoni tagħhom.

3. L-ESMA għandha tistabbilixxi reġistru tal-fornituri kollha tas-servizzi ta’ rapportar ta' dejta fl-Unjoni. Ir-reġistru għandu jkun disponibbli għall-pubbliku u għandu jinkludi informazzjoni dwar is-servizzi li għalihom huwa awtorizzat il-fornitur tas-servizzi ta’ rapportar ta' dejta u għandu jiġi aġġornat fuq bażi regolari.

Fejn l-ESMA, jew awtorità kompetenti nazzjonali fejn rilevanti, tkun irtirat awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 27e, dak l-irtirar għandu jiġi ppubblikat fir-reġistru għal perijodu ta' ħames snin.

4. Il-fornituri ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta għandhom jipprovdu s-servizzi tagħhom taħt is-superviżjoni tal-ESMA jew tal-awtorità kompetenti nazzjonali fejn rilevanti. L-ESMA, jew l-awtorità kompetenti nazzjonali fejn rilevanti, għandha tirrivedi regolarment il-konformità tal-fornituri ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta ma' dan it-Titolu. L-ESMA, jew l-awtorità kompetenti nazzjonali fejn rilevanti, għandha tissorvelja li l-fornituri ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta jikkonformaw f'kull ħin mal-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni inizjali stabbiliti taħt dan it-Titolu.

*Artikolu 27c*

*L-awtorizzazzjoni tal-fornituri ta' servizzi ta' rapportar ta' d-dejta*

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta għandhom jiġu awtorizzati mill-ESMA, jew mill-awtorità kompetenti nazzjonali fejn rilevanti, għall-finijiet ta' dan it-Titolu fejn:

   (a) il-fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta jkun persuna ġuridika stabbilita fl-Unjoni; u

   (b) il-fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f'dan it-Titolu.

2. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tispeċifika s-servizz tar-rapportar ta' dejta li l-fornitur tas-servizzi tar-rapportar ta' dejta jkun awtorizzat li jipprovdi. Fejn fornitur awtorizzat ta’ servizzi ta’ rapportar ta' dejta jfittex li jestendi l-kummerċ tiegħu għal servizzi addizzjonali ta’ rapportar ta' dejta, huwa għandu jissottometti talba lill-ESMA, jew lill-awtorità kompetenti nazzjonali fejn rilevanti, għall-estensjoni ta’ dik l-awtorizzazzjoni.

3. Fornitur awtorizzat ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta għandu jikkonforma l-ħin kollu mal-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni msemmija f’dan it-Titolu. Fornitur awtorizzat ta’ servizzi ta’ rapportar ta' dejta għandu, mingħajr dewmien bla bżonn, jinnotifika lill-ESMA, jew lill-awtorità kompetenti nazzjonali fejn rilevanti, bi kwalunkwe bidliet materjali fil-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni.

4. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun effettiva u valida għat-territorju kollu tal-Unjoni, u għandha tippermetti lill-fornitur ta’ servizzi ta’ rapportar ta' dejta jipprovdi s-servizzi li għalihom kien awtorizzat, fl-Unjoni kollha.

*Artikolu 27d*

*Proċeduri għall-għoti u r-rifjut tal-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni*

1. Il-fornitur applikant ta’ servizzi ta’ rapportar ta' dejta għandu jippreżenta applikazzjoni li tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex l-ESMA, jew l-awtorità kompetenti nazzjonali fejn rilevanti, tkun tista’ tikkonferma li l-fornitur ta’ servizzi ta’ rapportar ta' dejta stabbilixxa, fil-ħin tal-awtorizzazzjoni inizjali, l-arranġamenti kollha meħtieġa sabiex jissodisfa l-obbligi tiegħu taħt id-dispożizzjonijiet ta’ dan it-Titolu, inkluż programm ta’ operazzjonijiet li jistabbilixxi, inter alia, it-tipi ta’ servizzi previsti u l-istruttura organizzazzjonali.

2. L-ESMA, jew l-awtorità kompetenti nazzjonali fejn rilevanti, għandha tivvaluta jekk l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tkunx kompluta fi żmien 20 jum tax-xogħol mir-riċezzjoni tal-applikazzjoni.

   Fejn l-applikazzjoni ma tkunx kompluta, l-ESMA, jew l-awtorità kompetenti nazzjonali fejn rilevanti, għandha tistabbilixxi limitu ta’ żmien sa meta l-fornitur ta’ servizzi ta' rapportar ta' dejta għandu jipprovdi informazzjoni addizzjonali.

   Wara li tivvaluta applikazzjoni bħala kompluta, l-ESMA, jew l-awtorità kompetenti nazzjonali fejn rilevanti, għandha tinnotifika b’dan lill-fornitur ta’ servizzi ta’ rapportar ta' dejta.

3. L-ESMA, jew l-awtorità kompetenti nazzjonali fejn rilevanti, għandha, fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi applikazzjoni kompluta, tivvaluta l-konformità tal-fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta ma' dan it-Titolu. Hija għandha tadotta deċiżjoni kompletament motivata li tagħti jew tirrifjuta awtorizzazzjoni u tinnotifika lill-fornitur applikant ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta kif xieraq fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol.

4. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tiddetermina:

   (a) l-informazzjoni li trid tiġi pprovduta taħt il-paragrafu 1, inkluż il-programm tal-operazzjonijiet;

   (b) l-informazzjoni inkluża fin-notifiki taħt l-Artikolu 27c(3).

   Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

5. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tiddetermina l-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard għan-notifika jew il-forniment tal-informazzjoni prevista fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 27f(3).

   Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 27e*

*Irtirar ta’ awtorizzazzjoni*

1. L-ESMA, jew l-awtorità kompetenti nazzjonali fejn rilevanti, tista’ tirtira l-awtorizzazzjoni ta’ fornitur ta’ servizzi ta’ rapportar ta' dejta fejn dan tal-aħħar:

   (a) ma jagħmilx użu mill-awtorizzazzjoni fi żmien 12-il xahar, jirrinunzja espressament l-awtorizzazzjoni jew ma jkun ipprovda ebda servizz fis-sitt xhur preċedenti;

   (b) ikun kiseb l-awtorizzazzjoni permezz ta’ dikjarazzjonijiet foloz jew permezz ta’ kwalunkwe mezz irregolari ieħor;

   (c) ma jkunx għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet li taħthom kien ġie awtorizzat;

   (d) kiser serjament u sistematikament dan ir-Regolament.

2. L-ESMA għandha, fejn rilevanti, mingħajr dewmien bla bżonn, tinnotifika lill-awtorità kompetenti nazzjonali fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-fornitur ta’ servizzi ta’ rapportar ta' dejta b’deċiżjoni li tirtira l-awtorizzazzjoni ta’ fornitur ta’ servizzi ta’ rapportar ta' dejta.

*Artikolu 27f*

*Rekwiżiti għall-korp maniġerjali ta' fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta*

1. Il-korp maniġerjali ta' fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta għandu f'kull ħin ikun ta' reputazzjoni tajba biżżejjed, ikollu biżżejjed għarfien, ħiliet u esperjenza u jimpenja biżżejjed ħin sabiex jaqdi dmirijietu.

   Il-korp maniġerjali għandu jkollu l-għarfien, il-ħiliet u l-esperjenza kollettivi adegwati sabiex ikun kapaċi jifhem l-attivitajiet tal-fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta. Kull membru tal-korp maniġerjali għandu jaġixxi b'onestà, integrità u indipendenza tal-ħsieb sabiex jikkontesta b'mod effettiv id-deċiżjonijiet tal-maniġment superjuri fejn meħtieġ u sabiex jissorvelja u jimmonitorja b'mod effettiv it-teħid ta' deċiżjonijiet maniġerjali, fejn meħtieġ.

   Fejn operatur tas-suq jitlob awtorizzazzjoni sabiex jopera APA, CTP jew ARM skont l-Artikolu 27d u l-membri tal-korp maniġerjali tal-APA, tas-CTP jew tal-ARM ikunu l-istess bħall-membri tal-korp maniġerjali tas-suq regolat, dawk il-persuni jitqiesu bħala li jikkonformaw mar-rekwiżit stabbilit fl-ewwel subparagrafu.

2. Fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta għandu jinnotifika lill-ESMA, jew lill-awtorità kompetenti nazzjonali fejn rilevanti, bl-ismijiet tal-membri kollha tal-korp maniġerjali tagħha u dwar kwalunkwe bidliet fis-sħubija tagħha, flimkien mal-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jiġi vvalutat jekk l-entità hijiex konformi mal-paragrafu 1.

3. Il-korp maniġerjali ta' fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta għandu jiddefinixxi u jissorvejla l-implimentazzjoni tal-arranġamenti ta' governanza li jiżguraw ġestjoni effettiva u prudenti ta' organizzazzjoni, inkluża s-segregazzjoni tad-dmirijiet fl-organizzazzjoni u l-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess, u b'mod li jippromwovi l-integrità tas-suq u l-interessi tal-klijenti tiegħu.

4. L-ESMA, jew l-awtorità kompetenti nazzjonali fejn rilevanti, għandha tirrifjuta l-awtorizzazzjoni jekk ma tkunx sodisfatta li l-persuna jew il-persuni li jidderieġu b'mod effettiv in-negozju tal-fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta huma ta' reputazzjoni tajba biżżejjed, jew jekk ikun hemm raġunijiet oġġettivi u dimostrabbli sabiex wieħed jemmen li l-bidliet proposti fil-korp tal-immaniġġjar tal-fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta jikkawżaw theddida għall-immaniġġjar tajjeb u prudenti tiegħu u għall-kunsiderazzjoni adegwata tal-interessi tal-klijenti tiegħu u għall-integrità tas-suq.

5. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sal-1 ta' Jannar 2021 għall-valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp maniġerjali deskritti fil-paragrafu 1, wara li tqis ir-rwoli u l-funzjonijiet differenti tagħhom u l-ħtieġa li tevita kunflitti ta' interess bejn il-membri tal-korp maniġerjali u l-utenti tal-APA, CTP jew ARM.

   Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija f'dan il-paragrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

KAPITOLU 2

Kundizzjonijiet għall-APAs, għas-CTPs u għall-ARMs

*Artikolu 27g*

*Rekwiżiti organizzazzjonali għall-APAs*

1. APA għandu jkollu fis-seħħ politiki u arranġamenti adegwati sabiex jagħmel l-informazzjoni pubblika meħtieġa taħt l-Artikoli 20 u 21 mill-aktar qrib il-ħin reali li jkun teknikament possibbli, fuq bażi kummerċjali raġonevoli. L-informazzjoni għandha tkun disponibbli bla ħlas 15-il minuta wara li l-APA jkun ippubblikaha. L-APA għandu jxerred tali informazzjoni b'mod effiċjenti u konsistenti b'mod li jiżgura aċċess veloċi għall-informazzjoni, fuq bażi mhux diskriminatorja u f'format li jiffaċilita l-konsolidazzjoni tal-informazzjoni b'dejta simili minn sorsi oħrajn.

2. L-informazzjoni ppubblikata minn APA f'konformità mal-paragrafu 1 għandha tinkludi, mill-inqas, id-dettalji li ġejjin:

   (a) l-identifikatur tal-istrument finanzjarju;

   (b) il-prezz li bih ġiet konkluża t-tranżazzjoni;

   (c) il-volum tat-tranżazzjoni;

   (d) il-ħin tat-tranżazzjoni;

(e) il-ħin li fih kienet irrapportata t-tranżazzjoni;

(f) in-notazzjoni tal-prezz tat-tranżazzjoni;

(g) il-kodiċi għaċ-ċentru ta' negozjar li fih ġiet eżegwita t-tranżazzjoni jew, fejn it-tranżazzjoni tkun ġiet eżegwita permezz ta' internalizzatur sistematiku, il-kodiċi "SI" jew inkella l-kodiċi "OTC";

(h) jekk applikabbli, indikatur li t-tranżazzjoni kienet soġġetta għal kundizzjonijiet speċifiċi.

3. APA għandu jopera u jżomm arranġamenti amministrattivi effettivi maħsuba biex jipprevjenu kunflitti ta' interess mal-klijenti tiegħu. B'mod partikolari, APA li jkun ukoll operatur tas-suq jew ditta ta' investiment għandu jittratta l-informazzjoni kollha miġbura b'mod mhux diskriminatorju u għandu jopera u jżomm arranġamenti xierqa sabiex jissepara l-funzjonijiet kummerċjali differenti.

4. APA għandu jkollu fis-seħħ mekkaniżmi tajba ta' sigurtà maħsuba sabiex jiggarantixxu s-sigurtà tal-mezzi tat-trasferiment tal-informazzjoni, jimminimizzaw ir-riskju tal-korruzzjoni tad-dejta u tal-aċċess mhux awtorizzat u jipprevjenu l-ħruġ ta' informazzjoni qabel il-pubblikazzjoni. L-APA għandu jżomm riżorsi adegwati u jkollu fis-seħħ faċilitajiet ta' riżerva sabiex joffri u jżomm is-servizzi tiegħu f'kull ħin.

5. L-APA għandu jkollu fis-seħħ sistemi li jkunu jistgħu jivverifikaw b'mod effettiv ir-rapporti kummerċjali għall-kompletezza, jidentifikaw ommissjonijiet u żbalji ovvji u jitolbu trażmissjoni mill-ġdid ta' kwalunkwe tali rapport żbaljat.

6. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jiddeterminaw formati komuni, standards ta' dejta u arranġamenti tekniċi li jiffaċilitaw il-konsolidazzjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

   Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

7. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 50 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika x'jikkostitwixxi bażi kummerċjali raġonevoli sabiex l-informazzjoni ssir pubblika kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

8. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw:

   (a) il-mezzi li bihom APA jista' jikkonforma mal-obbligu ta' informazzjoni msemmi fil-paragrafu 1;

(b) il-kontenut tal-informazzjoni ppubblikata taħt il-paragrafu 1, inkluża, mill-inqas, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 b'tali mod li tkun iffaċilitata l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni mitluba taħt dan l-Artikolu;

(c) ir-rekwiżiti organizzazzjonali konkreti stabbiliti fil-paragrafi 3, 4 u 5.

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 27h*

*Rekwiżiti organizzazzjonali għas-CTPs*

1. CTP għandu jkollu fis-seħħ politiki u arranġamenti adegwati sabiex jiġbor l-informazzjoni ppubblikata f'konformità mal-Artikoli 6 u 20, jikkonsolidaha fi fluss kontinwu ta' dejta elettronika, u jagħmel l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku mill-aktar qrib il-ħin reali li jkun teknikament possibbli, fuq bażi kummerċjali raġonevoli.

   Dik l-informazzjoni għandha tinkludi, mill-inqas, id-dettalji li ġejjin:

   (a) l-identifikatur tal-istrument finanzjarju;

   (b) il-prezz li bih ġiet konkluża t-tranżazzjoni;

   (c) il-volum tat-tranżazzjoni;

(d) il-ħin tat-tranżazzjoni;

(e) il-ħin li fih kienet irrapportata t-tranżazzjoni;

(f) in-notazzjoni tal-prezz tat-tranżazzjoni;

(g) il-kodiċi għaċ-ċentru ta' negozjar li fih ġiet eżegwita t-tranżazzjoni jew, fejn it-tranżazzjoni tkun ġiet eżegwita permezz ta’ internalizzatur sistematiku, il-kodiċi “SI” jew inkella l-kodiċi “OTC”;

(h) fejn applikabbli, il-fatt li algoritmu tal-kompjuter fi ħdan id-ditta ta’ investiment kien responsabbli għad-deċiżjoni tal-investiment u l-eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni;

(i) jekk applikabbli, indikatur li t-tranżazzjoni kienet soġġetta għal kundizzjonijiet speċifiċi;

(j) jekk l-obbligu li tiġi ppubblikata l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) kien irrinunzjat f'konformità mal-punt (a) jew (b) tal-Artikolu 4(1), markatura li tindika għal liema minn dawk ir-rinunzji ġiet soġġetta t-tranżazzjoni.

L-informazzjoni għandha tkun disponibbli bla ħlas 15-il minuta wara li s-CTP jkun ippubblikaha. Is-CTP għandu jkun jista' jxerred tali informazzjoni b'mod effiċjenti u konsistenti b'mod li jiżgura aċċess veloċi għall-informazzjoni, fuq bażi mhux diskriminatorja u f'formati li jkunu faċilment aċċessibbli u utilizzabbli għall-parteċipanti fis-suq.

2. CTP għandu jkollu fis-seħħ politiki u arranġamenti adegwati sabiex jiġbor l-informazzjoni ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 10 u mal-Artikolu 21, jikkonsolidaha fi fluss kontinwu ta' dejta elettronika, u jagħmel l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku mill-aktar qrib il-ħin reali li jkun teknikament possibbli, fuq bażi kummerċjali raġonevoli, inklużi, mill-inqas, id-dettalji li ġejjin:

(a) l-identifikatur jew fatturi ta' identifikazzjoni tal-istrument finanzjarju;

(b) il-prezz li bih ġiet konkluża t-tranżazzjoni;

(c) il-volum tat-tranżazzjoni;

(d) il-ħin tat-tranżazzjoni;

(e) il-ħin li fih kienet irrapportata t-tranżazzjoni;

(f) in-notazzjoni tal-prezz tat-tranżazzjoni;

(g) il-kodiċi għaċ-ċentru ta' negozjar li fih ġiet eżegwita t-tranżazzjoni jew, fejn it-tranżazzjoni tkun ġiet eżegwita permezz ta’ internalizzatur sistematiku, il-kodiċi “SI” jew inkella l-kodiċi “OTC”;

(h) jekk applikabbli, indikatur li t-tranżazzjoni kienet soġġetta għal kundizzjonijiet speċifiċi.

L-informazzjoni għandha tkun disponibbli bla ħlas 15-il minuta wara l-pubblikazzjoni tas-CTP. Is-CTP għandu jkun jista’ jxerred tali informazzjoni b’mod effiċjenti u konsistenti b’mod li jiżgura aċċess veloċi għall-informazzjoni, fuq bażi mhux diskriminatorja, u f’formati aċċettati b’mod ġenerali li jkunu interoperabbli u faċilment aċċessibbli u utilizzabbli għall-parteċipanti fis-suq.

3. Is-CTP għandu jiżgura li d-dejta pprovduta tkun ikkonsolidata mis-swieq regolati kollha, mill-MTFs, mill-OTFs u mill-APAs u għall-istrumenti finanzjarji speċifikati minn standards tekniċi regolatorji skont il-punt (c) tal-paragrafu 8.

4. Is-CTP għandu jopera u jżomm arranġamenti amministrattivi effettivi maħsuba sabiex jipprevjenu kunflitti ta’ interess. B’mod partikolari, operatur tas-suq, jew APA, li jopera ukoll tape konsolidat, għandu jittratta l-informazzjoni kollha miġbura b’mod mhux diskriminatorju u għandu jopera u jżomm arranġamenti xierqa sabiex jissepara funzjonijiet operattivi differenti.

5. Is-CTP għandu jkollu fis-seħħ mekkaniżmi tajba ta' sigurtà maħsuba sabiex jiggarantixxu s-sigurtà tal-mezzi tat-trasferiment tal-informazzjoni u jimminimizzaw ir-riskju tal-korruzzjoni tad-dejta u tal-aċċess mhux awtorizzat. Is-CTP għandu jżomm riżorsi adegwati u jkollu fis-seħħ faċilitajiet ta' riżerva sabiex joffri u jżomm is-servizzi tiegħu f'kull ħin.

6. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jiddeterminaw l-istandards tad-dejta u l-formati għall-informazzjoni li trid tiġi ppubblikata f'konformità mal-Artikoli 6, 10, 20 u 21, inklużi l-identifikatur tal-istrument finanzjarju, il-prezz, il-kwantità, il-ħin, in-notazzjoni tal-prezz, l-identifikatur tal-post u indikaturi għall-kundizzjonijiet speċifiċi li għalihom kienu soġġetti t-tranżazzjonijiet, kif ukoll arranġamenti tekniċi li jippromwovu tixrid effiċjenti u konsistenti tal-informazzjoni b'tali mod li jiġi żgurat li din tkun faċilment aċċessibbli u utilizzabbli għall-parteċipanti fis-suq kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, inkluża l-identifikazzjoni ta' servizzi addizzjonali li s-CTP jista' jwettaq u li jżidu l-effiċjenza tas-suq.

   Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

7. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tikkjarifika x'jikkostitwixxi bażi kummerċjali raġonevoli sabiex jiġi pprovdut aċċess għall-flussi ta' dejta msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

8. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw:

(a) il-mezzi li bihom is-CTP jista' jikkonforma mal-obbligi tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2;

(b) il-kontenut tal-informazzjoni ppubblikata taħt il-paragrafi 1 u 2;

(c) l-istrumenti finanzjarji, li d-dejta tagħhom trid tiġi pprovduta fil-fluss tad-dejta u għall-istrumenti mhux ta' ekwità, iċ-ċentri ta' negozjar u l-APAs li jeħtieġ li jiġu inklużi;

(d) mezzi oħrajn sabiex jiġi żgurat li d-dejta ppubblikata minn CTPs differenti tkun konsistenti u tippermetti mmappjar komprensiv u kontroreferenza ma' dejta simili minn sorsi oħrajn, u tkun tista' tiġi aggregata fil-livell tal-Unjoni;

(e) ir-rekwiżiti organizzazzjonali konkreti stabbiliti fil-paragrafi 4 u 5.

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 27i*

*Rekwiżiti organizzazzjonali għall-ARMs*

1. ARM għandu jkollu fis-seħħ politiki u arranġamenti adegwati sabiex jirrapporta l-informazzjoni meħtieġa taħt l-Artikolu 26 mill-aktar fis possibbli, u mhux aktar tard mill-għeluq tal-jum tax-xogħol ta' wara l-jum li fih tkun seħħet it-tranżazzjoni.

2. L-ARM għandu jopera u jżomm arranġamenti amministrattivi effettivi maħsuba sabiex jipprevjenu kunflitti ta' interess mal-klijenti tiegħu. B'mod partikolari, ARM li jkun ukoll operatur tas-suq jew ditta ta' investiment għandu jittratta l-informazzjoni kollha miġbura b'mod mhux diskriminatorju u għandu jopera u jżomm arranġamenti adegwati sabiex jissepara l-funzjonijiet kummerċjali differenti.

3. L-ARM għandu jkollu stabbiliti mekkaniżmi tajba ta' sigurtà maħsuba sabiex jiggarantixxu s-sigurtà u l-awtentikazzjoni tal-mezzi tat-trasferiment tal-informazzjoni, jimminimizzaw ir-riskju tal-korruzzjoni ta' dejta u tal-aċċess mhux awtorizzat u jipprevjenu l-ħruġ ta' informazzjoni, filwaqt li jżommu l-kunfidenzjalità tad-dejta f'kull ħin. L-ARM għandu jżomm riżorsi adegwati u jkollu fis-seħħ faċilitajiet ta' riżerva sabiex joffri u jżomm is-servizzi tiegħu f'kull ħin.

4. L-ARM għandu jkollu fis-seħħ sistemi li jkunu jistgħu jivverifikaw b’mod effettiv ir-rapporti tat-tranżazzjonijiet għall-kompletezza, jidentifikaw ommissjonijiet u żbalji ovvji kkawżati mid-ditta ta’ investiment, u fejn iseħħu tali żball jew tali ommissjoni, jikkomunikaw id-dettalji tal-iżball jew tal-omissjoni lid-ditta ta’ investiment u jitolbu t-trażmissjoni mill-ġdid ta’ kwalunkwe tali rapport żbaljat.

L-ARM għandu jkollu stabbiliti sistemi li jippermettu lill-ARM jinduna bi żbalji jew ommissjonijiet ikkawżati mill-ARM innifsu u li jippermettu lill-ARM jikkoreġi u jittrażmetti, jew jittrażmetti mill-ġdid, skont kif ikun il-każ, rapporti korretti u kompleti ta' tranżazzjonijiet lill-awtorità kompetenti.

5. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta’ standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw:

(a) il-mezzi li bihom l-ARM jista’ jikkonforma mal-obbligu tal-informazzjoni msemmi fil-paragrafu 1; u

(b) ir-rekwiżiti organizzazzjonali konkreti stipulati fil-paragrafi 2, 3 u 4.

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;

(7) jiddaħħal it-Titolu li ġej:

"TITOLU VIa
Is-setgħat u l-kompetenzi tal-ESMA

KAPITOLU 1
KOMPETENZI U PROĊEDURI

*Artikolu 38a*
*L-eżerċizzju tas-setgħat tal-ESMA*

Is-setgħat mogħtija lill-ESMA jew lil kwalunkwe uffiċjal tal-ESMA jew persuna oħra awtorizzata mill-ESMA skont l-Artikoli 38b sa 38e ma għandhomx jintużaw sabiex jesiġu d-divulgazzjoni ta' informazzjoni jew dokumenti li jkunu soġġetti għal privileġġ legali.

*Artikolu 38b*
*Talba għall-informazzjoni*

1. L-ESMA tista', permezz ta' talba sempliċi jew b'deċiżjoni, titlob lill-persuni li ġejjin jipprovdu l-informazzjoni kollha sabiex l-ESMA tkun tista' taqdi dmirijietha taħt dan ir-Regolament:

   (a) APA, CTP, ARM, fejn ikunu taħt is-superviżjoni tal-ESMA, u ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li joperaw ċentru ta' negozjar sabiex joperaw is-servizzi ta' rapportar ta' dejta ta' APA, CTP jew ARM, kif ukoll il-persuni li jikkontrollawhom jew li huma kkontrollati minnhom;

(b) il-maniġers tal-persuni msemmija fil-punt (a);

(c) l-awdituri u l-konsulenti tal-persuni msemmija fil-punt (a).

2. Kwalunkwe talba sempliċi għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha:

(a) tirreferi għal dan l-Artikolu bħala l-bażi ġuridika ta’ dik it-talba;

(b) tiddikjara l-iskop tat-talba;

(c) tispeċifika l-informazzjoni meħtieġa;

(d) tinkludi limitu ta’ żmien li fih trid tiġi pprovduta l-informazzjoni;

(e) tinkludi dikjarazzjoni li ma hemm ebda obbligu fuq il-persuna li mingħandha tintalab l-informazzjoni sabiex tipprovdi dik l-informazzjoni iżda li f’każ ta’ tweġiba volontarja għat-talba, l-informazzjoni pprovduta ma tridx tkun skorretta jew qarrieqa;

(f) tindika l-ammont tal-multa li trid tiġi imposta f’konformità mal-Artikolu 38h fejn l-informazzjoni pprovduta tkun skorretta jew qarrieqa.

3. Meta titlob il-forniment ta' informazzjoni taħt il-paragrafu 1 b’deċiżjoni, l-ESMA għandha:

(a) tirreferi għal dan l-Artikolu bħala l-bażi ġuridika ta’ dik it-talba;

(b) tiddikjara l-iskop tat-talba;

(c) tispeċifika l-informazzjoni meħtieġa;

(d) tistabbilixxi limitu ta' żmien li fih trid tiġi pprovduta l-informazzjoni;

(e) tindika l-ħlasijiet perjodiċi ta' penali previsti fl-Artikolu 38i fejn il-produzzjoni tal-informazzjoni meħtieġa ma tkunx kompluta;

(f) tindika l-multa prevista fl-Artikolu 38h, fejn it-tweġibiet għall-mistoqsijiet li jsiru jkunu skorretti jew qarrieqa;

(g) tindika d-dritt għal appell tad-deċiżjoni quddiem il-Bord tal-Appell tal-ESMA u għal rieżami tad-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-"Qorti tal-Ġustizzja") f'konformità mal-Artikoli 60 u 61 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

4. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 jew ir-rappreżentanti tagħhom u, fil-każ ta' persuni ġuridiċi jew assoċjazzjonijiet li ma għandhomx personalità ġuridika, il-persuni awtorizzati biex jirrappreżentawhom bil-liġi jew bl-istatuti tagħhom għandhom ifornu l-informazzjoni mitluba. Avukati debitament awtorizzati li jaġixxu jistgħu jipprovdu l-informazzjoni f'isem il-klijenti tagħhom. Dawn tal-aħħar għandhom jibqgħu responsabbli b'mod sħiħ jekk l-informazzjoni mogħtija tkun mhux kompluta, skorretta jew qarrieqa.

5. L-ESMA għandha tibgħat, mingħajr dewmien bla bżonn, kopja tat-talba sempliċi jew tad-deċiżjoni tagħha lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-persuni msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 38c*

*Investigazzjonijiet ġenerali*

1. Sabiex taqdi dmirijietha taħt dan ir-Regolament, l-ESMA tista' twettaq l-investigazzjonijiet meħtieġa tal-persuni msemmija fl-Artikolu 38b(1). Għal dak il-għan, l-uffiċjali u persuni oħrajn awtorizzati mill-ESMA huma mogħtija s-setgħa li:

   (a) jeżaminaw kwalunkwe rekord, dejta, proċedura u kwalunkwe materjal ieħor rilevanti għat-twettiq tal-kompiti tagħha irrispettivament mill-mezz li fuqu jkunu miżmumin;

   (b) jieħdu jew jakkwistaw kopji ċċertifikati ta', jew siltiet minn, tali rekords, dejta, proċeduri u materjal ieħor;

   (c) isejħu u jitolbu lil kwalunkwe persuna msemmija fl-Artikolu 38b(1) jew lir-rappreżentanti jew membri tal-persunal tagħhom għal spjegazzjonijiet bil-fomm jew bil-miktub dwar fatti jew dokumenti relatati mas-suġġett u l-fini tal-ispezzjoni u sabiex jinżamm rekord tat-tweġibiet;

   (d) jintervistaw kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra li tagħti l-kunsens li tiġi intervistata bil-fini li tingħabar informazzjoni relatata mas-suġġett ta' investigazzjoni;

   (e) jitolbu rekords tat-traffiku tat-telefon u tad-dejta.

2. L-uffiċjali u persuni oħra awtorizzati mill-ESMA għall-finijiet tal-investigazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom meta jipproduċu awtorizzazzjoni bil-miktub li tispeċifika s-suġġett u l-fini tal-investigazzjoni. Dik l-awtorizzazzjoni għandha tindika wkoll il-ħlasijiet perjodiċi ta' penali previsti fl-Artikolu 38i fejn il-produzzjoni tar-rekords, dejta u proċeduri meħtieġa jew ta' kwalunkwe materjal ieħor meħtieġ, jew it-tweġibiet għall-mistoqsijiet li jsiru lill-persuni msemmija fl-Artikolu 38b(1), ma jiġux ipprovduti jew ma jkunux kompluti, kif ukoll il-multi previsti fl-Artikolu 38h, fejn it-tweġibiet għall-mistoqsijiet li jsiru lill-persuni msemmija fl-Artikolu 38b(1) ikunu skorretti jew qarrieqa.

3. Il-persuni msemmija fl-Artikolu 38b(1) għandhom jissottomettu għal investigazzjonijiet imnedija abbażi ta' deċiżjoni tal-ESMA. Id-deċiżjoni għandha tispeċifika s-suġġett u l-fini tal-investigazzjoni, il-ħlasijiet perjodiċi ta' penali previsti fl-Artikolu 38i, ir-rimedji legali disponibbli taħt ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u d-dritt għal rieżami tad-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja.

4. Fi żmien adatt qabel l-investigazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-ESMA għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn trid titwettaq l-investigazzjoni dwar l-investigazzjoni u l-identità tal-persuni awtorizzati. L-uffiċjali tal-awtorità kompetenti kkonċernata għandhom, fuq talba tal-ESMA, jassistu lil dawk il-persuni awtorizzati fit-twettiq ta' dmirijiethom. L-uffiċjali tal-awtorità kompetenti kkonċernata jistgħu jattendu wkoll l-investigazzjonijiet jekk jintalbu jagħmlu dan.

5. Jekk talba għal rekords tat-traffiku tat-telefon jew tad-dejta msemmija fil-punt (e) tal-paragrafu 1 tkun teħtieġ awtorizzazzjoni minn awtorità ġudizzjarja skont il-liġi nazzjonali applikabbli, għandha ssir applikazzjoni għal tali awtorizzazzjoni. Tista' ssir applikazzjoni għal tali awtorizzazzjoni wkoll bħala miżura ta' prekawzjoni.

6. Fejn awtorità ġudizzjarja nazzjonali tirċievi applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' talba għal rekords tat-traffiku tat-telefon jew tad-dejta msemmija fil-punt (e) tal-paragrafu 1, dik l-awtorità għandha tivverifika dawn li ġejjin:

   (a) li d-deċiżjoni adottata mill-ESMA msemmija fil-paragrafu 3 tkun awtentika;

   (b) li kwalunkwe miżura li trid tittieħed tkun proporzjonata u mhux arbitrarja jew eċċessiva.

   Għall-finijiet tal-punt (b), l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali tista' titlob lill-ESMA għal spjegazzjonijiet dettaljati, b'mod partikolari relatati mar-raġunijiet li jkollha l-ESMA biex tissuspetta li seħħ ksur ta' dan ir-Regolament u s-serjetà tal-ksur suspettat u n-natura tal-involviment tal-persuna soġġetta għall-miżuri koerċittivi. Madankollu, l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali ma għandhiex tirrivedi l-ħtieġa għal investigazzjoni jew titlob li tiġi pprovduta bl-informazzjoni fil-fajl tal-ESMA. Il-legalità tad-deċiżjoni tal-ESMA għandha tkun soġġetta għal rieżami biss mill-Qorti tal-Ġustizzja skont il-proċedura stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 38d*

*Spezzjonijiet fuq il-post*

1. Sabiex taqdi dmirijietha taħt dan ir-Regolament, l-ESMA tista' twettaq l-ispezzjonijiet fuq il-post kollha meħtieġa fi kwalunkwe bini tan-negozju tal-persuni msemmija fl-Artikolu 38b(1).

2. L-uffiċjali u persuni oħrajn awtorizzati mill-ESMA sabiex iwettqu spezzjoni fuq il-post jistgħu jidħlu fi kwalunkwe bini tan-negozju tal-persuni soġġetti għal deċiżjoni ta' investigazzjoni adottata mill-ESMA u għandu jkollhom is-setgħat kollha stipulati fl-Artikolu 38b(1). Għandu jkollhom ukoll is-setgħa li jissiġillaw kwalunkwe bini u ktieb jew reġistru ta' negozju għall-perjodu tal-ispezzjoni u sa fejn meħtieġ għall-ispezzjoni.

3. Fi żmien suffiċjenti qabel l-ispezzjoni, l-ESMA għandha tagħti avviż tal-ispezzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun trid titwettaq l-ispezzjoni. Fejn it-twettiq korrett u l-effiċjenza tal-ispezzjoni jkunu jirrikjedu dan, l-ESMA tista', wara li tinforma lill-awtorità kompetenti rilevanti, twettaq l-ispezzjoni fuq il-post mingħajr notifika minn qabel. L-ispezzjonijiet f'konformità ma' dan l-Artikolu għandhom jitwettqu dment li l-awtorità kompetenti rilevanti tkun ikkonfermat li hija ma toġġezzjonax għal dawk l-ispezzjonijiet.

4. L-uffiċjali u persuni oħrajn awtorizzati mill-ESMA sabiex iwettqu spezzjoni fuq il-post għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom billi jipproduċu awtorizzazzjoni bil-miktub li tispeċifika s-suġġett u l-fini tal-ispezzjoni u l-ħlasijiet perjodiċi ta' penali previsti fl-Artikolu 38i fejn il-persuni kkonċernati ma jissottomettux għall-ispezzjoni.

5. Il-persuni msemmija fl-Artikolu 38b(1) għandhom jissottomettu għall-ispezzjonijiet fuq il-post ordnati b'deċiżjoni tal-ESMA. Id-deċiżjoni għandha tispeċifika s-suġġett u l-fini tal-ispezzjoni, tiffissa d-data meta din għandha tibda u tindika l-pagamenti perjodiċi ta' penali previsti fl-Artikolu 38i, ir-rimedji legali disponibbli taħt ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 kif ukoll id-dritt għal rieżami tad-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja.

6. L-uffiċjali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn trid titwettaq l-ispezzjoni, kif ukoll dawk awtorizzati jew maħtura minnha, għandhom, fuq talba tal-ESMA, jassistu b'mod attiv lill-uffiċjali u lil persuni oħrajn awtorizzati mill-ESMA. L-uffiċjali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat jistgħu jattendu wkoll l-ispezzjonijiet fuq il-post.

7. L-ESMA tista' teżiġi wkoll li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu kompiti investigattivi speċifiċi u spezzjonijiet fuq il-post kif previst f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 38b(1) f'isimha.

8. Fejn l-uffiċjali u persuni oħrajn li jakkumpanjawhom awtorizzati mill-ESMA jsibu li persuna topponi spezzjoni ordnata skont dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tagħtihom l-assistenza meħtieġa, billi titlob, fejn xieraq, l-assistenza tal-pulizija jew ta' awtorità tal-infurzar ekwivalenti, sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-ispezzjoni tagħhom fuq il-post.

9. Jekk l-ispezzjoni fuq il-post prevista fil-paragrafu 1 jew jekk l-assistenza prevista fil-paragrafu 7 tkun teħtieġ awtorizzazzjoni minn awtorità ġudizzjarja skont il-liġi nazzjonali, għandha ssir applikazzjoni għal tali awtorizzazzjoni. Tali awtorizzazzjoni tista' tiġi applikata wkoll bħala miżura ta' prekawzjoni.

10. Fejn awtorità ġudizzjarja nazzjonali tirċievi applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' spezzjoni fuq il-post prevista fil-paragrafu 1 jew l-assistenza prevista fil-paragrafu 7, dik l-awtorità għandha tivverifika dawn li ġejjin:

(a) li d-deċiżjoni adottata mill-ESMA msemmija fil-paragrafu 5 tkun awtentika;

(b) li kwalunkwe miżura li trid tittieħed tkun proporzjonata u mhux arbitrarja jew eċċessiva.

Għall-finijiet tal-punt (b), l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali tista' titlob lill-ESMA għal spjegazzjonijiet dettaljati, b'mod partikolari relatati mar-raġunijiet li jkollha l-ESMA biex tissuspetta li seħħ ksur ta' dan ir-Regolament u s-serjetà tal-ksur suspettat u n-natura tal-involviment tal-persuna soġġetta għall-miżuri koerċittivi. Madankollu, l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali ma għandhiex tirrivedi l-ħtieġa għal investigazzjoni jew titlob li tiġi pprovduta bl-informazzjoni fil-fajl tal-ESMA. Il-legalità tad-deċiżjoni tal-ESMA għandha tkun soġġetta għal rieżami biss mill-Qorti tal-Ġustizzja skont il-proċedura stabbilità fir-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 38e*

*Skambju ta' informazzjoni*

L-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti għandhom, mingħajr dewmien żejjed, jipprovdu lil xulxin bl-informazzjoni meħtieġa għall-finijiet tal-qadi ta' dmirijiethom taħt dan ir-Regolament.

*Artikolu 38f*

*Segretezza professjonali*

L-obbligu tas-segretezza professjonali msemmi fl-Artikolu 76 tad-Direttiva 2014/65/UE għandu japplika għall-ESMA u għall-persuni kollha li jaħdmu jew li ħadmu għall-ESMA, jew għal kwalunkwe persuna oħra li lilha l-ESMA tkun iddelegat xi kompiti, inklużi awdituri u esperti li jkunu ngħataw kuntratt mill-ESMA.

*Artikolu 38g*

*Miżuri superviżorji mill-ESMA*

1. Fejn l-ESMA ssib li persuna elenkata fil-punt (a) tal-Artikolu 38b(1) tkun wettqet xi wieħed mit-tipi ta' ksur tar-rekwiżiti previsti fit-Titolu IVa, hija għandha tieħu waħda jew aktar mill-azzjonijiet li ġejjin:

   (a) tadotta deċiżjoni li titlob lill-persuna ttemm il-ksur;

   (b) tadotta deċiżjoni li timponi multi skont l-Artikoli 38h u 38i;

   (c) toħroġ avviżi pubbliċi.

2. Meta tieħu l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-ESMA għandha tqis in-natura u s-serjetà tal-ksur, filwaqt li tqis il-kriterji li ġejjin:

   (a) it-tul ta' żmien u l-frekwenza tal-ksur;

   (b) jekk ir-reat finanzjarju ġiex ikkawżat jew iffaċilitat mill-ksur jew huwiex b'xi mod ieħor attribwibbli għall-ksur;

   (c) jekk il-ksur twettaqx intenzjonalment jew b'negliġenza;

   (d) il-livell tar-responsabbiltà tal-persuna responsabbli għall-ksur;

(e) is-saħħa finanzjarja tal-persuna responsabbli għall-ksur, kif indikat mill-fatturat totali tal-persuna ġuridika responsabbli jew l-introjtu annwali u l-assi netti tal-persuna fiżika responsabbli;

(f) l-impatt tal-ksur fuq l-interessi tal-investituri;

(g) l-importanza tal-profitti miksuba, it-telf evitat mill-persuna responsabbli għall-ksur jew it-telf għall-partijiet terzi minħabba l-ksur, sa fejn dawn ikunu jistgħu jiġu stabbiliti;

(h) il-livell ta' kooperazzjoni tal-persuna responsabbli għall-ksur mal-ESMA, mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li tiġi żgurata l-eliminazzjoni tal-profitti miksuba jew tat-telf evitat minn dik il-persuna;

(i) ksur preċedenti mill-persuna responsabbli għall-ksur;

(j) il-miżuri meħuda wara l-ksur mill-persuna responsabbli għall-ksur sabiex jiġi impedut li l-ksur jiġi ripetut.

3. Mingħajr dewmien bla bżonn, l-ESMA għandha tinnotifika kwalunkwe azzjoni meħuda skont il-paragrafu 1 lill-persuna responsabbli għall-ksur u għandha tikkomunikaha lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u lill-Kummissjoni. Hija għandha tiddivulga pubblikament kwalunkwe tali azzjoni fis-sit web tagħha fi żmien 10 ijiem tax-xogħol mid-data meta tkun ittieħdet.

Id-divulgazzjoni lill-pubbliku msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tinkludi dan li ġej:

(a) dikjarazzjoni li tafferma d-dritt tal-persuna responsabbli għall-ksur li tappella d-deċiżjoni;

(b) fejn rilevanti, dikjarazzjoni li tafferma li ġie ppreżentat appell u li tispeċifika li tali appell ma għandux effett sospensiv;

(c) dikjarazzjoni li tasserixxi li huwa possibbli li l-Bord tal-Appell tal-ESMA jissospendi l-applikazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata f'konformità mal-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

KAPITOLU 2
Sanzjonijiet amministrattivi u miżuri amministrattivi oħrajn

*Artikolu 38h*
*Multi*

1. Fejn, f'konformità mal-Artikolu 38k(5), l-ESMA ssib li kwalunkwe persuna wettqet, intenzjonalment jew b'mod negliġenti, wieħed jew aktar mit-tipi ta' ksur tar-rekwiżiti previsti fit-Titolu IVa, hija għandha tadotta deċiżjoni li timponi multa f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Ksur għandu jitqies bħala li twettaq intenzjonalment jekk l-ESMA ssib fatturi oġġettivi li juru li persuna aġixxiet deliberatament biex twettaq il-ksur.

2. L-ammont massimu tal-multa msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun EUR 200 000 jew, fl-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali.

3. Meta tiġi biex tiddetermina l-livell ta' multa skont il-paragrafu 1, l-ESMA għandha tqis il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 38g(2).

*Artikolu 38i*

*Ħlasijiet perjodiċi ta' penali*

1. L-ESMA għandha, permezz ta' deċiżjoni, timponi ħlasijiet perjodiċi ta' penali sabiex iġġiegħel:

(a) persuna ttemm ksur f'konformità ma' deċiżjoni meħuda skont il-punt (a) tal-Artikolu 38g(1);

(b) persuna msemmija fl-Artikolu 38b(1):

(i) tipprovdi informazzjoni kompleta li tkun intalbet permezz ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 38b;

(ii) tissottometti għal investigazzjoni u, b'mod partikolari, tipproduċi rekords, dejta u proċeduri kompluti jew kwalunkwe materjal ieħor meħtieġ u timla u tikkoreġi informazzjoni oħra pprovduta f'investigazzjoni mnedija permezz ta' deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 38c;

(iii) tissottometti għal spezzjoni fuq il-post ordnata permezz ta' deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 38d.

2. Il-ħlas perjodiku ta' penali għandu jkun effettiv u proporzjonat. Il-ħlas perjodiku ta' penali għandu jiġi impost għal kull ġurnata ta' dewmien.

3. Minkejja l-paragrafu 2, l-ammont tal-ħlasijiet perjodiċi ta' penali għandu jkun 3 % tal-fatturat medju ta' kuljum fis-sena finanzjarja preċedenti, jew, fil-każ ta' persuni fiżiċi, 2 % tal-introjtu medju ta' kuljum fis-sena kalendarja preċedenti. Għandu jiġi kkalkolat mid-dejta stipulata fid-deċiżjoni li timponi l-ħlasijiet perjodiċi ta' penali.

4. Ħlas perjodiku ta' penali għandu jiġi impost għal perijodu massimu ta' sitt xhur wara n-notifika tad-deċiżjoni tal-ESMA. Wara li dan il-perijodu jintemm, l-ESMA għandha tirrivedi l-miżura.

*Artikolu 38j*

*Id-divulgazzjoni, in-natura, l-infurzar u l-allokazzjoni tal-multi u tal-ħlasijiet perjodiċi ta' penali*

1. L-ESMA għandha tiddivulga lill-pubbliku kull multa u ħlas perjodiku ta' penali li jkunu ġew imposti skont l-Artikoli 38h u 38i sakemm tali divulgazzjoni lill-pubbliku ma tipperikolax serjament is-swieq finanzjarji jew sakemm ma tikkawżax dannu sproporzjonat lill-partijiet involuti. Tali divulgazzjoni ma għandhiex tinkludi dejta personali fis-sens tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

2. Il-multi u l-ħlasijiet perjodiċi ta' penali imposti skont l-Artikoli 38h u 38i għandhom ikunu ta' natura amministrattiva.

3. Fejn l-ESMA tiddeċiedi li ma timponi ebda multa jew ħlas ta' penali, hija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat u għandha tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

4. Il-multi u l-ħlasijiet perjodiċi ta' penali imposti skont l-Artikoli 38h u 38i għandhom ikunu infurzabbli.

5. L-infurzar għandu jkun iggvernat mir-regoli tal-proċedura fis-seħħ fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun seħħ.

6. L-ammonti tal-multi u tal-ħlasijiet perjodiċi ta' penali għandhom jiġu allokati lill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 38k*

*Regoli proċedurali sabiex jittieħdu miżuri superviżorji u jiġu imposti multi*

1. Fejn, fil-qadi ta' dmirijietha taħt dan ir-Regolament, l-ESMA ssib li hemm indikazzjonijiet serji tal-eżistenza possibbli ta' fatti li jistgħu jikkostitwixxu wieħed jew aktar mit-tipi ta' ksur tar-rekwiżiti previsti fit-Titolu IVa, l-ESMA għandha taħtar uffiċjal indipendenti ta' investigazzjoni fi ħdan l-ESMA sabiex jinvestiga l-kwistjoni. L-uffiċjal maħtur ma għandux jiġi involut jew ikun ġie involut direttament jew indirettament fis-superviżjoni jew fil-proċess ta' awtorizzazzjoni tal-fornitur ikkonċernat ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta u għandu jwettaq il-funzjonijiet tiegħu indipendentement mill-ESMA.

2. L-uffiċjal ta' investigazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 għandu jinvestiga l-allegat ksur, filwaqt li jqis kwalunkwe kumment ippreżentat mill-persuni li jkunu soġġetti għall-investigazzjonijiet, u għandu jissottometti fajl komplut bil-konstatazzjonijiet tiegħu lill-ESMA.

3. Sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu, l-uffiċjal ta' investigazzjoni jista' jeżerċita s-setgħa li jitlob informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 38b u li jwettaq investigazzjonijiet u spezzjonijiet fuq il-post f'konformità mal-Artikoli 38c u 38d.

4. Meta jwettaq il-kompiti tiegħu, l-uffiċjal ta' investigazzjoni għandu jkollu aċċess għad-dokumenti u l-informazzjoni kollha miġbura mill-ESMA fl-attivitajiet superviżorji tagħha.

5. Meta jlesti l-investigazzjoni tiegħu u qabel ma jippreżenta l-fajl bil-konstatazzjonijiet tiegħu lill-ESMA, l-uffiċjal ta' investigazzjoni għandu jagħti lill-persuni soġġetti għall-investigazzjonijiet l-opportunità li jinstemgħu fir-rigward tal-materji li jkunu s-suġġett tal-investigazzjoni. L-uffiċjal ta' investigazzjoni għandu jibbaża l-konstatazzjonijiet tiegħu biss fuq fatti li dwarhom il-persuni kkonċernati kellhom l-opportunità jikkummentaw.

6. Matul l-investigazzjonijiet taħt dan l-Artikolu, id-drittijiet tad-difiża tal-persuni soġġetti għall-investigazzjonijiet għandhom jiġu osservati b'mod sħiħ.

7. Meta jissottometti l-fajl bil-konstatazzjonijiet tiegħu lill-ESMA, l-uffiċjal ta' investigazzjoni għandu jinnotifika lill-persuni li jkunu soġġetti għall-investigazzjonijiet. Il-persuni soġġetti għall-investigazzjonijiet għandhom ikunu intitolati li jkollhom aċċess għall-fajl, soġġett għall-interess leġittimu ta' persuni oħra fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom. Id-dritt ta' aċċess għall-fajl ma għandux jiġi estiż għal informazzjoni kunfidenzjali li taffettwa lil partijiet terzi.

8. Abbażi tal-fajl li jkun fih il-konstatazzjonijiet tal-uffiċjal ta' investigazzjoni u, meta jintalab mill-persuni soġġetti għall-investigazzjonijiet, wara li tkun semgħet lil dawk il-persuni f'konformità mal-Artikolu 38l, l-ESMA għandha tiddeċiedi jekk wieħed jew aktar mit-tipi ta' ksur tar-rekwiżiti previsti fit-Titolu IVa jkunux twettqu mill-persuni soġġetti għall-investigazzjonijiet u, f'tali każ, għandha tieħu miżura superviżorja f'konformità mal-Artikolu 38g.

9. L-uffiċjal ta' investigazzjoni ma għandux jipparteċipa f'deliberazzjonijiet tal-ESMA jew b'xi mod ieħor jintervjeni fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni tal-ESMA.

10. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50 sal-1 ta' Ottubru 2021 biex tispeċifika aktar ir-regoli ta' proċedura għall-eżerċizzju tas-setgħa li jiġu imposti multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali, inklużi dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet ta' difiża, dispożizzjonijiet temporali u l-ġbir ta' multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali, kif ukoll il-perjodi ta' limitazzjoni għall-impożizzjoni u l-infurzar ta' multi u ħlasijiet perjodiċi ta' penali.

11. L-ESMA għandha tirreferi kwistjonijiet għall-prosekuzzjoni kriminali lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti fejn, fil-qadi ta' dmirijietha taħt dan ir-Regolament, jirriżultalha li hemm indikazzjonijiet serji tal-eżistenza possibbli ta' fatti li jkunu jistgħu jikkostitwixxu reati kriminali. Barra minn hekk, l-ESMA għandha żżomm lura milli timponi multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali fejn il-liberazzjoni mill-akkuża jew kundanna preċedenti, riżultanti minn fatt jew fatti identiċi li jkunu sostanzjalment l-istess, ikunu diġà kisbu l-forza ta' res judicata bħala riżultat ta' proċedimenti kriminali taħt il-liġi nazzjonali.

*Artikolu 38l*

*Smigħ tal-persuni kkonċernati*

1. Qabel tieħu kwalunkwe deċiżjoni skont l-Artikoli 38g, 38h u 38i, l-ESMA għandha tagħti lill-persuni soġġetti għall-proċedimenti l-opportunità li jinstemgħu dwar il-konstatazzjonijiet tagħha. L-ESMA għandha tibbaża d-deċiżjonijiet tagħha unikament fuq konstatazzjonijiet li dwarhom il-persuni soġġetti għall-proċedimenti kellhom l-opportunità li jikkummentaw.

   L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika jekk tkun meħtieġa azzjoni urġenti sabiex ma titħalliex li ssir ħsara sinifikanti u imminenti lis-sistema finanzjarja. F'tali każ, l-ESMA tista' tadotta deċiżjoni interim u għandha tagħti lill-persuni kkonċernati l-opportunità li jinstemgħu malajr kemm jista' jkun wara li tieħu d-deċiżjoni tagħha.

2. Id-drittijiet tad-difiża tal-persuni soġġetti għall-investigazzjonijiet għandhom jiġu rispettati bis-sħiħ matul il-proċedimenti. Għandhom ikunu intitolati li jkollhom aċċess għall-fajl tal-ESMA, soġġett għall-interess leġittimu ta' persuni oħrajn fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom. Id-dritt ta' aċċess għall-fajl ma għandux jestendi għal informazzjoni kunfidenzjali jew għad-dokumenti preparatorji interni tal-ESMA.

*Artikolu 38m*

*Rieżami mill-Qorti tal-Ġustizzja*

Il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha ġuriżdizzjoni illimitata biex tirrieżamina deċiżjonijiet li bihom l-ESMA tkun imponiet multa jew ħlas perjodiku ta' penali. Hija tista' tannulla, tnaqqas jew iżżid il-multa jew il-ħlas perjodiku ta' penali imposti.

*Artikolu 38n*

*Tariffi għall-awtorizzazzjoni u għas-superviżjoni*

1. L-ESMA għandha timponi tariffi lill-fornituri ta’ servizzi ta’ rapportar ta' dejta f’konformità ma’ dan ir-Regolament u f’konformità mal-atti delegati adottati skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Dawk it-tariffi għandhom ikopru b’mod sħiħ in-nefqa meħtieġa tal-ESMA li tirrigwarda l-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tal-fornituri ta’ servizzi ta’ rapportar ta' dejta u r-rimborż ta’ kwalunkwe kostijiet li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jġarrbu fit-twettiq tax-xogħol skont dan ir-Regolament, b’mod partikolari bħala riżultat ta’ kwalunkwe delega ta' kompiti f’konformità mal-Artikolu 38o.

2. L-ammont ta’ tariffa individwali imposta lil fornitur partikolari ta’ servizzi ta’ rapportar ta' dejta għandu jkopri l-kostijiet amministrattivi kollha mġarrba mill-ESMA għall-attivitajiet ta' awtorizzazzjoni u superviżjoni fir-rigward ta' dak il-fornitur.. Dan għandu jkun proporzjonat għall-fatturat tal-fornitur ta’ servizzi ta’ rapportar ta' dejta.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f’konformità mal-Artikolu 50 sal-1 ta’ Ottubru 2021 sabiex tispeċifika t-tip ta’ tariffi, il-materji li għalihom ikunu dovuti t-tariffi, l-ammont tat-tariffi u l-mod kif għandhom jitħallsu.

*Artikolu 38o*

*Id-delega ta' kompiti mill-ESMA lill-awtoritajiet kompetenti*

1. Fejn meħtieġ għat-twettiq xieraq ta' kompitu superviżorju, l-ESMA tista' tiddelega kompiti superviżorji speċifiċi lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru skont il-linji gwida maħruġin mill-ESMA skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 1095/2010. Tali kompiti superviżorji speċifiċi jistgħu, b'mod partikolari, jinkludu s-setgħa li jitwettqu talbiet għal informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 38b u li jsiru investigazzjonijiet u spezzjonijiet fuq il-post f'konformità mal-Artikoli 38c u 38d.

2. Qabel tiddelega kompitu, l-ESMA għandha tikkonsulta lill-awtorità kompetenti rilevanti dwar:

   (a) l-ambitu tal-kompitu li għandu jiġi ddelegat;

   (b) l-iskeda ta' żmien għat-twettiq tal-kompitu; u

   (c) it-trażmissjoni tal-informazzjoni meħtieġa mill-ESMA u lilha.

3. F'konformità mal-att delegat adottat skont l-Artikolu 38n(3), l-ESMA għandha tirrimborża lil awtorità kompetenti għall-kostijiet imġarrba minħabba t-twettiq tal-kompiti ddelegati.

4. L-ESMA għandha tirrivedi d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 f'intervalli xierqa. Delega tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin.

5. Delega ta' kompiti ma għandhiex taffettwa r-responsabbiltà tal-ESMA u lanqas tillimita l-kapaċità tal-ESMA li twettaq u tissorvelja l-attività ddelegata.

______________

* Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).";

(8) fl-Artikolu 40, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-ESMA għandha tirrivedi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta taħt il-paragrafu 1 f'intervalli xierqa, u tal-inqas kull sitt xhur. Wara tal-inqas żewġ tiġdidiet konsekuttivi u abbażi ta' analiżi xierqa sabiex jiġi vvalutat l-impatt fuq il-konsumatur, l-ESMA tista' tiddeċiedi dwar it-tiġdid annwali tal-projbizzjoni jew restrizzjoni.";

(9) fl-Artikolu 41, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-EBA għandha tirrivedi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta taħt il-paragrafu 1 f'intervalli xierqa u tal-inqas kull sitt xhur. Wara tal-inqas żewġ tiġdidiet konsekuttivi u abbażi ta' analiżi xierqa sabiex jiġi vvalutat l-impatt fuq il-konsumatur, l-EBA tista' tiddeċiedi dwar it-tiġdid annwali tal-projbizzjoni jew restrizzjoni.";

(10) l-Artikolu 50 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 1(9), fl-Artikolu 2(2) u (3), fl-Artikolu 13(2), fl-Artikolu 15(5), fl-Artikolu 17(3), fl-Artikolu 19(2) u (3), fl-Artikolu 27(4), fl-Artikolu 27g(7), fl-Artikolu 27h(7), fl-Artikolu 31(4), fl-Artikolu 38k(10), fl-Artikolu 38n(3), fl-Artikolu 40(8), fl-Artikolu 41(8), fl-Artikolu 42(7), fl-Artikolu 45(10) u fl-Artikolu 52(10), (12) u (14) hija mogħtija għal perjodu indeterminat mit-2 ta' Lulju 2014.";

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 1(9), fl-Artikolu 2(2) u (3), fl-Artikolu 13(2), fl-Artikolu 15(5), fl-Artikolu 17(3), fl-Artikolu 19(2) u (3), fl-Artikolu 27(4), fl-Artikolu 27g(7), fl-Artikolu 27h(7), fl-Artikolu 31(4), fl-Artikolu 38k(10), fl-Artikolu 38n(3), fl-Artikolu 40(8), fl-Artikolu 41(8), fl-Artikolu 42(7), fl-Artikolu 45(10) u fl-Artikolu 52(10), (12) u (14) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.";

(c) fil-paragrafu 5, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Att delegat adottat skont l-Artikolu 1(9), l-Artikolu 2(2) u (3), l-Artikolu 13(2), l-Artikolu 15(5), l-Artikolu 17(3), l-Artikolu 19(2) u (3), l-Artikolu 27(4), l-Artikolu 27g(7), l-Artikolu 27h(7), l-Artikolu 31(4), l-Artikolu 38k(10), l-Artikolu 38n(3), l-Artikolu 40(8), l-Artikolu 41(8), l-Artikolu 42(7), l-Artikolu 45(10) u l-Artikolu 52(10), (12) u (14) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw";

(11) fl-Artikolu 52, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"13. Il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-ESMA, tippreżenta rapporti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament tat-tape konsolidat stabbilit f'konformità mat-Titolu IVa. Ir-rapport relatat mal-Artikolu 27h(1) għandu jiġi ppreżentat sat-3 ta' Settembru 2019. Ir-rapport relatat mal-Artikolu 27h(2) għandu jiġi ppreżentat sat-3 ta' Settembru 2021.

Ir-rapporti msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jivvalutaw il-funzjonament tat-tape konsolidat fl-isfond tal-kriterji li ġejjin:

(a) id-disponibbiltà u l-puntwalità tal-informazzjoni wara n-negozjar f'format ikkonsolidat li jiġbor it-tranżazzjonijiet kollha, irrispettivament minn jekk jitwettqux f'ċentri ta' gozjar jew le;

(b) id-disponibbiltà u l-puntwalità ta' informazzjoni sħiħa u parzjali wara n-negozjar li tkun ta' kwalità għolja, f'formati li jkunu faċilment aċċessibbli u utilizzabbli għall-parteċipanti fis-suq u disponibbli fuq bażi kummerċjali raġonevoli.

Fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li s-CTPs ikunu naqsu milli jipprovdu informazzjoni b'mod li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fit-tieni subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tehmeż mar-rapport tagħha talba lill-ESMA sabiex tagħti bidu għal proċedura negozjata għall-ħatra permezz ta' proċess ta' akkwist pubbliku mmexxi mill-ESMA ta' entità kummerċjali li topera tape konsolidat. L-ESMA għandha tagħti bidu għall-proċedura wara li tirċievi t-talba mill-Kummissjoni dwar il-kundizzjonijiet speċifikati fit-talba tal-Kummissjoni u skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

14. Fejn tkun inbdiet il-proċedura deskritta fil-paragrafu 13 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament, billi tispeċifika miżuri sabiex:

(a) tipprevedi d-durata tal-kuntratt tal-entità kummerċjali li topera tape konsolidat u l-proċess u l-kundizzjonijiet għat-tiġdid tal-kuntratt u t-tnedija ta' proċess ta' akkwist pubbliku ġdid;

(b) tistabbilixxi li l-entità kummerċjali li topera tape konsolidat għandha tagħmel dan fuq bażi esklużiva u li l-ebda entità oħra ma għandha tkun awtorizzata bħala CTP skont l-Artikolu 27b;

(c) tagħti s-setgħa lill-ESMA sabiex tiżgura l-konformità mal-kundizzjonijiet tal-offerta mill-entità kummerċjali li topera tape konsolidat magħżula permezz ta' proċess ta' akkwist pubbliku;

(d) tiżgura li l-informazzjoni ta' wara n-negozjar ipprovduta mill-entità kummerċjali li topera tape konsolidat tkun ta' kwalità għolja, f'formati li jkunu faċilment aċċessibbli u utilizzabbli għall-parteċipanti fis-suq u f'format konsolidat li jaqbad is-suq kollu;

(e) tiżgura li l-informazzjoni ta' wara n-negozjar tiġi pprovduta fuq bażi kummerċjali raġonevoli, kemm fuq bażi konsolidata kif ukoll fuq bażi mhux konsolidata, u tissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti ta' dik l-informazzjoni madwar l-Unjoni;

(f) tiżgura li ċ-ċentri ta' negozjar u l-APAs jagħmlu d-dejta kummerċjali tagħhom disponibbli għall-entità kummerċjali li topera tape konsolidat, li tkun magħżula permezz ta' proċess ta' akkwist pubbliku mmexxi mill-ESMA b'kost raġonevoli;

(g) tispeċifika l-arranġamenti applikabbli meta l-entità kummerċjali li topera tape konsolidat magħżula permezz ta' proċess ta' akkwist pubbliku tonqos milli tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-offerta;

(h) tispeċifika l-arranġamenti li taħthom is-CTPs awtorizzati taħt l-Artikolu 27b jistgħu jkomplu joperaw tape konsolidat fejn ma tkunx qed tintuża s-setgħa prevista fil-punt (b) ta’ dan il-paragrafu jew, fejn ma tinħatar ebda entità permezz tal-proċess ta’ akkwist pubbliku, sa dak iż-żmien meta jitlesta proċess ta' akkwist pubbliku ġdid u tinħatar entità kummerċjali sabiex topera tape konsolidat.

______________

* Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).”;

(12) jiżdiedu l-Artikoli li ġejjin:

“*Artikolu 54a*

*Miżuri tranżizzjonali relatati mal-ESMA*

1. Il-kompetenzi u d-dmirijiet kollha relatati mal-attività ta’ superviżjoni u infurzar fil-qasam tal-forindituri ta’ servizzi ta’ rapportar ta' dejta jiġu ttrasferiti lill-ESMA fl-1 ta’ Jannar 2022, ħlief għal kompetenzi u dmirijiet relatati ma’ APAs u ARMs soġġetti għal deroga msemmija fil-punt 36 tal-Artikolu 2(3). Dawk il-kompetenzi u d-dmirijiet trasferiti għandhom jittieħdu mill-ESMA fl-istess data.

2. Kwalunkwe fajl u dokument ta’ ħidma relatat mal-attività ta’ superviżjoni u infurzar fil-qasam tal-fornituri ta’ servizzi ta’ rapportar ta' dejta, inklużi kwalunkwe eżamijiet u azzjonijiet ta’ infurzar li jkunu għaddejjin, jew kopji ċċertifikati tagħhom, għandhom jgħaddu f’idejn l-ESMA fid-data msemmija fil-paragrafu 1.

   Madankollu, applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni li kienet riċevuta mill-awtoritajiet kompetenti qabel l-1 ta’ Ottubru 2021 ma għandhiex tiġi ttrasferita lill-ESMA, u d-deċiżjoni li tiġi reġistrata jew rifjutata reġistrazzjoni għandha tittieħed mill-awtorità kompetenti rilevanti.

3. L-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiżguraw li kwalunkwe reġistru u dokument ta’ ħidma eżistenti, jew kopji ċċertifikati tagħhom, għandhom jiġu ttrasferiti lill-ESMA mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ sal-1 ta' Jannar 2022. Dawk l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu wkoll l-għajnuna u l-pariri kollha meħtieġa lill-ESMA sabiex jiġu ffaċilitati kemm it-trasferiment effettiv u effiċjenti kif ukoll il-bidu tal-eżerċizzju tal-attività ta’ superviżjoni u infurzar fil-qasam tal-fornituri ta’ servizzi ta’ rapportar tad-dejta.

4. L-ESMA għandha taġixxi bħala s-suċċessur legali tal-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 fi kwalunkwe proċediment amministrattiv jew ġudizzjarju li jirriżulta minn attività ta' superviżjoni u infurzar eżerċitata minn dawk l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-kwistjonijiet li jaqgħu taħt dan ir-Regolament.

5. Kwalunkwe awtorizzazzjoni ta' fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta mogħtija minn awtorità kompetenti kif definita fil-punt (26) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE għandha tibqa' valida wara t-trasferiment tal-kompetenzi lill-ESMA.

*Artikolu 54b*

*Relazzjonijiet mal-awdituri*

1. Kwalunkwe persuna awtorizzata fis-sens tad-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*], li twettaq, f'funzjoni ta' fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta, il-kompitu deskritt fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[**] jew fl-Artikolu 73 tad-Direttiva 2009/65/KE jew kwalunkwe kompitu ieħor preskritt mil-liġi, ikollha d-dmir li tirrapporta minnufih lill-ESMA kwalunkwe fatt jew deċiżjoni li jikkonċernaw fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta li tagħhom dik il-persuna tkun saret konxja waqt it-twettiq ta' dak il-kompitu u li jistgħu:

   (a) jikkostitwixxu ksur materjali tal-liġijiet, tar-regolamenti jew tad-dispożizzjonijiet amministrattivi li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-awtorizzazzjoni jew li jirregolaw speċifikament l-eżerċizzju tal-attivitajiet ta' fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta;

   (b) jaffettwaw il-funzjonament kontinwu tal-fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta;

   (c) iwasslu għar-rifjut taċ-ċertifikazzjoni tal-kontijiet jew għall-espressjoni ta' riżervi.

   Dik il-persuna jkollha wkoll id-dmir li tirrapporta kwalunkwe fatt u deċiżjoni li tagħhom il-persuna ssir konxja matul il-kors tat-twettiq ta' wieħed mill-kompiti msemmija fl-ewwel subparagrafu f'impriża li jkollha rabtiet mill-qrib mal-fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta li fiha jkun qed iwettaq dak il-kompitu.

2. Id-divulgazzjoni bona fide lill-awtoritajiet kompetenti, minn persuni awtorizzati fis-sens tad-Direttiva 2006/43/KE, ta' kwalunkwe fatt jew deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1, ma għandhiex tikkostitwixxi ksur ta' kwalunkwe restrizzjoni kuntrattwali jew ġuridika tad-divulgazzjoni tal-informazzjoni u ma għandha tinvolvi l-ebda responsabbiltà għal tali persuni.

______________

* Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87).

** Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).".

*Artikolu 5*

*Emendi għar-Regolament (UE) 2016/1011*

Ir-Regolament (UE) 2016/1011 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3(1), il-punt (24)(a) huwa emendat kif ġej:

(a) il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"(a) data tal-input ikkontribwita kompletament minn:";

(b) il-punt (vii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(vii) fornitur ta' servizzi li lilu l-amministratur ta' parametru referenzjarju jkun esternalizza l-ġbir tad-data skont l-Artikolu 10, bl-eċċezzjoni tal-punt (f) tal-Artikolu 10(3), sakemm il-fornitur ta' servizzi jirċievi d-data kompletament minn entità msemmija fil-punti (i) sa (vi) ta' dan il-punt;";

(2) fl-Artikolu 4, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"9. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika r-rekwiżiti maħsuba biex jiżguraw li l-arranġamenti ta' governanza msemmija fil-paragrafu 1 ikunu robusti biżżejjed.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-1 ta' Ottubru 2020.

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(3) fl-Artikolu 12, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kundizzjonijiet maħsuba biex jiżguraw li l-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 1 tkun konformi mal-punti (a) sa (e) ta' dak il-paragrafu.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-1 ta' Ottubru 2020.

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(4) fl-Artikolu 14, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-karatteristiki tas-sistemi u l-kontrolli msemmija fil-paragrafu 1.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-1 ta' Ottubru 2020.

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(5) fl-Artikolu 20, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Fejn l-ESMA tqis li parametru referenzjarju jissodisfa l-kriterji kollha stabbiliti fil-punt (c) tal-paragrafu 1, hija għandha tissottometti talba ddokumentata lill-Kummissjoni biex tirrikonoxxi dak il-parametru referenzjarju bħala parametru referenzjarju ta' importanza kritika.

Wara li tirċievi dik it-talba dokumentata għad-deżinjazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1.

L-ESMA għandha tirrieżamina l-valutazzjoni tagħha tal-importanza kritika tal-parametru referenzjarju mill-inqas kull sentejn u għandha tinnotifika u tittrasmetti l-valutazzjoni lill-Kummissjoni.";

(6) l-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Malli tirċievi l-valutazzjoni mingħand l-amministratur imsemmi fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha:

(a) tinforma lill-ESMA u lill-kulleġġ stabbilit taħt l-Artikolu 46;

(b) fi żmien erba' ġimgħat minn meta tirċievi dik il-valutazzjoni, tagħmel il-valutazzjoni tagħha stess ta' kif il-parametru referenzjarju għandu jingħadda lil amministratur ġdid jew ma jibqax jiġi pprovdut, filwaqt li tqis il-proċedura stabbilita f'konformità mal-Artikolu 28(1).

Matul il-perjodu msemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, l-amministratur ma għandux iwaqqaf il-forniment tal-parametru referenzjarju mingħajr il-kunsens bil-miktub tal-ESMA jew tal-awtorità kompetenti, fejn rilevanti.**";**

(b) jiżdied il-paragrafu 5:

"5. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kriterji li fuqhom għandha tiġi bbażata l-valutazzjoni msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-1 ta' Ottubru 2020.

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(7) fl-Artikolu 23, il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. Kontributur taħt superviżjoni għal parametru referenzjarju ta' importanza kritika li jkollu l-intenzjoni li jieqaf jikkontribwixxi data ta' input għandu jinnotifika minnufih lill-amministratur b'dan bil-miktub. L-amministratur għandu konsegwentement jgħarraf mingħajr dewmien bla bżonn lill-awtorità kompetenti tiegħu.

L-awtorità kompetenti tal-amministratur tal-parametru referenzjarju ta' importanza kritika għandha tinforma lill-awtorità kompetenti ta' dak il-kontributur taħt superviżjoni, u fejn applikabbli lill-ESMA, b'dan mingħajr dewmien bla bżonn. L-amministratur għandu jissottometti lill-awtorità kompetenti tiegħu valutazzjoni tal-implikazzjonijiet tal-kapaċità tal-parametru referenzjarju ta' importanza kritika li jkejjel is-suq sottostanti jew ir-realtà ekonomika sottostanti, mill-aktar fis possibbli iżda mhux aktar tard minn 14-il jum wara n-notifika magħmula mill-kontributur taħt superviżjoni.

4. Malli tirċievi l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta’ dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti tal-amministratur għandha, fejn applikabbli, tinforma fil-pront lill-ESMA jew lill-kulleġġ stabbilit taħt l-Artikolu 46 u għandha, abbażi ta' dik il-valutazzjoni, tagħmel il-valutazzjoni tagħha tal-kapaċità tal-parametru referenzjarju li jkejjel is-suq u r-realtà ekonomika sottostanti, filwaqt li tqis il-proċedura tal-amministratur għall-waqfien tal-parametru referenzjarju stabbilit f'konformità mal-Artikolu 28(1).";

(8) fl-Artikolu 26, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“6. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta’ standards regolatorji biex tispeċifika l-kriterji li taħthom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu bidliet fid-dikjarazzjoni ta’ konformità kif imsemmi fil-paragrafu 4.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-1 ta' Ottubru 2020.

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;

(9) l-Artikolu 30 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej wara l-punt (b):

"Il-Kummissjoni tista' tissoġġetta l-applikazzjoni tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għall-adempiment effettiv minn dak il-pajjiż terz ta' kwalunkwe kundizzjoni, li jkollha l-għan li tiżgura standards superviżorji u regolatorji ekwivalenti, stabbilita f'dik id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni fuq bażi kontinwa u għall-kapaċità tal-ESMA li teżerċita b'mod effettiv ir-responsabbiltajiet ta' monitoraġġ imsemmija fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Il-Kummissjoni tista' tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 49 sabiex tispeċifika l-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.";

(c) fil-paragrafu 3, is-subparagrafu li ġej jiddaħħal wara l-punt (b):

"Il-Kummissjoni tista' tissoġġetta l-applikazzjoni tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għall-adempiment effettiv minn dak il-pajjiż terz ta' kwalunkwe kundizzjoni, li jkollha l-għan li tiżgura standards superviżorji u regolatorji ekwivalenti, stabbilita f'dik id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni fuq bażi kontinwa u għall-kapaċità tal-ESMA li teżerċita b'mod effettiv ir-responsabbiltajiet ta' monitoraġġ imsemmija fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(d) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. Il-Kummissjoni tista' tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 49 sabiex tispeċifika l-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.";

(e) il-parti introduttorja tal-paragrafu 4 hija sostitwita b'dan li ġej:

"4. L-ESMA għandha tistabbilixxi arranġamenti ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi li l-oqfsa ġuridiċi u l-prassi superviżorji tagħhom ikunu ġew rikonoxxuti bħala ekwivalenti skont il-paragrafu 2 jew 3 ta' dan l-Artikolu. Meta tistabbilixxi dawk l-arranġamenti, l-ESMA għandha tqis jekk pajjiż terz inkwistjoni huwiex, f'konformità ma' att delegat adottat skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*], fil-lista ta' ġurisdizzjonijiet li għandhom nuqqasijiet strateġiċi fir-reġimi tagħhom kontra l-ħasil tal-flus u għall-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu li joħolqu theddid sinifikanti għas-sistema finanzjarja tal-Unjoni. Tali arranġamenti għandhom jispeċifikaw mill-inqas:

---

[*] Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).";

(10) l-Artikolu 32 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Sa dak il-mument li tiġi adottata deċiżjoni ta' ekwivalenza f'konformità mal-Artikolu 30(2) u (3), parametru referenzjarju pprovdut minn amministratur li jinsab f'pajjiż terz jista' jintuża minn entitajiet taħt superviżjoni fl-Unjoni, sakemm dak l-amministratur jikseb rikonoxximent minn qabel mill-ESMA f'konformità ma' dan l-Artikolu.";

(b) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Sabiex jiġi ddeterminat jekk il-kundizzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu hijiex issodisfata u sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-prinċipji IOSCO għall-parametri referenzjarji finanzjarji jew mal-prinċipji IOSCO għall-PRAs, kif applikabbli, l-ESMA tista' tikkunsidra valutazzjoni minn awditur estern indipendenti jew ċertifikazzjoni pprovduta mill-awtorità kompetenti tal-amministratur fil-pajjiż terz fejn jinsab l-amministratur.";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Amministratur li jinsab f'pajjiż terz li jkollu l-intenzjoni li jikseb rikonoxximent minn qabel kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkollu rappreżentant legali. Ir-rappreżentant legali għandu jkun persuna fiżika jew ġuridika li tinsab fl-Unjoni u espressament maħtura minn dak l-amministratur sabiex taġixxi f’isem dak l-amministratur fir-rigward tal-obbligi tal-amministratur taħt dan ir-Regolament. Ir-rappreżentant legali għandu, flimkien mal-amministratur, iwettaq il-funzjoni ta’ sorveljanza relatata mal-forniment ta’ parametri referenzjarji mwettqa mill-amministratur taħt dan ir-Regolament u, f’dak ir-rigward, jkun responsabbli lejn l-ESMA.”;

(d) il-paragrafu 4 jitħassar;

(e) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“5. Amministratur li jinsab f'pajjiż terz li jkollu l-intenzjoni li jikseb rikonoxximent minn qabel kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandu japplika għal rikonoxximent mal-ESMA. L-amministratur applikant għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jissodisfa lill-ESMA li jkun stabbilixxa, fil-mument tar-rikonoxximent, l-arranġamenti kollha meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 u għandu jipprovdi l-lista tal-parametri referenzjarji attwali jew prospettivi tiegħu li huma maħsuba biex jintużaw fl-Unjoni u għandu, fejn applikabbli, jindika l-awtorità kompetenti fil-pajjiż terz responsabbli għas-superviżjoni tiegħu.

Fi żmien 90 jum tax-xogħol minn meta tirċievi l-applikazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-ESMA għandha tivverifika li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 huma ssodisfati.

Fejn l-ESMA tqis li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 mhumiex issodisfati, hija għandha tirrifjuta t-talba għal rikonoxximent u tagħti r-raġunijiet għal dak ir-rifjut. Barra minn hekk, ma għandu jingħata l-ebda rikonoxximent ħlief jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet addizzjonali li ġejjin:

(a) fejn amministratur li jkun jinsab f'pajjiż terz ikun soġġett għal superviżjoni, ikun hemm arranġament adegwat ta' kooperazzjoni fis-seħħ bejn l-ESMA u l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz fejn jinsab l-amministratur, f'konformità mal-istandards tekniċi regolatorji adottati skont l-Artikolu 30(5), sabiex jiġi żgurat skambju effiċjenti ta' informazzjoni li jippermetti lill-awtorità kompetenti ta' dak il-pajjiż terz taqdi dmirijietha f'konformità ma' dan ir-Regolament;

(b) l-eżerċizzju effettiv mill-ESMA tal-funzjonijiet superviżorji tagħha taħt dan ir-Regolament ma jkun impedut la mil-liġijiet, mir-regolamenti jew mid-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-pajjiż terz fejn ikun jinsab l-amministratur, u lanqas, fejn applikabbli, mil-limitazzjonijiet fis-setgħat superviżorji u investigattivi tal-awtorità kompetenti ta' dak il-pajjiż terz.";

(f) il-paragrafi 6 u 7 jitħassru;

(g) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. L-ESMA għandha tissospendi jew, fejn xieraq, tirtira r-rikonoxximent mogħti f'konformità mal-paragrafu 5 fejn hija jkollha raġunijiet sodi, abbażi tal-evidenza ddokumentata, sabiex tqis li l-amministratur:

(a) qed jaġixxi b'mod li huwa evidentement ta' preġudizzju għall-interessi tal-utenti tal-parametri referenzjarji tiegħu jew għall-funzjonament tajjeb tas-swieq;

(b) ikun kiser serjament ir-rekwiżiti rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament;

(c) ikun għamel dikjarazzjonijiet foloz jew uża kwalunkwe mezz irregolari ieħor sabiex jikseb ir-rikonoxximent.";

(11) fl-Artikolu 34, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Fejn wieħed jew aktar mill-indiċijiet ipprovduti mill-persuna msemmija fil-paragrafu 1 ikunu jikkwalifikaw bħala parametri referenzjarji ta' importanza kritika kif imsemmi fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 20(1), l-applikazzjoni għandha tiġi indirizzata lill-ESMA.";

(12) l-Artikolu 40 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 40*

*Awtoritajiet kompetenti*

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament l-ESMA għandha tkun l-awtorità kompetenti għal:

   (a) amministraturi ta' parametri referenzjarji ta' importanza kritika kif imsemmi fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 20(1);

   (b) amministraturi tal-parametri referenzjarji msemmija fl-Artikolu 32.

2. Kull Stat Membru għandu jinnomina l-awtorità kompetenti rilevanti responsabbli għat-twettiq tal-obbligi taħt dan ir-Regolament u għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-ESMA b'dan.

3. Stat Membru li jinnomina aktar minn awtorità kompetenti waħda f'konformità mal-paragrafu 2 għandu jiddetermina b'mod ċar ir-rwoli rispettivi ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti u għandu jinnomina awtorità waħda li trid tkun responsabbli għall-koordinazzjoni tal-kooperazzjoni u għall-iskambju ta' informazzjoni mal-Kummissjoni, mal-ESMA u mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħrajn.

4. L-ESMA għandha tippubblika fis-sit web tagħha lista tal-awtoritajiet kompetenti nnominati f'konformità mal-paragrafi 2 u 3.";

(13) l-Artikolu 41 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"1. Sabiex jaqdu dmirijiethom taħt dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 40(2) għandu jkollhom, f'konformità mal-liġi nazzjonali, mill-inqas is-setgħat superviżorji u investigattivi li ġejjin:";

(b) fil-paragrafu 2, il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"2. L-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 40(2) għandhom jeżerċitaw il-funzjonijiet u s-setgħat tagħhom imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u s-setgħat li jimponu sanzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 42 f'konformità mal-oqfsa legali nazzjonali tagħhom, bi kwalunkwe wieħed mill-modi li ġejjin:";

(14) fl-Artikolu 43(1), il-parti introduttorja hija sostitwita b'din li ġejja:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiġu biex jiddeterminaw it-tip u l-livell ta' sanzjonijiet amministrattivi u miżuri amministrattivi oħrajn, l-awtoritajiet kompetenti li huma nnominaw f'konformità mal-Artikolu 40(2) iqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inklużi, fejn ikun xieraq:";

(15) l-Artikolu 44 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 44*
*Obbligu ta' kooperazzjoni*

1. L-Istati Membri li jkunu għażlu li jistabbilixxu sanzjonijiet kriminali għal ksur tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 42 għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ miżuri xierqa sabiex l-awtoritajiet kompetenti nnominati f'konformità mal-Artikolu 40(2) u (3) ikollhom is-setgħat kollha meħtieġa sabiex jikkomunikaw mal-awtoritajiet ġudizzjarji fil-ġurisdizzjoni tagħhom bil-għan li jirċievu informazzjoni speċifika relatata ma' investigazzjonijiet jew proċedimenti kriminali mibdija għal ksur possibbli ta' dan ir-Regolament. Dawk l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu dik l-informazzjoni lil awtoritajiet kompetenti oħrajn u lill-ESMA.

2. L-awtoritajiet kompetenti nnominati skont l-Artikolu 40(2) u (3) għandhom jassistu lil awtoritajiet kompetenti oħrajn u lill-ESMA. B'mod partikolari, huma għandhom jiskambjaw informazzjoni u jikkooperaw fi kwalunkwe investigazzjoni jew attività ta' superviżjoni. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkooperaw ukoll ma' awtoritajiet kompetenti oħrajn sabiex jiffaċilitaw l-irkupru ta' sanzjonijiet pekunarji.";

(16) fl-Artikolu 45(5), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-ESMA b'informazzjoni aggregata rigward is-sanzjonijiet amministrattivi kollha u miżuri amministrattivi oħrajn imposti skont l-Artikolu 42 fuq bażi annwali. Dak l-obbligu ma għandux japplika għall-miżuri ta' natura investigattiva. L-ESMA għandha tippubblika dik l-informazzjoni f'rapport annwali, flimkien ma' informazzjoni aggregata dwar is-sanzjonijiet amministrattivi kollha u miżuri amministrattivi oħrajn li hija tkun imponiet skont l-Artikolu 48f.";

(17) fl-Artikolu 46, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Fi żmien 30 jum tax-xogħol mill-inklużjoni ta' parametru referenzjarju msemmi fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 20(1) fil-lista ta' parametri referenzjarji ta' importanza kritika, bl-eċċezzjoni ta' parametri referenzjarji fejn il-maġġoranza tal-kontributuri mhumiex entitajiet taħt superviżjoni, l-awtorità kompetenti tal-amministratur għandha tistabbilixxi kulleġġ u tmexxi l-kulleġġ.

2. Il-kulleġġ għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-awtorità kompetenti tal-amministratur, tal-ESMA, sakemm din ma tkunx l-awtorità kompetenti tal-amministratur, u tal-awtoritajiet kompetenti tal-kontributuri taħt superviżjoni.";

(18) fl-Artikolu 47, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 40(2) għandhom jikkooperaw mal-ESMA għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

2. L-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 40(2) għandhom jipprovdu, mingħajr dewmien bla bżonn, lill-ESMA l-informazzjoni kollha meħtieġa biex twettaq dmirijietha, skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(19) fit-Titolu VI, jiżdied il-Kapitolu li ġej:

"KAPITOLU 4
Setgħat u kompetenzi tal-ESMA

Taqsima 1
Kompetenzi u proċeduri

*Artikolu 48a*
*L-eżerċizzju tas-setgħat mill-ESMA*

Is-setgħat mogħtija lill-ESMA, lil kwalunkwe uffiċjal tal-ESMA jew lil kwalunkwe persuna oħra awtorizzata mill-ESMA mill-Artikoli 48b sa 48d ma għandhomx jintużaw sabiex jesiġu d-divulgazzjoni ta' informazzjoni jew dokumenti li jkunu soġġetti għal privileġġ legali.

*Artikolu 48b*

*Talba għall-informazzjoni*

1. L-ESMA tista', permezz ta' talba sempliċi jew b'deċiżjoni, titlob lill-persuni li ġejjin jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex hija tkun tista' taqdi dmirijietha taħt dan ir-Regolament:

   (a) persuni involuti fil-forniment ta' parametri referenzjarji, kif imsemmija fl-Artikolu 40(1);

   (b) il-partijiet terzi li lilhom il-persuni msemmija fil-punt (a) jkunu esternalizzaw funzjonijiet jew attivitajiet f'konformità mal-Artikolu 10;

   (c) persuni li huma b'mod ieħor relatati jew konnessi mill-qrib u b'mod sostanzjali mal-persuni msemmija fil-punt (a).

   F'konformità mal-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u fuq talba tal-ESMA, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jindirizzaw dik it-talba għall-informazzjoni lil kontributuri għal parametri referenzjarji ta' importanza kritika msemmija fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 20(1) ta' dan ir-Regolament u għandhom jikkondividu l-informazzjoni riċevuta mingħajr dewmien bla bżonn mal-ESMA.

2. Kwalunkwe talba sempliċi għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha:

(a) tirreferi għal dan l-Artikolu bħala l-bażi ġuridika ta' dik it-talba;

(b) tiddikjara l-fini ta' dik it-talba;

(c) tispeċifika l-informazzjoni meħtieġa;

(d) tinkludi limitu ta’ żmien li fih trid tiġi pprovduta l-informazzjoni;

(e) tinkludi dikjarazzjoni li ma hemm ebda obbligu fuq il-persuna li mingħandha tintalab l-informazzjoni sabiex tipprovdi dik l-informazzjoni, iżda li f'każ ta' tweġiba volontarja għat-talba, l-informazzjoni pprovduta ma tridx tkun skorretta jew qarrieqa;

(f) tindika l-ammont tal-multa li trid tiġi imposta f'konformità mal-Artikolu 48f fejn l-informazzjoni pprovduta tkun skorretta jew qarrieqa.

3. Meta tintalab tipprovdi informazzjoni taħt il-paragrafu 1 b’deċiżjoni, l-ESMA għandha:

(a) tirreferi għal dan l-Artikolu bħala l-bażi ġuridika ta’ dik it-talba;

(b) tiddikjara l-fini ta' dik it-talba;

(c) tispeċifika l-informazzjoni meħtieġa;

(d) tistabbilixxi limitu ta’ żmien li fih trid tiġi pprovduta l-informazzjoni;

(e) tindika l-ħlasijiet perjodiċi ta' penali previsti fl-Artikolu 48g fejn l-informazzjoni mitluba ma tkunx kompluta;

(f) tindika l-multa prevista fl-Artikolu 48f fejn it-tweġibiet għall-mistoqsijiet li jsiru jkunu skorretti jew qarrieqa;

(g) tindika d-dritt għal appell tad-deċiżjoni quddiem il-Bord tal-Appell tal-ESMA u għar-rieżami tad-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Qorti tal-Ġustizzja) f'konformità mal-Artikolu 48k ta' dan ir-Regolament u l-Artikoli 60 u 61 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

4. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 jew ir-rappreżentanti tagħhom u, fil-każ ta' persuni ġuridiċi jew assoċjazzjonijiet li ma għandhomx personalità ġuridika, il-persuni awtorizzati sabiex jirrappreżentawhom bil-liġi jew bil-kostituzzjoni tagħhom, għandhom ifornu l-informazzjoni mitluba. Avukati debitament awtorizzati li jaġixxu jistgħu jipprovdu l-informazzjoni f'isem il-klijenti tagħhom. Dawn tal-aħħar għandhom jibqgħu responsabbli b'mod sħiħ jekk l-informazzjoni mogħtija tkun mhux kompluta, skorretta jew qarrieqa.

5. Fejn applikabbli, l-ESMA għandha tibgħat mingħajr dewmien bla bżonn kopja tat-talba sempliċi jew tad-deċiżjoni tagħha lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-persuni msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 48c*

*Investigazzjonijiet ġenerali*

1. Sabiex taqdi dmirijietha taħt dan ir-Regolament, l-ESMA tista' twettaq investigazzjonijiet meħtieġa tal-persuni msemmija fl-Artikolu 48b(1). Għal dak il-għan, l-uffiċjali u persuni oħrajn awtorizzati mill-ESMA għandu jkollhom is-setgħa li:

   (a) jeżaminaw kwalunkwe rekord, data, proċedura u kwalunkwe materjal ieħor rilevanti għat-twettiq tal-kompiti tagħha, irrispettivament mill-mezz li fuqu jkunu maħżuna;

   (b) jieħdu jew jakkwistaw kopji ċċertifikati ta' tali rekords, data, proċeduri u materjal ieħor, jew siltiet minnhom;

   (c) isejħu u jitolbu lil kwalunkwe waħda minn dawk il-persuni jew lir-rappreżentanti, jew membri tal-persunal, tagħhom għal spjegazzjonijiet bil-fomm jew bil-miktub dwar fatti jew dokumenti relatati mas-suġġett u l-fini tal-ispezzjoni, u jżommu rekord tat-tweġibiet;

   (d) jintervistaw kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra li tagħti l-kunsens li tiġi intervistata bil-fini li tinġabar informazzjoni relatata mas-suġġett ta' investigazzjoni;

   (e) jitolbu rekords tat-traffiku tat-telefon u tad-data.

2. L-uffiċjali u persuni oħra awtorizzati mill-ESMA għall-finijiet tal-investigazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom meta jipproduċu awtorizzazzjoni bil-miktub li tispeċifika s-suġġett u l-fini tal-investigazzjoni. Dik l-awtorizzazzjoni għandha tindika l-ħlasijiet perjodiċi ta' penali previsti fl-Artikolu 48g fejn il-produzzjoni tar-rekords, data, proċeduri jew kwalunkwe materjal ieħor li jkunu meħtieġa, jew it-tweġibiet għall-mistoqsijiet li jsiru lill-persuni msemmija fl-Artikolu 48b(1) ma jkunux saru jew ma jkunux kompleti, u tindika l-multi previsti fl-Artikolu 48f, fejn it-tweġibiet għall-mistoqsijiet li jsiru lil dawk il-persuni jkunu skorretti jew qarrieqa.

3. Il-persuni msemmija fl-Artikolu 48b(1) għandhom jissottomettu għal investigazzjonijiet imnedija abbażi ta' deċiżjoni tal-ESMA. Id-deċiżjoni għandha tispeċifika s-suġġett u l-fini tal-investigazzjoni, il-ħlasijiet perjodiċi ta' penali previsti fl-Artikolu 48g, ir-rimedji legali disponibbli skont ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u d-dritt għal rieżami tad-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja.

4. Fi żmien adatt qabel l-investigazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-ESMA għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn trid titwettaq l-investigazzjoni dwar l-investigazzjoni u l-identità tal-persuni awtorizzati. L-uffiċjali tal-awtorità kompetenti kkonċernata għandhom, fuq talba tal-ESMA, jassistu lil dawk il-persuni awtorizzati fil-qadi ta' dmirijiethom. L-uffiċjali tal-awtorità kompetenti kkonċernata jistgħu jattendu l-investigazzjonijiet jekk jintalbu jagħmlu dan.

5. Jekk talba għal rekords tat-traffiku tat-telefon jew tad-data msemmija fil-punt (e) tal-paragrafu 1 tkun teħtieġ awtorizzazzjoni minn awtorità ġudizzjarja nazzjonali skont il-liġi nazzjonali applikabbli, għandha ssir applikazzjoni għal tali awtorizzazzjoni. Tali awtorizzazzjoni tista' wkoll issir applikazzjoni għaliha bħala miżura ta' prekawzjoni.

6. Fejn awtorità ġudizzjarja nazzjonali tirċievi applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' talba għal rekords tat-telefon jew tat-traffiku tad-data msemmija fil-punt (e) tal-paragrafu 1, dik l-awtorità għandha tivverifika dawn li ġejjin:

(a) li d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 3 tkun awtentika;

(b) li kwalunkwe miżura li trid tittieħed tkun proporzjonata u mhux arbitrarja jew eċċessiva.

Għall-finijiet tal-punt (b), l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali tista' titlob lill-ESMA għal spjegazzjonijiet dettaljati, b'mod partikolari relatati mar- l-ħtieġa l-ESMA biex tissuspetta li seħħ ksur ta' dan ir-Regolament u s-serjetà tal-ksur suspettat u n-natura tal-involviment tal-persuna soġġetta għall-miżuri koerċittivi. Madankollu, l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali ma għandhiex tirrivedi l-ħtieġa għall-investigazzjoni jew titlob li tiġi pprovduta bl-informazzjoni fil-fajl tal-ESMA. Il-legalità tad-deċiżjoni tal-ESMA għandha tkun soġġetta għal rieżami biss mill-Qorti tal-Ġustizzja skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 48d*

*Spezzjonijiet fuq il-post*

1. Sabiex taqdi dmirijietha taħt dan ir-Regolament, l-ESMA tista' twettaq l-ispezzjonijiet fuq il-post kollha meħtieġa fi kwalunkwe bini tan-negozju tal-persuni msemmija fl-Artikolu 48b(1).

2. L-uffiċjali u persuni oħrajn awtorizzati mill-ESMA sabiex iwettqu spezzjoni fuq il-post jistgħu jidħlu fi kwalunkwe bini tan-negozju tal-persuni soġġetti għal deċiżjoni ta' investigazzjoni adottata mill-ESMA u għandu jkollhom is-setgħat kollha stipulati fl-Artikolu 48c(1). Huma għandu jkollhom is-setgħa li jissiġillaw kwalunkwe bini tan-negozju u kotba jew reġistri għall-perijodu tal-ispezzjoni u sal-limitu neċessarju għall-ispezzjoni.

3. Fi żmien suffiċjenti qabel l-ispezzjoni, l-ESMA għandha tagħti avviż tal-ispezzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun trid titwettaq l-ispezzjoni. Fejn it-twettiq korrett u l-effiċjenza tal-ispezzjoni jkunu jirrikjedu dan, l-ESMA tista', wara li tinforma lill-awtorità kompetenti rilevanti, twettaq l-ispezzjoni fuq il-post mingħajr notifika minn qabel. L-ispezzjonijiet f'konformità ma' dan l-Artikolu għandhom jitwettqu dment li l-awtorità rilevanti tkun ikkonfermat li hija ma toġġezzjonax għal dawk l-ispezzjonijiet.

4. L-uffiċjali u persuni oħrajn awtorizzati mill-ESMA sabiex iwettqu spezzjoni fuq il-post għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom billi jipproduċu awtorizzazzjoni bil-miktub li tispeċifika s-suġġett u l-fini tal-ispezzjoni u l-ħlasijiet perjodiċi ta' penali previsti fl-Artikolu 48g meta l-persuni kkonċernati ma jissottomettux għall-ispezzjoni.

5. Il-persuni msemmija fl-Artikolu 48b(1) għandhom jissottomettu għall-ispezzjonijiet fuq il-post ordnati b'deċiżjoni tal-ESMA. Dik id-deċiżjoni għandha tispeċifika s-suġġett u l-fini tal-ispezzjoni, id-data meta din għandha tibda u tindika l-ħlasijiet perjodiċi ta' penali previsti fl-Artikolu 48g, ir-rimedji legali disponibbli taħt ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010, kif ukoll id-dritt għal rieżami tad-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja.

6. L-uffiċjali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn għandha titwettaq l-ispezzjoni, kif ukoll dawk awtorizzati jew maħtura minnha, għandhom, fuq talba tal-ESMA, jassistu b’mod attiv lill-uffiċjali u lil persuni oħrajn awtorizzati mill-ESMA. L-uffiċjali ta' dik l-awtorità kompetenti jistgħu jattendu wkoll l-ispezzjonijiet fuq il-post wara li ssirilhom talba.

7. L-ESMA tista' teżiġi wkoll li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jwettqu kompiti investigattivi speċifiċi u spezzjonijiet fuq il-post kif previst f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 48c(1) f'isimha. Għal dak l-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom igawdu l-istess setgħat tal-ESMA kif stabbilit f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 48c(1).

8. Fejn l-uffiċjali u persuni oħrajn li jakkumpanjawhom awtorizzati mill-ESMA jsibu li persuna topponi spezzjoni ordnata skont dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tagħtihom l-assistenza meħtieġa, billi titlob, fejn xieraq, l-assistenza tal-pulizija jew ta' awtorità tal-infurzar ekwivalenti, sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-ispezzjoni tagħhom fuq il-post.

9. Jekk l-ispezzjoni fuq il-post prevista fil-paragrafu 1 jew l-assistenza prevista fil-paragrafu 7 tkun teħtieġ awtorizzazzjoni minn awtorità ġudizzjarja nazzjonali skont il-liġi nazzjonali applikabbli, għandha ssir applikazzjoni għal tali awtorizzazzjoni. Tali awtorizzazzjoni tista' ssir applikazzjoni għaliha wkoll bħala miżura ta' prekawzjoni.

10. Fejn awtorità ġudizzjarja nazzjonali tirċievi applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' spezzjoni fuq il-post prevista fil-paragrafu 1 jew l-assistenza prevista fil-paragrafu 7, dik l-awtorità għandha tivverifika dawn li ġejjin:

(a) li d-deċiżjoni adottata mill-ESMA msemmija fil-paragrafu 5 tkun awtentika;

(b) li kwalunkwe miżura li trid tittieħed tkun proporzjonata u mhux arbitrarja jew eċċessiva.

Għall-finijiet tal-punt (b), l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali tista' titlob lill-ESMA għal spjegazzjonijiet dettaljati, b'mod partikolari relatati mar-raġunijiet li jkollha l-ESMA biex tissuspetta li seħħ ksur ta' dan ir-Regolament u s-serjetà tal-ksur suspettat u n-natura tal-involviment tal-persuna soġġetta għall-miżuri koerċittivi. Madankollu, l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali ma għandhiex tirrivedi l-ħtieġa tal-investigazzjoni jew titlob li a tiġi pprovduta bl-informazzjoni fil-fajl tal-ESMA. Il-legalità tad-deċiżjoni tal-ESMA għandha tkun soġġetta għal rieżami biss mill-Qorti tal-Ġustizzja skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Taqsima 2
Sanzjonijiet amministrattivi u miżuri amministrattivi oħrajn

*Artikolu 48e*
*Miżuri superviżorji mill-ESMA*

1. Fejn, f'konformità mal-Artikolu 48i(5), l-ESMA ssib li persuna tkun wettqet wieħed mit-tipi ta' ksur elenkati fil-punt (a) tal-Artikolu 42(1), hija għandha tieħu waħda jew aktar mill-azzjonijiet li ġejjin:

   (a) tadotta deċiżjoni li tesiġi li l-persuna ttemm il-ksur;

   (b) tadotta deċiżjoni li timponi multi skont l-Artikolu 48f;

   (c) toħroġ avviżi pubbliċi.

2. Meta tieħu l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-ESMA għandha tqis in-natura u s-serjetà tal-ksur, filwaqt li tqis il-kriterji li ġejjin:

(a) it-tul ta' żmien u l-frekwenza tal-ksur;

(b) jekk ir-reat finanzjarju ġiex ikkawżat jew iffaċilitat mill-ksur jew huwiex b'xi mod ieħor attribwibbli għall-ksur;

(c) jekk il-ksur twettaqx intenzjonalment jew b'negliġenza.

(d) il-livell tar-responsabbiltà tal-persuna responsabbli għall-ksur;

(e) is-saħħa finanzjarja tal-persuna responsabbli għall-ksur, kif indikat mill-fatturat totali tal-persuna ġuridika responsabbli jew l-introjtu annwali u l-assi netti tal-persuna fiżika responsabbli;

(f) l-impatt tal-ksur fuq l-interessi tal-investituri fil-livell tal-konsum;

(g) l-importanza tal-profitti miksuba, it-telf evitat mill-persuna responsabbli għall-ksur jew it-telf għall-partijiet terzi minħabba l-ksur, sa fejn dawn ikunu jistgħu jiġu stabbiliti;

(h) il-livell ta' kooperazzjoni tal-persuna responsabbli għall-ksur mal-ESMA, mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li tiġi żgurata l-eliminazzjoni tal-profitti miksuba jew tat-telf evitat minn dik il-persuna;

(i) ksur preċedenti mill-persuna responsabbli għall-ksur;

(j) il-miżuri meħudin wara l-ksur mill-persuna responsabbli għall-ksur sabiex jiġi impedut li l-ksur jiġi ripetut.

3. Mingħajr dewmien bla bżonn, l-ESMA għandha tinnotifika kwalunkwe azzjoni meħuda skont il-paragrafu 1 lill-persuna responsabbli għall-ksur u għandha tikkomunikaha lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u lill-Kummissjoni. Hija għandha tiddivulga kwalunkwe tali azzjoni fis-sit web tagħha fi żmien 10 ijiem tax-xogħol mid-data meta tkun ġiet adottata.

Id-divulgazzjoni lill-pubbliku msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tinkludi dan li ġej:

(a) dikjarazzjoni li tafferma d-dritt tal-persuna responsabbli għall-ksur li tappella d-deċiżjoni;

(b) fejn rilevanti, dikjarazzjoni li tafferma li ġie ppreżentat appell u li tispeċifika li tali appell ma għandux effett sospensiv;

(c) dikjarazzjoni li tasserixxi li huwa possibbli li l-Bord tal-Appell tal-ESMA jissospendi l-applikazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata f'konformità mal-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 48f*

*Multi*

1. Fejn, f'konformità mal-Artikolu 48i(5), l-ESMA ssib li kwalunkwe persuna wettqet, intenzjonalment jew b'mod negliġenti, wieħed jew aktar mit-tipi ta' ksur elenkati fil-punt (a) tal-Artikolu 42(1), hija għandha tadotta deċiżjoni li timponi multa f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

   Ksur għandu jitqies bħala li twettaq intenzjonalment jekk l-ESMA ssib fatturi oġġettivi li juru li persuna aġixxiet deliberatament biex twettaq il-ksur.

2. L-ammont massimu tal-multa msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun:

   (a) fil-każ ta' persuna ġuridika, EUR 1 000 000, jew, fl-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fit-30 ta' Ġunju 2016, jew 10 % tal-fatturat annwali totali ta' dik il-persuna ġuridika skont l-aħħar rapporti finanzjarji disponibbli approvati mill-korp maniġerjali, skont liema jkun l-ogħla;

   (b) fil-każ ta' persuna fiżika, EUR 500 000, jew, fl-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fit-30 ta' Ġunju 2016.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, l-ammont massimu tal-multa għall-ksur tal-punt (d) tal-Artikolu 11(1) jew tal-Artikolu 11(4) għandu jkun ta' EUR 250 000 jew, fl-Istati Membri li l-munita nazzjonali tagħhom mhijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fit-30 ta' Ġunju 2016 jew 2 % tal-fatturat annwali totali ta' dik il-persuna ġuridika skont l-aħħar rapporti finanzjarji disponibbli approvati mill-korp maniġerjali, skont liema jkun l-ogħla għall-persuni ġuridiċi, u EUR 100 000 jew, fl-Istati Membri li l-munita uffiċjali tagħhom mhijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fit-30 ta' Ġunju 2016 għall-persuni fiżiċi.

Għall-finijiet tal-punt (a), fejn il-persuna ġuridika tkun impriża prinċipali jew sussidjarja ta' impriża prinċipali li tkun meħtieġa tħejji kontijiet finanzjarji konsolidati f'konformità mad-Direttiva 2013/34/UE, il-fatturat annwali totali rilevanti għandu jkun il-fatturat annwali totali jew it-tip korrispondenti ta' introjtu f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni fil-qasam tal-kontabbiltà skont l-aħħar kontijiet konsolidati disponibbli approvati mill-korp maniġerjali tal-impriża prinċipali aħħarija.

3. Meta tiġi biex tiddetermina l-livell ta' multa skont il-paragrafu 1, l-ESMA għandha tqis il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 48e(2).

4. Minkejja l-paragrafu 3, fejn il-persuna ġuridika tkun ibbenifikat finanzjarjament, direttament jew indirettament, mill-ksur, l-ammont tal-multa għandu jkun mill-inqas ugwali għal dak il-benefiċċju.

5. Fejn att jew ommissjoni ta' persuna jikkostitwixxu aktar minn wieħed mit-tipi ta' ksur elenkati fil-punt (a) tal-Artikolu 42(1), għandha tapplika biss l-ogħla multa kkalkolata f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u relatata ma' wieħed minn dawk it-tipi ta' ksur.

*Artikolu 48g*
*Ħlasijiet perjodiċi ta' penali*

1. L-ESMA għandha, permezz ta' deċiżjoni, timponi ħlasijiet perjodiċi ta' penali sabiex iġġiegħel:

   (a) persuna ttemm ksur f'konformità ma' deċiżjoni meħuda skont il-punt (a) tal-Artikolu 48e(1);

   (b) persuna msemmija fl-Artikolu 48b(1):

      (i) tipprovdi informazzjoni kompleta li tkun intalbet permezz ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 48b;

      (ii) tissottometti għal investigazzjoni u, b'mod partikolari, tipproduċi rekords, data u proċeduri kompluti jew kwalunkwe materjal ieħor meħtieġ u timla u tikkoreġi informazzjoni oħra pprovduta f'investigazzjoni mnedija permezz ta' deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 48c;

      (iii) tissottometti għal spezzjoni fuq il-post ordnata permezz ta' deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 48d.

2. Il-pagament perjodiku ta' penali għandu jkun effettiv u proporzjonat. Il-pagament perjodiku ta’ penali għandu jiġi impost għal kull ġurnata ta’ dewmien.

3. Minkejja l-paragrafu 2, l-ammont tal-pagamenti perjodiċi ta’ penali għandu jkun 3 % tal-fatturat medju ta’ kuljum fis-sena ta' negozju preċedenti, jew, fil-każ ta’ persuni fiżiċi, 2 % tad-dħul medju ta’ kuljum fis-sena kalendarja preċedenti. Għandu jiġi kkalkolat mid-data stipulata fid-deċiżjoni li timponi l-pagament perjodiku ta' penali.

4. Il-pagament perjodiku ta’ penali għandu jiġi impost għal perijodu massimu ta’ sitt xhur wara n-notifika tad-deċiżjoni tal-ESMA. Wara li dan il-perijodu jintemm, l-ESMA għandha tirrivedi l-miżura.

*Artikolu 48h*

*Id-divulgazzjoni, in-natura, l-infurzar u l-allokazzjoni tal-multi u l-pagamenti perjodiċi ta’ penali*

1. L-ESMA għandha tiddivulga lill-pubbliku kull multa u kull pagament perjodiku ta' penali li jkunu ġew imposti skont l-Artikoli 48f u 48g, sakemm tali divulgazzjoni lill-pubbliku ma tipperikolax serjament is-swieq finanzjarji jew sakemm ma tikkawżax dannu sproporzjonat lill-partijiet involuti. Tali żvelar ma għandux jinkludi data personali fis-sens tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

2. Il-multi u l-pagamenti perjodiċi ta' penali imposti skont l-Artikoli 48f u 48g għandhom ikunu ta' natura amministrattiva.

3. Fejn l-ESMA tiddeċiedi li ma timponi ebda multa jew pagament ta' penali, hija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat dwar dan u għandha tispjega r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

4. Il-multi u l-pagamenti perjodiċi ta' penali imposti skont l-Artikoli 48f u 48g għandhom ikunu infurzabbli.

   L-infurzar għandu jkun regolat mir-regoli tal-proċedura fis-seħħ fl-Istat Membru jew fil-pajjiż terz li fih jitwettaq.

5. L-ammonti tal-multi u tal-pagamenti perjodiċi ta' penali għandhom jiġu allokati lill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

Taqsima 3

Proċeduri u rieżami

*Artikolu 48i*

*Regoli proċedurali sabiex jittieħdu miżuri superviżorji u jiġu imposti multi*

1. Fejn, fil-qadi ta' dmirijietha taħt dan ir-Regolament, l-ESMA ssib li hemm indikazzjonijiet serji tal-eżistenza possibbli ta' fatti li jistgħu jikkostitwixxu wieħed jew aktar mit-tipi ta' ksur elenkati fil-punt (a) tal-Artikolu 42(1), l-ESMA għandha taħtar uffiċjal indipendenti ta' investigazzjoni fi ħdan l-ESMA sabiex jinvestiga l-kwistjoni. L-uffiċjal maħtur ma għandux jiġi involut jew ikun ġie involut, direttament jew indirettament, fis-superviżjoni tal-parametri referenzjarji li l-ksur ikun jirrigwarda u għandu jwettaq il-funzjonijiet tiegħu indipendentement mill-Bord tas-Superviżuri tal-ESMA.

2. L-uffiċjal ta' investigazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 għandu jinvestiga l-allegat ksur, filwaqt li jikkunsidra kwalunkwe kumment sottomess mill-persuni li jkunu soġġetti għall-investigazzjonijiet, u għandu jissottometti fajl komplut bil-konstatazzjonijiet tiegħu lill-Bord tas-Superviżuri tal-ESMA.

3. Sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu, l-uffiċjal ta' investigazzjoni għandu jkollu s-setgħa li jitlob informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 48b u jwettaq investigazzjonijiet u spezzjonijiet fuq il-post f'konformità mal-Artikoli 48c u 48d.

4. Meta jwettaq dawk il-kompiti, l-uffiċjal ta' investigazzjoni għandu jkollu aċċess għad-dokumenti u l-informazzjoni kollha li jkunu nġabru mill-ESMA fl-attivitajiet superviżorji tagħha.

5. Meta jlesti l-investigazzjoni tiegħu u qabel jippreżenta l-fajl bil-konstatazzjonijiet tiegħu lill-Bord tas-Superviżuri tal-ESMA, l-uffiċjal ta' investigazzjoni għandu jagħti lill-persuni soġġetti għall-investigazzjoni l-opportunità li jinstemgħu dwar il-kwistjonijiet li jkunu qegħdin jiġu investigati. L-uffiċjal ta' investigazzjoni għandu jibbaża l-konstatazzjonijiet tiegħu biss fuq fatti li dwarhom il-persuni kkonċernati kellhom l-opportunità jikkummentaw.

6. Id-drittijiet tad-difiża tal-persuni soġġetti għall-investigazzjonijiet għandhom jiġu rrispettati bis-sħiħ matul l-investigazzjonijiet taħt dan l-Artikolu.

7. Meta jippreżenta l-fajl bil-konstatazzjonijiet tiegħu lill-Bord tas-Superviżuri tal-ESMA, l-uffiċjal ta' investigazzjoni għandu jinnotifika lill-persuni li jkunu soġġetti għall-investigazzjonijiet. Il-persuni soġġetti għall-investigazzjonijiet għandhom ikunu intitolati li jkollhom aċċess għall-fajl, soġġett għall-interess leġittimu ta' persuni oħrajn fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom. Id-dritt tal-aċċess għall-fajl ma għandux jiġi estiż għal informazzjoni kunfidenzjali li taffettwa lil partijiet terzi.

8. Abbażi tal-fajl li jkun fih il-konstatazzjonijiet tal-uffiċjal ta' investigazzjoni u, meta tintalab mill-persuni kkonċernati, wara li tkun semgħet lil dawk il-persuni f'konformità mal-Artikolu 48j, l-ESMA għandha tiddeċiedi jekk wieħed jew aktar mit-tipi ta' ksur elenkati fil-punt (a) tal-Artikolu 42(1) ikunux twettqu mill-persuni li kienu soġġetti għall-investigazzjonijiet u, f'tali każ, għandha tieħu miżura superviżorja f'konformità mal-Artikolu 48e u timponi multa f'konformità mal-Artikolu 48f.

9. L-uffiċjal ta' investigazzjoni ma għandux jipparteċipa fid-deliberazzjonijiet tal-Bord tas-Superviżuri tal-ESMA jew jintervjeni bi kwalunkwe mod ieħor fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Bord tas-Superviżuri tal-ESMA.

10. Sal-1 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 49 sabiex tispeċifika r-regoli ta' proċedura għall-eżerċizzju tas-setgħa li jiġu imposti multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali, inklużi dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet ta' difiża, dispożizzjonijiet temporali, u l-ġbir ta' multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali, kif ukoll il-perjodi ta' limitazzjoni għall-impożizzjoni u l-infurzar ta' multi u ħlasijiet perjodiċi ta' penali.

11. L-ESMA għandha tirreferi kwistjonijiet għall-prosekuzzjoni kriminali lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti fejn, fit-twettiq tal-kompiti tagħha taħt dan ir-Regolament, hija ssib li hemm indikazzjonijiet serji tal-eżistenza possibbli ta' fatti li jkunu jistgħu jikkostitwixxu reati kriminali. Barra minn hekk, l-ESMA għandha żżomm lura milli timponi multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali fejn il-liberazzjoni mill-akkuża jew kundanna preċedenti, riżultanti minn fatt jew fatti identiċi li jkunu sostanzjalment l-istess, ikunu diġà kisbu l-forza ta' res judicata bħala riżultat ta' proċedimenti kriminali taħt il-liġi nazzjonali.

*Artikolu 48j*

*Smigħ tal-persuni soġġetti għall-investigazzjonijiet*

1. Qabel tieħu kwalunkwe deċiżjoni skont l-Artikoli 48f, 48g u 48e, l-ESMA għandha tagħti lill-persuni soġġetti għall-proċedimenti l-opportunità li jinstemgħu dwar il-konstatazzjonijiet tagħha. L-ESMA għandha tibbaża d-deċiżjonijiet tagħha unikament fuq konstatazzjonijiet li dwarhom il-persuni soġġetti għall-proċedimenti kellhom l-opportunità li jikkummentaw.

   L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika jekk tkun meħtieġa azzjoni urġenti skont l-Artikolu 48e sabiex ma titħalliex li ssir ħsara sinifikanti u imminenti lis-sistema finanzjarja. F'tali każ, l-ESMA tista' tadotta deċiżjoni interim u għandha tagħti lill-persuni kkonċernati l-opportunità li jinstemgħu malajr kemm jista' jkun wara li tieħu d-deċiżjoni tagħha.

2. Id-drittijiet tad-difiża tal-persuni soġġetti għall-proċedimenti għandhom jiġu rrispettati bis-sħiħ fl-investigazzjonijiet. Għandhom ikunu intitolati li jkollhom aċċess għall-fajl tal-ESMA, soġġett għall-interess leġittimu ta’ persuni oħrajn fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom. Id-dritt ta’ aċċess għall-fajl ma għandux jestendi għal informazzjoni kunfidenzjali jew għad-dokumenti preparatorji interni tal-ESMA.

*Artikolu 48k*
*Rieżami mill-Qorti tal-Ġustizzja*

Il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha ġurisdizzjoni illimitata biex tirrieżamina deċiżjonijiet li bihom l-ESMA tkun imponiet multa jew ħlas perjodiku ta’ penali. Hija tista’ tannulla, tnaqqas jew iżżid il-multa jew il-pagament perjodiku ta’ penali imposti.

Taqsima 4
Tariffi u delega

*Artikolu 48l*
*Tariffi superviżorji*

1. L-ESMA għandha timponi tariffi lill-amministraturi msemmija fl-Artikolu 40(1) f'konformità mal-atti delegati adottati skont il-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu. Dawk it-tariffi għandhom ikopru b'mod sħiħ in-nefqa meħtieġa tal-ESMA li tirrigwarda s-superviżjoni tal-amministraturi u r-rimborż ta' kwalunkwe spejjeż li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jġarrbu fit-twettiq ta' ħidmiethom skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari bħala riżultat ta' kwalunkwe delega ta' kompiti f'konformità mal-Artikolu 48m.

2. L-ammont ta' tariffa individwali imposta lil amministratur għandu jkopri l-spejjeż amministrattivi kollha mġarrba mill-ESMA għall-attivitajiet tagħha fir-rigward tas-superviżjoni u għandu jkun proporzjonat għall-fatturat tal-amministratur.

3. Sal-1 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 49 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika t-tip ta' tariffi, il-materji li għalihom ikunu dovuti t-tariffi, l-ammont tat-tariffi u l-mod kif għandhom jitħallsu.

*Artikolu 48m*

*Id-delega ta' kompiti mill-ESMA lill-awtoritajiet kompetenti*

1. Fejn meħtieġ għat-twettiq adatt ta' kompitu superviżorju, l-ESMA tista' tiddelega kompiti superviżorji speċifiċi lil awtorità kompetenti ta' Stat Membru skont il-linji gwida maħruġin mill-ESMA skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 1095/2010. Tali kompiti superviżorji speċifiċi jistgħu, b'mod partikolari, jinkludu s-setgħa li jitwettqu talbiet għal informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 48b u li jsiru investigazzjonijiet u spezzjonijiet fuq il-post f'konformità mal-Artikoli 48c u 48d.

   B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-awtorizzazzjoni ta' parametri referenzjarji ta' importanza kritika ma għandhiex tiġi ddelegata.

2. Qabel tiddelega kompitu f'konformità mal-paragrafu 1, l-ESMA għandha tikkonsulta lill-awtorità kompetenti rilevanti dwar:

(a) l-ambitu tal-kompitu li għandu jiġi ddelegat;

(b) l-iskeda ta' żmien għat-twettiq tal-kompitu; u

(c) it-trażmissjoni tal-informazzjoni meħtieġa mill-ESMA u lilha.

3. F'konformità mal-att delegat skont l-Artikolu 48l(3), l-ESMA għandha tirrimborża lil awtorità kompetenti għal spejjeż imġarrba bħala riżultat tat-twettiq tal-kompiti ddelegati.

4. L-ESMA għandha tirrivedi kwalunkwe delega magħmula f'konformità mal-paragrafu 1 f'intervalli xierqa. Delega tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin.

5. Id-delega ta' kompiti ma għandhiex taffettwa r-responsabbiltà tal-ESMA u lanqas ma għandha tillimita l-kapaċità tal-ESMA li twettaq u tissorvelja l-attività ddelegata."

*Artikolu 48n*
*Miżuri ta' tranżizzjoni relatati mal-ESMA*

1. Il-kompetenzi u d-dmirijiet kollha relatati mal-attività ta' superviżjoni u infurzar fir-rigward tal-amministraturi kif imsemmija fl-Artikolu 40(1) li jingħataw lill-awtoritajiet kompetenti kif imsemmija fl-Artikolu 40(2) għandhom jintemmu fl-1 ta' Jannar 2022. Dawk il-kompetenzi u d-dmirijiet għandhom jittieħdu mill-ESMA fl-istess data.

2. Kwalunkwe fajl jew dokument ta' ħidma relatat mal-attività ta' superviżjoni u infurzar fir-rigward tal-amministraturi kif imsemmija fl-Artikolu 40(1), inklużi kwalunkwe eżamijiet u azzjonijiet ta' infurzar li jkunu għaddejjin, jew kopji ċċertifikati tagħhom, għandhom jgħaddu f'idejn l-ESMA fid-data msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

   Madankollu, l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni minn amministraturi ta' parametru referenzjarju ta' importanza kritika msemmi fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 20(1) u l-applikazzjonijiet għal rikonoxximent skont l-Artikolu 32 li jkunu waslu għand l-awtoritajiet kompetenti qabel l-1 ta' Ottubru 2021 ma għandhomx jiġu ttrasferiti lill-ESMA, u d-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni jew rikonoxximent għandha tittieħed mill-awtorità kompetenti rilevanti.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li kwalunkwe reġistru u dokument ta' ħidma eżistenti, jew kopji ċċertifikati tagħhom, għandhom jiġu ttrasferiti lill-ESMA mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ sal-1 ta' Jannar 2022. Dawk l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu wkoll l-għajnuna u l-pariri kollha meħtieġa lill-ESMA sabiex jiġu ffaċilitati kemm it-trasferiment effettiv u effiċjenti kif ukoll il-bidu tal-eżerċizzju tal-attività ta' superviżjoni u infurzar fir-rigward tal-amministraturi kif imsemmija fl-Artikolu 40(1).

4. L-ESMA għandha taġixxi bħala s-suċċessur legali tal-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 fi kwalunkwe proċediment amministrattiv jew ġudizzjarju li jirriżulta minn attività ta' superviżjoni u infurzar eżerċitata minn dawk l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

5. Kwalunkwe awtorizzazzjoni tal-amministraturi ta' parametru referenzjarju ta' importanza kritika kif imsemmi fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 20(1) u r-rikonoxximent f'konformità mal-Artikolu 32 mogħti minn awtorità kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu għandhom jibqgħu validi wara t-trasferiment tal-kompetenzi lill-ESMA.

______________

* Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta’ persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta’ tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).”;

(20) l-Artikolu 49 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“2a. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 30(2a), 30(3a), 48i(10) u 48l(3) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu indeterminat ta' żmien minn ....[id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament emendatorju].

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikoli 3(2), 13(2a), 19a(2), 19c(1), 20(6), 24(2),27(2b), 30(2a), 30(3a), 33(7), 48i(10), 48l(3), 51(6) jew 54(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.";

(c) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 3(2), 13(2a), 19a(2), 19c(1), 20(6), 24(2), 27(2b), 30(2a), 30(3a), 33(7), 48i(10), 48l(3), 51(6) jew 54(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.";

(21) l-Artikolu 53 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 53*
*Rieżamijiet tal-ESMA*

1. L-ESMA għandha tfittex li tibni kultura superviżorja Ewropea komuni u prassi superviżorji konsistenti u tiżgura li jkun hemm approċċi konsistenti bejn l-awtoritajiet kompetenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni tal-Artikolu 33. Għal dak l-għan, l-approvazzjonijiet awtorizzati skont l-Artikoli 33 għandhom jiġu rieżaminati mill-ESMA kull sentejn.

   L-ESMA għandha toħroġ opinjoni lil kull awtorità kompetenti li approvat parametru referenzjarju ta' pajjiż terz li tivvaluta kif dik l-awtorità kompetenti tapplika r-rekwiżiti rilevanti tal-Artikolu 33 u r-rekwiżiti ta' kwalunkwe att delegat rilevanti u ta' kwalunkwe standard tekniku regolatorju jew implimentattiv rilevanti bbażat fuq dan ir-Regolament.

2. L-ESMA għandu jkollha s-setgħa li titlob l-evidenza ddokumentata minn awtorità kompetenti għal kwalunkwe waħda mid-deċiżjonijiet adottati f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 51(2) u l-Artikolu 25(2), kif ukoll għall-azzjonijiet meħuda fir-rigward tal-infurzar tal-Artikolu 24(1).".

*Artikolu 6*

*Emendi għar-Regolament (UE) 2015/847*

Ir-Regolament (UE) 2015/847 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 15, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ipproċessar ta' data personali taħt dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*. Id-data personali li tiġi pproċessata skont dan ir-Regolament mill-Kummissjoni jew mill-EBA hija soġġetta għar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**.

---

* Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

** Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).";

(2) fl-Artikolu 17, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“3. Sas-26 ta’ Ġunju 2017, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 lill-Kummissjoni u lill-Kumitat Konġunt tal-ASE. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-EBA mingħajr dewmien bla bżonn dwar kwalunkwe emendi sussegwenti għalihom.”;

(3) fl-Artikolu 22, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. Wara notifika skont l-Artikolu 17(3), il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Kapitolu IV, b’attenzjoni partikolari għal każijiet transfruntieri.”;

(4) l-Artikolu 25 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“*Artikolu 25*

*Linji Gwida*

Sas-26 ta' Ġunju 2017, l-ASE għandhom joħorġu linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti u lill-fornituri tas-servizzi ta' pagament f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu f'konformità ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Artikoli 7, 8, 11 u 12 tiegħu. Mill-1 ta' Jannar 2020, l-EBA għandha, fejn adatt, toħroġ tali linji gwida.”.

*Artikolu 7*

*Dħul fis-seħħ u applikazzjoni*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikoli 1, 2, 3 u 6 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2020. L-Artikoli 4 u 5 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*